ISSN 1725-9762

# L-OMBUDSMAN EWROPEW



# RAPPORT ANNWALI 2007

MT

# L-OMBUDSMAN EWROPEW

## RAPPORT ANNWALI 2007

**© Il-Komunitajiet Ewropej, 2008**

**Ir-riproduzzjoni għal skopijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija permessa sakemm jiġi kkwotat is-sors.**

ISBN 978-92-9212-164-8
DOI 10.2869/84768

Ritratt qoxra ta' quddiem: © iStockphoto.com/Silence

**Dan ir-rapport huwa ppubblikat fuq l-internet fis-sit: http://www.ombudsman.europa.eu**

*Printed in Italy*

Stampat fuq karta bajda ħielsa mill-klorur

L-OMBUDSMAN EWROPEW

P. NIKIFOROS DIAMANDOUROS

Il-Prof. Dr Hans-Gert PÖTTERING MPE
President
Parlament Ewropew
Rue Wiertz
1047 Brussell
IL-BELĠJU

Strasburgu, 10 ta' Marzu 2008

Sur President,

Bi qbil ma' l-Artikolu 195(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikolu 3(8) tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew fuq ir-Regolamenti u l-Kundizzjonijiet Ġenerali tat-twettiq tar-responsabbiltajiet ta' l-Ombudsman, jiena hawnhekk qiegħed nippreżenta r-rapport tiegħi għas-sena 2007.

Dejjem tiegħek,

P. Nikiforos DIAMANDOUROS

L-Ombudsman Ewropew
1, avenue du Président Robert Schuman – CS 30403 – F-67001 STRASBOURG Cedex
☎ : +33 (0)3.88.17.23.13 – Fax : +33 (0)3.88.17.90.62
http://www.ombudsman.europa.eu – eo@ombudsman.europa.eu

DAĦLA 11

1 SOMMARJU EŻEKUTTIV 17

2 ILMENTI U INVESTIGAZZJONIJIET 31

2.1 IL-BAŻI LEGALI TAL-ĦIDMA TA' L-OMBUDSMAN 31

2.2 IL-MANDAT TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW 31

2.3 L-AMMISSIBBILTÀ U R-RAĠUNIJIET GĦALL- INVESTIGAZZJONIJIET 34

2.4 L-ANALIŻI TA' L- ILMENTI EŻAMINATI FL-2007 36

2.5 TRASFERIMENTI U PARIRI 37

2.6 IL-PROĊEDURI TA' L-OMBUDSMAN 40

2.7 IR-RIŻULTATI TA' L- INVESTIGAZZJONIJIET 42

2.8 ID-DEĊIŻJONIJIET GĦALL-GĦELUQ TAL-KAŻIJIET FL-2007 45

3 IS-SOMMARJI TAD-DEĊIŻJONIJIET 53

3.1 IL-KAŻIJIET FEJN MA NSTABX LI KIEN HEMM AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA 53

3.2 IL-KAŻIJIET SOLVUTI MILL-ISTITUZZJONI 62

3.3 IS-SOLUZZJONIJIET AMIKEVOLI MIKSUBA MILL-OMBUDSMAN 66

3.4 IL-KAŻIJIET LI NGĦALQU B'RIMARKA KRITIKA MILL-OMBUDSMAN 68

3.5 L-ABBOZZ TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET AĊĊETTATI MILL-ISTITUZZJONI 84

3.6 IL-KAŻIJIET LI NGĦALQU MINĦABBA RAĠUNIJIET OĦRA 87

3.7 IL-KAŻIJIET LI NGĦALQU WARA RAPPORT SPEĊJALI 92

3.8 INVESTIGAZZJONIJIET FUQ INIZJATTIVA PERSONALI TA' L-OMBUDSMAN 93

3.9 IL-MISTOQSIJIET INDIRIZZATI MILL-OMBUDSMAN 95

4 IR-RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA 99

4.1 IL-PARLAMENT EWROPEW 100

4.2 IL-KUMMISSJONI EWROPEA 101

4.3 ISTITUZZJONIJIET U KORPI OĦRAJN 102

5 IR-RELAZZJONIJIET MA' L-OMBUDSMEN U KORPI SIMILI 107

5.1 IN-NETWERK EWROPEW TA' L-OMBUDSMEN 107

5.2 SEMINARS U KONFERENZI OĦRA TA' L-OMBUDSMAN 119

5.3 AVVENIMENTI OĦRAJN MA' L-OMBUDSMEN U L-PERSUNAL TAGĦHOM 120

6 KOMUNIKAZZJONIJIET 123

6.1 L-IŻJED AVVENIMENTI IMPORTANTI TAS-SENA 123

6.2 ŻJARAT TA' INFORMAZZJONI 125

6.3 IL-KONFERENZI U L-LAQGĦAT 130

6.4 IR-RELAZZJONIJIET MAL-MIDJA 131

6.5 IL-PUBBLIKAZZJONIJIET 133

6.6 KOMUNIKAZZJONIJIET FUQ L-INTERNET 133

7 ANNESSI

A L-ISTATISTIĊI 137

B IL-BAĠIT TA' L-OMBUDSMAN 144

Ċ IL-PERSUNAL 145

D L-INDIĊI TAD-DEĊIŻJONIJIET 154

KIF TIKKUNTATTJA LILL-OMBUDSMAN EWROPEW 159

# DAĦLA



© silense/www.stockxpert.com

# DAĦLA

Is-sena 2007 kienet waħda importanti għad-dritt taċ-ċittadini Ewropej għall-amministrazzjoni tajba. Fit-12 ta' Diċembru, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE, oriġinarjament ikkonfermata f'Diċembru 2000, ġiet iffirmata u kkonfermata mill-ġdid mill-Presidenti tat-tliet istituzzjonijiet ewlenin ta' l-UE – il-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill. L-impenn lejn Karta li torbot b'mod ġuridiku, li tinsab fit-Trattat ta' Liżbona, tirrifletti għarfien li dejjem qiegħed jikber li ċ-ċittadini għandhom jitqiegħdu fiċ-ċentru tal-ħsibijiet ta' l-Ewropa. Mill-prospettiva ta' l-Ombudsman, il-Karta hija innovattiva minħabba li għall-ewwel darba tirrikonoxxi d-dritt għall-amministrazzjoni tajba bħala dritt fundamentali taċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni (Artikolu 41).

## *Amministrazzjoni Tajba*

Mindu ħadt din il-kariga fl-1 ta' April 2003, il-promozzjoni ta' amministrazzjoni tajba kienet prijorità assoluta għall-Ombudsman Ewropew. Jien b'mod kostanti nfakkar lill-istituzzjonijiet u lill-korpi ta' l-UE li amministrazzjoni tajba teħtieġ ferm aktar milli l-impjegati ċivili sempliċement jevitaw imġieba mhux ġusta. L-uffiċċjali għandhom jimmiraw sabiex jagħtu servizz u jassiguraw li l-membri tal-pubbliku jiġu trattati sew u li jgawdu d-drittijiet tagħhom b'mod sħiħ.

Dan il-messaġġ jidher li qiegħed jipproduċi riżultati konkreti. Jiena għandi pjaċir nirrapporta li l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE ħadmu sod fl-2007 sabiex isolvu lmenti, jsibu rimedji għall-inġustizzji u jirrettifikaw l-iżbalji. Matul is-sena, ġew solvuti d-doppju tal-każijiet mill-istituzzjoni konċernata - ammont li qatt ma ġie milħuq qabel, jiġifieri ta' 35% ta' l-investigazzjonijiet tagħna ngħalqu wara li l-istituzzjoni relevanti qablet li ssolvi l-kwistjoni. M`għandniex nissottovalutaw l-importanza ta' din il-kisba għall-ilmenti, u għaċ-ċittadini b'mod aktar ġenerali. Jiena b'mod sħiħ nemmen li qegħdin nagħmlu progress sinifikanti sabiex nersqu aktar qrib kultura reali ta' servizz.

Is-seba' każijiet saljenti deskritti f'dan ir-Rapport juru din il-bidla fl-attitudni. Mhux inqas minn erbgħa jikkonċernaw il-Kummissjoni Ewropea, li aġġixxiet malajr u b'mod kostruttiv sabiex issolvi firxa ta' lmenti. Irrid ukoll nitkellem b'mod speċjali fuq l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni, li għat-tieni sena konsekuttiva pproduċiet każ saljenti li juri r-rieda tagħha li taħdem b'mod kostruttiv ma' l-Ombudsman sabiex issolvi l-problemi. Il-Kunsill skuża ruħu ma' lmentatur wara li jiena ressaqt kwistjoni lingwistika għall-attenzjoni tiegħu u kkonfermajt l-impenn tiegħu sabiex jevita problemi simili fil-futur. Fl-aħħar nett, il-Bank Ċentrali Ewropew ipprovda tweġiba ta' għajnuna kbira lil ċittadina mħassba u enfasizza li huwa ta` importanza kbira għall-kjarifikazzjoni tal-kwistjonijiet li hija qajmet u stedinha sabiex tindirizza kwalunkwe mistoqsija oħra lill-esperti tiegħu. L-intenzjoni tiegħi meta nenfasizza dawn il-każijiet hija li nippreżenta mudelli ta' amministrazzjoni tajba għall-istituzzjonijiet u l-korpi kollha ta' l-UE sabiex tittieħed ispirazzjoni minnhom u sabiex ikejlu l-prattiċi tagħhom stess magħhom. Fl-2008, jiena sejjer inkompli nħeġġeġ l-iżvilupp attent ta' kultura ta' servizz sabiex nilħaq l-aspettattivi taċ-ċittadini.

Uħud mir-riżultati li ksibna miċ-ċittadini u li huma dokumentati f'dan ir-Rapport inkisbu mingħajr skambju formali ta' korrispondenza ma' l-istituzzjoni. Issa wasalna fl-istadju fejn ir-relazzjonijiet tagħna ma' l-istituzzjonijiet huma tali li nistgħu nsolvu numru ta' każijiet b'mod rapidu, u nevitaw il-ħtieġa ta' investigazzjoni fit-tul. Jiena bdejt nagħmel użu dejjem akbar ta' proċeduri aktar informali sabiex ngħin insolvi problemi b'mod aktar flessibbli u sejjer inkompli niżviluppa dan l-approċċ fl-2008. Għalija, dan huwa punt kruċjali għall-istituzzjoni tagħna, li juri kemm l-Ombudsman huwa rispettat u kemm l-istituzzjonijiet huma ħerqana li jgħinu liċ-ċittadin.

Ovvjament għad hemm il-problemi. Għal darb'oħra fl-2007, 15% tal-każijiet ingħalqu b'rimarka kritika minħabba li l-istituzzjoni konċernata naqset li tilħaq il-livell ta' servizz li ċ-ċittadini huma ntitolati li jirċievu. Eżempji ta' dawn il-każijiet huma inklużi f'dan ir-Rapport. Huma jvarjaw minn istituzzjoni waħda tirrifjuta li tibdel il-proċeduri ta' reklutaġġ, essenzjalment għal raġunijiet ta' konvenjenza amministrattiva tagħha stess, għal oħra fejn kien hemm dewmien eċċessiv ta' proċeduri dwar ksur mingħajr m` offriet ebda spjegazzjoni speċifika għal dan. Fl-2008, aħna sejrin nerġgħu nipproduċu rapport ta' tkomplija għal dawn ir-rimarki kritiċi sabiex nassiguraw li l-istituzzjonijiet jitgħallmu minnhom. Jiena beħsiebni wkoll nesplora modi kif id-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman ikunu jistgħu jinftiehmu b'mod aktar faċli, sabiex ikunu saħansitra aktar effikaċi biex jipprovdu gwida, kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-uffiċċjali, fuq dak li jikkostitwixxi amministrazzjoni tajba.

Huwa ċar li għad hemm xogħol xi jsir rigward il-promozzjoni tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba fl-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE. Sabiex jgħin fl-iżvilupp ta' strateġiji utli f'dan ir-rigward, f'Novembru 2007 jiena organizzajt *workshop* fi Brussell fejn kien hemm skambju enerġiku ta' opinjonijiet dwar kif l-Ombudsman Ewropew jista' jagħmel id-dritt għal amministrazzjoni tajba realtà. Id-diskussjonijiet ressqu ħafna ideat stimulanti u innovattivi għas-snin li ġejjin. Jien ħerqan li nqegħedhom fil-prattika għall-benefiċċju taċ-ċittadini madwar l-Ewropa.

### *Komunikazzjoni aħjar*

Jiena temmejt l-introduzzjoni tiegħi fir-Rapport Annwali ta' l-2006 billi enfasizzajt l-għan doppju tiegħi għas-sena li ġejja, jiġifieri li naħdem ma' l-istituzzjonijiet sabiex nippromwovi l-amministrazzjoni tajba u nerġa' niffoka l-isforzi ta' komunikazzjoni tiegħi sabiex dawk kollha li jistgħu jkunu jeħtieġu jagħmlu użu mis-servizzi ta' l-Ombudsman Ewropew ikunu infurmati sew dwar kif jagħmlu dan.

Fil-każ tat-tieni għan, l-2007 kienet sena kruċjali. Fl-aħħar irnexxielna nimxu fil-każ tar-rata ta' lmenti ammissibbli. Grazzi għal kampanja ta' informazzjoni ambizzjuża u mmirata bir-reqqa, in-numru ta' lmenti ammissibbli żdiedu kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi meta mqabbla ma' l-2006. B'riżultat ta' dan, infetħu 17% aktar ilmenti matul is-sena fuq il-bażi ta' l-ilmenti rċevuti. Fl-istess waqt, bħala riżultat ta' l-isforzi tagħna sabiex intejbu l-informazzjoni liċ-ċittadini dwar dak li l-Ombudsman Ewropew jista' u ma jistax jagħmel, aktar ċittadini minn qatt qabel ġew megħjuna sabiex isibu mezzi ta' rimedju xierqa fuq il-livelli nazzjonali, reġjonali kif ukoll lokali.

Żvilupp ewlieni f'dan ir-rigward fl-2007, kien l-adozzjoni ta' Dikjarazzjoni għan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen. L-għan tad-Dikjarazzjoni huwa li jagħmel id-dimensjoni ta' l-UE tal-ħidma ta' l-ombudsman magħrufa aktar u sabiex jiċċara s-servizz li l-membri tan-Netwerk jipprovdu lill-persuni li jilmentaw dwar kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tad-dritt Komunitarju. Id-Dikjarazzjoni hija disponibbli fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Ombudsman Ewropew fil-lingwi uffiċċjali kollha ta' l-UE u sejra tiġi riprodotta b'mod sħiħ fil-Kapitolu 5 ta' dan ir-Rapport. Il-Membri tan-Netwerk sejrin jaħdmu b'mod proattiv sabiex iqajmu għarfien dwar id-Dikjarazzjoni u għalhekk sabiex jassiguraw li ċ-ċittadini jifhmu min jista' jsolvi l-aħjar l-ilmenti tagħhom relatati mad-dritt Komunitarju.

Inizjattiva mportanti oħra f'dan il-qasam għandha titlesta fl-2008. Matul is-sena li għaddiet, l-uffiċċju tiegħi kien qiegħed jiżviluppa gwida interattiva li sejra tiġi mnedija fis-sena li ġejja bħala parti mis-sit ta' l-internet il-ġdid ta' l-Ombudsman. Dan l-għan ewlieni sejjer jgħin liċ-ċittadini sabiex isibu l-aħjar rimedju għall-ilmenti tagħhom. Il-gwida għandha tippermetti li proporzjon akbar ta' lmenti jiġu indirizzati direttament lil korp li huwa mgħammar l-aħjar sabiex jittratta l-ilment tagħhom. Nittamaw li s-suċċess tal-gwida jiġi rifless bi tnaqqis ulterjuri fin-numru ta' l-ilmenti mhux ammissibbli li jirċievi l-uffiċċju tiegħi.

Huwa mportanti għal diversi raġunijiet li l-aħjar rimedju għall-ilment jiġi identifikat mill-ewwel. Dan jgħin sabiex tiġi evitata l-frustrazzjoni taċ-ċittadini meta jgħidulhom li l-korp li rrikorru għalih ma jistax jgħinhom. Ifisser ukoll li l-ilmenti jissolvew aktar malajr u b'mod aktar effikaċi u b'hekk jiġi assigurat li ċ-ċittadini jistgħu jgawdu b'mod sħiħ id-drittijiet tagħhom fid-dritt Komunitarju. Konsiderazzjoni finali importanti hija li, billi tnaqqas il-proporzjon ta' l-ilmenti mhux ammissibbli li tirċievi, l-istituzzjoni tiegħi tkun tista' twettaq ir-rwol ewlieni tagħha – dak li tgħin liċ-ċittadini li

mhumiex kuntenti bil-mod li ġew trattati mill-istituzzjonijiet u mill-korpi ta' l-UE. Ir-riżultati li l-uffiċċju tiegħi jista' jikseb għal dawn iċ-ċittadini huwa mingħajr dubju, l-aktar aspett ta' sodisfazzjon tal-ħidma tiegħi. Ħafna eżempji ta' dawn is-suċċessi fl-2007 huma enfasizzati f'dan ir-Rapport. Jiena ħerqan li nkompli din il-ħidma għaċ-ċittadini Ewropej fis-sena li ġejja.

Kif għidt diversi drabi, ir-Rapport Annwali huwa l-aktar pubblikazzjoni importanti ta' l-Ombudsman. Jippermettilu jipprovdi rendikont tal-ħidma tiegħu lill-Parlament Ewropew, li l-Ombudsman jirrapporta quddiemu. Iservi bħala riżors għall-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE sabiex jgħinhom itejbu l-amministrazzjoni tagħhom. Jagħmel il-ħidma ta' l-Ombudsman aċċessibbli għal firxa wiesgħa ta' persuni li jixtiequ jsegwu l-attivitajiet tagħhom, inkluż il-pubbliku in ġenerali, il-mezzi ta' komunikazzjoni, l-akkademiċi, il-ħaddiema tas-servizz pubbliku u l-kollegi mill-uffiċċji ta' l-ombusdmen madwar id-dinja. Saru bidliet lir-Rapport fis-snin reċenti sabiex itejbu l-faċilità ta' l-użu tiegħu. Titjib ulterjuri jikkostitwixxi fattur ġdid addizzjonali ta' dan ir-Rapport. Dawn jistgħu jidhru l-aktar fil-Kapitolu 5 u 6 fejn għażilna li nipprovdu ħarsa ġenerali u analiżi ta' l-attivitajiet aktar milli listi dettaljati ta' l-avvenimenti u tal-laqgħat bħal qabel.

Nittamaw li dan ikun ta' qari aktar interessanti u jipprovdi riflessjoni realistika tal-valur miżjud ta' dawn l-inizjattivi importanti. Aħna ħerqana li nirċievu l-*feedback* tiegħek.

Strasburgu, 15 ta' Frar 2008

P. Nikiforos DIAMANDOUROS

# SOMMARJU EŻEKUTTIV



1

© silense/www.stockxpert.com

# 1 SOMMARJU EŻEKUTTIV

It-tlettax-il Rapport Annwali ta' l-Ombudmsan Ewropew lill-Parlament Ewropew jagħti rendikont ta' l-attivitajiet ta' l-Ombudmsan fl-2007. Huwa l-ħames Rapport Annwali ppreżentat mis-Sur P. Nikiforos DIAMANDOUROS, li ta bidu għall-ħidma tiegħu bħala Ombudsman Ewropew fl-1 ta' April 2003.

## STRUTTURA TAR-RAPPORT

Ir-Rapport huwa mqassam f'sitt kapitoli u erba' annessi. Jibda b'daħla personali mill-Ombudsman, li fiha jirrevedi l-iżviluppi ewlenin tas-sena li għaddiet u jagħti ħarsa lejn is-sena li jmiss. Jiġi segwit b'dan is-Sommarju Eżekuttiv li jikkostitwixxi l-Kapitolu 1.

Kapitolu 2 jiddeskrivi l-proċeduri ta' l-Ombudsman li bihom jittratta l-ilmenti u jmexxi l-investigazzjonijiet. Jagħti stampa ġenerali ta' l-ilmenti li rċieva matul is-sena, u jinkludi analiżi tematika tar-riżultati tal-każijiet magħluqa wara li tkun intemmet investigazzjoni. Din l-analiżi tkopri l-aktar konklużjonijiet sinifikanti tad-dritt u tal-fatt li jinsabu fid-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman għall-2007.

Kapitolu 3 jikkonsisti f'għażla ta' sinteżijiet ta' deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman għall-2007 li tkopri lista ta' suġġetti u ta' istituzzjonijiet involuti fi lmenti kif ukoll ta' investigazzjonijiet magħmula fuq l-inizjattiva tiegħu. Is-sommarji huma mqassma l-ewwel skond it-tip ta' konklużjoni jew eżitu, imbagħad skond l-istituzzjoni jew il-korp konċernat. Sinteżijiet ta' deċiżjoni li ttieħdet wara investigazzjoni magħmula fuq inizjattiva personali u eżempju ta' mistoqsija sottomessa minn ombudsman nazzjonali jinsabu fl-aħħar tal-kapitolu.

Kapitolu 4 jittratta r-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet u korpi oħra ta' l-Unjoni Ewropea. Jibda billi jitfa' dawl fuq il-valur tar-relazzjonijiet kostruttivi ta' xogħol li l-Ombudsman għandu ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi, u jkompli billi jelenka l-laqgħat u l-avvenimenti varji li seħħew f'dan ir-rigward fl-2007.

Kapitolu 5 jittratta r-relazzjonijiet li l-Ombudsman Ewropew għandu mal-komunità ta' l-ombudsmen nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Ewropa u lil hinn minnha. L-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsman huma deskritti fid-dettall, filwaqt li huwa nkluż wkoll is-sehem ta' l-Ombudsman f'seminars, konferenzi u laqgħat relevanti.

Kapitolu 6 jipprovdi stampa ġenerali ta' l-attivitajiet komunikattivi ta' l-Ombudsman. Il-kapitolu huwa mqassam f'sitt sezzjonijiet, li jkopru l-avvenimenti ewlenin tas-sena, iż-żjarat ta' tagħrif ta' l-Ombudsman, konferenzi u laqgħat li involvew lill-Ombudsman u lill-persunal tiegħu, relazzjonijiet mal-mezzi ta' komunikazzjoni, pubblikazzjonijiet u komunikazzjonijiet *online*.

Anness A fih statistika dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew għall-2007. Annessi B u Ċ jipprovdu dettalji, rispettivament, tal-baġit u tal-persunal ta' l-Ombudsman. Anness D jelenka d-deċiżjonijiet misjuba f'Kapitolu 3 bin-numru tal-każ, skond il-materja tas-suġġett u skond it-tip ta' amministrazzjoni ħażina li kienet allegata. Jelenka wkoll il-każijiet 'saljenti' u l-każijiet kollha magħluqa b'rimarka kritika fl-2007.

# SINTEŻI

## Il-missjoni ta' l-Ombudsman Ewropew

L-uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew kien stabbilit fit-Trattat ta' Maastricht bħala parti miċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea. L-Ombudsman jinvestiga lmenti dwar amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim'Istanza fir-rwoli ġudizzjarji tagħhom. Bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, l-Ombudsman fisser "amministrazzjoni ħażina" b'tali mod li titlob rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għall-istat tad-dritt u għall-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.

Minbarra li jwieġeb għall-ilmenti minn individwi, kumpaniji u assoċjazzjonijiet, l-Ombudsman jaħdem b'mod proattiv billi jniedi investigazzjonijiet fuq l-inizjattiva tiegħu, jiltaqa' ma' Membri u ma' uffiċċjali ta' istituzzjonijiet u korpi ta' l-UE, u jilħaq liċ-ċittadini sabiex jinfurmahom dwar id-drittijiet tagħhom u dwar kif għandhom jeżerċitaw dawn id-drittijiet.

## Ilmenti u investigazzjonijiet matul l-2007

Matul l-2007, l-Ombudsman irċieva 3 211-il ilment ġdid, meta mqabbel mat-3 830 fl-2006. Min-naħa l-oħra, in-numru ta' lmenti ammissibbli żdied kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi minn 449 (12% tat-total) fl-2006 għal 518 (16%) fl-2007. Bħala riżultat, infeħtu 17% aktar investigazzjonijiet matul is-sena fuq il-bażi ta' l-ilmenti rċevuti.

Total ta' 58% ta' l-ilmenti kollha li rċieva l-Ombudsman fl-2007 ntbagħtu elettronikament, jew bil-posta elettronika jew permezz tal-formola ta' l-ilment fuq is-sit ta' l-Ombudsman. Fi 3 056 każ l-ilment intbagħat direttament minn ċittadini individwali filwaqt li 155 saru minn assoċjazzjonijiet jew kumpaniji.

Fi kważi 70% tal-każijiet, l-Ombudsman seta' jgħin lill-ilmentatur billi stħarreġ il-każ, ttrasferrixxa l-ilment lill-korp kompetenti, jew billi ta parir dwar fejn wieħed għandu jirrikorri għal soluzzjoni immedjata u effikaċi għall-problema.

B' kollox infetħu 303 investigazzjonijiet ġodda matul is-sena fuq il-bażi ta' l-ilmenti. L-Ombudsman beda wkoll sitt investigazzjonijiet fuq l-inizjattiva tiegħu stess. B' kollox l-Ombudsman Ewropew tratta total ta' 641 talba fl-2007, li minnhom 332 tkomplew mis-sena 2006.

Bħal fi snin ta' qabel, il-biċċa l-kbira tat-talbiet ikkonċernaw il-Kummissjoni Ewropea (413, jew 64% tat-total). Minħabba li l-Kummissjoni hija l-istituzzjoni ewlenija li tieħu deċiżjonijiet li għandhom effett dirett fuq iċ-ċittadini huwa normali li għandha tkun il-mira ewlenija ta' l-ilmenti taċ-ċittadini. Kien hemm 87 talba (14% tat-total) fir-rigward ta' l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO), 59 (9%) fir-rigward tal-Parlament Ewropew, 22 (3%) fir-rigward ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi, u 8 (1%) fir-rigward tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

It-tipi ewlenin ta' amministrazzjoni ħażina allegata kienu jikkonsistu f'nuqqas ta' trasparenza, inkluż rifjut ta' għoti ta' tagħrif (f'28% tal-każijiet), inġustizzja jew abbuż ta' poter (18%), proċeduri mhux sodisfaċenti (13%), dewmien li seta' jiġi evitat (9%), diskriminazzjoni (8%) negliġenza (8%), żbalji ġuridiċi (4%) u nuqqas li jiġi assigurat it-twettiq ta' l-obbligi, jiġifieri nuqqas tal-Kummissjoni Ewropea li twettaq ir-rwol tagħha ta' "gwardjan tat-Trattat" fir-rigward ta' Stati Membri (3%).

Fl-2007, il-kont ewlieni tal-posta elettronika ta' l-Ombudsman wieġeb għal total ta' 7 273 e-mails għal talbiet ta' informazzjoni. Minn dawn, 3 127 kienu e-mails mibgħuta f'massa minn ċittadini u kienu jittrattaw ilmenti diġà rċevuti mill-Ombudsman Ewropew waqt li 4 146 kienu jikkostitwixxu talbiet individwali għall-informazzjoni.

Għalhekk l-Ombudsman tratta total ta' 10 484 ilment u talbiet għall-informazzjoni minn ċittadini matul is-sena in kwistjoni.

## Riżultati ta' l-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman

Fl-2007, l-Ombudsman għalaq 348 investigazzjoni. Dan jirrappreżenta żieda ta' 40% meta mqabbel ma' l-2006. Minn dawn l-investigazzjonijiet, 341 minnhom kienu marbuta ma' lmenti u sebgħa nbdew fuq inizjattiva personali. Stampa ġenerali tal-konklużjonijiet issegwi f'dan it-test.

### *Ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina*

Fl-2007, 95 każ ingħalqu b'dikjarazzjoni ta' l-ebda amministrazzjoni ħażina. Dan mhux bilfors ifisser riżultat negattiv għall-ilmentatur, għax għallinqas, l-ilmentatur igawdi mill-benefiċċju ta' spjegazzjoni sħiħa mill-istituzzjoni jew korp konċernat ta' dak li għamel/għamlet, kif ukoll mill-perspettiva tal-każ mill-Ombudsman. Fost l-eżempji ta' każijiet ta' l-2007 fejn ma nstabitx amministrazzjoni ħażina kien hemm dawn li ġejjin:

- L-Ombudsman irċieva lment li kien jallega li l-Kummissjoni Ewropea kienet naqset, b'mod żbaljat, li tieħu azzjoni kontra l-Irlanda għal ksur possibbli tad-Direttiva dwar il-Ħabitati ta' l-UE. L-ilmentatur ilmenta wkoll dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma titteħidx azzjoni ulterjuri fuq argumenti relatati mal-ksur possibbli tad-Direttiva dwar l-Iskart. L-Ombudsman sab li l-Kummissjoni kienet ipprovdiet spjegazzjoni raġonevoli tar-rwol strateġiku tagħha fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' dawn id-Direttivi. Huwa nnota wkoll li f'dan il-każ, il-Kummissjoni tagħat parir utli lill-ilmentatur. (3660/2004/PB)

- Ilmentatur allega lill-Ombudsman, fost l-oħrajn, dwar nuqqas ta' trasparenza u dewmien li seta' jiġi evitat mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMEA) bi tweġiba għat-tħassib li din il-mara kienet qajmet ma' l-Aġenzija rigward is-sigurtà ta' antidepressiv u dwar ir-riskju ta' suwiċidju. Ir-raġel ta' l-ilmentatur kien wettaq suwiċidju waqt li kien qiegħed jieħu din il-mediċina, u l-ilmentatur ikkuntattjat lill-Aġenzija b'diversi mistoqsijiet u talbiet għall-informazzjoni. Waqt l-investigazzjoni, l-Aġenzija skużat ruħha ma' l-ilmentatur għall-fatt li ma kinitx wieġbet għal ċerti mistoqsijiet tagħha u pprovdiet tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet. Waqt li l-ilmentatur ma kinitx sodisfatta, l-Ombudsman ħa l-pożizzjoni li l-azzjoni ta' l-Aġenzija kienet neħħiet it-tħassib li huwa kien identifika u ma kien għad fadal l-ebda amministrazzjoni ħażina. (2370/2005/OV)

- Il-Greenpeace ilmentat ma' l-Ombudsman, u allegat li l-Kummissjoni kienet għamlet akkużi mhux preċiżi, li jqarrqu u diffammatorji fir-rigward ta' studju li l-Organizzazzjoni Mhux Governattiva kienet ħarġet fuq il-kwistjoni ta' "relazzjonijiet tajbin" bejn il-Kummissjoni u l-industrija kimika li tagħmel il-*lobbying*. L-investigazzjoni ta' l-Ombudsman ikkonkludiet li din l-allegazzjoni ma kinitx ġiet issostanzjata. Waqt li ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina, huwa enfasizza l-importanza tat-trasparenza fir-rigward ta' l-attivitajiet tal-*lobbying* eżerċitati matul il-proċeduri leġiżlattivi. (2740/2006/TN)

Anke jekk l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina, huwa jista' jidentifika opportunità sabiex l-istituzzjoni jew il-korp itejjeb il-kwalità ta' l-amministrazzjoni tiegħu fil-futur. F'dawn il-każijiet, l-Ombudsman jagħmel rimarka ulterjuri, kif għamel, per eżempju fil-każ li ġej:

- Organizzazzjoni Mhux Governattiva Pollakka allegat li l-Bank Ewropew ta' l-Investiment (BEI) aġixxa kontra d-"Dikjarazzjoni Ambjentali" tiegħu meta kien kofinanzja proġett għall-immodernizzar ta' triq fil-Polonja. L-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina. Iżda minħabba li l-ilmentatur kien ippreżenta lment parallel lill-Ombudsman Pollakk, l-Ombudsman Ewropew ħeġġeġ lill-BEI sabiex jikkunsidra li jistabbilixxi kanali ta' komunikazzjoni mal-korpi nazzjonali u reġjonali ta' kontroll bħall-ombudsmen u li jfittex informazzjoni minnhom. Dawn il-korpi jistgħu jservu bħala sorsi addizzjonali ta' informazzjoni dwar il-konformità ta' proġetti ffinanzjati mill-BEI mad-dritt nazzjonali u Ewropew. (1779/2006/MHZ)

### *Każijiet trattati mill-istituzzjoni u soluzzjonijiet bonarji*

Kull meta jkun possibbli, l-Ombudsman jipprova jikseb eżitu pożittiv li jissodisfa kemm lill-ilmentatur kif ukoll lill-istituzzjoni li kontriha jsir l-ilment. Il-kooperazzjoni bejn

l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità hija essenzjali għas-suċċess ta' eżiti simili, li jgħinu biex itejbu relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini u tista' tevita l-bżonn ta' kawża li tieħu ż-żmien u li tiswa l-flus.

Matul l-2007, 129 każ ġew solvuti mill-istituzzjoni jew mill-korp stess wara li tressaq ilment mill-Ombudsman. Dan huwa d-doppju tan-numru tal-każijiet solvuti fl-2006 u jirrifletti rieda dejjem akbar min-naħa ta' l-istituzzjonijiet u tal-korpi sabiex jaraw l-ilmenti magħmula lill-Ombudsman bħala opportunità sabiex jirranġaw żbalji li jkunu saru u sabiex jikkooperaw ma' l-Ombudsman għall-benefiċċju taċ-ċittadini. Fost il-każijiet solvuti fl-2007 kien hemm is-segwenti:

- Wara li università Ġermaniża lmentat fuq tilwima dwar ħlas li kien qiegħed ikollha mal-Kummissjoni dwar proġett fil-Programm Erasmus, l-Ombudsman ikkuntattja lill-Kummissjoni li solviet il-każ fi żmien ġimagħtejn. L-isforzi ta' l-università sabiex tikkonvinċi lill-Kummissjoni li kien sar żball fil-kalkoli ma kinux irnexxew. Il-Kummissjoni ammettiet l-iżball u ħalset lura s-somma mitluba ta' EUR 5 400 kif ukoll l-interessi. L-Ombudsman faħħar id-Direttorat Ġenerali ta' l-Edukazzjoni u tal-Kultura għall-mod eżemplari li bih kien tratta dan l-ilment wara li kien ressqu għall-attenzjoni tiegħu. (3495/2005/GG)

- Il-Kummissjoni rrifondiet somma pendenti ta' EUR 88 000 lil ditta ta' konsultazzjoni Franċiża li ddikjarat li l-istituzzjoni ma kinitx ħallset lura l-ispejjeż eliġibbli kollha għall-parteċipazzjoni tagħha fi programm dwar it-Teknoloġiji ta' Informazzjoni tas-Soċjetà maċ-Ċina. Il-Kummissjoni argumentat li l-ilmentatur kienet għamlet żball fid-dikjarazzjonijiet ta' l-ispejjeż tagħha. Wara li l-Ombudsman kien intervjena fil-każ, qablet li tħallas is-somma pendenti. (1471/2007/(CC)RT)

Jekk stħarriġ iwassal għal sejbien ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman dejjem jipprova jsib soluzzjoni bonarja jekk ikun possibbli. F'xi każijiet, soluzzjoni bonarja tista' tintlaħaq jekk l-istituzzjoni jew il-korp konċernat joffri kumpens lill-ilmentatur. Offerta simili ssir *ex gratia*, jiġifieri mingħajr ammissjoni ta' ħtija legali u mingħajr ma' jinħoloq preċedent legali.

Ħames każijiet ingħalqu matul is-sena wara li ntlaħqet soluzzjoni bonarja. Fl-aħħar ta' l-2007, 31 proposta għal soluzzjoni bonarja kienu għadhom qegħdin jiġu kkunsidrati. Fost il-każijiet li fihom intlaħqet soluzzjoni bonarja fl-2007, hemm dawn li ġejjin:

- Il-Kummissjoni aċċettat il-proposta ta' l-Ombudsman għal soluzzjoni bonarja u naqset l-ammont li għandu jiġi rkuprat minn kuntrattur involut fi proġett fil-Libanu. Dan seħħ wara lment li fih il-kuntrattur allega li kuntratt kien ġie trattat b'mod inġust. Avolja l-Ombudsman ma sabx li l-allegazzjonijiet kollha ta' l-ilmentatur kienu ġġustifikati, huwa kkonkluda li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirkupra ċerti ammonti kienet tikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina. Fl-interess li tieħu passi sabiex issolvi l-kwistjoni, il-Kummissjoni qablet li terġa' tevalwa l-fajl. (2577/2004/OV)

- L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA) ħassret deċiżjoni kontestata wara li l-Ombudsman għamel proposta għal soluzzjoni bonarja. Il-każ kien jikkonċerna deċiżjoni ta' l-EASA relatata mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip ta' ċertu inġenju ta' l-ajru. Wara li analizza d-dispożizzjonijiet ġuridiċi relevanti, l-Ombudsman ma kienx konvint li d-deċiżjoni kellha biżżejjed bażi ġuridika. L-EASA wieġbet li issa kien irnexxielha tikseb l-informazzjoni meħtieġa sabiex toħroġ ċertifikat tat-tip u kienet għalhekk ħassret id-deċiżjoni kontestata. (1103/2006/BU)

- Iċ-Ċentru Ewropew tal-Monitoraġġ ta' Razziżmu u Ksenofobija (EUMC) preċedenti aċċetta proposta għal soluzzjoni bonarja billi pprovda informazzjoni aħjar lil offerent li ma kellux suċċess, dwar kif l-offerta tiegħu setgħet titqabbel ma' dik ta' l-organizzazzjoni li rebħet. L-ilmentatur kien dar fuq l-Ombudsman u allega li l-EUMC kien naqas li jagħtih tweġibiet sodisfaċenti għall-mistoqsijiet tiegħu u kien naqas li japplika kriterji trasparenti. Wara l-investigazzjoni, l-ilmentatur esprima l-gratitudni tiegħu lill-Ombudsman għall-ħidma tiegħu u talli pprovda protezzjoni ta' min joqgħod fuqha għat-trasparenza fl-UE. (1858/2005/BB u 1859/2005/BB)

### *Rimarki kritiċi, abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet u rapporti speċjali*

Jekk soluzzjoni bonarja mhijiex possibbli jew jekk ma nstabitx soluzzjoni, l-Ombudsman jew jagħlaq il-każ b'rimarka kritika għall-istituzzjoni jew korp konċernat jew jabbozza rakkomandazzjoni.

Rimarka kritika normalment issir jekk (i) ma jkunx aktar possibbli għall-istituzzjoni konċernata li telimina l-istanza ta' l-amministrazzjoni ħażina, (ii) l-amministrazzjoni ħażina tidher li ma jkollhiex implikazzjonijiet ġenerali, u (iii) ma jkunx hemm bżonn ta' azzjoni ta' segwitu mill-Ombudsman. Rimarka kritika ssir ukoll jekk l-Ombudsman iqis li abbozz ta' rakkomandazzjoni ma jkollu l-ebda skop utli jew jekk ma jidhirx xieraq li jiġi sottomess rapport speċjali lill-Parlament f'każ fejn l-istituzzjoni jew korp konċernat jonqos li jaċċetta abbozz ta' rakkomandazzjoni.

Rimarka kritika tikkonferma lill-ilmentatur li l-ilment tiegħu jew tagħha huwa ġġustifikat u juri lill-istituzzjoni jew lill-korp konċernat fejn ikun żbalja, sabiex jgħinu jevita amministrazzjoni ħażina fil-futur. Fl-2007 l-Ombudsman għalaq 55 investigazzjoni b'rimarki kritiċi. Per eżempju:

- L-Ombudsman ikkritika lill-Kummissjoni talli naqset li tippubblika, fl-2006 kif meħtieġa milliġi, ir-rapport annwali tagħha ta' l-2005 dwar l-aċċess għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Dan segwa lment mill-Organizzazzjoni Mhux Governattiva Statewatch. Waqt li għaraf li, f'Settembru 2007, il-Kummissjoni fl-aħħar ippubblikat ir-rapport in kwistjoni, l-Ombudsman indika li l-pubblikazzjoni f'waqtha tar-rapporti hija mekkaniżmu ewlieni tar-responsabbiltà lejn iċ-ċittadini Ewropej. (668/2007/MHZ)

- L-Ombudsman ħareġ żewġ rimarki kritiċi kontra l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) f'żewġ każijiet dwar l-użu tal-lingwi fl-Istati Membri "ġodda" meta mqabbla ma' dawk ta' l-Istati Membri l-"qodma". Dan seħħ wara lment minn assoċjazzjoni Pollakka dwar it-testijiet għar-reklutaġġ. L-EPSO informa lill-Ombudsman li r-rekwiżiti lingwistiċi għall-kompetizzjonijiet kienu sadanittant inbidlu. (3114/2005/MHZ)

- L-Ombudsman ikkritika lill-Kummissjoni talli naqset li toffri raġunijiet validi talli ma tatx aċċess għar-rapporti annwali ta' kontabbiltà li tirċievi mill-Istati Membri fir-rigward tas-sussidji agrikoli. Il-Kummissjoni argumentat li r-rapporti li kien fihom l-informazzjoni kienu tqiegħdu fuq *database* u b'hekk ma kinux jeżitu aktar. Hija qalet li l-informazzjoni mitluba mill-ilmentatur kienet teħtieġ programmazzjoni kumplessa ġdida tad-*database*. Avolja qies li l-approċċ tal-Kummissjoni ma kienx sodisfaċenti, l-Ombudsman ma kompliex isegwi l-każ minħabba li l-kwistjonijet ġuridiċi setgħu jiġu eżaminati mil-leġiżlatur tal-Komunità, minn perspettiva ġenerali, fil-kuntest tar-riforma mħabbra tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess għad-dokumenti. (1693/2005/PB)

Huwa importanti għall-istituzzjonijiet u għall-korpi li jsegwu l-rimarki kritiċi ta' l-Ombudsman, u li jieħdu azzjoni sabiex isolvu problemi pendenti biex b'hekk tiġi evitata amministrazzjoni ħażina fil-futur. Matul l-2007, l-Ombudsman wettaq studju fuq is-segwitu meħud mill-istituzzjonijiet involvuti fir-rimarki kritiċi u rimarki ulterjuri magħmula fl-2006. L-istudju huwa disponibbli fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Ombudsman (http://www.ombudsman.europa.eu). L-Ombudsman jipprevedi li jwettaq eżerċizzju simili u li jinforma lill-pubbliku dwar is-sejbiet tiegħu fuq bażi annwali.

F'każijiet fejn azzjoni ta' segwitu mill-Ombudsman ma tidhirx neċessarja, jiġifieri fejn huwa possibbli għall-istituzzjoni konċernata li tneħħi l-amministrazzjoni ħażina, jew fil-każijiet fejn l-amministrazzjoni ħażina kienet partikolarment serja jew li kellha implikazzjonijiet ġenerali, l-Ombudsman normalment jabbozza rakkomandazzjoni lill-istituzzjoni jew lill-korp konċernat.

Matul l-2007 saru tmien abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet. Minbarra dan, seba' abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet fl-2006 wasslu għal deċiżjonijiet fl-2007. Tliet każijiet ingħalqu matul is-sena meta abbozz ta' rakkomandazzjoni ġie aċċettat mill-istituzzjoni. Każ wieħed wassal għal Rapport Speċjali lill-Parlament Ewropew. Ħames każijiet ingħalqu għal raġunijiet oħra. Fl-aħħar ta' l-2007, tmien abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet kienu għadhom qegħdin jiġu kkunsidrati, inkluż wieħed li sar fl-2004 u ieħor li sar fl-2006.

Fost l-abbozzi tar-rakkomandazzjonijiet magħmula fl-2007, wieħed kien jikkonċerna l-aċċess tal-pubbliku għad-dettalji tal-pagamenti li jirċievu l-Membri Parlamentari Ewropej. Dan seħħ wara li lment minn ġurnalist Malti li talab dettalji dwar ċerti konċessjonijiet lill-Membri Parlamentari Ewropej ġie miċħud mill-Parlament fuq il-bażi ta' protezzjoni tad-dejta. L-opinjoni dettaljata ta' dan ta' l-aħħar dwar l-abbozz tar-rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman f'dan il-każ (3643/2005/(GK)WP) għandha tiġi kkunsinjata sa l-aħħar ta' Frar 2008. F'abbozz ta' rakkomandazzjoni oħra magħmul fl-2007, l-Ombudsman ħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex fil-futur tevita kwalunkwe restrizzjoni mhux ġustifikata fil-każ tal-lingwi uffiċċjali li fihom jistgħu jiġu sottomessi proposti li qegħdin taħt is-sejħa għal offerti (259/2005/(PB)GG). Minħabba li din l-investigazzjoni kienet għadha miftuħa sa l-aħħar ta' l-2007, ma tidhirx fil-Kapitolu 3 tar-Rapport.

L-abbozzi tar-rakkomandazzjonijiet aċċettati fl-2007 kienu jinkludu dan li ġej:

- Il-Kummissjoni aċċettat abbozz ta' rakkomandazzjoni li fiha l-Ombudsman talabha sabiex tikkorreġi informazzjoni mhux preċiża u li tqarraq fil-fuljetti, posters u preżentazzjoni bil-vidjow fuq id-drittijiet tal-passiġġieri li jivvjaġġaw bl-ajru. Żewġ assoċjazzjonijiet tal-linji ta' l-ajru kienu rrikorrew għand l-Ombudsman u kkritikaw l-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni fuq id-drittijiet tal-vjaġġaturi għall-kumpens u għall-assistenza, fil-każ ta' tlugħ miċħud, il-kanċellazzjoni tat-titjiriet jew ta' dewmien twil. Wara l-intervent ta' l-Ombudsman, il-Kummissjoni bidlet il-materjal informattiv ħażin. (1475/2005/(IP)GG u 1476/2005/(BB)GG)

- Il-Kummissjoni aċċettat abbozz ta' rakkomandazzjoni li fiha l-Ombudsman talabha sabiex ma tirkuprax il-ħlas ta' pensjoni li kien sar bi żball lil ex impjegat. Dan seħħ wara lment mit-tifel tal-mejjet. Aktar minn erba' snin wara l-mewt ta' missieru, il-Kummissjoni kienet talbitu jħallas lura EUR 1 747. Sussegwentament qablet li tneħħi t-talba għar-rimbors. (1617/2005/(BB)JF)

Jekk istituzzjoni jew korp Komunitarju jonqos milli jwieġeb b'mod sodisfaċenti għall-abbozz tar-rakkomandazzjoni, l-Ombudsman jista' jibgħat rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Dan jikkostitwixxi l-arma finali ta' l-Ombudsman u huwa l-aħħar pass ta' sustanza li jista' juża fit-trattament ta' każ, minħabba li l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tal-poteri Parlamentari huma kwistjonijiet riżervati għall-ġudizzju politiku ta' dan ta' l-aħħar. Biex nagħtu eżempju mill-2007:

- L-Ombudsman issottometta rapport speċjali lill-Parlament Ewropew li fih ikkritika lill-Kummissjoni talli ma ttrattatx ilment li kien jikkonċerna d-Direttiva Ewropea dwar il-Ħin tax-Xogħol. Aktar minn sitt snin ilu, tabib Ġermaniż talab lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ proċeduri kontra l-Ġermanja, u allega li kienet qiegħda tikser id-Direttiva. Minkejja pressjoni mill-Ombudsman, il-Kummissjoni naqset mill-tieħu azzjoni fuq l-ilment u argumentat li l-proposti tagħha sabiex temenda d-Direttiva qegħdin quddiem il-leġiżaltur Komunitarju. L-Ombudsman insista li dan il-każ kien iqajjem kwistjoni importanti dwar il-prinċipju li jikkonċerna l-mod kif il-Kummissjoni tittratta l-ilmenti taċ-ċittadini dwar ksur. Huwa qal li l-Kummissjoni kellha jew ma tilqax l-ilment jew tiftaħ proċeduri dwar ksur. Ma tkunx qiegħda tikkonforma mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jekk sempliċement ma tagħmel xejn. (3453/2005/GG)

### Investigazzjonijiet li saru fuq l-inizjattiva tiegħu stess

L-Ombudsman jagħmel użu mill-poter tiegħu sabiex iniedi investigazzjonijiet fuq l-inizjattiva tiegħu stess f'żewġ istanzi. L-ewwel, jista' jużah sabiex jinvestiga każ possibbli ta' amministrazzjoni ħażina meta jiġi ppreżentat ilment minn persuna mhux awtorizzata (jiġifieri, meta l-ilmentatur ma jkunx ċittadin jew residenti fl-Unjoni jew persuna ġuridika b'sede reġistrata fi Stat Membru). Fl-2007, infetħu żewġ investigazzjonijiet analogi fuq l-inizjattiva tiegħu stess. L-Ombudsman jista' juża wkoll il-poter li jibda investigazzjoni fuq l-inizjattiva tiegħu biex jittratta dik li tidher li tkun problema sistematika fl-istituzzjonijiet. Per eżempju:

- F'Diċembru 2007, l-Ombudsman nieda investigazzjoni fuq l-inizjattiva tiegħu stess dwar jekk il-ħlasijiet mill-Kummissjoni jsirux fil-ħin. Huwa staqsa lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi informazzjoni dwar dak li sar sabiex jiġu evitati ħlasijiet tardivi, talab dejta statistika fuq il-każijiet ta' ħlasijiet tardivi, kif ukoll informazzjoni dwar il-politika tal-Kummissjoni fuq il-ħlas

ta' l-imgħax. Din seħħet wara lmenti minn individwi, kumpaniji u organizzazzjonijiet involuti fil-proġetti ffinanzjati mill-UE u fil-kuntratti. (OI/5/2007/GG)

Fost investigazzjonijiet oħra magħmula fuq l-inizjattiva tiegħu stess mibdija fl-2007 kien hemm waħda fuq l-ittestjar ibbażat fuq il-kompjuter (OI/4/2007/ID) u waħda li kienet tikkonċerna l-ġestjoni tar-riżorsi umani fiċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni (OI/6/2007/MHZ).

L-investigazzjoni li jmiss li saret fuq l-inizjattiva tiegħu stess ingħalqet matul is-sena:

- L-Ombudsman ikkonkluda investigazzjoni fuq l-inizjattiva tiegħu stess dwar il-miżuri adottati milli Kummissjoni sabiex jiġi assigurat li l-persuni b'diżabbiltà ma jiġux diskriminati fir-relazzjonijiet tagħhom ma' l-istituzzjoni. Fost il-miżuri pożittivi li huwa identifika kien hemm dawk li jiġi pprovdut aċċess aktar faċli għall-informazzjoni permezz tas-sit ta' l-internet tal-Kummissjoni u li jitjiebu r-reklutaġġ u l-kundizzjonijiet għall-promozzjoni. Madankollu, l-Ombudsman enfasizza, li għandu jsir aktar sabiexi l-persunal tal-Kummissjoni jsir aktar sensittiv għall-bżonnijiet tal-persuni b'diżabbiltà. Huwa kkritika wkoll is-sitwazzjoni fl-Iskejjel Ewropej għall-istudenti b'diżabbiltà u ddikjara li dawn huma inadegwati. (OI/3/2003/JMA)

## Każijiet saljenti li jagħtu eżempju ta' l-aħjar prassi

Numru ta' każijiet imsemmija hawn fuq jikkostitwixxu eżempji ċari ta' l-aħjar prassi li jeħtieġu inklużjoni fost il-"każijiet saljenti" ta' l-2007. Dawn iservu bħala mudell għall-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra ta' l-UE fit-termini ta' x'inhi l-aħjar relazzjoni għall-kwistjonijiet imqajma mill-Ombudsman. Il-**Kummissjoni,** b'mod partikolari aġġixxiet malajr u b'mod kostruttiv sabiex issolvi firxa ta' lmenti. Fil-każ **3495/2006/GG**, solviet, f'ġimagħtejn, tilwima dwar ħlas ma' università Ġermaniża wara li l-Ombudsman ressaq il-problema għall-attenzjoni tagħha. B'mod simili, fil-każ **2577/2004/OV**, hija aċċettat proposta għal soluzzjoni bonarja u naqqset l-ammont li għandhu jiġi rkuprat minn kuntrattur involut fi proġett fil-Libanu. F'tilwima oħra dwar ħlas, aċċettat abbozz ta' rakkomandazzjoni li fih l-Ombudsman talabha sabiex ma tirkuprax il-ħlas ta' pensjoni li kien sar bi żball wara l-mewt ta' ex impjegat **(1617/2005/(BB)JF)**. Il-Kummissjoni wriet ukoll ir-rieda tagħha li taħdem b'mod kostruttiv ma' l-Ombudsman sabiex taċċetta abbozz ta' rakkomandazzjoni sabiex tikkoreġi informazzjoni mhux preċiża u li tqarraq fil-fuljetti, posters u fi preżentazzjoni bil-vidjow dwar id-drittijiet tal-passiġġieri li jivvjaġġaw bl-ajru **(1476/2005/(BB)GG)**.

Eżempji oħra ta' l-aħjar prassi jinkludu l-każ **2580/2006/TN** fejn il-**Kunsill** skuża ruħu ma' l-ilmentatur u kkonferma l-impenn tiegħu li jevita problemi simili fil-futur wara li l-Ombudsman ressaq kwistjoni dwar il-lingwa Irlandiża għall-attenzjoni tiegħu. Il-**Bank Ċentrali Ewropew** (BĊE) ipprovda tweġiba verament utli lil ċittadina mħassba u enfasizza li huwa jagħti importanza kbira għall-fatt li l-kwistjonijiet li hija kienet qajmet jiġu ċċarati u stiedinha sabiex tindirizza kwalunkwe mistoqsija oħra lill-esperti tiegħu **(630/2007/WP)**. Eżempju finali ta' tweġiba pożittiva mill-istituzzjonijiet u l-korpi fl-2007 saret fil-każ **1103/2006/BU**, fejn l-**Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni** (EASA) ħassret deċiżjoni kontestata wara li l-Ombudsman għamel proposta għal soluzzjoni bonarja. Din hija t-tieni sena konsekuttiva li fiha wieħed mill-każijiet ta' l-EASA jinsab fost il-każijiet saljenti mniżżla f'dan ir-Rapport, li juri r-rieda tagħha li tikkoopera b'mod kostruttiv ma' l-Ombudsman.

## Analiżi ulterjuri

L-aħħar sezzjoni ta' Kapitolu 2 tar-Rapport Annwali fiha diskussjoni ta' għażla ta' dawn il-każijiet u ta' każijiet oħra minn perspettiva tal-kategoriji tematiċi li ġejjin: (i) trasparenza, inkluż aċċess għad-dokumenti u għat-tagħrif, kif ukoll il-protezzjoni tad-dejta; (ii) il-Kummissjoni bħala gwardjana tat-Trattat; (iii) l-offerti, il-kuntratti u l-għotjiet; u (iv) il-kwistjonijiet ta' personal, inkluż ir-reklutaġġ.

Kapitolu 3 tar-Rapport fih ġabriet fil-qosor ta' 50 minn total ta' 348 deċiżjoni li għalqu każijiet fl-2007. Is-sommarji jirriflettu firxa ta' suġġetti u ta' istituzzjonijiet koperti mill-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman u tat-tipi ta' konklużjonijiet differenti.

Id-deċiżjonijiet li jagħlqu l-każijiet normalment jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku ta' l-Ombudsman (http://www.ombudsman.europa.eu) bl-Ingliż u, jekk differenti minn din, fil-lingwa ta' l-ilmentatur.

## Relazzjonijiet ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE

L-Ombudsman Ewropew jiddedika ħin konsiderevoli sabiex jiltaqa' mal-Membri u ma' l-uffiċċjali ta' l-istituzzjonijiet u tal-korpi ta' l-UE bl-għan li jippromwovi kultura ta' servizz fl-amministrazzjoni ta' l-UE. Dawn il-laqgħat jippermettu lill-Ombudsman sabiex jispjega l-ħsieb wara l-ħidma tiegħu u sabiex jagħmel lill-Membri u lill-uffiċċjali aktar sensittivi għall-ħtieġa li jwieġbu b'mod kostruttiv għall-ilmenti.

Fost il-laqgħat l-aktar importanti li saru fl-2007 kien hemm tliet avvenimenti ma' l-uffiċċjali tas-servizz pubbliku mil-livelli kollha fil-Kummissjoni Ewropea. Minħabba li l-Kummissjoni hija l-istituzzjoni li twieġeb għall-akbar proporzjon ta' investigazzjonijiet mwettqa mill-Ombudsman, huwa partikolarment importanti li din tieħu rwol ewlieni fl-iżvilupp ta' kultura ta' servizz liċ-ċittadini u tar-rispett għad-drittijiet tagħhom. Il-*feedback* li l-Ombudsman irċieva matul dawn il-laqgħat kien inkoraġġanti ħafna. Il-Viċi President tal-Kummissjoni Margot WALLSTRÖM, li hija responsabbli, fost l-oħrajn, għar-relazzjonijiet ma' l-Ombudsman, kif ukoll is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Catherine DAY kienu kruċjali sabiex jiffaċilitaw dawn it-tliet laqgħat.

Il-laqgħat mal-Membri u ma' l-uffiċċjali tal-Parlament Ewropew huma wkoll ta' importanza partikolari, fid-dawl tar-relazzjoni privileġġata ta' l-Ombudsman mal-Parlament. Il-Parlament Ewropew jaħtar lill-Ombudsman u dan irid jagħti rendikont lilu. Il-Kapitolu 4 tar-Rapport Annwali fih ħarsa ġenerali lejn dawn il-laqgħat. Ikopri l-parteċipazzjoni ta' l-Ombudsman fil-laqgħat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet sabiex jippreżenta r-Rapport Annwali tiegħu u r-rapporti speċjali, il-preżentazzjoni tiegħu lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali fuq il-bidliet proposti għall-Istatut tiegħu, u d-diskors tiegħu lill-Kumitat għall-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fuq ir-riforma tar-Regolament 1049/2001 fuq l-aċċess għad-dokumenti.

L-Ombudsman kompla jilħaq lill-istituzzjonijiet u korpi oħra fl-2007 u organizza laqgħat mar-rappreżentanti ewlenin tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Sabiex iżomm lill-personal tiegħu infurmat dwar l-iżviluppi fl-istituzzjonijiet u fil-korpi oħra ta' l-UE, l-Ombudsman juża' l-laqgħat regolari tal-personal li huwa jlaqqa' fi Strasburgu sabiex jistieden kelliema esterni. Il-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-UE, is-Sur Paul J. MAHONEY u s-Superviżur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, is-Sur Peter HUSTINX, fl-2007 it-tnejn ivvjaġġaw lejn Strasburgu sabiex jippreżentaw il-ħidma tagħhom lill-personal ta' l-Ombudsman.

## Relazzjonijiet ma' l-ombudsmen u korpi simili

Ħafna lmentaturi jirrikorru għall-Ombudsman Ewropew meta jkollhom problemi ma' l-amministrazzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali. L-Ombudsman Ewropew jikkoopera mill-qrib mal-kontropartijiet tiegħu fl-Istati Membri sabiex jassigura li l-ilmenti taċ-ċittadini dwar id-dritt Komunitarju jiġu trattati malajr u b'mod effikaċi. Din il-kooperazzjoni sseħħ fil-maġġor parti tagħha taħt l-awspiċju tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen. In-netwerk issa fih kważi 90 uffiċċju f'31 pajjiż, li jkopri l-livelli nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni, kif ukoll il-livell nazzjonali fil-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni fl-UE kif ukoll in-Norveġja u l-Iżlanda.

Wieħed mill-għanijiet tan-Netwerk huwa li jiffaċilita t-trasferiment rapidu ta' lmenti lill-ombudsman kompetenti jew korp simili. Meta jkun possibbli, l-Ombudsman Ewropew jittrasferixxi l-każijiet direttament jew jagħti pariri siewja lill-ilmentatur. Matul l-2007, l-Ombudsman ta parir lil 816-il ilmentatur sabiex jirrikorru għand l-ombudsman nazzjonali jew reġjonali u ttrasferixxa 51 ilment direttament lill-ombudsman kompetenti.

Kapitolu 5 tar-Rapport Annwali ta' l-Ombudsman jagħti dettalji dwar l-attivitajiet tan-Netwerk fl-2007, li l-punt ewlieni tagħhom kien is-Sitt Seminar ta' l-Ombudsmen Nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE u l-Pajjiżi Kandidati, li sar fi Strasburgu f'Ottubru. Is-Seminar ġie organizzat b'mod konġunt mill-Ombudsman Ewropew u mill-Ombudsman Nazzjonali ta' Franza, is-Sur Jean-Paul DELEVOYE. Is-27 Stat Membru kollha ta' l-UE kienu rrappreżentati fil-laqgħa, kif kienu tnejn mit-tliet pajjiżi kandidati, kif ukoll in-Norveġja u l-Iżlanda. B'konformità mad-dikjarazzjoni magħmula mill-

Ombudsman Ewropew fil-Ħames Seminar, ir-rappreżentanti ta' l-ombudsman reġjonali mill-pajjiżi ta' l-UE fejn dawn jeżistu, jiġifieri, il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, l-Italja, l-Awstrija u r-Renju Unit[1], ġew ukoll mistiedna sabiex jieħdu sehem għall-ewwel darba. It-tema għas-Seminar ta' l-2007 kienet "L-organizzazzjoni mill-ġdid ta' amministrazzjoni tajba fl-Unjoni Ewropea".

Waqt is-Seminar, l-ombudsmen adottaw Dikjarazzjoni, li l-għan tagħha huwa li tgħin biex tinforma liċ-ċittadini u lill-utenti oħra tas-servizzi ta' l-ombudsman dwar il-benefiċċji li jistgħu jistennew li jiksbu meta jirrikorru għand membru tan-Netwerk dwar kwistjoni li taqa' fl-ambitu tad-dritt Komunitarju. Id-Dikjarazzjoni ġiet riprodotta b'mod sħiħ fil-Kapitolu 5, li fih ukoll rendikont dettaljat tad-diskussjonijiet fis-Seminar.

Kapitolu 5 jkompli billi jiddeskrivi l-istrumenti l-oħrajn varji użati min-Netwerk sabiex jiskambjaw l-esperjenzi u l-aħjar prassi. L-*Ombudsman Ewropew — Newsletter* kienet għodda utli ħafna għall-iskambju ta' l-informazzjoni fl-2007. Iż-żewġ kwistjonijiet l-oħra, ippubblikati f'April u f'Ottubru, kienu jinkludu artikoli dwar is-supremazija tad-dritt Komunitarju fuq id-dritt nazzjonali, id-diskriminazzjoni u ostakli għall-moviment liberu, il-problemi fil-qasam tal-leġiżlazzjoni ambjentali, il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal u tad-drittijiet ta' l-anzjani, problemi fis-settur tal-kura tas-saħħa u kwistjonijiet dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta. Id-diskussjoni fuq l-Internet ta' l-Ombudsman u l-forum għall-iskambju tad-dokumenti komplew jiżviluppaw matul is-sena, u ppermettew lill-uffiċċji sabiex jiskambjaw informazzjoni permezz tat-tqegħid ta' mistoqsijiet u tweġibiet. Inbdew ukoll diversi dikussjonijiet ewlenin fuq kwistjonijiet differenti bħad-diskriminazzjoni abbażi ta; l-età, il-qafas ġuridiku għall-ammissjoni mhux volontarja fi sptar, il-kwalità tas-servizz pubbliku, l-istatus ta' l-esperti ġuridiċi fl-uffiċċji ta' l- Ombudsman, u l-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea sabiex jitjieb l-indirizzar ta' lmenti dwar ksur. Minbarra dan, is-servizz elettroniku ta' l-aħbarijiet ta' l-Ombudsman, l-*Aħbarijiet ta' Kuljum ta' l-Ombudsman*, ġie ppubblikat kull jum ta' xogħol, u kien fih artikoli, stqarrijiet ta' l-istampa u avviżi minn uffiċċji tan-Netwerk.

Minbarra l-iskambji informali regolari ta' informazzjoni permezz tan-Netwerk, teżisti proċedura speċjali li permezz tagħha l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali jistgħu jitolbu għal tweġibiet bil-miktub għall-mistoqsijiet dwar id-dritt Komunitarju u l-interpretazzjoni tagħha, inkluż mistoqsijiet li jqumu meta jkunu qegħdin jittrattaw każijiet speċifiċi. L-Ombudsman Ewropew jew jipprovdi t-tweġiba direttament jew, jekk ikun aktar xieraq, jibgħat il-mistoqsija lill-istituzzjoni jew korp Komunitarju ieħor għal tweġiba. Fl-2007, waslu tliet mistoqsijiet bħal dawn (waħda kull wieħed minn ombudsman nazzjonali, reġjonali u lokali) u tlieta ngħalqu (inkluż waħda li tressqet mill-2005 u oħra mill-2006). Fl-aħħar tal-Kapitolu 3, hemm eżempju ta' mistoqsija.

Iż-żjarat ta' informazzjoni lill-ombudsmen fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati dehru li kienu effikaċi ħafna fl-iżvilupp tan-Netwerk u jikkostitwixxu mezz eċċellenti sabiex iqajmu għarfien dwar il-firxa ta' għodda ta' komunikazzjoni li huwa jagħmel disponibbli. Matul l-2007, l-Ombudsman Ewropew żar lill-kollegi ombudsmen tiegħu fil-Ġermanja (Marzu), fl-Iżvezja (Mejju), u fil-Belġju (Novembru).

L-isforzi ta' l-Ombudsman biex jikkollabora mal-kollegi tiegħu marru lil hinn mill-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen. Bil-ħsieb li jippromwovi l-ħidma ta' ombudsman, jiddiskuti r-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u l-iskambju ta' l-aħjar prassi fl-2007, is-Sur DIAMANDOUROS attenda firxa ta' avvenimenti għall-ombudsmen u ltaqa' ma' kollegi mill-UE u minn pajjiżi barra l-UE. Il-Kapitolu 5 jispiċċa b'ħarsa ġenerali ta' dawn l-attivitajiet.

## Attivitajiet ta' komunikazzjoni

L-Ombudsman Ewropew huwa ferm konxju ta' l-importanza li jassigura li dawk li jista' jkollhom problemi ma' l-amministrazzjoni ta' l-UE jkunu jafu bid-dritt tagħhom li jilmentaw. Kull sena, isiru sforzi kbar sabiex iċ-ċittadini, il-kumpaniji, l-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi u entitajiet relevanti oħra jiġu infurmati bis-servizzi ta' l-Ombudsman. Fl-2007, saru aktar minn 130

[1] Dawn il-pajjiżi huma mniżżla fl-ordni protokollari ta' l-UE.

preżentazzjoni mill-Ombudsman u mill-personal tiegħu f'konferenzi, seminars u laqgħat. Iż-żjarat ta' informazzjoni msemmija fuq li saru fil-Ġermanja, fl-Iżvezja u fil-Belġju tagħtu opportunità ulterjuri sabiex jippromwovi l-għarfien tar-rwol tiegħu f'dawn il-pajjiżi.

Episodju ewlieni partikolari kien il-parteċipazzjoni ta' l-Ombudsman fl-avvenimenti organizzati sabiex jiġi ċċelebrat l-anniversarju tal-50 sena tat-Trattat ta' Ruma. L-*Open Days* organizzati f'Berlin, f'Budapest u f'Varsavja kienu episodji ewlenin partikolari b'mijiet ta' eluf ta' persuni jgħaddu sabiex jitgħallmu dwar l-attivitajiet ta' l-Unjoni. L-Uffiċċju ppartecipa wkoll, kif jagħmel ta' kull sena, fl-*Open Days* organizzati mill-Parlament Ewropew fi Strasburgu u fi Brussell. Tqassam materjal li jkopri l-ħidma ta' l-Ombudsman f'26 lingwa lill-viżitaturi, flimkien ma' firxa ta' oġġetti ta' promozzjoni. Il-membri tal-persunal kienu preżenti fl-avvenimenti kollha sabiex iwieġbu mistoqsijiet dwar il-ħidma ta' l-Ombudsman.

Komplew isiru l-attivitajiet għall-mezzi ta' komunikazzjoni, u fl-2007, l-Ombudsman ta sitt konferenzi stampa u aktar minn 40 intervista lill-ġurnalisti mill-mezzi ta' komunikazzjoni ta' l-istampa, tax-xandir u dik elettronika. Inħarġu sbatax-il stqarrija għall-istampa li tqassmu lill-ġurnalisti u lill-partijiet interessati madwar l-Ewropa. Fost is-suġġetti trattati kien hemm l-investigazzjoni ta' l-Ombudsman fil-ħlas tardiv, problemi fil-qasam ta' l-aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni, ilment dwar id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol Ewropew u problemi fil-materjal ta' informazzjoni pprovdut mill-Kummissjoni dwar id-dritt tal-passiġġieri li jivvjaġġaw bl-arju.

Fl-2007, saru u tqassmu numru ta' pubblikazzjonijiet bl-għan li jinfurmaw lill-persuni ewlenin li għandhom interess u lill-pubbliku ġenerali dwar is-servizz li l-Ombudsman jista' joffri liċ-ċittadini u lir-residenti ta' l-UE. Ta' interess partikolari fl-2007 kienet skeda ġdida ta' informazzjoni għan-negozji u għall-organizzazzjoni li tispjega b'mod konċiż dak li l-Ombudsman jista' jagħmel għal dawn l-entitajiet. L-iskeda informattiva tqassmet, flimkien ma' materjal relevanti ieħor, bħala parti mill-kampanja bil-posta mmirata lejn ilmentaturi potenzjali. Il-kmamar tal-kummerċ u d-ditti ta' l-avukati madwar l-UE ġew indirizzati b'mod partikolari matul il-kampanja, b'aktar minn 5 000 ittra personalizzata mibgħuta. Din il-kampanja kienet ta' suċċess kbir u waslu talbiet għal ħafna eluf ta' kopji żejda tal-pubblikazzjonijiet ta' l-Ombudsman matul l-2007.

Is-sit ta' l-Ombudsman ġie aġġornat regolarment b'deċiżjonijiet, stqarrijiet għall-istampa, u dettalji dwar l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tiegħu. Ġiet stabbilita taqsima ġdida tas-sit sabiex jingħata profil ogħla fl-investigazzjonijiet li l-Ombudsman jagħmel fuq l-inizjattivi tiegħu stess.

Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2007, is-sit ta' l-Ombudsman irċieva 449 418-il żjara. Il-paġni bl-Ingliż tas-sit kienu dawk l-aktar ikkonsultati, segwiti mill-paġni bil-Franċiż, bl-Ispanjol, bil-Ġermaniż u bit-Taljan. F'termini ta' l-oriġini ġeografika taż-żjarat, l-akbar numru ta' viżitaturi kien mill-Italja, segwit minn Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit u l-Ġermanja. It-taqsima tal-links tas-sit ta' l-Ombudsman tinkludi links għas-siti ta' l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali fl-Ewropa kollha. Saret aktar minn 82 000 żjara fil-paġni tal-links matul l-2007 u dan juri biċ-ċar il-valur miżjud għaċ-ċittadini tas-servizzi pprovduti permezz tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen.

## Żviluppi interni

Fl-2007, l-Ombudsman kompla l-isforzi tiegħu sabiex jassigura li l-istituzzjoni tkun mgħammra sabiex tittratta lmenti minn ċittadini tas-27 Stat Membru fit-23 lingwa tat-Trattat.

Fl-1 ta' Lulju 2007, l-Ombudsman ħatar Kap ġdid għad-Dipartiment Ġuridiku, wara proċedura miftuħa ta' reklutaġġ. B'għan li jitjieb il-kontroll tal-kwalità u li titjieb il-produttività, id-Dipartiment Ġuridiku tqassam f'erba' timijiet, kull wieħed immexxi minn superviżur ġuridiku prinċipali. Ġiet introdotta applikazzjoni ġdida ta' l-IT sabiex tiġi ffaċilitata l-amministrazzjoni tal-każijiet. Dawn l-iżviluppi kollha dehru li kellhom valur kbir sabiex jgħinu biex tiżdied il-produttività matul is-sena. Iż-żieda ta' 40% fin-numru ta' każijiet magħluqa fl-2007 tikkonferma li t-titjib li sar fl-istruttura u fil-funzjonament tad-Dipartiment Ġuridiku ta' l-Ombudsman fis-snin reċenti qiegħed jibda jkollu effett reali. L-Ombudsman sejjer ikompli jibni fuq dan fl-2008.

Mil-lat organizzattiv ukoll, is-sena 2007 rat bidla żgħira fis-segretarjat ta' l-Ombudsman li jittratta l-ilmenti li issa huwa sorveljat direttament mill-Assistant tal-Kap tad-Dipartiment Ġuridiku. Dan jirrifletti aktar mill-qrib il-funzjonijiet ta' dak is-segretarjat li huma konnessjoni b'mod dirett mal-ħidma tad-Dipartiment Ġuridiku.

It-tabella ta' l-impjegati ta' l-Ombudsman uriet total ta' 57 kariga fl-2007, l-istess għall-2006. Ma hija prevista l-ebda żieda fl-2008. L-approprjazzjonijiet totali fil-baġit għall-2008 huma EUR 8 505 770 (meta mqabbla ma' EUR 8 152 800 fl-2007).

# ILMENTI U INVESTIGAZZJONIJIET



2

© silense/www.stockxpert.com

# 2 ILMENTI U INVESTIGAZZJONIJIET

Wieħed mill-aktar modi importanti li bih l-Ombudsman Ewropew jippromwovi l-amministrazzjoni tajba huwa billi jinvestiga amministrazzjoni possibbilment ħażina u jirrakkomanda azzjoni korrettiva fejn ikun meħtieġ. Il-prattiċi possibbli ta' amministrazzjoni ħażina jinġiebu għall-attenzjoni ta' l-Ombudsman primarjament permezz ta' l-ilmenti, li l-ipproċessar tagħhom jirrappreżenta l-aktar aspett importanti ta' l-irwol reattiv ta' l-Ombudsman.

Id-dritt li tressaq l-ilmenti tiegħek quddiem l-Ombudsman Ewropew huwa wieħed mid-drittijiet taċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea (Artikolu 21 tat-Trattat tal-KE) u huwa inkluż fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (Artikolu 43).

L-Ombudsman iwettaq ukoll investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess, u permezz ta' hekk ikun qiegħed jieħu rwol proattiv fil-ġlieda kontra l-amministrazzjoni ħażina u jippromwovi amministrazzjoni tajba.

## 2.1 IL-BAŻI LEGALI TAL-ĦIDMA TA' L-OMBUDSMAN

Il-ħidma ta' l-Ombudsman hija rregolata mill-Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE, mill-Istatut ta' l-Ombudsman (li jiġi deċiż mill-Parlament Ewropew[1]) u mid-Dispożizzjonijiet Implimentattivi adottati mill-Ombudsman skond l-Artikolu 14 ta' l-Istatut. Id-Dispożizzjonijiet Implimentattivi kurrenti daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003. Dawn huma disponibbli fuq is-sit elettroniku ta' l-Ombudsman (http://www.ombudsman.europa.eu) u kopji stampati tagħhom jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Ombudsman.

L-Istatut ikompli jipprovdi qafas tajjeb għall-attivitajiet ta' l-Ombudsman. Madanakollu, wara eżaminazzjoni bir-reqqa, l-Ombudsman identifika ċerti tibdiliet limitati li jistgħu jżidu l-poteri tiegħu sabiex ikun jista' jaħdem b'mod iżjed effettiv għall-benefiċċju taċ-ċittadini Ewropej. Għalhekk, fil-11 ta' Lulju 2006 huwa kiteb lill-President tal-Parlament Ewropew, fejn talbu biex tinbeda l-proċedura ħalli jiġi emendat l-Istatut. Fl-aħħar ta' l-2007, il-Kumitat għall-Affarjiet Kostituzzjonali kien qiegħed jikkunsidra abbozz ta' rapport dwar it-tibdiliet proposti (*rapporteur* Ms. Anneli JÄÄTTEENMÄKI).

## 2.2 IL-MANDAT TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW

L-Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE jawtorizza lill-Ombudsman biex jirċievi lmenti minn kwalunkwe ċittadin ta' l-Unjoni jew minn kwalunkwe persuna legali jew naturali li tgħix jew għandha l-uffiċċju rreġistrat fl-Istat Membru, fir-rigward ta' każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-irwol ġudizzjarju tagħhom. Għaldaqstant, ilment ma jaqax taħt il-mandat jekk:

[1] Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 94/262 tad-9 ta' Marzu 1994 dwar ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw l-eżekuzzjoni tad-doveri ta' l-Ombudsman, ĠU 1994 L 113, p. 15.

1. l-ilmentatur m'huwiex persuna ntitolata li tressaq ilment;
2. l-ilment ma jkunx kontra korp jew istituzzjoni tal-Komunità;
3. l-ilment ikun kontra l-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti tal-Prim'Istanza fl-irwol ġudizzjarju tagħhom; jew
4. l-ilment ma jkunx jikkonċerna possibbiltà ta' każ ta' amministrazzjoni ħażina.

Kull waħda minn dawn hija diskussa iżjed 'l isfel.

**It-tribunal taċ-ċivil ta' l-Unjoni Ewropea**

Uffiċjal ressaq ilment kontra t-Tribunal Ċivili (CST), li jikkonċerna l-applikazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura u d-Direzzjonijiet tal-Prattika tal-Qorti tal-Prim'Istanza (CFI) f'każ pendenti fejn l-ilmentatur kien l-applikant.

L-ilmentatur sostna li r-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet imsemmija fuq, dwar it-traduzzjoni tad-dokumenti mehmuża u t-tul massimu ta' l-applikazzjoni, kienu restrizzjoni inaċċettabbli għall-aċċess tiegħu għall-ġustizzja.

L-Ombudsman deherlu li l-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE għall-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Prim'Istanza fl-irwol ġudizzjarju tagħhom tapplika għas-CST, li huwa panel ġuridiku mehmuż mas-CFI. L-Ombudsman kien ukoll tal-fehma li s-suġġett ta' l-ilment kien jikkonċerna l-irwol ġudizzjarju ta' dan ta' l-aħħar. Għaldaqstant, l-Ombudsman deherlu li huwa ma kienx intitolat sabiex jistħarreġ l-ilment.

*920/2007/BU*

## Ilmenti u nvestigazzjonijiet fuq inizjattiva personali

Għalkemm id-dritt għat-tressiq ta' l-ilmenti quddiem l-Ombudsman Ewropew huwa limitat għaċ-ċittadini, ir-residenti u l-persuni legali b'uffiċċju rreġistrat fi Stat Membru, l-Ombudsman għandu s-setgħa wkoll li jiftaħ investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess. Bl-użu tas-setgħa ta' l-inizjattiva personali, l-Ombudsman jista' jinvestiga każ ta' possibbiltà ta' amministrazzjoni ħażina li jkun inġieb għall-attnezjoni tiegħu minn persuna li ma tkunx intitolata biex tressaq ilment. Il-prattika ta' l-Ombudsman f'każijiet bħal dawn hija li jagħti lill-persuna konċernata l-istess opportunitajiet proċedurali matul l-investigazzjoni daqslikieku l-każ kien indirizzat bħala lment. L-Ombudsman normalment jindirizza fuq bażi ta' każ b'każ il-kwistjoni ta' jekk għandux juża s-setgħa ta' inizjattiva personali b'dan il-mod.

Fl-2007 nfetħu żewġ investigazzjonijiet simili fuq inizjattiva personali.

Fir-Rapport Annwali għall-2006, l-Ombudsman qal li, minħabba limitazzjonijiet possibbli tar-riżorsi fil-ġejjieni, huwa ppreveda li l-użu tas-setgħa ta' inizjattiva personali għandha tkun riservata biss għal meta l-unika raġuni biex ma jinvestigax allegat każ ta' amministrazzjoni ħażina mill-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) fl-attivitajiet tiegħu ta' self barra l-UE (self estern) tkun dik meta l-ilmentatur ma jkunx ċittadin jew residenti ta' l-Unjoni. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2007, il-Parlament Ewropew laqa' b'merħba d-dikjarazzjoni ta' l-Ombudsman u stiednu sabiex jikkunsidra li jikkonkludi Memorandum ta' Ftehim ma' l-BEI. Fil-5 ta' Diċembru 2007, l-Ombudsman stieden lill-President ta' l-BEI għal diskussjonijiet dwar l-abbozzar ta' Memorandum ta' Ftehim.

## L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità

Il-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew ikopri l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità. L-istituzzjonijiet huma elenkati fl-Artikolu 7 tat-Trattat iżda ma hemm ebda definizzjoni jew lista awtoritattiva tal-korpi Komunitarji. Dan it-terminu jinkludi l-korpi stabbiliti mit-Trattati, bħall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Bank Ċentrali Ewropew, kif ukoll il-korpi mwaqqfa mil-leġiżlazzjoni skond it-Trattati, inklużi aġenziji bħall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni (FRONTEX).

L-ilmenti kontra l-awtoritajiet pubbliċi ta' l-Istati Membri ma jaqgħux taħt il-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew, anki jekk ikunu jikkonċernaw kwistjonijiet fi ħdan l-iskop tal-liġi ta' l-UE. Madanakollu, ħafna minn dawn l-ilmenti jaqgħu taħt il-mandat ta' l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali fin-netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen (ara iżjed 'l isfel fit-taqsima 2.5).

**Eżempju ta' lment li ma kienx kontra istituzzjoni jew korp tal-Komunità**

F'Jannar 2007, ilmentatur issottometta ilment lill-Ombudsman li kien jikkonċerna r-raġunijiet li għalihom kien tkeċċa mill-pożizzjoni li kellu fl-Unjoni Ewropea tal-Punent (WEU). L-ilment sar kontra s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, is-Sur Javier SOLANA, li huwa wkoll is-Segretarju Ġenerali tal-WEU.

Mill-ilment deher li d-deċiżjoni kkontestata ttieħdet mis-Sur SOLANA fil-kapaċità tiegħu ta' Segretarju Ġenerali tal-WEU. Peress li l-WEU m'hijiex korp jew istituzzjoni tal-Komunità, l-Ombudsman ma kienx intitolat li jindirizza l-ilment.

*128/2007/FOR*

## Amministrazzjoni ħażina

L-Ombudsman Ewropew konsistentement adotta l-pożizzjoni li amministrazzjoni ħażina hija kunċett wiesa' u l-amministrazzjoni tajba teħtieġ, fost affarijiet oħra, il-konformità mar-regoli u l-prinċipji legali, inklużi d-drittijiet fundamentali. Madankollu, il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jmorru lil hinn minn hekk, billi jesiġu mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità mhux biss li jirrispettaw l-obbligi legali tagħhom, iżda wkoll li jkunu orjentati lejn is-servizzi u jassiguraw li l-membri tal-pubbliku jkunu ttrattati sewwa u jgawdu mid-drittijiet tagħhom b'mod sħiħ. Għalhekk, waqt li l-illegalità neċessarjament timplika amministrazzjoni ħażina, l-amministrazzjoni ħażina mhux bilfors tkun tinvolvi illegalità. Għaldaqstant, is-sejbiet ta' amministrazzjoni ħażina mill-Ombudsman mhux bilfors jimplikaw li hemm imġieba illegali li tista' tiġi ssanzjonata mill-qorti.[2]

B'reazzjoni għal talba mill-Parlament Ewropew għal definizzjoni ċara ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman offra d-definizzjoni li ġejja fir-Rapport Annwali tiegħu ta' l-1997:

*Amministrazzjoni ħażina tokkorri meta korp pubbliku ma jaġixxix skond regola jew prinċipju li jorbtu.*

Fl-1998, il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni li tilqa' b'merħba din id-definizzjoni. Skambju ta' korrispondenza bejn l-Ombudsman u l-Kummissjoni matul l-1999 għamilha ċara li l-Kummissjoni qablet ukoll fuq din id-definizzjoni.

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li oriġinarjament kienet ipproklamata f'Diċembru 2000 u li mbagħad reġgħet ġiet iffirmata u pproklamata fit-12 ta' Diċembru 2007 qabel l-iffirmar tat-Trattat ta' Liżbona fit-13 ta' Diċembru 2007[3], tinkludi d-dritt għall-amministrazzjoni tajba bħala dritt fundamentali taċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni (Artikolu 41).

L-Artikolu 43 tal-Karta jinkludi d-dritt għall-ilment lill-Ombudsman Ewropew, li jipprovdi mekkaniżmu estern li permezz tiegħu l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità jistgħu jissejħu sabiex iwieġbu għal amministrazzjoni ħażina. Huwa importanti li nirrikonoxxu li kultura ta' servizz liċ-ċittadini tifforma parti integrali mill-amministrazzjoni tajba. Din ma għandhiex tiġi konfuża mal-kultura tal-ħtija li tinkoraġġixxi d-difensività. F'dan il-kuntest, għandu jiġi innotat li l-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman ma jikkostitwixxu ebda proċedura dixxiplinarja jew pre-dixxiplinarja.

L-istrateġija ta' l-Ombudsman għall-promozzjoni tal-kultura tas-servizzi tinkludi mhux biss diversi inizjattivi proattivi, iżda testendi wkoll għall-mod kif jiġu mistħarrġa l-ilmenti. Parti importanti

2 Ara, f'dan il-kuntest, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-28 ta' Ottubru 2004 fil-każijiet konġunti T-219/02 u T-337/02, *Herrera vs Il-Kummissjoni*, par. 101, u ta' l-4 ta' Ottubru 2006 fil-każ T-193/04 R, *Hans-Martin Tillack* vs *Il-Kummissjoni*, par. 128.

3 ĠU 2007 C 303.

minn kultura ta' servizzi hija l-ħtieġa li jintgħarfu l-iżbalji meta jseħħu u li l-fatti jitpoġġew fid-dawl reali jekk ikun possibbli. Apoloġija minnufih tista' tkun biżżejjed sabiex tissodisfa l-ilmentatur, jew għall-inqas sabiex tevita l-ħtieġa li l-Ombudsman jagħmel xi forma ta' kritika formali ta' l-istituzzjoni kkonċernata.

**Apoloġija mill-Kunsill tissodisfa lill-ilmentatur**

Ċittadin Irlandiż ilmenta ma' l-Ombudsman li l-Kunsill kien bagħtlu tweġiba bl-Ingliż. Huwa saħaq li l-Kunsill għandu jwieġbu bl-Irlandiż u jitlob apoloġija lilu u lill-organizzazzjoni tiegħu talli kiser l-Artikolu 21 tat-Trattat tal-KE.

Fil-fehma tiegħu, il-Kunsill għaraf li l-Unità ta' l-Informazzjoni Pubblika tiegħu wieġbet bl-Ingliż għall-email tal-ilmentatur li kienet miktuba bl-Irlandiż. Il-Kunsill talab apoloġija għall-inkonvenjenza u pprovda traduzzjoni tat-tweġiba tiegħu għall-Irlandiż. Saħaq ukoll li fil-ġejjieni, huwa ser ikun qiegħed jassigura li talbiet għal informazzjoni bl-Irlandiż jiġu mwieġba b'dik il-lingwa.

L-ilmentatur aċċetta l-apoloġija tal-Kunsill u laqa' d-deċiżjoni dwar l-impenn tiegħu li jassigura li l-korrispondenza bl-Irlandiż minn hawn 'il quddiem tkun imwieġba bl-Irlandiż.

L-Ombudsman għalaq dan il-każ, minħabba li l-Kunsill solva l-kwistjoni għas-sodisfazzjon tal-ilmentatur.

*2580/2006/TN*

F'każijiet iżjed kumplessi li fihom l-Ombudsman jagħmel sejba preliminari ta' amministrazzjoni ħażina, huwa jipprova, jekk ikun possibbli, jippromwovi "soluzzjoni amikevoli" li tkun aċċettata kemm mill-ilmentatur kif ukoll mill-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat. Madankollu, huwa importanti li jiġi innotat li d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Istatut (Artikolu 3.5[4]) u d-Dispożizzjonijiet Implimentattivi (Artikolu 6.1[5]) japplikaw biss jekk ikun jidher li hemm amministrazzjoni ħażina u jekk ikun jidher possibbli li din tiġi eliminata.

### Il-Kodiċi Ewropew ta' Mġieba Amministrattiva Tajba

Fis-6 ta' Settembru 2001, il-Parlament Ewropew approva l-Kodiċi ta' Mġieba Amministrattiva Tajba li l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni Ewropea, l-amministrazzjonijiet tagħhom u l-uffiċjali tagħhom għandhom jirrispettaw fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku. Il-kodiċi jikkunsidra l-prinċipji tal-liġi amministrattiva Ewropea inkluża fil-ġurisprudenza tal-qrati Ewropej u huwa inspirat mil-liġijiet nazzjonali. Il-Parlament talab lill-Ombudsman sabiex huwa wkoll japplika l-Kodiċi ta' Mġieba Amministrattiva Tajba. Għaldaqstant, l-Ombudsman jieħu f'kunsiderazzjoni r-regoli u l-prinċipji inklużi fil-Kodiċi meta jkun qiegħed jeżamina l-ilmenti kif ukoll meta jkun qiegħed jagħmel investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess.

## 2.3 L-AMMISSIBBILTÀ U R-RAĠUNIJIET GĦALL-INVESTIGAZZJONIJIET

Qabel ma l-Ombudsman ikun jista' jiftaħ investigazzjoni, ilment minn ilmentatur awtorizzat dwar amministrazzjoni ħażina minn korp jew istituzzjoni tal-Komunità jrid qabelxejn jilħaq kriterji ulterjuri ta' ammissibbiltà. Dawn il-kriterji, kif stipulati fl-artikoli pertinenti ta' l-Istatut, jispeċifikaw li:

4 "Sakemm ikun possibbli, l-Ombudsman għandu jfittex soluzzjoni ma' l-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat sabiex jelimina l-possibbiltajiet ta' amministrazzjoni ħażina u sabiex jissodisfa lill-ilmentatur."

5 "Jekk l-Ombudsman isib każ ta' amministrazzjoni ħażina, sakemm ikun possibbli, huwa għandu jikkoopera ma' l-istituzzjoni kkonċernata fit-tiftix għal soluzzjoni amikevoli sabiex jeliminaha u sabiex jissodisfa lill-ilmentatur."

1. l-awtur u l-materja ta' l-ilment iridu jkunu identifikati (Artikolu 2(3) ta' l-Istatut);
2. l-Ombudsman jista' ma jintervjenix f'każijiet li jkunu quddiem il-qrati jew jiddubita mill-validità tad-deċiżjoni tal-qorti (Artikolu 1(3) ta' l-Istatut);
3. l-ilment irid isir fi żmien sentejn mid-data ta' meta l-fatti li fuqhom ikun ibbażat l-ilment ikunu ġew għall-attenzjoni tal-ilmentatur (Artikolu 2(4) ta' l-Istatut);
4. l-ilment irid ikun ippreċedut minn approċċi amministrattivi xierqa għall-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat (Artikolu 2(4) ta' l-Istatut); u
5. fil-każ ta' ilmenti li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet tax-xogħol bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi u l-uffiċjali tagħhom, iridu jiġu eżawriti l-possibiltajiet għas-sottomissjoni ta' talbiet u ilmenti amministrattivi interni qabel jitressaq it-tali ilment (Artikolu 2(8) ta' l-Istatut).

L-Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE jawtorizza lill-Ombudsman sabiex "jagħmel investigazzjonijiet li għalihom iħoss li hemm biżżejjed provi". F'uħud mill-każijiet, jista' ma jkunx hemm biżżejjed provi għall-Ombudsman sabiex jibda l-investigazzjoni, anki jekk l-ilment ikun ammissibbli. Hawn taħt qegħdin jingħataw tliet eżempji ta' każijiet bħal dawn.

L-Ombudsman jikkunsidra wkoll li, jekk ilment ikun diġà ġie indirizzat bħala petizzjoni mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, normalment ma jkun hemm ebda raġuni għal investigazzjoni mill-Ombudsman, sakemm ma tiġix ippreżentata evidenza ġdida.

Kollox ma' kollox, 42% tal-każijiet ammissibbli li ġew indirizzati fl-2007 kienu meqjusa bħala li m'għandhomx bażi għal investigazzjoni.

**Eżempji ta' ilmenti li fihom ma kienx hemm biżżejjed provi sabiex tinbeda investigazzjoni**

Ċittadin Rumen allega mal-Kummissjoni Ewropea li t-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-karozzi inposta mill-awtoritajiet Rumeni tmur kontra l-liġi Komunitarja.

Bħala tweġiba għal dan, il-Kumissjoni għarrfet lill-ilmentatur li kienet fetħet proċedura ta' ksur kontra r-Rumanija sabiex tassigura li ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni kontra l-karozzi użati li jiġu importati. Il-Kummissjoni żiedet li hija ma talbitx lir-Rumanija sabiex tneħħi t-taxxa għalkollox, ladarba fil-liġi Komunitarja ma hemm l-ebda bażi legali biex issir tali talba.

Bħala tweġiba għal sottomissjoni ulterjuri mill-istess ċittadin, il-Kummissjoni qalet li f'dak il-mument kienet qiegħda teżamina l-abbozz leġiżlattiv Rumen, li suppost jintroduċi l-emendi neċessarji għar-regoli Rumeni dwar it-tassazzjoni tal-karozzi sabiex dawn jinġiebu f'konformità ma' Artikolu 90 tat-Trattat tal-KE.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman Ewropew, l-ilmentatur esprima n-nuqqas ta' sodisfazzjon għat-tweġibiet mogħtija mill-Kummissjoni. Huwa saħaq li l-Kummissjoni għandha titlob li l-awtoritajiet Rumeni jabolixxu jew inaqqsu t-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-karozzi.

L-Ombudsman deherlu li r-raġunijiet li ġew ipprovduti mill-Kummissjoni kienu raġonevoli, u li ma kienx hemm biżżejjed provi biex tinfetaħ investigazzjoni.

Fl-ispirtu ta' kooperazzjoni effettiva kif imsemmija fl-Istqarrija adottata min-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen (ara l-Kapitolu 5) u b'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-ilmentatur kien esprima wkoll nuqqas ta' sodisfazzjon ma' l-awtoritajiet Rumeni, l-Ombudsman Ewropew deherlu li kien utli li jgħarraf lill-Ombudsman Rumen bl-ilment u bil-proċeduri ta' ksur li għadhom għaddejjin.

L-Ombudsman Ewropew għarraf ukoll lill-Kummissjoni b'dan u ssuġġerixxa li l-Ombudsman Rumen għandu jinżamm infurmat bil-passi ulterjuri li jittieħdu fil-proċedura ta' ksur.

*2543/2007/RT*

Il-ilmentatriċi allegat li l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) kien ser jagħmel ħsara lil bini ta' valur storiku u li wieġeb l-ittri tagħha rigward il-kwistjoni b'mod arroganti u mhux xieraq. Hija hemżet kopja ta' l-ittra tagħha lill-BĊE, iżda ma hemżitx l-ittra tal-BĊE. Wara li talab u kiseb kopja tat-tweġiba tal-BĊE mingħand il-ilmentatriċi, l-Ombudsman innota li din spjegat li l-BĊE ma kienx ser jagħmel xi ħsara jew tkissir fil-bini, iżda kien ser jirrestawrah u jużah. Barra minn hekk, l-ittra saħqet li l-BĊE jagħti ħafna importanza lill-kjarifika tal-kwistjonijiet li semmiet il-ilmentatriċi u stedinha sabiex tindirizza kwalunkwe mistoqsija oħra li jista' jkollha lill-esperti tiegħu. L-Ombudsman deherlu li t-tweġiba tal-BĊE kienet waħda raġonevoli u ta' għajnuna u li, għaldaqstant, ma kien hemm ebda bażi għal investigazzjoni.

*630/2007/WP*

Kumpanija Taljana ilmentat ma' l-Ombudsman dwar diversi aspetti tal-mod li bih imxiet il-Kummissjoni mal-kumpanija matul l-investigazzjoni ta' l-allegat kartell fl-industrija ta' l-aluminju fluworidu. Fost affarijiet oħra, il-kumpanija ilmentat li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta injorat it-talba tagħha għal sentenza inqas ħarxa meta bagħtet l-istqarrija ta' l-oġġezzjonijiet, falliet milli tirrispetta d-drittijiet tagħha ta' difiża u sfurzatha ma tagħtix każ ta' ordni maħruġa mill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali billi talbitha tirritorna ċerti dokumenti lill-Kummissjoni.

L-Ombudsman irreveda bir-reqqa l-każ sottomess mill-ilmentatur. F'dak li għandu x'jaqsam mat-talba għal sentenza inqas ħarxa, l-Ombudsman innota li l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni finali fuq il-ħruxija tas-sentenza ladarba tagħlaq l-investigazzjoni rilevanti. Billi tipprovdi lill-ilmentatur bl-informazzoni dwar il-perspettiva tal-Kummissjoni fuq il-possibbiltà ta' sentenza inqas ħarxa u bl-għoti lill-ilmentatur ta' estensjoni tal-ġranet sabiex jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu fl-istqarrija ta' l-oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni ppermettiet lill-ilmentatur sabiex jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta' difiża. Fir-rigward ta' l-għoti lura tad-dokumenti, l-Ombudsman innota li l-Kummissjoni pprovdiet ċerti dokumenti kunfidenzjali lill-ilmentatur bi żball u li, skond il-leġiżlazzjoni rilevanti, kienet intitolata, u saħansitra obbligata, sabiex taħdem ħalli dawn jingħataw lura mill-aktar fis possibbli. Għalkemm il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-obbligi kollha li jista' jkollha l-liġi Taljana skond il-liġi kriminali Taljana b'relazzjoni mad-dokumenti, l-ilmentatur ma ġabx provi li l-Kummissjoni falliet milli tagħmel dan.

Għaldaqstant, l-Ombudsman ikkunsidra li ma kienx hemm biżżejjed provi sabiex tinfetaħ investigazzjoni.

*2118/2007/IP*

## 2.4 L-ANALIŻI TA' L- ILMENTI EŻAMINATI FL-2007

Matul l-2007, l-Ombudsman irċieva 3 211-il ilment ġdid, imqabbla mat-3 830 li rċieva fl-2006. Skond il-prattika stabbilita, l-ilmenti kollha li wasslu għal investigazzjoni huma magħduda fl-istatistiċi mħejjija mill-Ombudsman. Madankollu, sabiex tiġi evitata d-diskrepanza, l-ilmenti inammissibli mibgħuta bl-e-mail, li ħafna drabi jaqbżu l-eluf, jiġu magħduda separatament fl-istatistiċi sa u inkluż il-ħdax ilment.

L-ilmenti li ntbagħtu direttament miċ-ċittadini individwali jammontaw għal 3 056 każ, u 155 intbagħtu minn assoċjazzjonijiet jew kumpaniji.

Matul l-2007, il-proċess ta' l-eżaminazzjoni ta' l-ilmenti sabiex jiġi deċiż jekk jaqgħux fi ħdan il-mandat, jekk jilħqux il-kriterji ta' ammissibbiltà u jekk jipprovdux provi biżżejjed sabiex tinfetaħ investigazzjoni kienu jammontaw għal 95% tal-każijiet. Mill-ilmenti kollha li ġew eżaminati, ftit iktar minn 26% kienu jaqgħu fi ħdan il-mandat ta' l-Ombudsman. Minn dawn, 518-il każ laħqu l-kriterji ta' l-ammissibbiltà iżda 215 minnhom ma pprovdewx biżżejjed provi għal investigazzjoni.

Matul is-sena nfetħu total ta' 303 investigazzjonijiet ġodda fuq il-bażi ta' l-ilmenti. L-Ombudsman beda wkoll sitt investigazzjonijiet minn jeddu. Analiżi statistika ta' dawn l-investigazzjonijiet tinsab fl-Anness A.

Kollox ma' kollox, l-Ombudsman Ewropew ħadem fuq total ta' 641 investigazzjoni fl-2007, bi 332 minnhom isiru fl-2006.

Bħal fis-snin preċedenti, il-maġġoranza ta' l-investigazzjonijiet kienu jikkonċernaw il-Kummissjoni (413, jew 64% tat-total). Minħabba li l-Kummissjoni hija l-istituzzjoni Komunitarja ewlenija li tieħu deċiżjonijiet li jħallu impatt dirett fuq iċ-ċittadini, huwa normali li hija tkun fil-mira ta' l-ilmenti taċ-ċittadini. Kien hemm 87 investigazzjoni li jikkonċernaw l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (l-EPSO), 59 rigward il-Parlament Ewropew, 22 dwar l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u 8 kienu jikkonċernaw il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

L-iżjed tipi komuni ta' allegazzjoni ta' amministrazzjoni ħażina kienu n-nuqqas ta' trasparenza, inkluż ir-rifjut ta' l-għoti ta' l-informazzjoni (216-il każ), l-inġustizzja u l-abbuż tal-poter (135 każ), proċeduri mhux sodisfaċenti (102 każijiet), dewmien żejjed (69 każ), diskriminazzjoni (63 każ), negliġenza (62 każ), żbalji legali (35 każ), u nuqqas ta' assigurar ta' ssodisfar ta' l-obbligi, jew fi kliem ieħor, nuqqas mill-Kummissjoni Ewropea li tkopri l-irwol tagħha ta' "gwardjan tat-Trattat" vis-à-vis l-Istati Membri (24 każ).

## 2.5 TRASFERIMENTI U PARIRI

Jekk ilment ma jaqax fi ħdan il-mandat, l-Ombudsman,għandu jipprova jagħti parir lill-ilmentatur ta' korp ieħor li jkun jista' jindirizza l-ilment, speċjalment jekk il-każ ikun jinvolvi l-liġi ta' l-UE. Jekk ikun possibbli, u diment li jkun hemm biżżejjed raġunijiet għall-ilment, l-Ombudsman, bil-kunsens tal-ilmentatur, għandu jittrasferih direttament lil korp kompetenti ieħor.

Kif ġie nnotat diġà, l-Ombudsman Ewropew jikkoopera mill-qrib ma' l-ombudsman reġjonali u nazzjonali li hemm fl-Istati Membri permezz tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen (Ara l-Kapitolu 5 iżjed 'l isfel). Wieħed mill-għanijiet tan-Netwerk huwa li jiffaċilita t-trasferiment fil-pront ta' l-ilmenti lill-ombudsman reġjonali jew nazzjonali kompetenti jew lil xi korp simili. Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew jipparteċipa wkoll fin-Netwerk bħala membru sħiħ.

### Trasferimenti

Matul l-2007, ġew trasferiti 92 ilment. Minn dawn, 51 ġew ippreżentati lil ombudsman reġjonali jew nazzjonali, 20 lill-Parlament Ewropew biex jiġu indirizzati bħala petizzjonijiet, 12 lil SOLVIT[6], sebgħa lill-Kummissjoni Ewropea u tnejn lil korpi oħrajn.

6 SOLVIT huwa netwerk imwaqqaf mill-Kummissjoni Ewropea sabiex jgħin lin-nies li jiffaċċjaw ostakoli meta jippruvaw jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fis-suq intern ta' l-Unjoni.

**Eżempji ta' każijiet li jinvolvu n-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen**

Omm l-ilmentatur ħadmet fi Franza u issa qiegħda tgħix fil-Brażil. Il-fond tal-pensjonijiet Franċiż (il-CRAM) issospendielha l-pagamenti tal-pensjoni tagħha fl-2002 minħabba xi diffikultajiet mas-sistema bankarja Brażiljana.

Il-każ għadda għand l-Ombudsman Franċiż, li f'Marzu 2007 għarraf lill-Ombudsman Ewropew li kienet instabet soluzzjoni. Omm l-ilmentatur kisbet domiċilju bankarju f'bank Brażiljan, approvat mill-korp finanzjarju li jħallas il-pensjonijiet f'isem il-CRAM. Fil-5 ta' Frar 2007, l-ammonti bl-arretrati ngħatawlha.

*1036/2005/ESB*

Ċittadin Spanjol ilmenta li s-sistema "Via Verde" għal nollijiet imraħħsa ta' l-awtostradi Portugiżi m'hijiex disponibbli għaċ-ċittadini ta' l-UE li m'humiex residenti fil-Portugall. Minħabba li l-ilment kien jikkonċerna l-awtoritajiet nazzjonali, l-Ombudsman Ewropew għadda l-każ lill-Ombudsman Portugiż.

Wara li għamel l-investigazzjoni, l-Ombudsman Portugiż irrapporta li s-sistema "Via Verde" tinvolvi t-tnaqqis awtomatiku tan-nollijiet mill-kont bankarju ta' l-utent. Sabiex jibbenifika mis-sistema, l-utent għandu jkollu kont bankarju ma' bank li jappartjeni għan-netwerk "Multibanco", li jinkludi żewġ banek Spanjoli. L-Ombudsman Portugiż innota wkoll li, għalkemm il-limtazzjonijiet tas-sistema kurrenti jistgħu jiġu ddubitati fuq il-bażi tal-prinċipji tal-kompetizzjoni u l-libertà kuntrattwali fis-settur bankarju, id-Direttiva 2004/52/KE dwar l-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi tan-nollijiet tat-toroq fil-Komunità għandha toħloq sistema uniformi ta' ħlas ta' nollijiet tat-toroq b'mod elettroniku fuq livell Ewropew sa l-2011. Fid-dawl ta' dan li ntqal hawn fuq, l-Ombudsman Portugiż ikkonkluda li ma hemmx bżonn ta' iżjed investigazzjonijiet u għalhekk għalaq il-każ.

*2681/2006/BM*

Ċittadin Finlandiż residenti fl-Iżvezja lmenta ma' l-Ombudsman Ewropew li l-Aġenzija tas-Sigurtà Soċjali Żvediża ma kkalkulatx sewwa l-intitolament tiegħu għall-benefiċċju tal-mard.

Ladarba l-ilment kien kontra awtorità nazzjonali, l-Ombudsman Ewropew ta parir lill-ilmentatur sabiex jikkuntattja lill-Ombudsman Żvediż.

L-Ombudsman Ewropew kiteb ukoll lill-Ombudsman Żvediż sabiex jgħarrfu li l-ilment iqajjem kwistjoni ta' l-applikazzjoni korretta tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1408/71 ta' l-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità.

*2828/2007/AL*

Ċittadin Ċek li kien qed jaħdem fl-Irlanda lmenta li l-awtoritajiet tat-taxxa Irlandiżi issekwestrawlu l-karozza, li kienet irreġistrata fir-Repubblika Ċeka, minħabba li ma kienx ħallas it-Taxxa Irlandiża fuq ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi. Skond l-ilmentatur, din it-taxxa hija ekwivalenti għat-taxxa ta' l-importazzjoni.

L-Ombudsman Ewropew ta parir lill-ilmentatur sabiex jindirizza lill-Ombudsman Irlandiż, li s-servizzi tiegħu kkonfermaw li l-ilmentatur seta' jiktbilhom bil-lingwa Ċeka jekk isib diffikultajiet biex jikteb bl-Ingliż.

L-Ombudsman Ewropew għarraf ukoll lill-ilmentatur li, jekk il-kwistjoni ma tkunx tista' tiġi riżolta fuq il-livell nazzjonali, huwa seta' jikkunsidra li jressaq ilment quddiem il-Kummissjoni. L-Ombudsman Ewropew irrefera wkoll għall-ġurisprudenza rilevanti[7] li tikkonċerna t-tassazzjoni tal-karozzi użati importati.

*2510/2007/BU*

7 Każ C-47/88 *Il-Kummissjoni vs id-Danimarka*, [1990] ECR I-4509, paragrafi 10, 21 u 22.

**Minn investigazzjoni għal azzjoni tal-Kummissjoni u ta' l-awtoritajiet Portugiżi**

Fl-2001, l-ilmentatur waqqaf faċilità għat-trobbija u t-tgħammir tal-frott tal-baħar fil-port ta' Nazaré (fiċ-ċentru tal-Portugall). Wara ftit xhur, l-ilmentatur innota żieda sostanzjali fir-rata ta' l-imwiet tal-frott tal-baħar. L-analiżi ta' l-ilma fil-port indikat livelli għolja ta' ċerti komposti, notevolment it-tributyltin, li jintużaw l-aktar fiż-żebgħa ta' kontra s-sadid. Skond l-ilmentatur, iż-żebgħat ta' kontra s-sadid għadhom jintużaw ħafna fil-Portugall sabiex jiksu l-qafas tal-vapuri u d-dgħajjes tas-sajd u jinbiegħu liberament lis-sajjieda fi ħdan iz-zona tal-ġuriżdizzjoni ta' l-awtorità tal-port, kif ukoll f'portijiet oħra fiċ-ċentru tal-Portugall.

Wara li l-kwistjoni ġiet riferuta mingħajr suċċess lill-awtoritajiet Portugiżi, l-ilmentatur issottometta ilment kontra l-Portugall mal-Kummissjoni. Skond l-ilmentatur, il-Kummissjoni ppreżentat l-ilment mingħajr ma ħadet aktar azzjoni fuq il-bażi ta' l-ispjegazzjonijiet ta' l-awtoritajiet Portugiżi li, fil-qosor, l-ilmijiet tal-port ta' Nazaré ma kienux meqjusa bħala adattati għat-tkabbir tal-frott tal-baħar.

Skond l-ilmentatur, l-awtorizzazzjoni li kien kiseb mill-awtoritajiet Portugiżi kienet għall-produzzjoni tal-gandoffli u l-ilmijiet li fihom kien beda din il-produzzjoni kienet tajba għal dan l-iskop.

Fl-ilment tiegħu ppreżentat lill-Ombudsman Ewropew, l-ilmentatur esprima l-fehma li kien ovvju li l-awtoritajiet Portugiżi kienu pprovdew lill-Kummissjoni b'informazzjoni inkorretta. Huwa allega li l-Kummissjoni kienet naqset milli tipprovdilu raġunijiet adegwati għaliex ikkunsidrat l-ispjegazzjonijiet ta' l-awtoritajiet Portugiżi bħala sodisfaċenti.

L-Ombudsman Ewropew talab lill-Kummissjoni sabiex tissottometti l-opinjoni tagħha sal-31 ta' Jannar 2008. Huwa għarraf ukoll lill-Ombudsman Portugiż dwar dan l-ilment. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni ppreżentata mill-Ombudsman Ewropew, l-Ombudsman Portuġiż iddeċieda li jiftaħ investigazzjoni fuq l-azzjonijiet ta' l-awtoritajiet Portugiżi u għarraf b'dan lill-Prosekutur Ġenerali Portugiż.

L-Ombudsman Ewropew u l-Ombudsman Portugiż biħsiebhom jinfurmaw lil xulxin bi kwalunkwe progress li jkun hemm fl-investigazzjonijiet.

*1618/2007/JF*

**Eżempji ta' każijiet trasferiti lill-Kummissjoni Ewropea**

Ċittadin Bulgaru lmenta ma' l-Ombudsman Ewropew li l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2002/22/KE, li jagħti lill-konsumaturi d-dritt li jżommu n-numru eżistenti tat-telefon ċellulari tagħhom jekk jibdlu l-kumpanija li tipprovdilhom is-servizz, ma ġietx implimentata fil-Bulgarija u li l-Kummissjoni naqset milli tieħu azzjoni f'din il-kwistjoni. Huwa saħaq li l-Kummissjoni għandha tiftaħ proċeduri ta' ksur tal-liġi.

L-ilmentatur kien f'kuntatt ma' diversi servizzi tal-Kummissjoni, li kienu għarrfuh bil-possibiltà li jippreżenta ilment dwar ksur tal-liġi skond l-Artikolu 226 tat-Trattat tal-KE. Madankollu, ma jidhirx li l-ilmentatur għamel dan. Għaldaqstant, l-Ombudsman ikkunsidra l-ilment bħala mhux ammissibbli kontra l-Kummissjoni, minħabba li l-approċċi amministrattivi xierqa li kellhom isiru qabel baqgħu ma sarux.

Madankollu, l-Ombudsman innota li l-formola ta' l-ilmenti tal-Kummissjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' l-Istati Membri milli jikkonformaw mal-liġi Komunitarja kienet għadha m'hijiex disponibbli bil-Bulgaru. F'dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjoni kurrenti, l-Ombudsman għalhekk ittrasferixxa l-ilment lill-Kummissjoni sabiex ikun jista' jiġi ttrattat bħala ilment dwar ksur kontra l-Bulgarija. Huwa talab ukoll lill-Kummissjoni sabiex tgħarrfu meta l-formola ta' l-ilmenti tkun disponibbli bil-Bulgaru.

Bi tweġiba għal dan, il-Kummissjoni spjegat li l-liġi Bulgara dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi, li tittrasponi l-qafas regolatorju ta' l-UE għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, ġiet adottata fl-10 ta' Mejju 2007. Qalet li ser teżamina din il-leġiżlazzjoni u tikkunsidra l-miżuri neċessarji sabiex tassigura l-implimentazzjoni korretta tal-qafas regolatorju ta' l-UE. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll il-*link* għall-verżjoni Bulgara tal-formola ta' l-ilmenti, li sadanittant laħqet tlestiet u tpoġġiet disponibbli għall-pubbliku.

*1466/2007/VIK*

Fl-2006, l-Ombudsman irċieva diversi ilmenti mingħand ċittadini Spanjoli kontra l-manifattur tal-mediċina Agreal. Skond l-ilmentaturi, huma sofrew numru ta' effetti serji fuq is-saħħa tagħhom wara li ħadu din il-mediċina, bħal uġigħ ta' ras, dipressjoni, u nuqqas ta' mobilità. L-ilmentaturi fittxew li dan il-prodott jiġi pprojbit.

Minħabba li l-Kummissjoni hija l-Istituzzjoni li għandha s-setgħat legali meħtieġa fuq il-livell ta' l-UE sabiex tieħu azzjoni fuq kwistjonijiet bħal dawn, l-Ombudsman ittrasferixxa l-każijiet lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni sussegwentement għarrfet lill-Ombudsman li hija kienet talbet lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (l-EMEA) għal parir fuq jekk azzjoni Komunitarja tkunx meħtieġa. F'Lulju 2007, l-EMEA ħabbret li kienet irrakkomandat lill-Kummissjoni li l-mediċini kollha li fihom is-sustanza "veralipride", inkluża l-Agreal, għandhom jiġu rtirati mis-suq Ewropew.

Il-Kummissjoni sussegwentement adottat deċiżjoni li titlob lill-Istati Membri sabiex jirrevokaw l-awtorizzazzjonijiet tat-tqegħid fis-suq għal prodotti mediċinali li fihom il-"velalipride", minħabba li l-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju kien meqjus bħala wieħed negattiv.

*1369/2006/JMA; 1698/2006/(BM)JMA; 1699/2006/(BM)JMA; 1700/2006/(BM)JMA; 1701/2006/(BM)JMA; 1751/2006/(BM)JMA; 2192/2006/JMA; 2318/2006/JMA; u 3143/2006/JMA*

**Eżempju ta' każ trasferit lil SOLVIT**

L-ilmentatur kien ċittadin Bulgaru li kiseb diploma bħala tabib mediku fil-Bulgarija. Wara l-adeżjoni tal-Bulgarija ma' l-UE, huwa xtaq jipprattika l-mediċina fi Franza u kiseb ċertifikat ta' konformità mill-Ministeru tas-Saħħa Bulgaru. Madankollu, il-Kunsill Nazzjonali Franċiż tat-Tobba rrifjuta ċ-ċertifikat ta' konformità, minħabba li dan ma semmiex id-Direttiva 93/16. L-awtoritajiet Bulgari insistew li ċ-ċertifkiat kien validu mingħajr ir-referenza konċernata.

L-Ombudsman ittrasferixxa l-ilment liċ-ċentru ta' SOLVIT fil-Bulgarija, li ftit wara għarraf lill-Ombudsman li l-każ kien issolva u li l-ilmentatur kien ġie pprovdut b'ċertifikat ta' konformità li jippermettilu jipprattika l-professjoni tiegħu fi Franza.

*1698/2007/RT*

### Pariri

Kien hemm 1 862 każ li ngħatawlhom il-pariri. Fi 816-il każ minn dawn, l-ilmentaturi ngħataw parir sabiex jirrikorru għall-ombudsman reġjonali jew nazzjonali tagħhom u f'109 każijiet sabiex jagħmlu petizzjoni lill-Parlament Ewropew. Fi 308 każijiet, ir-rakkomandazzjoni li ngħatat kienet li jikkuntattjaw lill-Kummissjoni Ewropea. Din il-figura tinkludi xi każijiet li fihom l-ilment kontra l-Kummissjoni ġie ddikjarat bħala mhux ammissibbli minħabba li ma tteħdux l-approċċi amministrattivi xierqa qabel ma tressaq l-ilment. F'69 każ, is-suġġeriment kien li jikkuntattjaw lil SOLVIT, filwaqt li 766 ilmentatur ingħataw il-parir li jikkuntattjaw korpi oħrajn, l-aktar ombudsmen speċjalizzati jew korpi li jindirizzaw dawn it-tip ta' ilmenti fl-Istat Membru konċernat.

## 2.6 IL-PROĊEDURI TA' L-OMBUDSMAN

L-lmenti kollha li jintbagħtu lill-Ombudsman jiġu rreġistrati u rikonoxxuti, normalment fi żmien ġimgħa minn meta jaslu. Id-dikjarazzjoni ta' rċevuta li tintbagħat tgħarraf lill-ilmentatur bil-proċedura u tkun tinkludi numru ta' referenza, kif ukoll l-isem u n-numru tat-telefon tal-persuna li tkun qiegħda tindirizza l-ilment. L-ilment jiġi analizzat sabiex jiġi ddeterminat jekk għandhiex tinfetaħ investigazzjoni u l-ilmentatur jiġi mgħarraf bir-riżultat ta' l-analiżi, normalment fi żmien xahar.

Jekk ma tinfetaħx investigazzjoni, l-ilmentatur jiġi mgħarraf bir-raġuni. Fejn ikun possibbli, l-ilment jiġi trasferit, jew l-ilmentatur jingħata parir xieraq dwar korp kompetenti li għandu jirrikorri għalih.

## Kif tinbeda investigazzjoni

L-ewwel pass f'investigazzjoni huwa li jintbagħat l-ilment lill-istituzzjoni jew lill-korp ikkonċernat u u li dan jintalab jibgħat opinjoni lill-Ombudsman, normalment fi żmien tliet xhur kalendarji. Fl-2004, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni qablu li jnaqqsu ż-żmien ta' stennija għal xahrejn għall-ilmenti kontra r-rifjut ta' l-aċċess għad-dokumenti.

## Il-proċedura ġusta

Il-prinċipju ta' proċedura ġusta jitlob li d-deċiżjoni ta' l-Ombudsman fuq ilment ma tistax tieħu f'kunsiderazzjoni l-informazzjoni inkluża fid-dokumenti pprovduti jew mill-ilmentatur, inkella mill-korp jew mill-istituzzjoni tal-Komunità, sakemm il-parti l-oħra ma kellhiex l-opportunità tara dawn id-dokumenti u tagħti l-fehma tagħha.

Għaldaqstant, l-Ombudsman jibgħat l-opinjoni tal-korp jew ta' l-istituzzjoni tal-Komunità lill-ilmentatur bi stedina sabiex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom. L-istess proċedura tiġi segwita jekk ikunu meħtieġa iżjed investigazzjonijiet fuq l-ilment.

La t-Trattat u lanqas l-Istatut ma jipprovdu għal appell jew għal rimedji oħra kontra d-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman rigward l-ittrattar jew ir-riżultat aħħari ta' ilment. Madankollu, bħall-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħrajn kollha tal-Komunità, l-Ombudsman huwa suġġett għall-azzjonijiet għall-ħsarat skond l-Artikolu 288 tat-Trattat tal-KE. Huwa possibbli, fil-prinċipju, li tali azzjoni tinġieb quddiem il-qrati tal-Komunità fuq il-bażi ta' l-allegat nuqqas ta' trasparenza fl-investigazzjoni ta' l-ilment mill-Ombudsman.

## L-ispezzjoni tal-fajls u s-smigħ tax-xhieda

L-Artikolu 3(2) ta' l-Istatut ta' l-Ombudsman jitlob lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità biex jipprovdu lill-Ombudsman bi kwalunkwe informazzjoni li jitlobhom u jagħtuh aċċess għall-fajls konċernati. Huma jistgħu jirrifjutaw li jagħmlu dan għal raġunijiet issostanzjati ta' segretezza biss.

Is-setgħa ta' l-Ombudsman li jispezzjona l-fajls tippermettilu jivverifika l-kompletezza u l-eżattezza ta' l-informazzjoni mgħoddija mill-korp jew l-istituzzjoni Komunitarja konċernata. Għaldaqstant, hija garanzija importanti lill-ilmentatur u lill-pubbliku li l-Ombudsman jista' jagħmel investigazzjoni bir-reqqa u kompleta.

L-Artikolu 3(2) ta' l-Istatut jesiġi wkoll li l-uffiċċjali u ħaddiema oħrajn ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità jixhdu għat-talba ta' l-Ombudsman.

Matul l-2007, is-setgħa ta' l-Ombudsman li jispezzjona l-fajls ta' l-istituzzjoni ntużat fi 18-il każ. Is-setgħa li tinstema' x-xhieda ntużat f'każ wieħed.

## Il-proċedura miftuħa

L-ilmenti lill-Ombudsman jiġu indirizzati b'tali mod li jkun hemm transparenza ċara għall-pubbliku sakemm l-ilmentatur ma jitlobx li kollox jinżamm kunfidenzjali.

L-Artikolu 13 tad-Dispożizzjonijiet Implimentattivi jistipula li l-ilmentatur għandu jkollu aċċess għall-fajl ta' l-Ombudsman fuq l-ilment tiegħu. L-Artikolu 14 jipprovdi għall-aċċess pubbliku għal dokumenti miżmuma mill-Ombudsman, suġġetti għall-istess kundizzjonijiet u limiti bħal dawk stipulati mir-Regolament 1049/2001[8]. Madankollu, meta l-Ombudsman jispezzjona l-fajl ta' l-istituzzjoni jew il-korp konċernat jew jieħu evidenza mingħand xi xhud, la l-ilmentatur u lanqas

[8] Regolament (KE) 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ĠU 2001 L 145, p. 43.

il-pubbliku ma jista' jkollu aċċess għad-dokumenti kunfidenzjali miksuba b'riżultat ta' l-ispezzjoni jew is-smigħ (Artikoli 13.3 u 14.2). L-iskop ta' din l-esklużjoni huwa li tiġi ffaċilitata s-setgħa ta' l-Ombudsman fil-qadi ta' dmirijietu.

## 2.7 IR-RIŻULTATI TA' L- INVESTIGAZZJONIJIET

Matul investigazzjoni, l-ilmentatur jinżamm infurmat b'kull pass ġdid li jittieħed. Meta mbagħad l-Ombudsman jiddeċiedi li jagħlaq l-investigazzjoni, huwa jgħarraf lill-ilmentatur bir-riżultati ta' l-investigazzjoni u bil-konklużjonijiet tiegħu. Id-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman ma jorbtux legalment u ma joħolqux drittijiet jew obbligi li jistgħu jiġu nfurzati b'mod legali għall-ilmentatur, jew għall-istituzzjoni jew korp konċernat.

Fl-2007, l-Ombudsman għalaq 348 investigazzjoni, li 341 minnhom kienu marbuta ma' ilmenti u s-sebgħa l-oħra saru fuq inizjattiva tiegħu stess.

Jekk investigazzjoni tkun tittratta aktar minn allegazzjoni jew klejm waħda, dawn jistgħu jwasslu għal diversi sejbiet mill-Ombudsman.

### Ebda prova ta' amministrazzjoni ħażina

Fl-2007, ingħalqu 95 każ, inklużi tliet investigazzjonijiet fuq inizjattiva personali, li fihom instab li ma kien hemm ebda tip ta' amministrazzjoni ħażina. Dan m'huwiex neċessarjament riżultat negattiv għall-ilmentatur, li għall-inqas ikun ibbenifika minn spjegazzjoni fid-dettall mill-istituzzjoni jew il-korp konċernat tal-ħidma mwettqa. Barra minn hekk, anki jekk l-Ombudsman ma jsibx li kien hemm amministrazzjoni ħażina, huwa jista' jidentifika punti u jagħti l-opportunità lill-istituzzjoni jew il-korp sabiex itejjeb il-kwalità ta' l-amministrazzjoni fil-ġejjieni. F'każijiet bħal dawn, l-Ombudsman jagħmel rimarka ulterjuri.

### Każijiet solvuti mill-istituzzjoni u soluzzjonijiet amikevoli

Kull meta jkun possibbli, l-Ombudsman jipprova jilħaq riżultat pożittiv miż-żewġ naħat li jissodisfa kemm lill-ilmentatur kif ukoll lill-istituzzjoni li jkun sar l-ilment kontriha. Il-kooperazzjoni ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità hija essenzjali għas-suċċess fil-ksib ta' tali riżultati, li jgħinu sabiex isaħħu r-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini u li jistgħu jevitaw il-ħtieġa ta' litigazzjonijiet fit-tul u spejjeż żejda.

Matul l-2007, 129 każ, inkluża investigazzjoni fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman stess, ġew solvuti mill-istituzzjoni jew mill-korp innifsu wara ilment lill-Ombudsman. Minn fost dawn, 93 kienu każijiet li fihom l-intervent ta' l-Ombudsman għen sabiex tinkiseb tweġiba minnufih għall-korrispondenza mhux imwieġba (ara t-taqsima 2.9 tar-Rapport Annwali 1998 għad-dettalji tal-proċedura). L-għan ta' l-Ombudsman f'każijiet bħal dawn huwa li jsolvi l-problema malajr kemm jista' jkun, ħalli jiġi evitat il-ftuħ ta' investigazzjoni għal sejbien ta' amministrazzjoni ħażina. Fl-2007, din il-proċedura intużat b'suċċess fi tliet każijiet (723/2007/MHZ, 1624/2007/JMA, 2201/2007/JMA) sabiex tgħin lill-Kummissjoni ssolvi l-każ billi tissupplimenta t-tweġiba preċedenti tagħha.

**Spjegazzjoni ta' l-iskop ta' Direttiva**

L-ilmentatur, ċittadin Spanjoli li jgħix fi Spanja, talab lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni kontra l-awtoritajiet tar-Renju Unit u ta' l-Estonja talli talbu lil martu, li hi ta' nazzjonalità Belarussa, sabiex tikseb visa qabel iżżur dawk il-pajjiżi. Skond l-ilmentatur, ir-rekwiżiti tal-visa jmorru kontra d-Direttiva 2004/38/KE[9] ("id-Direttiva"). Bi tweġiba għal dan, il-Kummissjoni spjegat li martu ma kinitx intitolata sabiex tibbenefika mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva, li jeżentaw liċ-ċittadini minn pajjiżi terzi li jkollhom "kard ta' residenza" minn kull talba għal visa mill-Istati Membri ta' l-UE.

L-ilmentatur reġa' kiteb lill-Kummissjoni, fejn sostna li d-Direttiva tidher li tapplika għaċ-ċittadini kollha tal-KE u għall-familjari tagħhom u li martu kellha l-permess tar-residenza. Fit-tieni tweġiba tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva ma japplikax għall-mara tal-ilmentatur minħabba li l-permess tar-residenza tagħha m'huwiex il-"kard tar-residenza" kif stipulat fl-Artikolu 10 tad-Direttiva, iżda ngħata taħt, u huwa rregolat esklussivament mil-liġi Spanjola.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni kienet kuntrarja għad-Direttiva.

L-Ombudsman deherlu li t-tweġibiet tal-Kummissjoni kienu legalment korretti, iżda jħoss li dawn setgħu ġew abbozzati b'mod li jkunu iżjed ċari u għalhekk jinftiehmu aħjar. Is-servizzi tal-Kummissjoni qablu li jibagħtu tweġiba addizzjonali lill-ilmentatur, li fiha ġie spjegat li d-Direttiva tapplika għaċ-ċittadini ta' l-UE li jiċċaqilqu lejn, jew jgħixu fi Stat Membru differenti minn dak li tiegħu huma ċittadini huma u l-membri familjari li jakkumpanjawhom. Għaldaqstant, id-Direttiva ma tapplikax għaċ-ċittadini li jibqgħu fl-Istat Membru tagħhom, jew f'dak tal-familji tagħhom. It-tweġiba tal-Kummissjoni kienet tinkludi wkoll spjegazzjoni ċara tal-kunċett ta' "kard ta' residenza" u r-relazzjoni ta' din ma' dispożizzjonijiet oħrajn tad-Direttiva. It-tweġiba inkludiet ukoll numru ta' eżempji b'illustrazzjoni. Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni wriet kif l-abbozz ta' l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva jiżvantaġġja l-familji taċ-ċittadini ta' l-UE li ma eżerċitawx id-dritt għall-moviment ħieles, iżda d-direttiva tista' tiġi emendata biss permezz tal-proċess leġiżlattiv.

L-Ombudsman deherlu li t-tweġiba addizzjonali kienet biżżejjed sabiex issolvi l-każ. Fid-dawl ta' l-aħħar punt tat-tweġiba tal-Kummissjoni, l-Ombudsman għarraf ukoll lill-Parlament Ewropew bis-sitwazzjoni.

*2201/2007/JMA*

Kif indikat fir-Rapport Annwali ta' l-2006 (ara t-taqsira ta' l-ilmenti 3297/2006/BU u 3684/2006/BU), l-Ombudsman beda jutilizza iżjed il-proċeduri informali, bil-ftehim u l-kooperazzjoni ta' l-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat, sabiex isolvi l-problemi b'mod iżjed flessibbli. Eżempju ta' każ simili li jinvolvi l-Kummissjoni huwa inkluż hawn taħt. Il-Kunsill sa anki ħatar persuna fis-segretarjat tiegħu, biex tkun ikkuntattjata direttament mis-servizzi ta' l-Ombudsman bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet permezz ta' proċeduri informali.

**Siltiet neqsin mid-dikjarazzjoni ta' Schuman**

Professur Franċiż ilmenta li l-frażi li tikkonċerna l-importanza ta' l-iżvilupp tal-kontinent Afrikan tneħħiet mit-test tad-dikjarazzjoni ta' Schuman minn fuq is-sit elettroniku ta' l-Europa fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha minbarra l-Franċiż. Jumejn wara li ġew ikkuntattjati mill-Ombudsman, is-servizzi tal-Kummissjoni kitbu lill-ilmentatur fejn spjegawlu li l-verżjonijiet mhux kompluti kienu ġew trasferiti mis-sit elettroniku oriġinali, li kienet ilha għaddejja 'l fuq minn għaxar snin u li t-tneħħija tal-frażi kien aktarx ir-riżultat ta' żball tekniku. Huma ħadu r-responsabbilta li jirranġaw dan in-nuqqas hekk kif is-servizzi tat-traduzzjoni jkunu lestew ix-xogħol neċessarju.

L-Ombudsman ikkunsidra li t-tweġiba mill-Kummissjoni għalqet il-każ, iżda għarraf lill-ilmentatur li huwa seta' jagħmel ilment ġdid jekk ma jħossux sodisfatt bil-passi meħuda mill-Kummissjoni. L-Ombudsman irringrazzja wkoll lis-servizzi tal-Kummissjoni għall-azzjoni immedjata u effettiva li ħadu biex jipprovdu soluzzjoni malajr.

*2650/2007/FOR*

---

9 Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-dritt taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu u jirrisjedu liberament ġewwa t-territorju ta' l-Istati Membri; ĠU 2004 L 158, p. 77.

Jekk investigazzjoni twassal għal sejbien ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman għandu, kull meta jkun possibbli, jipprova jsib soluzzjoni amikevoli. Matul is-sena ġew magħluqa ħames każijiet wara li nstabet soluzzjoni amikevoli. Fl-aħħar ta' l-2007, 31 proposta għal soluzzjoni amikevoli kienu għadhom qegħdin jiġu kkunsidrati.

F'xi każijiet, soluzzjoni amikevoli tista' tinkiseb jekk l-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat joffri kumpens lill-ilmentatur. Kwalunkwe offerta bħal din issir *ex gratia*, jiġifieri, mingħajr ammissjoni ta' responsabbiltà legali u mingħajr ma jinħoloq preċedent legali.

Għal eżempji ta' soluzzjonijiet amikevoli miksuba mill-Ombudsman, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima 3.3 ta' dan ir-Rapport.

## Rimarki kritiċi u abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet

Jekk soluzzjoni amikevoli mhix possibbli jew jekk it-tfittxija għal tali soluzzjoni tirriżulta fin-negattiv, l-Ombudsman jista' jew jagħlaq il-każ b'rimarka kritika lill-istituzzjoni jew lill-korp ikkonċernat jew inkella jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni.

Rimarka kritika normalment issir meta (i) ma jkunx iżjed possibbli għall-istituzzjoni kkonċernata li telimina l-amministrazzjoni ħażina, (ii) l-amministrazzjoni ħażina jkun jidher li ma kellha ebda implikazzjonijiet ġenerali, u (iii) ma jkun meħtieġ li tittieħed ebda azzjoni ta' segwitu mill-Ombudsman. Rimarka kritika ssir ukoll jekk l-Ombudsman jikkunsidra li abbozz ta' rakkomandazzjoni ma jkun ser iservi għal ebda skop utli jew jekk ma jidhirx li jkun xieraq li jiġi ppreżentat rapport speċjali lill-Parlament f'każ fejn l-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat jonqos milli jaċċetta abbozz ta' rakkomandazzjoni.

Rimarka kritika tikkonferma lill-ilmentatur li l-ilment tiegħu huwa ġustifikat u jindika lill-istituzzjoni jew lill-korp ikkonċernat x'ikun għamel ħażin, sabiex jgħinha tevita każ ta' amministrazzjoni ħażina fil-ġejjieni. Fl-2007, l-Ombudsman għalaq 55 investigazzjoni b'rimarki kritiċi. Lista sħiħa ta' dawn il-każijiet hija pprovduta fl-Anness D.

Matul l-2007, l-Ombudsman għamel studju dwar dak li sar mill-istituzzjonijiet involuti wara li kien għamel ir-rimarki kritiċi tiegħu u rimarki oħrajn fl-2006. L-istudju huwa disponibbli fuq is-sit elettroniku ta' l-Ombudsman (http://www.ombudsman.europa.eu). L-Ombudsman jaspira li jibda jsegwi mill-qrib dak li jkun sar u li jgħarraf lill-pubbliku bis-sejbiet tiegħu kull sena.

F'każ fejn is-segwitu ta' l-Ombudsman ikun jidher neċessarju, jiġifieri, fejn ikun possibbli għall-istituzzjoni konċernata sabiex telimina l-amministrazzjoni ħażina, jew f'każ fejn l-amministrazzjoni ħażina hija partikolarment serja, jew għandha implikazzjonijiet ġenerali, l-Ombudsman normalment jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-istituzzjoni jew lill-korp ikkonċernat. Skond l-Artikolu 3(6) ta' l-Istatut ta' l-Ombudsman, l-istituzzjoni jew il-korp irid jibgħat opinjoni dettaljata fi żmien tliet xhur. Matul l-2007, saru tmien abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet. Barra minn hekk, seba' abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet li saru fl-2006 wasslu għal deċiżjonijiet fl-2007. Matul is-sena ngħalqu tliet każijiet meta l-abbozz ta' rakkomandazzjoni ġie aċċettat mill-istituzzjoni. Każ wieħed wassal għal rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Ħames każijiet ingħalqu għal raġunijiet oħrajn. Fl-aħħar ta' l-2007, tmien abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet kienu għadhom qegħdin jiġu kkunsidrati, inkluż wieħed magħmul fl-2004 u ieħor li sar fl-2006.

## Rapporti speċjali lill-Parlament Ewropew

Jekk korp jew istituzzjoni Komunitarja jonqos milli jwieġeb b'mod sodisfaċenti għal abbozz ta' rakkomandazzjoni, l-Ombudsman jista' jibgħat rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Ir-rapport speċjali jista' jinkludi xi rakkomandazzjonijiet.

Kif ġie muri fir-Rapport Annwali ta' l-1998 ta' l-Ombudsman Ewropew, il-possibbiltà li jippreżenta rapport speċjali lill-Parlament Ewropew huwa ta' valur kbir għall-ħidma ta' l-Ombudsman.

Rapport speċjali lill-Parlament Ewropew huwa l-aħħar pass sostantiv li jista' jieħu l-Ombudsman meta jkun qed jinvestiga każ, minħabba li l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni u t-twettiq tas-setgħat tal-Parlament huma kwistjonijiet għall-ġudizzju politiku ta' l-istituzzjoni kkonċernata. L-Ombudsman naturalment jipprovdi kwalunkwe informazzjoni u assistenza li tkun meħtieġa mill-Parlament fl-indirizzar ta' rapport speċjali.

Ir-Regoli tal-Parlament Ewropew jgħabbu lill-Kumitat għall-petizzjonijiet bir-responsabbiltà għar-relazzjonijiet tal-Parlament ma' l-Ombudsman. Waqt laqgħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li saret fit-12 ta' Ottubru 2005, l-Ombudsman, b'konformità ma' l-Artikolu 195(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, qabel li jidher quddiem il-Kumitat għat-talba tiegħu stess, kull meta jippreżenta rapport speċjali lill-Parlament.

Rapport speċjali minnhom ġie ppreżentat lill-Parlament fl-2007. Dan kien jinvolvi l-każ 3453/2005/GG, li fih l-Ombudsman jikkritika lill-Kummissjoni talli ma ħadmitx fuq ilment li kien jikkonċerna d-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol fl-Ewropa.

## 2.8 ID-DEĊIŻJONIJIET GĦALL-GĦELUQ TAL-KAŻIJIET FL-2007

Id-deċiżjonijiet li jagħlqu l-każijiet normalment jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku ta' l-Ombudsman (http://www.ombudsman.europa.eu) bl-Ingliż, u bil-lingwa tal-ilmentatur jekk din tkun differenti. Il-Kapitolu 3 fih taqsiriet ta' 50 deċiżjoni li għalqu l-investigazzjonijiet. It-taqsiriet jirriflettu l-firxa ta' suġġetti u ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità li jkopru total ta' 348 deċiżjoni li għalqu l-investigazzjonijiet fl-2007, kif ukoll ir-raġunijiet varji għall-għeluq tagħhom. Huma qegħdin indiċjati bin-numru tal-każ, bis-suġġett skond il-kompetenza Komunitarja fit-tema involuta, u skond it-tip ta' amministrazzjoni ħażina allegata mill-ilmentatur.

Il-kumplament ta' din it-taqsima tal-Kapitolu 2 tanalizza l-kisbiet legali l-iżjed sinjifikanti u l-fatti misjuba fid-deċiżjonijiet. Din it-taqsima hija organizzata f'termini ta' klassifikazzjoni tematika tal-materja ewlenija tas-suġġett ta' l-investigazzjonijiet, maqsuma f'ħames kategoriji ewlenin:

- It-trasparenza (inkluż l-aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni) u l-protezzjoni tad-dejta;
- Il-Kummissjoni Ewropea bħala l-għassiesa tat-Trattat;
- Is-sejħiet għall-offerti, il-kuntratti u l-għotjiet;
- Kwistjonijiet relatati mal-persunal, fosthom ir-reklutaġġ;
- Materji oħrajn.

Għandu jiġi innotat li fil-kategoriji ta' hawn fuq hemm ċerti oqsma li jirkbu fuq xulxin. Per eżempju, kwistjonijiet tat-trasparenza u ta' l-aċċess għall-pubbliku ħafna drabi jitqajmu f'ilmenti relatati mar-reklutaġġ jew ma' l-irwol tal-Kummissjoni bħala għassiesa tat-Trattat.

### It-trasparenza, l-aċċess għall-pubbliku u l-protezzjoni tad-dejta personali

Proporzjon għoli (28%) ta' l-allegazzjonijiet investigati fl-2007 kienu jikkonċernaw in-nuqqas ta' trasparenza. L-Artikolu 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jirreferi għad-għall-fatt li d-deċiżjonijiet fl-Unjoni jittieħdu "b'mod trasparenti kemm jista' jkun possibbli", filwaqt li l-Artikolu 255 tat-Trattat tal-KE jistipula d-dritt ta' l-aċċess għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Dan id-dritt huwa rregolat mir-Regolament 1049/2001[10]. Wara l-investigazzjonijiet

10 Regolament (KE) Nru. 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess għall-pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.

minn jedd l-Ombudsman fl-1996 u fl-1999, ħafna istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-Komunità adottaw ukoll regoli fuq l-aċċess għad-dokumenti.

### *L-aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni*

Ir-Regolament 1049/2001 jagħti għażla ta' rimedji lill-applikanti: huma jistgħu jisfidaw rifjut jew fil-proċeduri tal-qorti skond l-Artikolu 230 tat-Trattat tal-KE, jew inkella billi jippreżentaw l-ilment tagħhom lill-Ombudsman. Matul l-2007, l-Ombudsman għalaq l-investigazzjonijiet fi ħdax-il ilment li kienu jikkonċernaw l-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001, li tmienja minnhom kienu kontra l-Kummissjoni, tnejn kontra l-OLAF u wieħed kontra l-Kunsill.

Investigazzjoni waħda nbidlet f'ilment kontra l-Bank Ewropew ta' l-Investiment u kienet tikkonċerna l-aċċess għad-dokumenti skond ir-regoli tal-bank stess.

Is-sommarji ta' tmienja mill-każijiet imsemmija fuq huma inklużi fil-Kapitolu 3.

Fil-każ **3697/2006/PB**, l-Ombudsman sab li t-talba sabiex jingħataw "raġunijiet dettaljati" għall-estensjoni tad-data ta' l-iskadenza biex tintbagħat tweġiba għal applikazzjoni konfermattiva skond ir-Regolament 1049/2001 ma ntlaqgħetx b'referenza ċara għall-ħtieġa sabiex jiġu kkonsultati servizzi oħrajn tal-Kummissjoni. Huwa kompla jgħid li l-Kummissjoni għandha torganizza s-servizzi amministrattivi tagħha sabiex tiżgura li l-applikazzjonijiet għall-aċċess jiġu rreġistrati sa mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol wara li jkunu rċevuti.

Fil-każ **668/2007/MHZ**, l-Ombudsman ikkritika lill-Kummissjoni għad-dewmien ta' 'l fuq minn tmien xhur fil-pubblikazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar it-tħaddim tar-Regolament 1049/2001 fl-2005. L-Ombudsman saħaq li l-pubblikazzjoni tar-rapporti hija mekkaniżmu importanti fil-kontabilità, u fil-komunikazzjoni maċ-ċittadini Ewropej.

L-Ombudsman ħadem fuq tliet każijiet li kienu jikkonċernaw eċċezzjonijiet għall-aċċess tal-pubbliku.

Fil-każ **1844/2005/GG,** l-Ombudsman esprima l-fehma li referenza ġenerali għar-riskji ta' l-għeluq maħsuba għall-proċess intern tat-teħid tad-deċiżjonijiet mhux ser ikun biżżejjed biex jiġġustifika l-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(3) tar-Regolament 1049/2001[11]. Minkejja li l-Kummissjoni ppreżentat argumenti relatati mad-dokument speċifiku, l-Ombudsman ikkunsidra, wara li spezzjona d-dokument, li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet li l-kxif kien ser itellef serjament il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.

Fil-każ **3269/2005/TN**, l-Ombudsman ġibed l-attenzjoni li fil-fehma tiegħu l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (il-privatezza u l-integrità ta' l-individwu) ma kienx jiġġustifika d-deċiżjoni tal-Kummissjoni sabiex tostor l-ismijiet ta' dawk li jipprovaw jikkonvinċu lill-industrija. Sabiex wasal għal din il-fehma, l-Ombudsman qagħad fuq id-Dokument ta' Sfond dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-Dokumenti u l-Protezzjoni tad-Dejta li kien ippubblikat mis-Sorveljatur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta. Barra minn hekk, l-Ombudsman enfasizza l-ħtieġa għat-trasparenza ta' l-attivitajiet ta' dawk li jipprovaw jikkonvinċu fil-każ **2740/2006/TN**.

Fil-każ **948/2006/BU**, l-Ombudsman għaraf li l-irwol doppju li għandu l-Bank Ewropew ta' l-Investiment, kemm bħala istituzzjoni bankarja u bħala korp Komunitarju, huwa rifless fid-dispożizzjonijiet tar-regoli tiegħu dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti li jikkonċernaw l-obbligu professjonali tas-segretezza bankarja. L-Ombudsman innota wkoll li l-BEI huwa marbut bir-Regolament 1367/2006[12], li japplika l-Konvenzjoni ta' Aarhus għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-

---

11 "Aċċess għal dokument li jinkludi l-opinjonijiet għall-użu intern bħala parti mid-deliberazzjonijiet u l-konsultazzjonijet preliminari fi ħdan l-istituzzjoni kkonċernata għandhom jiġu rrifjutati anki wara li d-deċiżjoni tkun ittieħdet jekk kemm-il darba d-dokument ikun ser ixekkel serjament il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-istituzzjoni, sakemm ma hemmx interess pubbliku qawwi fl-għarfien tiegħu."

12 Regolament (KE) Nru. 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 rigward l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità, ĠU 2006 L 264, p. 13.

Komunità. Madankollu, dak ir-Regolament ma kienx fis-seħħ meta saret it-talba tal-ilmentatur għall-aċċess.

L-Artikolu 11 tar-Regolament 1049/2001 jitlob lil kull istituzzjoni tipprovdi aċċess għall-pubbliku sabiex tirreġistra d-dokumenti li fihom ir-referenzi għad-dokumenti għandhom jiġu rrekordjati mingħajr dewmien. Fil-każ **2350/2005/GG**, l-Ombudsman esprima l-fehma li, sakemm ma jkun hemm l-ebda aċċess sempliċi jew reġistru komplut biżżejjed, l-istituzzjonijiet ta' l-UE jridu jkunu mħejjija biex jipprovdu liċ-ċittadini b'listi ad hoc meta jintalbu, anki jekk dawn jieħdu ħafna ħin biex isiru.

L-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001 għad-dejtabejżis elettroniċi toħloq problemi kemm tekniċi kif ukoll legali. Fil-każ **1693/2005/PB**, il-Kummissjoni saħqet li l-informazzjoni fuq il-kontabilità fornuta lilha mill-Istati Membri ma kinitx fil-forma ta' dokument jew dokumenti, minħabba li r-rapporti li kien fihom l-informazzjoni ddaħħlu f'*database* u ma baqgħux jeżistu fil-forma stampata. L-approċċ tal-Kummissjoni f'tali każijiet kien li tittratta l-operazzjonijiet ta' rutina għall-kisba ta' l-informazzjoni bħala dokumenti. Madankollu, l-informazzjoni mitluba mill-ilmentatur teħtieġ ipprogrammar ġdid u kumpless. Minkejja li qies l-approċċ tal-Kummissjoni bħala li ma kienx sodisfaċenti, l-Ombudsman ma kompliex jinvestiga l-każ minħabba li l-kwistjonijiet legali kienu ġodda u kkumplikati u setgħu jiġu eżaminati mil-leġiżlatur tal-Komunità, minn perspettiva ġenerali, fil-kuntest tar-riforma mħabbra tar-Regolament 1049/2001.

Fil-każ **2370/2005/OV**, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (l-EMEA) qablet li tipprovdi l-informazzjoni bi tweġiba għat-tliet mistoqsijiet imqajma mill-ilmentatur.

### *Il-protezzjoni tad-dejta*

Ittieħdu żewġ deċiżjonijiet fuq ilmenti li qajjmu, fost affarijiet oħrajn, kwistjonijiet li jikkonċernaw id-drittijiet tal-ilmentaturi għall-protezzjoni tad-dejta.

Il-Każ **452/2005/BU** kien jikkonċerna il-kxif mhux awtorizzat ta' l-ismijiet tal-kandidati għall-kariga ta' kap ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni. Is-Sorveljatur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta pprovda lill-Ombudsman bl-informazzjoni dwar l-investigazzjonijiet li kien għamel huwa stess. Fl-opinjoni tagħha lill-Ombudsman, il-Kummissjoni qalet li ma setgħetx tidentifika s-sors ta' min kixef għaliex ma setgħetx tistabbilixxi liema persuni kellhom l-aċċess għad-dejta personali kkonċernata. L-Ombudsman għamel rimarka kritika, fejn qal li dan kien inkompatibbli ma' l-obbligi tal-Kummissjoni skond ir-Regolament 45/2001[13].

Il-Każ **183/2006/MF** kien jikkonċerna t-tweġiba ta' l-Europol għat-talba tal-ilmentatriċi sabiex tkun taf x'informazzjoni kellha dwarha. Id-deċiżjoni ta' l-Ombudsman ħalliet il-mistoqsija miftuħa fuq ir-relazzjoni bejn il-kumitat ta' l-appelli mwaqqaf mill-Konvenzjoni Ewropea u l-irwol tiegħu skond l-Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE. Fil-każ imsemmi, il-ilmentatriċi ma pprovditx informazzjoni konkreta sabiex tissostanzja l-allegazzjoni tagħha kontra d-deċiżjoni ta' l-Europol. Barra minn hekk, il-Kumitat ta' l-Appelli talab apoloġija u rranġa l-iżball bi tweġiba għall-appell tagħha.

Matul l-2007, l-Ombudsman ikkuntattja lis-Sorveljatur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta fi tmien każijiet, skond il-Memorandum ta' Ftehim iffirmat fit-30 ta' Novembru 2006. F' sitta minn dawn il-każijiet, l-investigazzjoni ta' l-Ombudsman kienet għadha għaddejja fl-aħħar ta' l-2007. Iż-żewġ każijiet li ngħalqu fl-2007 diġà ssemmew iżjed 'il fuq (**452/2005/BU** u **3269/2005/TN**).

## Il-Kummissjoni bħala għassiesa tat-Trattat

Ir-regola tal-liġi hija prinċipju fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Wieħed mid-doveri l-aktar importanti tal-Kummissjoni huwa li tkun l-għassiesa tat-Trattat[14]. L-Artikolu 226 tat-Trattat tal-KE

13 Regolament (KE) Nru. 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-ħarsien ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment ħieles ta' tali dejta, ĠU 2001 L 8, p. 1.

14 L-Artikolu 211 tat-Trattat tal-KE jitlob lill-Kummissjoni sabiex "tassigura li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-miżuri meħuda mill-istituzzjonijiet ikunu applikati kif xieraq".

joħloq proċedura ġenerali li biha l-Kummissjoni tista' tinvestiga u tirrikorri għall-Qorti tal-Ġustizzja għal kull ksur li jista' jkun hemm tal-liġi Komunitarja mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tista' tinvestiga minn jeddha, fuq il-bażi ta' l-ilmenti, jew b'reazzjoni għat-talbiet mill-Parlament Ewropew sabiex tittratta petizzjonijiet indirizzati lilha skond l-Artikolu 194 tat-Trattat tal-KE. Jistgħu jiġu applikati proċeduri oħrajn fir-rigward ta' kwistjonijiet speċifiċi bħalma huma l-għajnuna illegali mill-istat.

L-ilmenti li ma jaqgħux fi ħdan il-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew spiss ikunu jikkonċernaw allegazzjoni ta' ksur tal-liġi Komunitarja mill-Istati Membri. Ħafna mill-każijiet bħal dawn jistgħu jiġu indirizzati aħjar minn membru ieħor tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen. Madankollu, f'uħud mill-każijiet, l-Ombudsman iqis li jkun aktar xieraq li jittrasferixxi l-ilment lill-Kummissjoni. It-taqsima 2.5 msemmija fuq tagħti xi eżempji taż-żewġ approċċi.

L-Ombudsman jirċievi u jaħdem fuq ilmenti kontra l-Kummissjoni fl-irwol tagħha bħala għassiesa tat-Trattat. Meta l-Ombudsman jiftaħ investigazzjoni fuq tali lment, dejjem joqgħod attent sabiex jagħmilha ċara lill-ilmentatur, fejn ikun meħtieġ, li l-investigazzjoni m'hijiex ser teżamina jekk hemmx ksur jew le, għaliex l-Ombudsman Ewropew m'għandux mandat biex jinvestiga l-azzjonijiet ta' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri.

Il-Kapitolu 3 jinkludi sommarji ta' sitt deċiżjonijiet li juru kif l-Ombudsman jindirizza l-ilmenti kontra l-Kummissjoni fl-irwol tagħha bħala għassiesa tat-Trattat.

Fir-rigward ta' l-obbligi proċedurali tal-Kummissjoni lejn l-ilmentaturi, il-punt ta' referenza ewlieni ta' l-Ombudsman huwa l-Komunikazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni[15], bi tweġiba għall-kritika mill-Ombudsman. Il-Komunikazzjoni tisħaq li, bħala regola ġenerali, id-dipratimenti tal-Kummissjoni jinvestigaw ilmenti bil-għan li jaslu għal deċiżjoni sabiex joħorġu nota uffiċjali, jew sabiex jagħlqu l-każ, fi żmien ta' mhux iżjed minn sena minn meta l-ilment jiġi rreġistrat mis-Segretarjat Ġenerali. Punt 3 tal-Komunikazzjoni jispjega ċ-ċirkostanzi li fihom is-Segretarjat Ġenerali jista' ma jirreġistrax korrispondenza bħala ilment u jitlob li l-ilmentatur jiġi mgħarraf b'dan b'korrispondenza normali. Fil-każ **446/2007/WP**, l-Ombudsman għamel enfasi fuq l-importanza ta' l-applikazzjoni b'mod korrett ta' din l-aħħar dispożizzjoni.

Il-Każ **3453/2005/GG** kien jikkonċerna l-indirizzar mill-Kummissjoni ta' ilment dwar in-nuqqas ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol. F'Rapport Speċjali ppreżentat lill-Parlament Ewropew, l-Ombudsman esprima l-fehma li d-diskrezzjoni tal-Kummissjoni fi kwistjonijiet relatati ma' l-allegazzjonijiet ta' ksur tal-liġi Komunitarja mill-Istati Membri ma jagħtihiex is-setgħa li tipposponi b'mod indefinit il-konklużjoni fuq l-ilment minħabba li l-liġi preżenti tista' tiġi emendata fil-ġejjieni. Fil-każ **962/2006/OV** l-Ombudsman enfasizza wkoll li d-diskrezzjoni tal-Kummissjoni fl-indirizzar ta' l-ilmenti ta' dan it-tip ma trendix il-prinċipju ġenerali li d-deċiżjonijiet iridu jittieħdu f'perjodu ta' żmien raġonevoli f'wieħed inapplikabbli.

Ombudsman reġjonali ppreżenta ilment li l-Kummissjoni kienet naqset milli twieġeb għat-talbiet dwar il-konformità ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi reġjonali mal-liġi Komunitarja (każ **3386/2005/WP**). Il-Kummissjoni tat l-ispjegazzjonijiet tagħha fil-qafas ta' l-investigazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew u b'hekk issodisfat lill-ilmentatur.

Żewġ ilmenti qajmu mistoqsijiet li jikkonċernaw ir-relazzjoni bejn l-irwol ta' l-awtoritajiet nazzjonali u dak tal-Kummissjoni fl-assigurar ta' l-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja dwar l-ambjent u fl-indirizzar ta' l-ilmenti. Fil-każ **3660/2004/PB**, l-Ombudsman sab li l-Kummissjoni kienet tat spjegazzjonijiet ċari ta' l-irwol strateġiku li kellha b'relazzjoni ma' l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħabitats[16] u d-Direttiva dwar l-Iskart[17]. Fil-każ **2725/2004/(PB)ID**, l-Ombudsman iċċara wkoll

15 Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u l-Ombudsman Ewropew dwar ir-relazzjonijiet mal-ilmentatur fir-rigward tal-ksur tal-liġi Komunitarja, ĠU 2002 C 244, p. 5.

16 Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi, ĠU 1992 L 206, p. 7.

17 Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975 dwar l-iskart, ĠU 1975 L 194, p. 39.

l-irwol tiegħu fl-investigazzjonijiet ta' l-ilmenti kontra l-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-evalwazzjonijiet ta' l-impatt ambjentali skond id-Direttiva 85/337[18].

Fil-każ **1166/2006/WP**, l-Ombudsman innota li l-liġi ta' l-UE dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-affarjiet kriminali għadha tiġi deċiża minn proċeduri intergovernamentali, sabiex il-possibbiltajiet tal-Kummissjoni biex tieħu azzjoni jkunu pjuttost limitati. Huwa aċċetta wkoll bħala raġonevoli, l-argument tal-Kummissjoni li ma kienx hemm bżonn li tkompli tinvestiga l-każ imsemmi minħabba li l-qrati Taljani ġeneralment jaċċettaw l-applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem*, li jipprojbixxi l-istituzzjoni tal-proċeduri legali darbtejn għall-istess kawża ta' azzjoni.

Fil-każ **943/2006/MHZ,** l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni li wasslet għall-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet provviżorji ta' l-*anti-dumping* fuq l-importazzjoni ta' ċerti żraben. Id-deċiżjoni ta' l-Ombudsman uriet ukoll il-limitazzjoni tar-reviżjoni li għamel hu f'każijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet ekonomiċi kumplessi.

## Is-sejħiet għall-offerti, il-kuntratti[19] u l-għotjiet

L-Ombudsman jindirizza wkoll ilmenti rigward l-għoti, in-nuqqas ta' għoti u l-ġestjoni tal-kuntratti u l-għotjiet. Madankollu, meta titfaċċa kwistjoni ta' ksur ta' kuntratt, l-Ombudsman jillimita l-investigazzjoni tiegħu għall-eżaminazzjoni ta' jekk il-korp jew l-istituzzjoni tal-Komunità interpretatx il-bażi legali b'mod koerenti u raġonevoli għall-azzjonijet tagħha u għaliex temmen li l-pożizzjoni li ħadet hija waħda ġusta.

Il-Kapitolu 3 jinkludi sommarji ta' tmien deċiżjonijiet li juru kif l-Ombudsman jindirizza ilmenti ta' dan it-tip.

Erbgħa mill-każijiet kienu jikkonċernaw is-sejħiet għall-offerti. Fil-każ **3693/2005/ID**, l-Ombudsman ikkunsidra l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn dawk li jitfgħu l-offerti u l-obbligi relatati mat-trasparenza fil-proċeduri għas-sejħiet ta' l-offerti. Fil-każ imsemmi, il-Kummissjoni falliet milli tagħti raġunijiet validi għaliex ma aċċettatx sejħa imma l-Ombudsman ma setax jaċċetta r-rimedju li semma l-ilmentatur, minħabba li l-kunratti rilevanti kienu diġà ngħataw, ġew iffirmati, u kienu qegħdin jinħadmu. Tliet każijiet oħrajn wasslu għal riżultati sodisfaċenti għall-ilmentaturi. Fil-każijiet **1858/2005/BB** u **1859/2005/BB**, dak li qabel kien iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tar-Razziżmu u l-Ksenofobija aċċetta soluzzjoni amikevoli li fiha pprovda informazzjoni aħjar lil persuna li tefgħet l-offerta tagħha, iżda li ma ntgħażlitx, liema informazzjoni kienet turi kif l-offerta tiegħu setgħet titqabbel ma' dik ta' l-organizzazzjoni li rebħet il-kuntratt. Fil-każ **2633/2006/WP**, il-Kummissjoni rrevediet l-evalwazzjoni tagħha tal-kwalità ta' offerta għal servizzi ta' traduzzjoni u offriet kuntratt ta' qafas lill-ilmentatur.

Tliet każijiet li jinvolvu disputi finanzjarji mal-Kummissjoni ġew ukoll solvuti b'mod sodisfaċenti. Fil-każijiet **3495/2006/GG** u **1471/2007/(CC)/RT**, il-Kummissjoni malajr għamlet il-ħlasijiet addizzjonali mitluba mill-ilmentatur, Università Ġermaniża fl-ewwel każ u ditta Franċiża ta' konsulenza fit-tieni. Fil-każ **2577/2004/OV**, il-Kummissjoni aċettat il-proposta ta' l-Ombudsman għal soluzzjoni amikevoli u naqqset l-ammont li kellha tieħu mingħand kuntrattur. Fil-każ **2468/2004/OV**, il-Kummissjoni waqqfet pagament li kellha tagħti lill-kumpanija tal-ilmentatur u elenkatu fis-Sistema ta' Twissija Bikrija (EWS) tagħha. L-Ombudsman ma sab ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ammont tal-pagament imwaqqaf, iżda kkritika lill-Kummissjoni talli l-ilmentatur kien imniżżel iżjed minn darba fil-lista ta' l-EWS.

18 Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-evalwazzjoni ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, ĠU 1985 L 175, p. 40.

19 L-ilmenti relatati ma' kuntratti ta' *impjiegi* huma indirizzati fis-sub-sezzjoni "Kwistjonijiet relati mal-persunal".

## Kwistjonijiet relatati mal-persunal

Il-Kapitolu 3 jinkludi sommarji ta' tmien deċiżjonijiet dwar ilmenti fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-persunal, li turi l-firxa ta' ilmenti indirizzati taħt din l-intestatura. Ħamsa minn dawn l-ilmenti jikkonċernaw proċeduri ta' reklutaġġ, tnejn jikkonċernaw ir-relazzjonijiet tax-xogħol ma' l-istituzzjonijiet, u wieħed jikkonċerna applikazzjoni ta' reklutaġġ. Erba' mill-każijiet ser jissemmew hawnhekk.

Il-Każ **3346/2004/ELB** kien jikkonċerna l-ħtieġa imposta mill-EPSO li l-kandidati riedu jirreġistraw u jikkuntattjawha fil-ħin. L-Ombudsman aċċetta l-ġustifikazzjonijiet ġenerali ta' l-EPSO għal din it-talba, iżda rrakkomanda li kellha tkun lesta tikkunsidra raġunijiet ta' eċċezzjoni. L-EPSO ma laqgħetx l-abbozz ta' rakkomandazzjoni għal raġunijiet ta' konvenjenza amministrattiva. Fil-każ **3114/2005/MHZ**, l-Ombudsman ikkritika l-kwalifiki lingwistiċi mitluba fil-kompetizzjonijiet miftuħa organizzati mill-EPSO wara t-tkabbir ta' l-Unjoni fl-2004.

Id-deċiżjoni tal-każ **3278/2004/ELB** laqgħet ir-rabta li ħa l-Parlament Ewropew sabiex jirrevedi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tan-nisa li jreddgħu fil-kompetizzjonijiet miftuħa, u talab lill-Parlament sabiex jassigura li r-regoli jirriflettu bilanċ ġust u prudenti fl-interessi tal-kompetizzjoni u tal-prinċipji involuti, inkluż dak tat-trattament ugwali tal-kandidati. Fil-każ **2825/2004/OV**, l-Ombudsman ma sab ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina mill-Parlament Ewropew b'relazzjoni ma' l-interferenza politika fil-ħatra ta' kap ta' l-uffiċċju ta' l-informazzjoni fil-Parlament fi Stat Membru.

B'żieda ma' dan, l-investigazzjoni li saret fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman fuq l-integrazzjoni tan-nies b'diżabilità mill-Kummissjoni Ewropea (**OI/3/2003/JMA**) indirizzat il-kwistjoni ta' l-impjiegi u kienet suċċess f'diversi oqsma.

## Materji oħrajn

Il-Kapitolu 3 jinkludi wkoll numru ta' sommarji li ma jaqgħux taħt il-kategoriji msemmija fis-sub-sezzjonijiet preċedenti. Hawnhekk ser jissemmew sitta.

L-Ombudsman ħadem fuq tliet ilmenti kontra l-Kummissjoni dwar l-eżattezza ta' l-informazzjoni, bi tnejn minnhom (**1475/2005/(IP)GG** u **1476/2005/(BB)GG**) ikunu dwar il-materjal ta' informazzjoni rigward id-drittijiet tal-passiġġieri ta' l-ajru. L-Ombudsman ikkonkluda li wħud mill-istqarrijiet ikkritikati mill-ilmentaturi ma kienux korretti. Il-Kummissjoni aċċettat abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet sabiex issewwi l-iżball. Fil-każ **2403/2006/(WP)BEH**, li kien jikkonċerna allegazzjoni ta' informazzjoni żbaljata fuq sit elettroniku tal-Kummissjoni, l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina. Huwa saħaq li l-obbligu li tkun korretta u eżatta ma jċaħħdux lill-Kummissjoni milli tissimplifika l-informazzjoni sabiex tagħmilha aċċessibbli kemm jista' jkun possibbli għall-udjenza fil-mira.

Il-każ **1103/2006/BU** kien jikkonċerna deċiżjoni ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni (EASA) fuq it-tip ta' ċertifikati maħruġa għal ċerti ajruplani. Wara li analizza d-dispożizzjonijiet legali rilevanti, l-Ombudsman ma kienx konvint li d-deċiżjoni kellha bażi legali suffiċjenti. Bi tweġiba għal proposta għal soluzzjoni amikevoli, l-EASA qalet li issa kienet f'pożizzjoni li tikseb l-informazzjoni meħtieġa sabiex toħroġ ċertifikat u għaldaqstant irrevokat id-deċiżjoni kkontestata.

L-Ombudsman ikkummenta wkoll fuq żewġ deżjonijiet kontra l-Bank Ewropew ta' l-Investiment (BEI) li ttieħdu minn NGOs Pollakki li jaħdmu fil-qasam ta' l-ambjent. Fil-każ **1779/2006/MHZ**, ir-rimarka addizzjonali nkoraġġiet lill-BEI sabiex jikkunsidra li jikkomunika ma', u jitlob l-informazzjoni mingħand min huwa inkarigat fuq bażi nazzjonali jew reġjonali, bħalma huma l-ombudsmen, li jistgħu jservu bħala sorsi addizzjonali ta' informazzjoni rigward il-konformità tal-proġetti ffinanzjati mill-BEI mal-liġi nazzjonali u Ewropea. Fil-każ **1807/2006/MHZ**, l-Ombudsman innota li l-ilmentaturi kellhom irwol importanti fl-assitenza lill-BEI sabiex jgħarrfuh b'ċerti affarijiet li huwa ma jkunx jaf dwarhom. L-Ombudsman inkoraġġixxa lill-BEI sabiex ikompli jaħdem ma' l-NGOs.

# IS-SOMMARJI TAD-DEĊIŻJONIJIET



3

© silense/www.stockxpert.com

# 3 IS-SOMMARJI TAD-DEĊIŻJONIJIET

Dan il-kapitolu jikkonsisti f'għażla ta' sommarji tad-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman meħuda fl-2007, billi juri l-firxa wiesgħa ta' suġġetti u istituzzjonijiet involuti fl-ilmenti u fl-investigazzjonijiet fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman stess. Dan il-kapitolu jinkludi wkoll is-sommarji tad-deċiżjonijiet imsemmija fl-analiżi tematika tat-tieni Kapitolu. Is-sommarji tad-deċiżjonijiet fuq l-ilmenti huma organizzati l-ewwel skond it-tip tas-sejba jew ir-riżultat u mbagħad skond l-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat. Il-Kapitolu jagħlaq b'sommarju ta' deċiżjoni li ssegwi l-investigazzjoni fuq inizjattiva personali u b'eżempju tal-każ sottomess mill-ombudsman nazzjonali.

Fi ħdan kull sub-sezzjoni ta' dan il-kapitolu, il-każijiet huma ppreżentati f'ordni skond in-numru tal-każ. Per eżempju, fis-sub-sezzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-taqsima 3.1, il-każ 1166/2006/WP jiġi qabel il-każ 2280/2006/MF. Id-deċiżjoni sħiħa ta' kull każ tista' tinstab fit-taqsima tad-deċiżjonijiet (http://www.ombudsman.europa.eu) fuq is-sit elettroniku ta' l-Ombudsman. Id-deċiżjoni rilevanti tista' tinstab permezz tan-numru tal-każ. Id-deċiżjonijiet sħaħ huma inklużi fuq is-sit bl-Ingliż u bil-lingwa li fiha jkun sar l-ilment, jekk din tkun differenti. Lista tad-deċiżjonijiet kollha kif jidhru fuq is-sit elettroniku tista' tinġabar mill-Uffiċċju ta' l-Ombudsman.

## 3.1 IL-KAŻIJIET FEJN MA NSTABX LI KIEN HEMM AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA

### Il-Kummissjoni Ewropea

#### Allegat nuqqas biex jiġi assigurat rispett għad-direttivi ambjentali b'rabta ma' proġett ta' diga fil-Portugall

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2725/2004/(PB)ID kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentaturi ressqu lment ta' ksur mal-Kummissjoni, dwar il-proġett tad-Diga u l-Ġibjun ta' Alqueva fil-Portugall. Fl-ilment tagħhom lill-Ombudsman, huma allegaw, fil-qosor, li l-Kummissjoni kienet naqset milli tieħu azzjoni biex tassigura rispett għad-Direttiva 85/337[1] u d-Direttiva 92/43[2] b'rabta mal-proġett imsemmi hawn fuq.

L-Ombudsman qies li l-għanijiet tad-Direttiva 85/337 huma moqdija iktar meta l-argumenti dwar l-adegwatezza u l-korrettezza ta' Valutazzjoni ta' l-Impatt Ambjentali (EIA), fid-dawl ta' l-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva, jiġu sottomessi lil, u kkunsidrati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-kuntest tal-proċedura ta' kunsens għal żvilupp, skond l-Artikoli 6 u 8 tad-Direttiva. Minħabba li

[1] Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, ĠU 1985 L 175, p. 40.

[2] Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, ĠU 1992 L 206, p. 7.

l-Kummissjoni għandha tassigura konformità ma' l-Artikolu 8 tad-Direttiva, hija għandha tittratta b'mod diliġenti l-allegazzjonijiet magħmula f'ilment ta' ksur li Stat Membru ta permess għall-iżvilupp bi ksur ta' l-Artikolu 8. Madankollu, l-ilmentaturi fil-każ preżenti ma għamlux allegazzjoni speċifika bħal din.

L-Ombudsman ikkunsidra wkoll is-sitwazzjoni li tinqala' meta allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' l-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva 85/337 jiġu sottomessi *direttament* lill-Kummissjoni, permezz ta' lment ta' ksur. Meta l-Ombudsman jaċċerta li r-rifjut min-naħa tal-Kummissjoni ta' allegazzjonijiet bħal dawn jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina, dan jippresupponi, fid-dawl tan-natura xjentifika u teknika tal-kontenut ta' l-EIA, li l-ilment ta' ksur kien jinkludi allegazzjonijiet u provi ta' sostenn li juru li l-Istat Membru kien għamel żball ċar ta' valutazzjoni meta kkunsidra li l-EIA ssodisfat ir-rekwiżiti ta' l-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva. Fil-każ preżenti, l-ilmentaturi ma wrewx li huma ppreżentaw argumenti rilevanti li juru, b'mod suffiċjentement speċifiku u konvinċenti, żball ta' valutazzjoni daqstant ċar.

Dwar is-siti arkeoloġiċi li dehru li nstabu għall-ewwel darba matul it-twettiq tal-proġett, l-Ombudsman irrimarka li kien hemm dubju sostanzjali u oġġettivament raġonevoli dwar l-applikabilità tad-Direttiva 85/337. Barra minn hekk, l-argument ta' l-ilmentaturi dwar l-indipendenza ta' l-EIAs ikkuntestati kien jikkontesta, bażikament, l-għaqal u l-adegwatezza tad-Direttiva. Għalhekk, ma kienx jikkonċerna każ potenzjali ta' amministrazzjoni ħażina.

Rigward il-protezzjoni tal-linċi Iberika u r-rispett tad-Direttiva 92/43, l-Ombudsman ikkonkluda li l-ilmentaturi ma wrewx li ssottomettew argumenti biżżejjed speċifiċi u ssostanzjati kif xieraq li juru li l-lista Portugiża ta' siti eliġibbli għal identifikazzjoni bħala siti ta' mportanza Komunitarja kienet żbaljata jew li l-Portugall naqas li jaqdi l-obbligi tiegħu skond l-Artikolu 12 tad-Direttiva.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u wara li qies l-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni dwar l-istudju ta' l-EIA tal-proġett li kien ikkummissjona qabel ma ta finanzjament Komunitarju, u passi oħra li ħa biex jassigura rispett tal-leġiżlazzjoni ambjentali Komunitarja b'rabta ma' l-istess proġett, l-Ombudsman ikkunsidra li l-allegazzjoni ta' l-ilmentaturi ma kinitx sostanzjata.

## Nuqqas ta' azzjoni fil-każ ta' lment dwar ksur tal-leġislazzjoni ambjentali

*Sommarju ta' deċiżjoni dwar ilment 3660/2004/PB kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatriċi ilmentat mal-Kummissjoni li l-Irlanda kienet kisret id-Direttiva ta' l-Abitati ta' l-UE [3]. Fl-opinjoni tagħha l-Irlanda kellha tinkludi ċertu art mistagħdra fil-lista tas-siti mibgħuta lill-Kummissjoni għat-twaqqif tan-Netwerk NATURA 2000. Il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tiħux azzjoni fuq l-ilment minħabba li ma kienx evidenti li l-artijiet mistagħdra kkonċernati kienu jikkonformaw mad-deskrizzjoni xjentifika ta' l-abitati mogħtija mid-Direttiva u kien neċessarju li jkun hemm informazzjoni ekoloġika iżjed dettaljata f'dan ir-rigward. L-ilmentatriċi għamlet allegazzjoni lill-Ombudsman li l-Kummissjoni kienet naqset, b'mod ħażin, li tieħu azzjoni fil-kwistjoni msemmija hawn fuq. Hija argumentat li l-Kummissjoni naqset li tispjega għaliex l-art mistagħdra relevanti ma kinitx ġiet ikkunsidrata mid-Direttiva dwar l-Abitati.

Wara li eżamina d-dispożizzjoni legali relevanti u l-każistika, l-Ombudsman sab li l-Kummissjoni tista' b'mod raġjonevoli teħtieġ informazzjoni xjentifika xierqa li ssostni allegazzjoni dwar ksur tad-Direttiva ta' l-Abitati. Informazzjoni bħal din tinkludi b'mod partikolari *dejta* xjentifika speċifika u ta' min joqgħod fuqha li tikkonċerna kemm in-natura kif ukoll il-protezzjoni skond id-Direttiva tas-sit konċernat, almenu jekk dawn ma jidhrux b'mod immedjat. Minħabba dak li ntqal hawn fuq, l-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet ipprovdiet spjegazzjonijiet sodisfaċjenti tan-nuqqas ikkontestat li ma kienx mhux raġjonevoli. Għalhekk, ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina f'dan ir-rigward.

3 Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-abitati naturali u tal-fawna u flora salvaġġa, ĠU 1992 L 206, p. 7.

L-ilmentatriċi lmentat ukoll fuq id-deċizjoni tal-Kummissjoni li ma tiħux aktar azzjoni dwar l-argumenti relatati ma' ksur possibbli tad-Direttiva dwar l-Iskart[4]. L-ilmentatriċi ddeskriviet kif l-iskart kien qiegħed jiġi mormi fl-art mistgħadra kkonċernata. Il-Kummissjoni spjegat id-deċiżjoni tagħha billi ddikjarat fil-qosor li (i) il-verifika ta' konformità mal-liġi ambjentali tal-Komunità hija primarjament ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri; (ii) kien intrebaħ każ ġudizzjarju li l-Kummissjoni kienet ġabet kontra l-Irlanda proprju fir-rigward tad-Direttiva ta' l-Iskart (Każ C-494/01); (iii) fil-każ ta' ksur ġenerali u persistenti tal-liġi tal-Komunità, ir-riżorsi amministrattivi tal-Kummissjoni jintużaw aħjar fit-tiftix ta' riforma strutturali u (iv) riforma waħda li kienet saret fl-Irlanda kienet it-twaqqif, fl-2003, ta' Uffiċċju ta' l-Infurzar Ambjentali (*Office of Environmental Enforcement* - OEE) li r-rikorrent setgħet tirrikorri għandu bl-ilmenti speċifiċi tagħha.

L-Ombudsman aċċetta l-ispjegazzjonijiet tal-Kummissjoni f'dan il-każ bħala sodisfaċenti u nnota wkoll li l-Kummissjoni kienet tat lill-ilmentatriċi pariri utli u relevanti. Għalhekk, huwa ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina f'din il-parti tal-każ.

## Nuqqas ta' rimedju legali kontra sanzjoni dixxiplinarja fi Skola Ewropea

*Sommarju ta' deċiżjoni fuq l-ilment 3323/2005/WP kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Student fl-Iskola Ewropea f'Munich ġie sospiż għal 38 ġurnata ta' l-iskola minħabba li hu u żewġ studenti oħra fil-klassi tiegħu nżammu responsabbli li kienu waqqgħu żewġ *drawing-pins* fi skutella tas-soppa fil-kantin ta' l-Iskola. Omm l-istudent ikkontestat din id-deċiżjoni, billi sostniet li binha ma kienx jaf li sħabu tal-klassi poġġew fil-prattika dak li huwa kien esprima bħala idea. Meta l-Bord ta' l-Ilmenti ta' l-Iskejjel iddikjara li ma kienx kompetenti biex jisma' l-każ tagħha, hija ressqet il-każ quddiem qorti amministrattiva Ġermaniża. Madankollu, il-qorti ddikjarat li l-kwistjoni ma kinitx taqa' taħt il-ġurisdizzjoni Ġermaniża. Kien minħabba f'hekk li omm l-istudent irrikorriet għall-għajnuna ta' l-Ombudsman.

Billi l-Iskejjel Ewropej m'humiex istituzzjoni jew korp tal-Komunitajiet Ewropej, l-Ombudsman talab għal opinjoni mill-Kummissjoni, minħabba li din ta' l-aħħar għandha ċerta responsabbiltà għall-operat ta' l-Iskejjel Ewropej, li ġejja mill-fatt li hija rrappreżentata fuq il-Bord tal-Gvernaturi tagħhom u tikkontribwixxi bil-kbir għall-finanzjament tagħhom.

Il-Kummissjoni affermat li, skond verżjoni ġdida tar-regoli applikabbli, il-Bord ta' l-Ilmenti kien kompetenti biex jisma' każijiet bħal dak ta' l-ilmentatur. Hija żiedet li ma rat l-ebda oġġezzjoni għad-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Ilmenti li jaċċetta ġurisdizzjoni fuq deċiżjonijiet meħuda, f'tali każijiet, skond il-verżjoni preċedenti tar-regoli. Għalhekk il-Kummissjoni tat parir lill-ilmentatriċi biex terġa' tressaq il-każ tagħha lill-Bord ta' l-Ilmenti. Madankollu, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa dwar ir-retroattività, il-Bord ta' l-Ilmenti ma laqax l-appell imġedded.

L-Ombudsman innota li l-każ tqajjem minn miżura partikolarment serja meħuda minn Skola Ewropea u li kien hemm riskju li l-ilmentatriċi setgħet tħalliet mingħajr protezzjoni ġuridika adegwata. Huwa kkunsidra li l-importanza ta' l-involviment tal-Kummissjoni fis-sistema ta' l-Iskejjel Ewropej hija tali li għandha jkollha rwol attiv sabiex jiġi assigurat li l-Iskejjel jikkonformaw mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba. Għaldaqstant, l-Ombudsman issuġġerixxa li l-Kummissjoni tassigura li tiġi ppreżentata proposta lill-Bord tal-Gvernaturi għal emenda tar-regoli rilevanti.

Il-Kummissjoni fakkret li hija kienet diġà ġibdet l-attenzjoni tal-Bord tal-Gvernaturi għall-kwistjoni, iżda li hija kienet l-uniku membru favur estensjoni retroattiva tal-kompetenzi tal-Bord ta' l-Ilmenti. Madankollu, hija żiedet li, billi baqgħet konvinta mill-pożizzjoni tagħha, hija insistiet li s-Segretarju Ġenerali ta' l-Iskejjel Ewropej jerġa' jpoġġi l-kwistjoni fuq l-aġenda. Finalment, il-kwistjoni ġiet ippreżentata lill-Bord tal-Gvernaturi permezz ta' proċedura bil-miktub, li r-riżultat tagħha kien għadu mhux ċar fil-mument meta l-Ombudsman kien ippreżena l-valutazzjoni finali tal-każ.

4 Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal- 15 ta' Lulju 1975 dwar l-iskart, ĠU 1975 L 194, p. 39.

L-Ombudsman apprezza l-isforzi sostnuti tal-Kummissjoni u għalaq il-każ mingħajr ma sab każ ta' amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-Kummissjoni. Madankollu, peress li l-problema ta' l-ilmentatur għadha ma ġietx solvuta, l-Ombudsman iddeċieda li jgħarraf bil-każ lis-Segretarju Ġenerali l-ġdid ta' l-Iskejjel Ewropej u lill-gvern Ġermaniż.

## Miżuri proviżorji ta' kontra d-*dumping*

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 943/2006/MHZ kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur kien parti interessata f'investigazzjoni tal-Kummissjoni li kienet ser twassal għall-adozzjoni ta' miżuri proviżorji ta' konta d-*dumping* dwar l-importazzjoni ta' ċertu żraben li għandhom il-wiċċ tal-ġilda li jkunu joriġinaw miċ-Ċina u mill-Vjetnam[5]. Qabel ma ġie addottat ir-Regolament relevanti, il-Kummissjoni ppubblikat fuq il-websajt tagħha informazzjoni dwar il-miżuri ta' konta d-dumping in kwistjoni, u l-ilmentatur għaldaqstant staqsa lill-Kummissjoni sabiex turi s-sejbiet tagħha u talab l-opportunità sabiex jippreżenta l-opinjonijiet tiegħu. It-talbiet tiegħu ġew miċħuda.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li l-Kummissjoni (i) naqset li tassigura d-drittijiet ta' difiża ta' l-ilmentatur u kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba meta naqset li turi s-sejbiet tagħha qabel l-adozzjoni formali tal-miżuri proviżorji u meta naqset li taċċetta t-talba ta' l-ilmentatur tat-13 ta' Marzu 2006 sabiex jippreżenta l-kummenti tiegħu; (ii) kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità (l-ilmentatur argumenta li l-Kummissjoni ma kinitx irrispettat "il-bilanċ ġust" bejn l-interessi, minn banda waħda, tal-konsumaturi u ta' dawk il-kumpaniji li għalihom japplikaw l-obbligi ta' konta d-dumping, u mill-banda l-oħra, tal-kumpaniji li għalihom ma kinux japplikaw dawn l-obbligi); (iii) ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq informazzjoni żbaljata (l-ilmentatur irrefera għall-pubblikazzjoni relevanti fuq il-websajt tal-Kummissjoni) u b'mod żbaljat kienet għażlet il-Brażil bħala l-pajjiż ta' referenza; u (iv) aġixxiet b'mod li ma kienx trasparenti billi naqset li turi l-identità ta' produtturi ta' l-UE li kienu qegħdin jilmentaw u tal-produtturi ta' l-UE li kienu ġew magħzula.

L-ilmentatur iddikjara li l-Kummissjoni kellha tirtira r-Regolament tagħha li jimponi l-miżuri proviżorji ta' kontra d-dumping fuq ċerti żraben tal-ġilda li joriġinaw miċ-Ċina u mill-Vjetnam u li l-obbligi proviżorji ta' kontra d-dumping li kienu diġà ngabru kellhom jiġu meħlusa. Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur kompla jsostni l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tiegħu.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni indikat li, b'mod konformi mar-Regolament bażiku kontra d-dumping[6], ma kinitx obbligata li turi s-sejbiet tagħha qabel ma jittieħdu l-miżuri proviżorji. Il-Kummissjoni ċaħdet kwalunkwe ksur tad-dritt ta' difiża ta' l-ilmentaturi u kwalunkwe żball jew nuqqas ta' trasparenza. Irreferiet għad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tagħha fir-Regolament (KE) 553/2006.

L-Ombudsman ma sab l-ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina. Huwa enfasizza li l-ilment kien jittratta l-miżuri proviżorji li għandhom karattru speċifiku u li jistgħu jinbidlu wara. Huwa indika wkoll li l-karattru limitat tar-reviżjoni mill-Ombudsman f'każijiet dwar kwistjonijiet ekonomiċi kumplessi. Waqt li kien qiegħed jieħu d-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman ħa wkoll f'kunsiderazzjoni il-*Green Paper*[7] tal-Kummissjoni li fl-istess waqt ġiet sottomessa għall-konsultazzjoni pubblika u li kienet tirrifletti l-kwistjoni mqajma mill-ilmentatur.

5 Regolament (KE) Nru. 553/2006 tal-Kumnmissjoni, ĠU 2006 L 98, p. 3.

6 Regolament tal-Kunsill (KE) 384/96, kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) 461/2004.

7 COM(2006) 763.

## Allegazzjoni ta' nuqqas ta' teħid ta' azzjoni f'każ kriminali

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1166/2006/WP kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur, ċittadin Ġermaniż, fl-1997 instab ħati minn Qorti Ġermaniża ta' pussess illegali ta' armi. Is-sentenza ġiet sospiża. Fl-1998 iżda l-ilmentatur ingħata sentenza, *in absentia,* ta' 16-il sena ħabs minn qorti Taljana. Fl-2002, ġie arrestat fuq il-bażi ta' mandat ta' arrest internazzjonali u ilu l-ħabs minn dakinhar.

Fl-2003, l-avukat ta' l-ilmentatur informa lill-Kummissjoni b'dan il-każ. Huwa allega li l-qorti Taljana kienet marret kontra l-prinċipju *ne bis in idem* li ma jippermettix li jibdew proċeduri legali darbtejn minħabba l-istess raġunijiet. Il-Kummissjoni ħadet interess f'dan il-każ. Madankollu, hija spjegat li ma kinitx kompetenti sabiex tirrevedi d-deċiżjonijiet ta' l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni u li ma kien hemm l-ebda possibbiltà li jibdew proċeduri ta' ksur kontra Stat Membru fi kwistjonijiet kriminali. L-uniku mod kif setgħet taġixxi kien li tibgħat, skond l-Artikolu 35(7) tat-Trattat ta' l-UE, kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea dwar l-interpretazzjoni ta' ftehim, per eżempju, il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, li stabbiliet il-prinċipju *ne bis in idem* fuq il-livell Ewropew. Minħabba li ċerta informazzjoni kienet nieqsa, il-Kummissjoni tat parir lill-avukat sabiex ikompli jaħdem fuq il-kwistjoni fuq livell nazzjonali. Fl-2005, u wara deċiżjoni negattiva tal-qorti ta' l-appell Taljana, il-Kummissjoni fl-aħħar ikkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet biżżejjed sabiex taġixxi.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentutur argumenta li l-Kummissjoni kien missa ħadet azzjoni. Huwa kompla billi ddikjara li kien mexa mal-parir tal-Kummissjoni għar-raġuni unika li jkollu bażi fuq x'hiex jaġixxi. Minħabba li l-Kummissjoni kienet naqset milli taġixxi, kienet ġegħlitu jonfoq il-flus fuq ir-rappreżentazzjoni legali tiegħu.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni spjegat li kienet għamlet referenza għall-Artikolu 35(7) tat-Trattat ta' l-UE minħabba li l-qorti Taljana fl-1998 kienet iddikjarat li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma kienx japplika fl-Italja. Din id-dikjarazzjoni iżda ma kinitx ġiet ikkonfermata b'deċiżjoni sussegwenti tal-qrati Taljani. Għalhekk ma kien hemm ebda indikazzjoni ta' nuqqas ta' ftehim ġenerali bejn il-Kummissjoni u l-Italja. Il-Kummissjoni enfasizzat li ma wegħditx li tieħu azzjoni kontra l-Italja fil-każ ta' deċiżjoni negattiva tal-qorti ta' l-appell Taljan u li deċiżjoni negattiva bħal din ma kinitx timplika li l-parir tagħha ma kienx korrett u li ma kienx fl-interess ta' l-ilmentatur.

L-Ombudsman fakkar li l-qasam tal-liġi ta' l-UE relatat mal-kooperazzjoni ġudizjarja fi kwistjonijiet kriminali għandu jiġi deċiż permezz ta' proċeduri intergovernattivi, u għalhekk, il-possibiltajiet li l-Kummissjoni tieħu azzjoni huma pjuttost limitati. Huwa nnota li l-formulazzjoni fl-ittri tal-Kummissjoni kienet kawta ħafna. Il-Kummissjoni ma kkomettietx ruħha li tieħu azzjoni iżda ħabbret li kienet qegħda tikkunsidra passi oħra possibbli wara li tkun inkisbet informazzjoni addizzjonali. Minn barra dan, l-argument tal-Kummissjoni għalfejn ma eżaminatx il-kwistjoni aktar, jiġifieri li l-qrati Taljani issa ġeneralment kienu jaċċettaw l-applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem,* deher li kien raġonevoli.

Għalhekk l-Ombudsman għalaq il-każ b'deċiżjoni li ma kien hemm ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina.

## Allegat nuqqas ta' tweġiba għal applikazzjoni minn Università Ċiprijotta Torka

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2280/2006/MF kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur huwa r-Rettur ta' l-Eastern Mediterranean University (EMU), istituzzjoni edukattiva Ċiprijotta Torka li tinsab fit-tramuntana ta' Ċipru. F'Ottubru ta' l-2004, l-EMU applikat mal-Kummissjoni għall-Karta Universitarja Erasmus (*Erasmus University Charter* - EUC). Waħda mill-kundizzjonijiet biex tingħata EUC kienet li "l-awtorità nazzjonali għall-edukazzjoni" kellha tikkonferma l-istatus ta' l-EMU bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla. Skond l-ilmentatur, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni Ċiprijott irrifjuta li jagħti lill-EMU l-istatus ta' istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li l-Kummissjoni kienet naqset li tipprovdi tweġiba għall-applikazzjoni ta' l-EMU għal EUC f'perjodu ta' żmien raġonevoli u li tipprovdi spjegazzjoni għal dan id-dewmien li seta' ġie evitat.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni qalet li r-raġuni għall-allegat nuqqas li tipprovdi tweġiba malajr u formali għall-applikazzjoni ta' l-EMU kienet in-nuqqas ta' konferma mill-awtorità rilevanti li l-EMU kienet istituzzjoni eliġibbli. Fit-12 ta' Mejju 2005, il-Kummissjoni bagħtet ittra lill-EMU li fiha kkonfermat b'mod formali li l-applikazzjoni tagħha għal EUC ma kinitx intlaqgħet minħabba li hija ma kinitx ġiet rikonoxxuta mill-awtorità nazzjonali rilevanti bħala eliġibbli sabiex tipparteċipa fil-programm Socrates/Erasmus.

L-Ombudsman qies li l-perjodu ta' żmien li għadda bejn l-applikazzjoni ta' l-EMU u t-tweġiba tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2005 ma kienx dovut għal dewmien li seta' jiġi attribwit lill-Kummissjoni, anzi deher li kien minħabba l-fatt li l-EMU rrifjutat li tapplika mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni f'Nikosija għall-istatus ta' istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla. Din il-kwistjoni ta' l-eliġibilità qajmet mistoqsijiet sensittivi minħabba s-sitwazzjoni politika f'Ċipru. Il-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal dewmien li jirriżulta direttament minn dik is-sitwazzjoni politika. Barra minn hekk, jidher li l-Kummissjoni informat regolarment lill-ilmentatur bil-passi rilevanti li ttieħdu biex tiġi kkonfermata l-eliġibilità ta' l-applikazzjoni ta' l-EMU. L- Ombudsman qies ukoll li ma kienx xogħol il-Kummissjoni li tipprovdi xi spjegazzjoni dettaljata fir-rigward ta' l-imġiba ta' partijiet oħra differenti mill-Kummissjoni stess.

L-Ombudsman faħħar ukoll il-fatt li l-Kummissjoni dehret li sabet soluzzjoni alternattiva prattika li tista' tgħin lill-istudenti u l-għalliema fit-Tramuntana ta' Ċipru, billi tagħtihom opportunitajiet li kienu simili ħafna għal dawk li jirriżultaw mill-EUC.

L-Ombudsman għalhekk ma sab l-ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-Kummissjoni fir-rigward ta' l-allegazzjoni ta' l-ilmentatur.

## Informazzjoni allegatament mhux preċiża fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar ilment 2403/2006/(WP)BEH (Kunfidenzjali) kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilment kellu x'jaqsam ma' informazzjoni allegatament ħażina mogħtija fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Intrapriża u l-Industrija. Il-paġna relevanti kienet intitolata "Ipproteġi l-ideat tiegħek". B'mod partikolari, il-verżjoni Ġermaniża tal-paġna qalet li l-Kummissjoni tieħu azzjoni kontra "*Diebstahl von geistigem Eigentum*", jiġifieri, litteralment, "serq ta' proprjetà intellettwali".

F'dan ir-rigward, min qed iressaq l-ilment allega li "ideat" ma jistgħux ikunu protetti minn drittijiet ta' proprjetà intellettwali, minħabba li protezzjoni bħal din kienet riservata għal invenzjonijiet u xogħlijiet *ibbażati fuq* ideat, u li l-kunċett ta' "serq" ma jistax jiġi applikat għal drittijiet ta' proprjetà intellettwali. Minħabba li ż-żewġ stqarrijiet tal-Kummissjoni għalhekk għandhom jitqiesu bħala żbaljati, min qed iressaq l-ilment talab lill-Kummissjoni biex tneħħihom biex tevita li tħawwad lill-udejnza li trid tiġi indirizzata.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni innotat li l-informazzjoni relevanti fuq is-sit elettroniku tagħha kienet tifforma parti minn pakkett ta' informazzjoni li l-għan tiegħu kien li jipprovdi informazzjoni dwar kwistjonijiet kumplessi, bħall-protezzjoni ta' drittijiet fuq proprjetà intellettwali, lill-ġurnalisti iżda wkoll lill-pubbliku ġenerali, f'lingwa ċara u li tinfthiem. Hija spjegat li l-lingwa użata kienet bi qbil mal-lingwa u l-kunċetti użati minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra. Il-Kummissjoni qalet ukoll li hija rċeviet rispons pożittiv ħafna minn organizzazzjonijiet tan-negozju, li għamlu l-pakkett ta' informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-membri tagħhom. Hija ikkonkludiet li l-informazzjoni ipprovduta fuq is-sit elttroniku tagħha issodisfat l-għan li tipprovdi informazzjoni lill-pubbliku ġenerali f'format ċar u li jinftiehem.

L-Ombudsman innota li, fl-interess li tiġi evitata informazzjoni li tisgwida, il-kontenut ipprovdut mill-Kummissjoni fuq is-siti elettroniċi tagħha għandu jkun tajjeb u preċiż. Fl-istess ħin, huwa emfasizza li dan ma jtellifx lill-Kummissjoni milli tissimplifika l-kontenut, fuq is-sit elttroniku tagħha, bil-għan li tagħmel l-informazzjoni inkluża fih aċċessibbli kemm jista' jkun għall-udjenza li trid tintlaħaq. Huwa ikkonkluda li, filwaqt li jista' jiġi argumentat li t-termini użati mhumiex sodisfaċenti għal kollox mil-lat akkademiku, l-istess termini sempliċi u aċċessibbli wasslu, lill-persuna komuni, idea bażika ta' xi tfisser proprjetà intellettwali. Meta wieħed iqis li s-sit elettroniku ma riedx jagħti spjegazzjoni kompleta u sofistikata tad-drittijiet fuq proprjetà intelletwali, l-espressjonijiet użati kienu ċari biżżejjed. L-Ombudsman sab li din il-fehma kienet ikkonfermata mill-prattika ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali. Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, l-Ombudsman ma sab l-ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina li jikkorrispondi għall-allegazzjoni ta' min qed iressaq l-ilment.

## Allegazzjoni dwar akkużi mhux eżatti u diffamatorji kontra Greenpeace

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2740/2006/TN kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Rapport ta' Greenpeace li jġib l-isem ta' *Toxic Lobby, How the Chemicals Industry is trying to kill REACH*[8] (Lobby *Tossiku, kif l-Industrija Kimika qed tipprova toqtol lil REACH"*) irrefera għal 'bibien dawwarin' *(revolving doors)* bejn il-Kummissjoni u l-*lobbying* ta' l-industrija kimika. Ir-rapport fisser dan it-terminu bħala t-tattika li biha uffiċjali tal-KE u *lobbyists* industrijali kienu qed "jinnegozjaw bejniethom il-postijiet tax-xogħol". Huwa wera l-prattika allegata billi pprovda informazzjoni dwar ir-relazzjonijiet tax-xogħol ta' ċerti persuni mal-Kummissjoni u ma' l-industrija kimika.

Kelliem għall-Kummissjoni sussegwentement ikkummenta, bi tweġiba għal mistoqsijiet rilevanti li sarulu mill-mezzi tax-xandir, li "Rigward l- … individwi indikati, tnejn minnhom qatt ma ħadmu effettivament fuq REACH. Għalhekk huwa misteru għalija kif wieħed jista' possibbilment jipprova jibni argument ta' bibien dawwarin, imġiba mhux korretta. (…) Jien inqis dawn l-allegazzjonijiet bħala bla bażi, inġusti u bbażati fuq riċerka magħmula bl-addoċċ"). Greenpeace ilmentat ma' l-Ombudsman, u allegat li l-Kummissjoni għamlet akkużi mhux eżatti, li jqarrqu u diffamatorji b'rabta ma' studju maħruġ mill-Greenpeace.

L-Ombudsman ikkonkluda li din l-allegazzjoni ma kinitx sostanzjata. Huwa nnota, b'mod partikolari, li, meta jittieħed fil-kuntest li fih kien ippreżentat fir-rapport[9], it-terminu 'bibien dawwarin' jista' raġonevolment jitqies bħala offiża għall-integrità tal-persuni konċernati u allużjoni għall-ksur ta' l-obbligu ta' qadi b'mod adegwat tal-kompiti imposti mir-Regolamenti tal-Persunal. Akkużi bħal dawn ma kinux issostanzjati biżżejjed fir-rapport, li jista' raġonevolment jispjega għaliex il-kelliem irreaġixxa daqshekk bil-qawwa.

Filwaqt li ma sab l-ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina li jikkorrispondi ma' l-allegazzjoni mistħarrġa ta' l-ilmentatur, l-Ombudsman enfasizza wkoll l-importanza tat-trasparenza b'rabta ma' l-attivitajiet ta' *lobbying* eżerċitati matul il-proċeduri leġiżlattivi. L-Ombudsman għaraf l-importanza marbuta ma' dan fl-inizjattiva mmexxija mill-Kummissjoni għal aktar trasparenza[10], li tirrikonoxxi li l-kwistjoni tal-*lobbying* hija marbuta wkoll ma' l-imġiba ta' uffiċjali u aġenti attwali jew ta' l-ex uffiċjali u aġenti ta' l-UE u hija kwistjoni indirizzata b'mod espliċitu fid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal. L-Ombudsman enfasizza li l-implimentazzjoni korretta u bir-reqqa ta'

8 REACH huwa r-Regolament Ewropew ġdid dwar is-sustanzi kimiċi (Regolament 1907/2006, ĠU 2006 L 396, p. 1) u tfisser "Registration, Evaluation and Authorisation of Chemicals" (ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni ta' sustanzi kimiċi).

9 Per eżempju, li l-parti tal-'bibien dawwarin' fir-rapport kienet illustrata minn pupa li taħdem bil-ħabel u li, fuq il-qoxra tar-rapprt, kien hemm marjunetta mħaddma minn persuna li wiċċha ma kienx jidher.

10 Aktar tagħrif dwar din l-"Inizjattiva Ewropea għat-Trasparenza" huwa disponibbli fuq http://ec.europa.eu/commission_barroso/kallas/transparency_mt.htm

dawn id-dispożizzjonijiet hija essenzjali biex tiggarantixxi l-ksib ta' l-livelli għolja ta' trasparenza li l-UE tikkunsidra li huma parti mill-leġittimità ta' kwalunkwe amministrazzjoni moderna.

## Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment

### Rifjut milli jiġi pprovdut aċċess pubbliku għal kuntratt finanzjarju

*Sommarju ta' deċiżjoni fuq l-ilment 948/2006/BU kontra l-Bank Ewropew ta' l-Investiment (BEI)*

NGO ippreżentat applikazzjoni mal-BEI għal aċċess għal kuntratt ta' finanzjament rigward proġett ta' modernizzazzjoni tal-linji tal-ferrovija fis-Slovakkja. Il-BEI ibbaża r-rifjut ta' l-applikazzjoni fuq eċċezzjoni fir-regoli tiegħu dwar aċċess pubbliku għal dokumenti li semmew l-obbligu ta' segretezza professjonali u etika, regoli u prattiki professjonali applikabbli fis-settur bankarju u finanzjarju. Madankollu, il-BEI għarraf lill-ilmentatur li huwa ma għandu l-ebda oġġezzjoni għall-iżvelar tal-kuntratt finanzjarji minn dak li se jisselle f il-flus, jew mill-Gvern Slovakk.

Fl-ilment lill-Ombudsman, l-ilmentatur argumenta li, billi jiddelega r-responsabbiltà għall-iżvelar lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri, il-BEI qiegħed jiddiskrimina kontra ċ-ċittadini li ma jitkellmux bil-lingwa ta' l-Istat Membru kkonċernat. L-ilmentatur irrefera wkoll għall-Konvenzjoni ta' Aarhus, li tistabbilixxi dritt individwali ta' aċċess għal informazzjoni ambjentali.

Fl-opinjoni tiegħu dwar l-ilment, il-BEI argumenta li, bħala bank, huwa għandu jassigura li jkun hemm fiduċja reċiproka mal-kontropartijiet tiegħu, li għandhom id-dritt leġittimu li jistennew li huwa jaġixxi fi ħdan il-qafas ġuridiku stabbilit u ma jxandarx informazzjoni protetta mill-obbligu tal-kunfidenzjalità bankarja. F'dan ir-rigward, il-BEI irrefera għar-regoli tiegħu dwar l-aċċess pubbliku, li ġew aġġornati mit-28 ta' Marzu 2006 bħala parti mill-politika tiegħu dwar l-iżvelar pubbliku. Kemm ir-regoli l-qodma kif ukoll dawk ġodda jipprevedu eċċezzjoni għal informazzjoni koperta mill-obbligu ta' segretezza professjonali. Ir-regoli l-ġodda jsaħħu l-pożizzjoni billi jsemmu b'mod espliċitu n-nuqqas ta' żvelar tal-kuntratti finanzjarji. Fl-aħħarnett, il-BEI stqarr li huwa impenjat li jippromwovi l-aċċess għall-informazzjoni u li, għal dokumenti li m'humiex disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-UE, jista' jiġi kkunsidrat li ssir traduzzjoni kull fejn jitfaċċa interess wiesa' għal dokument partikolari.

Id-deċiżjoni ta' l-Ombudsman irrikonoxxiet ir-rwol duppliċi tal-BEI kemm bħala istituzzjoni bankarja li topera fis-swieq finanzjarji kif ukoll bħala korp Komunitarju. L-Ombudsman ikkunsidra l-fatt li l-BEI kien intitolat li jirrifjuta l-aċċess fuq il-bażi tar-regoli qodma tiegħu, li kienu japplikaw dak iż-żmien. L-Ombudsman fehem li, billi jirreferi wkoll għar-regoli ġodda tiegħu, li jsemmu b'mod espliċitu n-nuqqas ta' żvelar ta' kuntratti finanzjarji, il-BEI indika li l-prassi stabbilita kienet, fid-dawl tar-rabta ta' kunfidenzjalità bankarja bejnu u l-imsieħba fin-negozju tiegħu, li taħt l-ebda ċirkostanza m'għandhom jiġu żvelati l-kuntratti finanzjarji, u għalhekk li ma tiġix valutata l-possibbiltà ta' żvelar parzjali. F'dak li għandu x'jaqsam mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-Ombudsman innota li r-Regolament 1367/2006[11] qiegħed jorbot lill-BEI, iżda li kien applikabbli biss mit-28 ta' Ġunju 2007. B'hekk dan ma kienx japplika fiż-żmien meta saret it-talba mill-ilmentatur.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-problema possibbli tal-lingwi li jistgħu jħabbtu wiċċhom magħha ċ-ċittadini meta jiġu biex jindirizzaw talbiet lill-awtoritajiet nazzjonali, l-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri li fiha inkoraġġixxa lill-BEI biex jikkunsidra li jikkuntattja lill-awtoritajiet nazzjonali fil-ġejjieni, sabiex jeżamina l-possibbiltà ta' żvelar totali jew, għall-inqas, ta' żvelar parzjali tal-kuntratti finanzjarji li ċ-ċittadini jitolbu li jingħatalhom aċċess pubbliku għalihom. B'dan il-mod, il-BEI jista' jikkontribwixxi b'mod utli biex itaffi l-problemi tal-lingwa li jistgħu jiltaqgħu magħhom xi ċittadini meta jiġu biex jindirizzaw it-talbiet korrispondenti għal aċċess pubbliku lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru kkonċernat.

---

11 Regolament (KE) Nru. 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, ĠU 2006 L 264, p. 13.

### Allegat nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali nazzjonali ta' proġett tat-trasport iffinanzjat mill-Bank Ewropew għall-Investiment

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1779/2006/MHZ kontra l- Bank Ewropew għall-Investiment (BEI)*

NGO ambjentali Pollakka lmentat li l-BEI kien ikkofinanzja l-Proġett *"Modernizzazzjoni tat-Toroq Pollakki"* minkejja li ma kienet saret l-ebda valutazzjoni strateġika ta' l-impatt ambjentali tal-proġett, kif mitlub mil-leġiżlazzjoni ambjentali Pollakka. Skond l-ilmentatur, il-BEI għalhekk aġixxa kontra d-"Dikjarazzjoni Ambjentali" tiegħu stess, li biha l-BEI jassigura li l-proġetti li huwa jiffinanzja jkunu konformi mal-prinċipji u l-istandards stabbiliti kemm mil-leġiżlazzjoni Komunitarja u nazzjonali fil-qasam ambjentali. L-ilmentatur allega wkoll li l-BEI naqas li jinformaha dwar it-tweġiba ta' l-awtoritajiet Pollakki li kienu kkuntattjati mill-BEI b'rabta ma' l-ilment. L-ilmentatur isostni li l-BEI għandu jissospendi l-finanzjament tiegħu sakemm l-istatus ġuridiku tal-Proġett jiġi ċċarat.

Fl-opinjoni tiegħu, l-BEI sostna li l-awtoritajiet Pollakki (i) kellhom responsabbiltà totali biex jassiguraw konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti u li, wara li kienu kkuntattjati mill-Bank, (ii) informawh li l-leġiżlazzjoni Pollakka rilevanti ma kinitx teħtieġ valutazzjoni strateġika ta' l-impatt ambjentali għall-Proġett. Barra minn hekk, sadanittant, huwa kien informa lill-ilmentatur dwar il-konklużjonijiet ta' l-awtoritajiet Pollakki.

Fil-fehma ta' l-Ombudsman, il-BEI seta' (i) leġittimament qies li l-awtoritajiet Pollakki kkonformaw mad-dispożizzjonijiet ġuridiċi applikabbli; u (ii) leġittimament stenna li l-istess awtoritajiet Pollakki jipprovduh b'informazzjoni *affidabbli* dwar l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet min-naħa tagħhom. Għalhekk, l-Ombudsman aċċetta r-raġunijiet tal-BEI għaliex qagħad fuq l-informazzjoni li tawh dawk l-awtoritajiet, meta huwa ssottoskriva s-self. Għalhekk huwa ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina fir-rigward ta' din il-kwistjoni. L-Ombudsman innota wkoll li, sadanittant, il-BEI kien għarraf lill-ilmentatur dwar il-konklużjonijiet ta' l-awtoritajiet Pollakki. L-Ombudsman għalhekk sab li ma kienet iġġustifikata l-ebda investigazzjoni oħra f'dan ir-rigward. L-Ombudsman għamel l-istess sejba fir-rigward tat-talba ta' l-ilmentatur, minħabba li deher li l-BEI kien diġà għamel il-ħlas rilevanti.

L-Ombudsman irrefera wkoll għas-sejbiet ta' l-Ombudsman Pollakk li l-ilmentatur kien ukoll bagħatlu kontemporanjament ilment kontra l-awtoritajiet Pollakki. F'dan ir-rigward, huwa għamel ukoll rimarka sabiex, fil-futur, il-BEI jista' jikkunsidra li jistabbilixxi kanali ta' komunikazzjoni ma' u jfittex informazzjoni minn, istanzi ta' kontroll nazzjonali u reġjonali rilevanti, bħalma huma l-ombudsmen, li jistgħu jservu bħala sorsi addizzjonali ta' informazzjoni dwar il-konformità tal-proġetti ffinanzjati mill-Bank mad-dritt nazzjonali u Komunitarju.

## L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

### Allegat nuqqas ta' informazzjoni fir-rigward ta' antidepressiv

*Sommarju ta' deċiżjoni fuq l-ilment 2370/2005/OV kontra l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMEA)*

Ir-raġel ta' l-ilmentatriċi ikkommetta suwiċidju waqt li kien f'kura bl-antidepressiv Seroxat/Paroxetine. Wara l-mewt ta' żewġha, l-ilmentatriċi ikkuntattjat lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini biex issir taf dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina u r-riskju ta' suwiċidju. Fost affarijiet oħra, l-ilmentatriċi talbet informazzjoni dwar l-opinjoni xjentifika ta' l-Aġenzija dwar din il-mediċina. Madankollu, uħud mill-*e-mails* tagħha baqgħu bla tweġiba. L-ilmentatriċi ikkunsidrat ukoll li r-risposti li ntbagħtu mill-Aġenzija ma kinux sodisfaċenti. Fl-ilment tagħha lill-Ombudsman, l-ilmentatriċi allegat: nuqqas ta' trasparenza u informazzjoni mill-Aġenzija fir-rigward tat-talbiet tagħha; dewmien bla bżonn; il-fatt li

ma ġietx mismugħha f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà u r-riskju ta' suwiċidju ta' din il-mediċina; u nuqqas ta' azzjoni mill-Aġenzija fir-rigward tat-tħassib tagħha.

Fl-opinjoni tagħha, l-Aġenzija argumentat li hija ma weġbitx ċerti *e-mails* ta' l-ilmentatriċi minħabba li dawn kienu messaġġ ripetittivi u li ma wasslu għal xejn. Hija stqarret li, għall-bqija, hija tat lill-ilmentatriċi l-informazzjoni kollha meħtieġa.

Wara analiżi bir-reqqa tal-korrispondenza rilevanti, l-Ombudsman ikkonkluda li l-Aġenzija naqset milli tirrispondi għal tliet mistoqsijiet imqajma fl-ilment. Huwa għalhekk għamel proposta għal soluzzjoni bonarja u stieden lill-Aġenzija (i) biex tagħmel apoloġija talli qieset uħud mill-*e-mails* ta' l-ilmentatriċi bħala ripetittivi u li ma wasslu għal xejn u (ii) biex tirrispondi għall-imsemmija mistoqsijiet. L-Aġenzija aċċettat il-proposta ta' l-Ombudsman, għamlet apoloġija lill-ilmentatriċi u rrispondiet għat-tliet mistoqsijiet.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman laqa' l-fatt li l-Aġenzija aċċettat il-proposta tiegħu. Madankollu, minħabba li l-ilmentatriċi baqgħet insodisfatta bl-ittra ta' apoloġija u bir-risposti għall-mistoqsijiet tagħha, huwa kkonkluda li ma setgħet tinkiseb ebda soluzzjoni bonarja. Madankollu l-Ombudsman dehrlu li ladarba l-azzjoni meħuda mill-Aġenzija neħħiet it-tħassib li kienet identifikat, ma kien għad hemm l-ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina mill-Aġenzija.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-allegazzjoni li l-ilmentatriċi ma ġietx mismugħha u li kien hemm nuqqas ta' azzjoni mill-Aġenzija, l-Ombudsman ikkonkluda, fuq il-bażi ta' analiżi tal-proċedura applikabbli għall-adozzjoni ta' awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali, li ma kien hemm ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina mill-Aġenzija. Għalhekk huwa għalaq il-każ.

## 3.2 IL-KAŻIJIET SOLVUTI MILL-ISTITUZZJONI

### Il-Kummissjoni Ewropea

#### Allegazzjoni ta' trattament mhux sodisfaċenti ta' talbiet dwar it-trobbija taż-żwiemel fl-Awstrija

*Sommarju ta' deċiżjoni dwar l-ilment 3386/2005/WP kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Il-*Volksanwalt* (l-Ombudsman) għar-reġjun Awstrijak ta' Vorarlberg bagħat ilment lill-Ombudsman li kien irċieva minn persuna li kienet trabbi ż-żwiemel u li kienet toqgħod fir-reġjun ta' Vorarlberg. L-ilmentatur ikkunsidra li ċertu regoli reġjonali dwar ir-reġistri taż-żamma taż-żwiemel ma kinux konformi mal-liġi tal-Komunità. Minn barra dan, dan l-ilment kien jittratta l-format u l-kontenut tad-dokument għall-identitfikazzjoni taż-żwiemel ("passaporti taż-żwiemel"). I L-ilmentatur essenzjalment allega li l-Kummissjoni kienet naqset li twieġeb b'mod xieraq għat-talbiet tiegħu għal kjarifikazzjoni legali.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni iddikjarat li fuq il-bażi tas-sottomissjonijiet ta' l-ilmentatur, kienet f'kuntatt kostanti ma' l-awtoritajiet Awstrijaċi kompetenti u kienet tathom indikazzjonijiet dwar l-interpretazzjoni korretta tal-liġi tal-Komunità. Fl-istess ħin, kienet emendat ir-regoli ta' l-UE dwar il-passaporti taż-żwiemel. Fil-każ tal-mistoqsija ġenerali dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-Komunità għall-organizzazzjonijiet li jżommu r-reġistri taż-żamma taż-żwiemel, li diġà kienet is-suġġett ta' talba għal sentenza preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, kienet irċeviet ilment ta' nuqqasijiet, u li fil-qafas ta' dan, hija reġgħet ikkuntattjat lill-awtoritajiet Awstrijaċi. Minbarra dan, kienet qegħda tinvestiga ilment ġdid mill-ilmentatur, li fih qajjem dubji dwar korruzjoni fil-każ ta' l-użu tal-passaporti taż-żwiemel f'Vorarlberg.

Wara kunsiderazzjoni attenta tas-sottomissjonijiet tal-Kummissjoni u ta ta' l-ilmentatur, l-Ombudsman talab lill-Kummissjoni għal aktar informazzjoni dwar il-proċeduri differenti, fil-qafas ta' liema, fil-passat kienet indirizzat, jew kienet għadha qegħda tindirizza l-kwistjonijiet mqajjma mill-ilmentatur.

Wara dan, il-Kummissjoni tagħat ħarsa dettaljata lejn iż-żewġ proċeduri ta' l-ilmenti relatati mat-tħassib ta' l-ilmentatur u t-tnejn li huma kienu għadhom taħt inkjesta. Iddikjarat li bosta mill-problemi kienu ġew solvuti. Il-problemi kollha li ma kinux ġew solvuti u li kienu relatati mal-liġi tal-Komunità kienu għadhom qegħdin jiġu investigati.

Fl-osservazzjonijiet tiegħu u b'aktar kuntatti mas-servizzi ta' l-Ombudsman, l-ilmentatur irrapporta li kienu inkisbu ċerti riżultati posittivi, b'mod partikolari fir-rigward tal-passaporti taż-żwiemel. Huwa qabel li kien kompletament sodisfatt bil-mod kif l-ilment tiegħu kien ġie trattat fuq il-livell ta' l-UE, kemm mill-Kummissjoni, kif ukoll mill-Ombudsman u ddikjara li kien ottimist li l-attività kontinwa tal-Kummissjoni kienet ser twassal għas-soluzzjoni tal-problemi li kien fadal.

L-Ombudsman laqa' l-ispjegazzjonijiet dettaljati li l-Kummissjoni kienet ipprovdiet fil-qafas ta' l-inkjesta tiegħu u esprima li kien fiduċjuż li kienet ser tagħmel dak kollu li setgħet sabiex tikkontribwixxi għas-soluzzjoni tal-problemi li kien fadal. L-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni dehret li kienet ħadet passi sabiex issolvi l-kwistjoni, u għalhekk, kienet issodisfat lill-ilmentatur.

## Tilwima dwar il-formulazzjoni ta' ftehim ta' arbitraġġ

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1126/2006/SAB (Kunfidenzjali) kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur kien qed jaħdem għal Delegazzjoni tal-Kummissjoni f'pajjiż terz, fuq il-bażi ta' kuntratt ALAT (Persunal Amministrattiv u Tekniku Lokali). L-ilment jikkonċerna r-rifjut tal-Kummissjoni li tibdel, parzjalment, il-kliem ta' abbozz ta' ftehim li kienet ipproponiet lill-ilmentatur dwar il-mandat tal-korp ta' l-arbitraġġ li kellu jiddeċiedi d-dritt ta' l-ilmentatur għal konċessjonijiet għall-edukazzjoni għat-tfal tiegħu. Il-parti rilevanti tal-ftehim propost kienet tirreferi għal konċessjoni għaż-"żewġt itfal ta' l-ilmentatur li jattendu kindergarten". Skond l-ilmentatur, dan il-kliem seta' jiġi miftiehem ħażin, minħabba li t-tfal kienu jattendu s-sezzjoni "*maternelle*" ta' skola Franċiża, li kienet, fl-opinjoni tiegħu, istitut edukattiv stabbilit. Huwa argumenta li biex l-inklużjoni ta' l-espressjoni bħal "*kindergarten*" fil-ftehim ta' arbitraġġ tkun qed ittellef id-drittijiet tiegħu.

L-Ombudsman sab bażijiet suffiċjenti biex jiftaħ investigazzjoni fuq il-kwistjoni u, fl-ittra tal-ftuħ tiegħu lill-Kummissjoni, staqsieha espressament jekk kinitx lesta li taċċetta l-proposta tiegħu għal formulazzjoni alternattiva speċifika tal-punt kruċjali ta' l-abbozz ta' ftehim ta' arbitraġġ.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni pproponiet kliem għall-ftehim ta' arbitraġġ li, filwaqt li jibni fuq il-proposta ta' l-Ombudsman, ħa kont wkoll tat-tħassib tal-Kummissjoni b'rabta ma' l-identifikazzjoni ċara tal-kwistjoni fit-tilwima. L-ilmentatur aċċetta din il-proposta finali u talab lill-Ombudsman biex jagħlaq il-każ. L-Ombudsman, għalhekk, qies li l-kwistjoni ġiet solvuta mill-Kummissjoni.

Wara l-għeluq tal-każ, l-ilmentatur informa lill-Ombudsman li l-arbitri kienu ddeċidew favurih. Huwa rringrazzja lill-Ombudsman għall-intervent effiċjenti tiegħu, u nnota li dan ippermetta li l-arbitraġġ isir b'mod ġust.

## Ċaħda inġusta ta' sejħa għall-offerti għal xogħol ta' traduzzjoni

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2633/2006/WP kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Traduttur li jgħix fil-Ġermanja ssottometta offerta bi tweġiba għal sejħa għall-offerti għal servizzi ta' traduzzjoni għal-lingwa Bulgara, maħruġa mill-Kummissjoni. L-offerta ġiet miċħuda minħabba li,

skond il-Kummissjoni, il-kwalità lingwistika tagħha ma kinitx kisbet il-marka minima meħtieġa ta' 5/10. Madankollu, l-ilmentatur ikkunsidra li ħafna mill-kliem u mill-frażijiet li kienu ġew immarkati bħala mhux korretti fit-test Bulgaru in kwistjoni kienu fil-fatt korretti. Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li l-Kummissjoni kienet b'mod żbaljat ċaħdet l-offerta tiegħu. Huwa ddikjara li l-Kummissjoni kellha tannulla d-deċiżjoni tagħha li tiċħad l-offerta tiegħu u li kellha taċċettaha għall-proċedura ta' selezzjoni ulterjuri.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li wara l-ilment ta' l-ilmentatur lill-Ombudsman, kienet iddeċiediet li terġa' tlaqqa kumitat ta' evalwazzjoni inter-istituzzjonali sabiex jerġa' jeżamina l-offerta mill-ġdid u sabiex tevita kwalunkwe possibbiltà ta' trattament inġust. Il-kumitat ta' evalwazzjoni, megħjun minn żewġ lingwisti Bulgari addizjonali iddeċieda li jaċċetta tnejn mill-argumenti ta' l-ilmentatur. In-numru finali ta' żbalji li kien hemm fl-offerta għalhekk tnaqqas għal ħamsa u b'hekk l-offerta ġiet aċċettata għall-bqija tal-proċedura ta' selezzjoni. Fl-aħħar, l-offerta ġiet aċċettata b'marka ta' kwalità ta' 12/20. Il-Kummissjoni skużat ruħha ma' l-ilmentatur għall-inkonvenjenza li nħolqot.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat lill-Ombudsman li l-ilmentatur issa kien ġie offrut kuntratt ta' qafas.

L-ilmentatur qal lis-servizzi ta' l-Ombudsman li huwa kien totalment sodisfatt bil-mod kif il-Kummissjoni solviet il-problema tiegħu. Huwa ddikjara wkoll li kien impressjonat b'kemm din il-kwistjoni ġiet solvuta malajr u radd ħajr lill-Ombudsman għall-intervent tiegħu.

L-Ombudsman laqa' l-fatt li l-Kummissjoni kienet indirizzat u solviet il-problema mqajjma mill-ilmentatur b'mod rapidu u li skużat ruħha miegħu. Huwa kkonkluda li l-Kummissjoni ħadet il-passi sabiex issolvi l-kwistjoni u li b'hekk issodisfat lill-ilmentatur.

## Nuqqas li ħlas dovut b'kuntratt jiġi ttrattat kif xieraq

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 3495/2006/GG (Kunfidenzjali) kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur, università Ġermaniza, ħadet sehem fi proġett li jaqa' taħt il-Programm Erasmus. Il-Kummissjoni Ewropea qablet li tipprovdi għotja massima ta' EUR 45 156. Sar ħlas bil-quddiem ta' EUR 40 640. Fl-aħħar l-ispiża totali ta' l-ilmentatur ammontat għal EUR 42 833. Il-ġestjoni tal-proġett ġiet fdata lill-'Uffiċċju ta' Assitenza Teknika' (*Technical Assistance Office* - TAO).

F'Marzu 2002, it-TAO informa lill-ilmentatur li żewġ daħliet ta' l-infiq li kienu jammontaw għal EUR 5 395 u EUR 4 111 rispettivament ma jitqiesux bħala eliġibbli. It-TAO innota li l-għotja finali kienet tammonta għal EUR 33 327. L-ilmentatur aċċetta t-tnaqqis ta' l-ammont ta' EUR 5 395 u radd dan l-ammont lura lit-TAO. Madanakollu, wara l-oġġezzjonijiet ta' l-ilmentatur, il-Kummissjoni aċċettat li l-ammont ta' EUR 4 111 kien eliġibbli. Il-Kummissjoni infurmat lill-ilmentatur li s-somma li kellha titħallas lura b'hekk kienet tammonta għal EUR 3 202.

Skond l-ilmentatur, dan il-kalkolu kien żbaljat. Jidher li l-Kummissjoni żiedet l-ammont ta' EUR 4 111 ma' l-ammont ta' EUR 33 327 li kien diġà ġie aċċettat u mbagħad naqset din is-somma (ta' EUR 37 438) mis-somma ta' EUR 40 640 li kienet ingħatat bil-quddiem u li kienet diġà ġiet rilaxxata. B'hekk, il-Kummissjoni naqset li tqis il-fatt li l-ilmentatur kien diġà radd lura l-ammont ta' EUR 5 395.

F'Marzu 2004, l-ilmentatur informa lill-Kummissjoni li huwa jqis li sar żball u li fil-fatt il-Kummissjoni kellha tagħtih ammont ta' EUR 2 193 (jiġifieri, id-differenza bejn il-klejm tal-Kummissjoni fuq EUR 3 202 u l-ammont ta' EUR 5 395 li kien diġà tħallas lura).

Madankollu, f'Mejju 2004, il-Kummissjoni infurmat lill-ilmentatur li minħabba li s-somma ta' EUR 3 202 ma kinitx tħallset lura, din is-somma kienet ser tiġi mnaqqsa minn klejms oħra li l-ilmentatur għamel kontra l-Kummissjoni.

L-isforzi ulterjuri li l-ilmentatur għamel sabiex jikkonvinċi lill-Kummissjoni bil-fatt li kien sar żball ma kellhomx suċċess.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur essenzjalment allega li l-Kummissjoni kienet naqset li titratta l-kwistjoni kif jixraq. Iddikjara li l-Kummissjoni kellha tħallas lura ammont ta' EUR 5 395, kif ukoll l-imgħax li ammonta għal EUR 44.47.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni indikat li, wara li kienet wettqet investigazzjoni u minħabba l-provi li ġew sottomessi mill-ilmentatur, hija kienet għaġlet biex tħallas lura l-ammont ta' EUR 5 395 lill-ilmentatur. Kompliet tiddikjara li dan il-ħlas ġie ddebitat mill-kont tagħha fl-20 ta' Diċembru 2006. Il-Kummissjoni ħadet ukoll l-inizjattiva li tħallas lura l-imgħax lill-ilmentatur.

Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur ikkonferma li l-ammont relevanti tħallas lura kollu u li kien sodisfatt bir-riżultat ta' dan il-każ. L-ilmentatur radd ħajr lill-Ombudsman għall-assistenza tiegħu f'dan il-każ.

Bi pjaċir, l-Ombudsman innota li l-Kummissjoni ħadet il-passi sabiex issolvi l-kwistjoni u li b'hekk issodisfat lill-ilmentatur.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman enfasizza li s-servizz tal-Kummissjoni li kien qiegħed jittratta l-kwistjoni (id-Direttorat Ġenerali ta' l-Edukazzjoni u tal-Kultura tal-Kummissjoni) aġixxa malajr sabiex jittratta din il-kwistjoni. Kien jidher li l-kwistjoni ewlenija ġiet solvuta b'mod effettiv sa l-20 ta' Diċembru 2006, jiġifieri inqas minn ġimagħtejn wara li l-ilment ġie ppreżentat lill-Kummissjoni. Għalhekk, l-Ombudsman faħħar lill-Kummissjoni b'mod ġenerali u lid-Direttorat Ġenerali ta' l-Edukazzjoni u l-Kultura tagħha, b'mod partikolari, għall-mod eżemplari li bih kien ġie ttrattat dan l-ilment.

## Rifjut ta' applikazzjoni għal taħriġ minħabba esperjenza ta' xogħol li saret qabel

*Sommarju ta' deċiżjoni dwar ilment 471/2007/VIK kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Min qed iressaq l-ilment, nazzjonal Portugiż, applika għal *traineeship* fis-servizz fil-Kummissjoni. Hija ġiet informata li l-applikazzjoni tagħha ġiet rifjutata minħabba li ma ssodisfatx il-kriterja ta' eliġibilità deskritti f'Punt 2.3 tar-Regoli li jirregolaw l-iskema uffiċjali ta' taħriġ tal-Kummissjoni ("ir-Regoli"). Skond Punt 2.3 tar-Regoli, applikazzjonijiet minn persuni li kienu diġà ibbenefikaw minn xi tip ta' taħriġ fis-servizz għal iktar minn sitt ġimgħat mhumiex aċċettati mill-Kummissjoni. Fl-ilment tagħha lill-Kummissjoni, il-persuna li qed tressaq l-ilment allegat li l-applikazzjoni tagħha ġiet rifjutata b'mod żbaljat, minħabba li l-esperjenza mhux konsekuttiva ta' xogħol tagħha saret matul is-sessjonijiet plenarji tal-Parlament u damet total ta' tliet ġimgħat. Hija kompliet tallega li l-format ta' l-applikazzjoni elettronika ma ippermettix lill-applikanti fis-sitwazzjoni tagħha li jiddikjaraw esperjenza mhux konsekuttiva ta' xogħol u li l-Kummissjoni naqset li tibdel il-formola bix-xieraq. Il-persuna li qed tressaq l-ilment qalet li t-tentattiv tagħha li terġa' tapplika għal *traineeship* ġiet rifjutata wkoll mill-Kummissjoni. Hija qalet li għandha tingħata permess li tissottmetti applikazzjoni għal *traineeship* u li l-formola elettronika ta' l-applikazzjoni għandha tinbidel biex esperjenza mhux konsekuttiva ta' xogħol tkun tista' tiġi iddikjarata.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni spjegat li l-applikazzjoni ta' min qed iressaq l-ilment ġiet rifjutata fuq l-argument li xogħol preparatorju u ta' *follow-up* għas-sessjonijiet plenarji kien jinħtieġ aktar minn sempliċiment attendenza matul is-sessjonijiet. Barra minn hekk, sar magħruf li min ressaq l-ilment kellu *service card* li kienet valida għal tliet xhur. Madankollu, il-Kummissjoni innotat li, wara li għamlet reviżjoni tal-fajl tagħha għal darba oħra u b'mod partikolari wara li semgħet id-dikjarazzjoni mill-MPE li ħadmet miegħu, il-Kummissjoni ipproponiet li taċċetta l-applikazzjoni ta' min qed iressaq l-ilment bħala eliġibbli u li issottomettiha lill-kumitat għall-pre-selezzjoni għall-perjodu ta' taħriġ li għandu jibda f'Ottubru 2007.

Fir-rigward tal-format tal-formola elettronika ta' l-applikazzjoni, il-Kummissjoni ikkjarifikat li l-applikanti kienu mistiedna biex fil-formola jiddikjaraw biss esperjenza professjonali relevanti

b'tul minimu ta' xahar. Il-Kummissjoni qalet li fiż-żmien li kienet iddisinjata l-formola ta' l-applikazzjoni, esperjenza professjonali ta' inqas minn xahar ma kinitx ikkunsidrata bħala relevanti u għalhekk ma kellhiex għalfejn tkun iddikjarata.

Il-persuna li ressqet l-ilment ikkonfermat li hija kienet sodisfatta bil-mod kif il-Kummissjoni solviet il-każ. L-Ombudsman għalaq il-każ kif issettiljat mill-istituzzjoni.

### Nuqqas inizjali ta' ħlas ta' l-ammont dovut

*Sommarju ta' deċiżjoni fuq l-ilment 1471/2007/(CC)/RT kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Fl-2004, kumpanija Franċiża ta' konsulenza pparteċipat fi programm dwar it-Teknoloġiji tas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni (IST) appoġġat mill-Kummissjoni Ewropea. Il-proġett kien jinkludi kooperazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċina dwar il-*Programm ta' l-Olimpijadi Diġitali*, li għandu l-għan li jassigura l-organizzazzjoni b'suċċess tal-Logħob ta' l-Olimpijadi ta' Beijing 2008, kif ukoll il-kooperazzjoni fuq perjodu ta' żmien twil bejn l-UE u ċ-Ċina fil-qasam ta' l-IST. Il-Kummissjoni qablet li tħallas EUR 178 415.10 għall-parteċipazzjoni ta' l-ilmentatur fil-proġett.

F'Lulju 2005, l-ilmentatur talab għar-rimbors ta' l-ewwel ammont ta' EUR 90 379.00 li tħallas mill-Kummissjoni. F'tieni rendikont ta' l-ispejjeż, l-ilmentatur applika għall-ammont li kien għad fadal, jiġifieri EUR 88 036.10. Sena wara, il-Kummissjoni bagħtet id-dikjarazzjoni finanzjarja finali li ma kinitx tinkludi s-somma dovuta. Billi l-Kummissjoni ma pprovdiet ebda spjegazzjoni sodisfaċenti għan-nuqqas tagħha milli tħallas l-ammont mitlub, l-ilmentatur irrikorra għall-għajnuna ta' l-Ombudsman.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni stqarret li hija kienet laħqet ftehim ma' l-ilmentatur f'kuntatti diretti u li kienet irrimborsat l-ammont li kien fadal ta' EUR 88 036.10 lill-ilmentatur. Min-naħa tiegħu, l-ilementatur qal li huwa kien totalment sodisfatt bil-mod li bih ġiet solvuta l-problema tiegħu. Huwa rringrazzja lill-Ombudsman għall-intervent tiegħu.

L-Ombudsman għalaq il-każ peress li l-Kummissjoni laħqet ftehim fir-rigward tal-kwistjoni b'mod sodisfaċenti għall-ilmentatur.

## 3.3 IS-SOLUZZJONIJIET AMIKEVOLI MIKSUBA MILL-OMBUDSMAN

### Il-Kummissjoni Ewropea

### Allegat irkupru mhux ġustifikat ta' somma fil-qafas ta' proġett ta' żvilupp

*Sommarju ta' deċiżjoni dwar ilment 2577/2004/OV (Kunfidenzjali) kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur, kumpanija li tipparteċipa f'konsorzju, kien kuntrattur fl-implimentazzjoni tal-proġett tal-Kummissjoni 'Għajnuna ta' l-UE għar-Riabilitazzjoni ta' l-Amministrazzoni Lebaniża'. F'Awwissu 1999, l-ilmentatur iffirma kuntratt ma' l-Awtorità Kontraenti għall-proġett, jiġifieri, il-Ministru ta' l-Istat għar-Riforma Amministrattiva tar-Repubblika tal-Lebanon (OMSAR). L-ilmentatur ħabbat wiċċu ma' bosta problemi minħabba l-mod li bih ġie ġestit il-proġett mid-Delegazzjoni tal-Kummissjoni fil-Lebanon. Bl-ittra tat-22 ta' Jannar 2003, id-Delegazzjoni infurmat

lill-ilmentatur li l-ammont ta' EUR 29 306.65 li jikkorrispondi għall-ispejjeż per diem u għall-ispejjeż tal-biljetti ta' l-ajru invojsjat mill-konsorzju għat-tim tal-*backstopping* (appoġġ ta' l-uffiċċju fil-post) se jkun irkuprat. Skond l-ilmentatur, il-ġestjoni inġusta tal-kuntratt mill-Kummissjoni irriżultat f'telf finanzjarju serju għall-ilmentatur u kkawżat ukoll ħsara għar-reputazzjoni tal-konsorzju.

F'Awwissu 2004, l-ilmentatur ippreżenta ilment lill-Ombudsman. L-ilmentatur allega li (i) id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li l-ammont ta' EUR 29 306.65 jiġi rkuprat ma kinitx ġustifikata, u (ii) il-Kummissjoni uriet inċertezzi u nuqqas ta' rispons fir-rigward tal-pjan li l-konsorzju ippreżenta f'Ġunju u f'Diċembru 2002 u mill-ġdid f'Marzu 2003 għal tieni fażi tal-proġett. Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur allega wkoll li (iii) il-proposta għal tieni fażi tal-proġett ġiet sempliċiment irrifjutata mingħajr ma OMSAR jew l-ilmentatur kellhom ċ-ċans jinstemgħu.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat, fir-rigward ta' l-ewwel allegazzjoni, li kellha bażi legali biżżejjed biex tippretendi r-rimbors ta' dik is-somma. Fir-rigward tat-tieni allegazzjoni, il-Kummissjoni iddikjarat li d-dewmien ma kienx esklussivament attribwibbli għaliha u li hija ma baqgħetx passiva. Il-Kummissjoni irrifjutat it-tielet allegazzjoni ta' l-ilmentatur, u ddikjarat li hija wriet l-akbar flessibbiltà lejn l-ilmentatur.

Wara analiżi serja tal-fajl, l-Ombudsman qies li kellha ssir distinzjoni bejn il-perjodu ta' għaxar t'ijiem ta' qabel il-bidu nett tal-proġett (f'Ottubru 1999) u l-bqija tal-perjodu tal-kuntratt. Fir-rigward tal-perjodu ta' qabel il-bidu nett tal-proġett, l-Ombudsman ikkonkluda li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirkupra l-ispejjeż tal-vjaġġi u l-ispejjeż per diems tat-tim tal-*backstopping* tista' tikkostitwixxi istanza ta' malamministrazzjoni. Għalhekk, l-Ombudsman għamel proposta għal soluzzjoni amikevoli bejn l-ilmentatur u l-Kummissjoni. Huwa ssuġġerixxa li l-Kummissjoni tirrevedi d-deċiżjoni tagħha li tirkupra l-ammont ta' EUR 29 306.65.

Fir-rigward taż-żewġ allegazzjonijiet l-oħra, l-Ombudsman qies li ma kien hemm ebda malamministrazzjoni.

Fir-risposta tagħha għal soluzzjoni amikevoli, il-Kummissjoni iddikjarat li, sabiex jittieħdu passi biex tiġi solvuta l-kwistjoni, hija vvalutat il-fajl mill-ġdid u aċċettat il-proposta ta' l-Ombudsman. Il-Kummissjoni spjegat li l-ispejjeż li jammontaw għal EUR 3 536.23, li jikkorrispondu għal spejjeż per diems u tal-biljetti ta' l-ajru, issa tqiesu eliġibbli u ġew imnaqqsa mill-ammont li għandu jiġi rkuprat. Għalhekk, l-ammont li għandu jiġi rkuprat mingħand l-ilmentatur ikollu jitnaqqas għal EUR 25 770.42. Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur aċċetta s-soluzzjoni amikevoli u radd ħajr lill-Ombudsman ta' l-intervent tiegħu.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman innota li sar qbil fuq soluzzjoni amikevoli bejn l-ilmentatur u l-Kummissjoni. Għalhekk, l-Ombudsman għalaq il-fajl.

## Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tar-Razziżmu u l-Ksenofobija

### Allegat nuqqas li tingħata informazzjoni adegwata lil offerent li ma ntgħażilx

*Sommarju tad-deċiżjonijiet dwar l-ilmenti 1858/2005/BB u 1859/2005/BB kontra ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tar-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC)*[12]

L-ilmentatur talab lis-Sur D., Kap ta' Unità fiċ-Ċentru Ewropew għall- Monitoraġġ tar-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC), biex jispjega għaliex l-offerti tiegħu bi tweġiba għal żewġ sejħiet miftuħa għall-offerti ma ntlaqgħux. Is-Sur D. wieġeb għall-ewwel talba iżda ma weġibx għat-talbiet suċċessivi ta' l-ilmentatur biex ikun jaf min kienet l-organizzazzjoni rebbieħa u l-prezz ta' l-offerta

12 L-Ombudsman jinnota li skond l-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007, l-EUMC m'għadux jeżisti b'effett mill-1 ta' Marzu 2007 u r-rwol tiegħu issa qed isir mill-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

tagħha u biex jikseb tqabbil tal-pożizzjonijiet fil-lista u l-punti ta' l-offerti tiegħu u ta' l-offerti rebbieħa. Fl-ewwel ilment, l-ilmentatur argumenta wkoll li l-EUMC naqas milli japplika kriterji trasparenti.

Skond l-EUMC, it-talbiet ma kinux indirizzati lill-persuna ta' kuntatt innominata, u kellhom jintbagħtu bil-posta ordinarja jew reġistrata. Huwa għamel referenza ġenerali għall-fatt li jirċievi madwar 300 e-mail "spam" kuljum. Huwa rrefera għall-avviż ta' l-għoti tal-kuntratt għall-isem ta' l-offerta rebbieħa u l-prezz ta' l-offerta tagħha u pprovda l-pożizzjonijiet fil-lista u spjegazzjonijiet, u sostna li l-proċedura kienet waħda trasparenti.

L-Ombudsman ma kienx sodisfatt bl-ispjegazzjonijiet ta' l-EUMC. F'dan ir-rigward, huwa fakkar li l-Amministrazzjoni hija meħtieġa li tipprovdi l-informazzjoni mitluba sakemm ma jkunx hemm raġunijiet validi u adegwati biex ma tagħmilx dan. Barra minn hekk, wara li jirċievi talbiet għal informazzjoni fuq kwistjonijiet li huwa ma jkunx responsabbli għalihom, uffiċjal għandu (i) jipprovdi r-referenzi ta' kuntatt tal-persuna responsabbli jew (ii) jibgħat it-talba direttament lill-persuna responsabbli. L-ebda pass minn dawn ma ttieħed fil-każ preżenti. Barra minn hekk, l-Ombudsman osserva li l-iskop ta' obbligu ta' trasparenza huwa li jippermetti verifika li l-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-offerenti ġie rispettat u li jiffaċilita l-eżaminar ta' l-imparzjalità u l-integrità tal-proċeduri ta' l-akkwist. B'rabta ma' dan, id-dmir li jingħataw ir-raġunijiet jindirizza l-bżonn li jkun żgurat livell xieraq ta' trasparenza fil-proċeduri ta' l-għoti tal-kuntratti[13].

L-Ombudsman għalhekk għamel proposti għal soluzzjonijiet bonarji u talab lill-EUMC biex jipprovdi informazzjoni adegwata fuq il-punti mqabbla u spjegazzjonijiet adegwati dwar it-trasparenza tal-proċedura ta' l-ewwel offerta jew, inkella, kumpens raġonevoli.

L-EUMC aċċetta l-proposti ta' l-Ombudsman għal soluzzjonijiet bonarji u l-ilmentatur esprima l-gratitudni tiegħu lill-Ombudsman għall-ħidma tiegħu u talli jipprovdi salvagwardja affidabbli għat-trasparenza fl-UE.

## 3.4 IL-KAŻIJIET LI NGĦALQU B'RIMARKA KRITIKA MILL-OMBUDSMAN

### Il-Parlament Ewropew

#### Motivazzjonijiet mhux adegwati u nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni dwar il-marka li nkisbet f'test orali

*Sommarju ta' deċiżjoni dwar ilment 1782/2004/OV (Kunfidenzjali) kontra l-Parlament Ewropew*

L-ilmentatur ipparteċipa f'Kompetizzjoni Miftuħa organizzata mill-Parlament Ewropew u ġie infurmat mill-Parlament li kien kiseb biss 19/40 fit-test orali u li, għalhekk, ismu ma setax jiġi nkluż fil-lista riżervata. B'ittra tal-11 ta' Marzu 2004, l-ilmentatur ikkontesta dan ir-riżultat. Huwa ddikjara li ma setax jifhem għalfejn ir-riżultat kien daqshekk baxx u talab reviżjoni tat-test orali tiegħu u li ismu jitqiegħed fuq il-lista riżervata. Huwa talab ukoll li jiġi infurmat dwar kif ġew imqassma l-marki u kif ingħataw il-marki għal kull suġġett tat-test orali. Skond l-ilmentatur, il-Parlament bagħtlu tweġiba vaga u mhux immotivata b'mod xieraq fil-25 ta' Marzu 2004, li kienet tikkonferma biss il-marki tiegħu.

13 Ara l-kawża C-92/00, *HI*, ECR [2002] I-5553, paragrafu 46.

F'Ġunju 2004, l-ilmentatur ilmenta ma l-Ombudsman u allega li s-servizz tal-kompetizzjoni tal-Parlament kien bagħat tweġiba vaga u mhux immotivata b'mod xieraq għall-ittra tiegħu tal-11 ta' Marzu 2004. Huwa ddikjara (i) li l-andament tiegħu fit-test orali kellu jiġi kkunsidrat mill-ġdid u li ismu kellu jiġi inkluż fil-lista riżervata tal-kompetizzjoni u (ii) li kellu jingħata (a) ġustifikazzjoni ċara tal-marki tiegħu; (b) kif ġew imqassma l-marki tiegħu fit-test orali; (ċ) kif ingħataw il-marki għal kull suġġett tat-test orali; (d) informazzjoni dwar in-numru totali tal-kandidati u l-marki tagħhom; u (e) t-tweġibiet korretti għall-mistoqsijiet kollha.

Fl-opinjoni tiegħu, il-Parlament iddikjara li, fl-ittra tiegħu tal-25 ta' Marzu 2004, huwa kien reġà kkonferma l-marki ta' l-ilmentatur. Il-Parlament osserva li l-Bord ta' Selezzjoni kien mexa skond l-avviż tal-kompetizzjoni u li ma kienet instabet l-ebda irregolarità. Il-Parlament iddikjara wkoll li l-Kompetizzjoni Miftuħa in kwistjoni kienet tikkonsisti f'test orali wieħed biss li kellu l-għan li jevalwa l-andament ta' kull kandidat imqabbel ma' dak tal-kandidati l-oħra. Kompla biex jgħid li, minħabba li kien hemm marka ġenerali waħda biss, ma setax jikkomunika lill-ilmentatur it-tweġibiet "korretti" għall-mistoqsijiet jew jagħtih indikazzjoni dettaljata dwar kif ingħatat il-marka tiegħu.

L-Ombudsman wettaq aktar investigazzjonijiet dwar diversi aspetti tad-dikjarazzjoni ta' l-ilmentatur u spezzjona l-fajl tal-Parlament li għandu x'jaqsam mal-kompetizzjoni u l-evalwazzjoni tat-test orali ta' l-ilmentatur. Waqt l-ispezzjoni deher li, minbarra sentenza ġenerali waħda fir-rapport finali tal-Bord ta' Selezzjoni, ma kien hemm l-ebda dokument ieħor disponibbli dwar l-evalwazzjoni tat-testijiet orali tal-kandidati.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman ikkonkluda li ma kien hemm l-ebda amministrazzjoni ħażina fil-każ tan-nuqqas tal-Parlament li jimmotiva b'mod adegwat it-tweġiba tiegħu għall-ittra ta' l-ilmentatur tal-11 ta' Marzu 2004. F'rimarka kritika l-Ombudsman iddikjara li, f'każ fejn kien hemm test orali wieħed biss b'marka ġenerali waħda biss, kien partikolarment importanti li l-Parlament jindirizza b'mod adegwat talbiet għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid ta' dik il-marka. Dwar id-dikjarazzjonijiet tar-rikorrent, ma nstab l-ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina. L-Ombudsman iżda għamel dikjarazzjoni oħra li fiha huwa rrakkomanda li f'każijiet bħal dak preżenti, fejn il-kompetizzjoni kienet tikkonsisti f'test orali wieħed biss, il-Parlament seta' jħeġġeġ lill-Bordijiet ta' Selezzjoni sabiex jiddokumentaw l-evalwazzjonijiet tagħhom b'mod iżjed dettaljat. Huwa kompla billi ddikjara li proċedura bħal din ma kinitx ser toħloq piż amministrattiv żejjed mhux sostenibbli f'każijiet fejn in-numru tal-kandidati li jkun qegħdin jieħdu sehem fit-test orali jkun limitat.

## Allegazzjoni ta' ndħil politiku fil-ħatra tal-Kap ta' l-Uffiċċju ta' l-Informazzjoni tal-Parlament fi Stat Membru

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2825/2004/OV (Kunfidenzjali) kontra l-Parlament Ewropew*

L-ilmentatur applika, f'Novembru 2002, għall-kariga ta' Kap ta' l-Uffiċċju ta' Informazzjoni tal-Parlament fi Stat Membru. Fi Frar 2003, il-President tal-Bord ta' Selezzjoni infurmah li, wara eżami komparattiv tal-merti tal-kandidati, huwa ma kienx fost is-sitt l-'aqwa' kandidati li ġew mistiedna għall-intervista. B'ittra rreġistrata tad-19 ta' Frar 2003, l-ilmentatur ilmenta dwar ir-rifjut ta' l-applikazzjoni tiegħu u talab li jerġa' jiġi kkunsidrat għall-kariga. Huwa ma rċieva l-ebda tweġiba għall-ittra tiegħu. L-ilmentatur issuspetta li kien hemm oppożizzjoni minn partit politiku wieħed partikolari għall-ħatra tiegħu fil-kariga.

Għalhekk, f'Settembru 2004, l-ilmentatur ilmenta ma l-Ombudsman u allega li (i) hemm partiti politiċi involuti fil-ħatra tal-Kap ta' l-Uffiċċju ta' l-Informazzjoni tal-Parlament, u li involviment bħal dan kien imur kontra r-Regoli tal-Persunal, u li (ii) il-Parlament naqas milli jwieġeb għall-ilment irreġistrat tad-19 ta' Frar 2003.

Fl-opinjoni tiegħu, il-Parlament iddikjara li kien twaqqaf Bord ta' Selezzjoni indipendenti u li l-kriterji ta' selezzjoni addottati mill-Bord u applikati bl-istess mod lill-kandidati kollha, kienu

bbażati fuq profil dettaljat deskritt fl-avviż tal-post battal. Fl-osservazzjonijiet tiegħu dwar l-opinjoni tal-Parlament, l-ilmentatur iddikjara li ċerti MPE mill-Istat Membru kkonċernat kienu indaħħlu fil-proċedura ta' selezzjoni u dehru li kienu jafu l-identità tal-kandidati u li kienu raw l-applikazzjonijiet u s-CVs tagħhom.

L-Ombudsman wettaq tliet serji ta' inkjesti aktar fil-fond u staqsa lill-Parlament, fost affarijiet oħra, sabiex jispjega x'miżuri kien ħa sabiex jiggarantixxi l-imparzjalità tal-proċedura ta' selezzjoni kif ukoll l-anonimità tal-kandidati u ta' l-applikazzjonijiet tagħhom fil-każ ta' persuni li m'humiex membri tal-Bord ta' Selezzjoni. L-Ombudsman kien talab wkoll lill-Parlament sabiex jikkummenta dwar id-dikjarazzjoni ta' l-ilmentatur li ċerti MPE, li ma ġewx imsemmija, kienu għamlu kuntatt dirett mas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament. sabiex jinfluwenzaw il-proċedura ta' selezzjoni. Fit-tweġibiet tiegħu, il-Parlament iddikjara li l-Bord ta' Selezzjoni kien irrispetta s-segretezza tal-proċeduri tiegħu, u li ma kien hemm l-ebda prova li l-membri tal-Bord kienu kkomunikaw informazzjoni dwar il-kandidati. Il-President tal-Parlament ikkonferma wkoll li huwa seta' jiggarantixxi li ma kien hemm l-ebda indħil mis-Segretarju-Ġenerali fix-xogħol tal-Bord ta' Selezzjoni jew tentattivi sabiex is-Segretarju-Ġenerali jiġi influwenzat.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman l-ewwel indika li l-allegazzjonijiet kontra l-MPE individwali jaqgħu barra l-mandat tiegħu, minħabba li ma jittrattawx att ta' istituzzjoni jew entità tal-Komunità. L-Ombudsman fehem l-ewwel allegazzjoni ta' l-ilmentatur bħala li kienet tissuġġerixxi li l-uffiċjali tal-Parlament involuti fil-proċeduri ta' selezzjoni kienu ħallew lilhom infushom jiġu influwenzati mill-MPE. F'dan ir-rigward, l-Ombudsman innota li l-ilmentatur ma kien issottometta l-ebda prova tanġibbli li kienet issostni dik l-allegazzjoni u li aktar investigazzjonijiet li kienu saru ma ħallew ebda provi konkreti li setgħu jikkonfermaw is-suspetti ta' l-ilmentatur. L-Ombudsman ħa wkoll nota tad-dikjarazzonijiet ċari tal-Parlament li ma kien sar l-ebda ndħil fil-proċedura ta' selezzjoni. Fil-każ tat-talba partikolari ta' l-ilmentatur li tittieħed ix-xhieda ta' assistent ta' MPE, l-Ombudsman iddikjara li l-Istatut tiegħu ma kienx jippermettili li jieħu x-xhieda minn MPE jew l-assistenti tagħhom u li, fi kwalunkwe każ, minħabba d-dikjarazzjonijiet ċari tal-Parlament, li kellhom jingħataw importanza, it-teħid tax-xhieda fuq bażi volontarja mill-persuni kkonċernati ma kienx ikun xieraq. Fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-Ombudsman ikkonkluda li ma ġiex stabbilit li l-proċedura ta' selezzjoni għall-kariga in kwistjoni kienet ġiet soġġetta jew influwenzata minn interferenza "barranija". Għalhekk, ma nstab l-ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina.

L-Ombudsman iżda għamel rimarka kritika dwar it-tieni allegazzjoni dwar in-nuqqas ta' l-għoti ta' tweġiba għall-ittra rreġistrata ta' l-ilmentatur tad-19 ta' Frar 2003. Kien biss fit-12 ta' Ottubru 2005, jiġifieri iżjed minn sentejn u nofs wara, u sena wara li l-Ombudsman kien ġibed l-attenzjoni tiegħu għan-nuqqas ta' għoti ta' tweġiba, li l-Parlament wieġeb din l-ittra.

## Il-Kummissjoni Ewropea

### Tqegħid inġust ta' kumpanija fuq il-lista tas-Sistema ta' Twissija Bikrija

*Sommarju ta' deċiżjoni rigward ilment 2468/2004/OV (Kunfidenzjali) kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatriċi, kumpanija, kienet involuta f'numru ta' proġetti ffinanzjati mill-Kummissjoni. Fil-qafas ta' tilwim kummerċjali, wieħed mis-sottokuntratturi tagħha kiseb, minn qorti fil-Lussemburgu, ordni ta' sekwestru kontriha. Meta l-Kummissjoni ġiet infurmata b'din l-ordni żammet il-pagamenti kollha dovuti lill-ilmentatriċi u niżlitha fil-lista tagħha hekk imsejħa "Sistema ta' Twissija Bikrija" - (*Early Warning System* - EWS). L-EWS tavża lill-Kummissjoni dwar każijiet meta benefiċjarju jew benefiċjarju potenzjali kkommetta jew jista' jkun li kkommetta żbalji amministrattivi (serji) jew saħansitra frodi. Meta l-Kummissjoni ġiet infurmata li l-ordni ta' sekwestru kienet limitata għal

EUR 50 000, iddeċidiet li żżomm din is-somma mill-ammonti dovuti lill-ilmentatriċi. L-ilmentatriċi iżda baqgħet fuq l-EWS sakemm l-ordni ta' sekwestru tneħħiet kważi sena wara.

Fl-ilment tagħha lill-Ombudsman, l-ilmentatriċi allegat li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni (i) li żżomm is-somma ta' EUR 50 000 u (ii) li tniżżel l-ilmentatriċi fuq l-EWS kienet inġusta, illegali, mhux fondata u kienet tikser il-Kodiċi Ewropea għall-Imġieba Amministrattiva Tajba. Iddikjarat ukoll li l-Kummissjoni kellha tiċċirkola ittra ta' spjegazzjoni lis-servizzi kollha tal-Kummissjoni sabiex terġa' tikseb ir-reputazzjoni tagħha. Skond l-ilmentatriċi it-tqegħid tagħha fuq il-lista ta' l-EWS irriżulta fi problemi serji fil-każ ta' l-għoti ta' kuntratti ġodda mill-Kummissjoni, dewmien kbir fil-pagamenti u dannu irreparabbli lir-reputazzjoni tagħha.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li ż-żamma ta' EUR 50 000 kienet ġustifikata b'mod sħiħ u li t-tqegħid fuq il-lista ta' l-EWS sar bi qbil mar-regoli interni tagħha.

L-Ombudsman wettaq aktar inkjesti u għamel ukoll ispezzjoni tad-dokumenti relevanti. Rigward id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li żżomm is-somma ta' EUR 50 000 mill-ilmentatriċi, l-Ombudsman ikkonkluda li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina peress li l-Kummissjoni dehret li aġixxiet b'konformità mal-liġi.

L-Ombudsman innota li l-Kummissjoni kienet żammet lill-ilmentatriċi fuq il-lista ta' l-EWS anke wara li kienet ġiet infurmata li l-ordni ta' sekwestru kienet ġiet limitata għal EUR 50 000, u wara li kienet ibblukkat l-ammont imsemmi. L-Ombudsman ikkunsidra li l-effetti negattivi tat-tqegħid fuq il-lista msemmija mill-ilmentatriċi kienu jidhru kredibbli. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Ombudsman ikkunsidra li t-tniżżil kontinwu ta' l-ilmentatriċi fuq il-lista ta' l-EWS kien inġust u kien jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina. L-Ombudsman, għalhekk, ikkunsidra li ma kienx hemm il-ħtieġa li jeżamina l-allegazzjoni l-oħra.

L-Ombudsman ikkuntatja lill-ilmentatriċi bl-għan li jeżamina l-possibbiltà ta' soluzzjoni amikevoli. L-ilmentatriċi, iżda, ppreferiet li tirċievi d-deċiżjoni finali ta' l-Ombudsman. L-Ombudsman, għalhekk, għalaq il-każ b'rimarka kritika.

## Żvelar ta' informazzjoni lill-istampa ta' l-ismijiet tal-kandidati għall-kariga ta' Kap ta' Rappreżentazzjoni f'Malta

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 452/2005/BU kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Kandidat għall-kariga ta' Kap tar-Rappreżentazzjoni f'Malta ilmenta kontra l-Kummissjoni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni u l-pubblikazzjoni fi tliet artikoli ta' gazzetta lokali ta' l-ismijiet tal-kandidati għall-kariga. It-tliet artikoli ta' l-istampa semmew rispettivament diversi kandidati għall-kariga, disa' kandidati li tqiegħdu fuq lista qasira għall-intervista, u tliet kandidati nisa li tqiegħdu fuq lista qasira għall-kariga. L-ilmentatur ikkunsidra li t-tliet każijiet ta' żvelar ta' l-ismijiet tal-kandidati lill-istampa kienu jikkostitwixxu ksur tal-fiduċja u tar-Regolament 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fil-każ ta' l-ipproċessar tad-dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dejta bħal din[14].

Fl-opinjoni tagħha dwar l-ilment, il-Kummissjoni nfurmat lill-Ombudsman li l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (*European Data Protection Supervisor* - EDPS) kien beda investigazzjonijiet dwar l-ewwel żvelar ta' informazzjoni. Wara talba mill-Ombudsman, l-EDPS informa lill-Ombudsman bir-riżultat ta' l-investigazzjonijiet tiegħu. Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman irrefera għall-Memorandum ta' Ftehim bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta tat-30 ta' Novembru 2006 li jistipula li "l-ebda awtorità m'għandha tibda inkjesta jekk l-awtorità l-oħra tkun qegħda titratta jew tkun trattat dak li essenzjalment huwa l-istess

14 Regolament (KE) Numru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi rigward l-ipproċessar ta' dejta pesonali mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment ħieles ta' dejta bħal din, ĠU 2001 L 8, p. 1.

ilment, sakemm l-ilmentatur ma jippreżentax provi sinjifikanti ġodda f'każ li fih l-aworità l-oħra tkun diġà kkonkludiet l-inkjesta tagħha." L-Ombudsman għalhekk ikkunsidra li ma kienx ikun xieraq għalih li jkompli l-inkjesta tiegħu rigward l-ewwel żvelar ta' informazzjoni.

L-Ombudsman iżda talab lill-Kummissjoni sabiex tagħtih informazzjoni dwar ir-riżultat ta' l-investigazzjonijiet interni tagħha stess, rigward l-informazzjoni fit-tieni u fit-tielet artikoli ta' l-istampa, kif ukoll rigward il-listi tal-membri tal-persunal tiegħu u/jew terzi li kienu awtorizzati minnha sabiex ikollhom aċċess għad-dejta personali li dehret f'kull wieħed mit-tliet artikoli ta' l-istampa.

Bi tweġiba, il-Kummissjoni ddikjarat li ma kienu nstabu l-ebda provi oġġettivi li kienu jippermettuha tidentifika s-sors tal-ħruġ tad-dejta. Iddikjarat ukoll li ma setgħetx tiġi stabbilita lista kompluta ta' persuni li għandhom aċċess għall-informazzjoni li fuqha ġew bbażati l-artikoli ta' l-istampa minħabba (i) in-numru kbira ta' persuni li jirċievu l-fajl li jkun fih l-applikazzjonijiet għall-kariga, (ii) is-segretarjati numerużi u l-persunal involut u (iii) in-numru potenzjal ta' persuni li għandhom aċċess għad-dejta elettronika in kwistjoni.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman sab li l-fatt li l-Kummissjoni pprovdiet d-dejta personali kunfidenzjali lil "numru kbir ta' persuni" u "segretarjati numerużi u l-persunal involut" u l-impossibbiltà li kienet irriżultat sabiex jiġu stabbiliti l-listi ta' persuni li għandhom aċċess għal dik id-dejta personali setgħet b'mod raġonevoli żiedet il-possibbiltà ta' l-iżvelar tad-dejta personali lil persuni li m'humiex awtorizzati jircevuha. L-Ombudsman għalhekk għamel rimarka kritika li sitwazzjoni bħal din ma kinitx kumpatibbli ma' l-obbligi tal-Kummissjoni fir-Regolament 45/2001 u kienet tikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina.

## Allegazzjoni ta' segretezza mhux ġustifikata f'*database* tal-PAK

*Sommarju ta' deċiżjoni fuq l-ilment 1693/2005/PB kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Bil-għan li jsir jaf min huma l-benefiċjarji tas-sussidji agrikoli ta' l-UE, l-ilmentatur talab lill-Kummissjoni għal aċċess pubbliku għar-rapporti annwali tal-kontabilità mibgħuta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Politika Agrikola Komuni skond ir-Regolament 2390/1999.

Il-Kummissjoni stqarret li l-informazzjoni dwar il-kontabilità pprovduta lilha mill-Istati Membri kienet ta' natura kunfidenzjali skond ir-Regolament 2390/1999. Hija stqarret ukoll li r-rapporti m'għadhomx jeżistu bħala "dokumenti" billi l-kontenut tagħhom iddaħħal f'*database* kbira ħafna (ir-Regolament 1049/2001[15] jipprovdi għal aċċess pubbliku għad-'dokumenti', mhux informazzjoni).

Fi proposta għal soluzzjoni bonarja, l-Ombudsman issuġġerixxa lill-Kummissjoni li hija tista' tipprovdi l-informazzjoni kkonċernata lill-ilmentatur bħala materja ta' amministrazzjoni tajba. Din il-proposta ma ġietx milqugħa.

Fid-deċiżjoni ta' l-għeluq tiegħu, l-Ombudsman sab li l-Kummissjoni naqset milli tagħti raġunijiet validi għad-dipendenza tagħha fuq id-dispożizzjoni dwar il-kunfidenzjalità fir-Regolament 2390/1999. Il-Kummissjoni rreferiet biss f'termini ġenerali għall-interessi mħarsa u ma tatx spjegazzjonijiet adegwati dwar l-applikabilità ta' eċċezzjoni rilevanti. F'dan il-kuntest, l-Ombudsman innota li r-Regolament Finanzjarju l-ġdid[16] u ftehim politiku reċenti tal-Kunsill dwar Regolament ġdid li jobbliga lill-Istati Membri jippubblikaw listi nazzjonali ta' benefiċjarji[17] dgħajfu l-argumenti tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kunfidenzjalità.

15 Regolament (KE) Nru. 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.

16 Artikolu 53b(2)(d) tar-Regolament Finanzjarju emendat.

17 Ara l-istqarrija għall-istampa tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd", 22-23 ta' Ottubru 2007 (disponibbli fuq: http://register.consilium.europa.eu/pdf/mt/07/st13/st13683.mt07.pdf).

F'dak li għandu x'jaqsam man-nuqqas ta' eżistenza tar-rapporti bħala "dokumenti", il-Kummissjoni ikkonċediet li kien problematiku li jiġu esklużi b'mod ġenerali l-ammonti kbar ħafna ta' informazzjoni f'*databases* pubbliċi mill-aċċess pubbliku. Għalhekk, ir-riżultati ta' "operazzjonijiet ta' rutina" ġew ittrattati bħala "dokumenti". Madankollu, l-informazzjoni mitluba mill-ilmentatur f'dan il-każ ma tistax tinġieb permezz ta' "operazzjoni ta' rutina", iżda teħtieġ programmazzjoni ġdida u kumplessa tad-*database*.

L-Ombudsman ikkonkluda li l-pożizzjoni ġenerali tal-Kummissjoni fir-rigward ta' l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni fid-*databases* ma kinitx waħda sodisfaċenti. Madankollu, l-Ombudsman żamm lura milli jkompli din il-kwistjoni, billi ġibed l-attenzjoni, b'mod partikolari, li din kienet kwistjoni ġuridika ġdida ġenerali u kumplessa li l-leġiżlatur Komunitarju jista' jeżamina fil-kuntest tar-riforma tar-Regolament 1049/2001. Għaldaqstant, l-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka kritika. Madankollu, l-Ombudsman stqarr ukoll li huwa se jikkunsidra li jikkonsulta mal-membri tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen biex isir jaf xi tweġibiet ingħataw għal dawn il-problemi fil-livell nazzjonali u biex isir jaf l-aqwa prattiċi. Ir-riżultati ta' konsultazzjoni bħal din se jkunu disponibbli lill-Kummissjoni u ser jiġu ppubblikati fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Ombudsman.

## Ċaħda ta' għoti ta' aċċess għal dokument konsultattiv intern

*Sommarju ta' deċiżjoni dwar l-ilment 1844/2005/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Ġurnalist Ġermaniż talab lill-Kummissjoni aċċess għal dokument li s-servizzi tagħha kienu fasslu fl-1995, bħala l-preparazzjoni għal deċiżjoni dwar proċeduri ta' ksur li kienu possibbli kontra l-Greċja minħabba l-kostruzzjoni ta' ajruport ġdid fi Spata. Il-Kummissjoni ċaħdet it-talba u argumentat li l-għoti tad-dokument kien ser jagħmel ħsara serja lill-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha. Il-ġurnalist ħa l-pożizzjoni li l-għoti tad-dokument ma setgħax ikollu dan l-effett minħabba li d-dokument kellu kważi għaxar snin. Minbarra dan, huwa argumenta li kien hemm interess pubbliku sostanzjali fl-għoti ta' fondi mill-UE għall-proġett in kwistjoni u li l-irregolaritajiet possibbli tal-proġett diġà kienu s-suġġett ta' artikli f'gazzetti ewlenin.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni spjegat li d-dokument kien fih l-evalwazzjonijiet u l-opinjonijiet tas-servizzi tagħha u kien juri d-dibattiti li kien hemm bejniethom. Għamlet referenza għal-linji gwida li fuq il-bażi tagħhom kienu joħorġu dokumenti relatati mal-proċeduri ta' ksur ġaladarba l-każ ikun ingħalaq. L-eċċezzjonijiet għal dik ir-regola japplikaw b'mod ristrett. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni iżda l-għoti tad-dokument in kwistjoni jaffettwa b'mod serju l-abbilità tagħha li teżerċita b'mod effettiv is-setgħat tagħha relatati mal-proċeduri ta' ksur.

Wara evalwazzjoni bir-reqqa, l-Ombudsman indirizza abbozz tar-rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni u talabha sabiex tagħti aċċess għad-dokument. Fl-opinjoni tiegħu, l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-eċċezzjoni relevanti għar-regola ta' l-aċċess pubbliku tant kienet ġenerali li dehret li kienet tneħħi kwalunkwe tifsira lill-eċċezzjoni.

Fl-opinjoni dettaljata tagħha, il-Kummissjoni insistiet li l-aċċess ma setgħax jingħata. Iddikjarat ukoll li dan il-punt kien ibbażat biss fuq is-sensittività ta' l-informazzjoni li kien hemm fid-dokument. Fi kwistjonijiet delikati bħall-każ ta' l-ajruport ta' Spata, kien essenzjali li jingħata parir loġiku mis-servizzi tagħha u li tagħtihom il-libertà li ma jsegwux ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom. Skond il-Kummissjoni, l-għoti tad-dokument jerġa' jiftaħ id-diskussjonijiet u jitfa' dubji dwar il-legalità tad-deċiżjoni tagħha.

Fl-ossevazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur enfasizza li jekk id-dokument kien "jaħraq" tant li l-għoti tiegħu seta' jqajjem dubji dwar il-legalità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, l-interess li joħroġ kien jisboq b'mod ċar kwalunkwe interess ieħor.

L-Ombudsman innota li l-Kummissjoni kienet spjegat biss, fl-opinjoni dettaljata tagħha, għalfejn kienet irrifjutat l-aċċess għad-dokumenti speċifiċi in kwistjoni, meta kienet qegħda tittratta l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur u fl-opinjoni tagħha kienet irreferiet biss għall-protezzjoni tal-

proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'termini ġenerali. Għalhekk, l-Ombudsman ikkunsidra li l-Kummissjoni kienet naqset li tittratta t-talba ta' l-ilmentatur b'mod xieraq.

Fil-każ tal-kontenut tad-dokument, l-Ombudsman aċċetta l-offerta tal-Kummissjoni li tispezzjonah. Wara din l-ispezzjoni, iddikjara li ma kienx konvint li l-għoti tad-dokument kien ser ikollu l-konsegwenzi negattivi mqajjma mill-Kummissjoni.

L-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka kritika.

## Kundizzjonijiet kuntrattwali inġusti

*Sommarju ta' deċiżjoni dwar l-ilment 3008/2005/OV kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-erba' ilmentaturi kienu impjegati bħala Pajżana Internazzjonali b'Kuntratt mal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea "Proxima" fi Skopje f'dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja (FYROM). Meta l-kuntratti ta' "Proxima I" tagħhom skadew, ġew mistiedna biex jiffirmaw kuntratti ta' "Proxima II", li kellhom jidħlu fis-seħħ l-għada. L-ilmentaturi osservaw bidliet sinifikanti fil-kuntratti l-ġodda fir-rigward tas-salarju, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, konċessjonijiet għal spostament, u l-grad tagħhom. Peress li l-unika alternattiva li kellhom kienet li jisfgħu bla xogħol l-għada, huma ffirmaw il-kuntratti.

Fl-ilment tagħhom lill-Ombudsman, l-ilmentaturi allegaw li ġew infurmati wisq tard dwar il-kundizzjonijiet tal-kuntratti l-ġodda tagħhom u kellhom jiffirmaw il-kuntratti taħt pressjoni. L-ilmentaturi sostnew ukoll, essenzjalment, li huma għandhom ikomplu jgawdu l-istess kundizzjonijiet bħal qabel fir- rigward tas-salarju, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, konċessjonijiet għal spostament, u l-grad tagħhom.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni ċaħdet li kienet tpoġġiet pressjoni fuq l- ilmentaturi. Fir-rigward ta' l-allegazzjonijiet ta' l-ilmentaturi, il-Kummissjoni argumentat li billi ffirmaw il-kuntratti l-ġodda, li ma kinux estensjonijiet tal-kuntratti preċedenti, l-ilmentaturi aċċettaw il-kundizzjonijiet stipulati fihom.

L-Ombudsman kien tal-fehma li l-Kummissjoni naqset milli tinforma lill- ilmentaturi biżżejjed minn qabel dwar il-kundizzjonijiet ġodda ta' l-impjieg tagħhom u li dan kien każ ta' amministrazzjoni ħażina. Madankollu, id-dewmien fih innifsu ma fissirx li l-ilmentaturi tpoġġew taħt pressjoni.

Fir-rigward ta' l-allegazzjonijiet ta' l-ilmentaturi, l-Ombudsman ma sab ebda amministrazzjoni ħażina, peress li Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Awwissu 2004 ipprovdiet bażi li fuqha l-kuntratti ta' Proxima II jista' jkollhom kundizzjonijiet differenti minn dawk applikati għal kuntratti ta' Proxima I.

Fir-rigward ta' l-allegazzjoni ta' l-ilmentaturi dwar il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-Ombudsman sab li kien hemm dewmien addizzjonali meta l-ilmentaturi ġew infurmati dwar l-intitolamenti tagħhom tas-sigurtà soċjali u li, minħabba dak id-dewmien, l-ilmentaturi baqgħu iħallsu għal xejn l-assigurazzjoni privata tagħhom. L-uffiċċju ta' l-Ombudsman ikkuntattja lill-ilmentaturi f'Ġunju 2007 bil-għan li jipproponi soluzzjoni bonarja għal dan l-aspett tal-każ. L-ilmentaturi indikaw, madankollu, li huma ma xtaqux isegwu dik il-possibilità. L-Ombudsman b'hekk għalaq il-każ. Id-deċiżjoni ta' għeluq kienet tinkludi żewġ rimarki kritiċi dwar l-amministrazzjoni ħażina li kienet ġiet identifikata.

## Rifjut milli jiġi pprovdut aċċess għal korrispondenza bejn il-Kummissjoni u d-Danimarka

*Sommarju ta' deċiżjoni fuq l-ilment 3193/2005/TN kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Membru Daniż tal-Parlament Ewropew talab aċċess għal ċerta korrispondenza bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Daniżi. Il-Kummissjoni rrifjutat it-talba għar-raġuni li l-iżvelar tad-dokumenti

kkonċernati jdgħajjef il-protezzjoni ta' l-iskop ta' l-investigazzjonijiet (Art. 4(2), it-tielet inċiż tar-Regolament 1049/2001[18]), kif ukoll għar-raġuni li l-imsemmi żvelar idgħajjef serjament il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-istituzzjoni minħabba li d-dokumenti kienu relatati ma' każ fejn id-deċiżjoni ma kinitx ittieħdet mill-istituzzjoni (Art. 4(3), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament).

Matul l-investigazzjoni ta' l-Ombudsman, il-Kummissjoni eventwalment tat aċċess għad-dokumenti mitluba. Madankollu, peress li l-Kummissjoni dehret li qiegħda tiddefendi r-rispett tar-rifjut preċedenti tagħha, l-Ombudsman deherlu li kien utli li jikkunsidra jekk il-Kummissjoni kinitx intitolata li tirrifjuta it-talba għal aċċess oriġinarju ta' l-ilmentatur.

Il-Kummissjoni sostniet li l-iskambju ta' ittri kkostitwixxa parti mill-proċess ta' monitoraġġ tagħha maħsub biex jivverifika l-konformità mad-dritt Komunitarju, li seta' wassal għall-bidu ta' proċedura ta' ksur kontra d-Danimarka skond it-Trattat ta' l-Euratom. Hi tu tenfasizza s-sensittività politika tal-kwistjoni, il-Kummissjoni innotat li l-iżvelar ta' l-ittri seta' kien prematur.

L-Ombudsman talab lill-Kummissjoni biex tispjega, fost l-oħrajn, għal-liema tip ta' investigazzjoni kienu jappartjenu l-ittri mitluba, sabiex tiġġustifika l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 4(2), it-tielet inċiż, tar-Regolament.

Il-Kummissjoni wieġbet li l-mistoqsija ewlenija kienet dwar jekk l-awtoritajiet Daniżi għandhomx jgħarrfuha bir-riżultati tal-monitoraġġ tar-radjuattività ambjentali fi Greenland, biex b'hekk hija tkun tista' tiddetermina jekk azzjoni ta' rimedju tkunx adatta. Il-Kummissjoni nnotat li oriġinarjament hija kienet talbet din l-informazzjoni fuq is-suppożizzjoni li t-Trattat ta' l-Euratom applika għal Greenland, iżda aktar tard għarfet li dan ma kienx minnu. Il-Kummissjoni sostniet li, fil-mument tat-talba għall-aċċess ta' l-ilmentatur, kien għadu mhux ċar jekk għandhiex tkompli bl-isforzi tagħha biex tikseb l-informazzjoni mid-Danimarka fuq bażi volontarja.

L-Ombudsman osserva li, hi u tittratta t-talba għall-aċċess, il-Kummissjoni sostniet li l-monitoraġġ jista' jirriżulta fi proċedura ta' ksur skond it-Trattat ta' l-Euratom, anki jekk, sa dak iż-żmien li saret it-talba, il-Kummissjoni kienet diġà rrikonoxxiet li t-Trattat ta' l-Euratom ma japplikax għal Greenland. L-Ombudsman innota li l-Kummissjoni ma spjegatx x'tip (ieħor) ta' investigazzjoni setgħet wettqet fi ħdan il-kompetenza tagħha. Għalhekk, l-Ombudsman ikkonkluda li r-rifjut inizjali tal-Kummissjoni milli tipprovdi aċċess għall-ittri ma kienx ibbażat fuq raġunijiet validi u adegwati.

## Allegazzjoni ta' trattament mhux ġust fi proċedura ta' offerta

*Sommarju ta' deċiżjoni dwar l-ilment 3693/2005/ID (Kunfidenzjali) kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Dan l-ilment kien jikkonċerna ċ-ċaħda ta' l-offerti ta' l-ilmentatur fuq il-bażi ta' dispożizzjoni fl-avviż ta' akkwist, li permezz tagħha "[mhux] aktar minn (...) sitt applikazzjonijiet għall-oqsma kollha jistgħu jiġu sottomessi minn persuna naturali jew ġuridika (inklużi persuni ġuridiċi fl-istess grupp legali) irrispettivament mill-forma tal-parteċipazzjoni (...)".L-ilmentatur, Raggruppament ta' Interess Ekonomiku Ewropew (*European Economic Interest Grouping* - EEIG) li ġie mwaqqaf skond ir-Regolament 2137/85[19], allega li l-Kummissjoni kienet żbaljat meta akkużat lil X, membru ta' dan l-EEIG, li applika għal seba' oqsma.

L-Ombudsman l-ewwel innota li ma kinitx il-funzjoni tiegħu li jevalwa l-ammissibbiltà ta' l-offerti u li jissostitwixxi s-sentenza tiegħu ma' dik ta' l-Istituzzjoni kkonċernata dwar jekk l-offerta

[18] Regolament (KE) Nru. 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 fir-rigward ta' l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.

[19] Regolament tal-Kunsill (KEE) Numru 2137/85 tal-25 ta' Lulju 1985 dwar il-Grupp Ewropw għall-Interess Ekonomiku (*European Economic Interest Grouping* - EEIG), ĠU 1985 L 199, p. 1.

tissodisfax il-kriterji ta' ammissibbiltà/eliġibbiltà applikabbli. Għalhekk, huwa eżamina jekk il-Kummissjoni kinitx ipprovdiet każijiet validi u xierqa għad-deċiżjoni tagħha li ġiet ikkontestata.

L-Ombudsman irrimarka wkoll li skond il-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-offerti u l-obbligu relevanti tat-trasparenza fil-proċeduri ta' l-offerti, l-ammissibbiltà u l-kriterji għall-għoti tagħhom, indikati fl-avviż ta' l-offerta (jew dokument simili), għandhom jiġu fformulati b'mod tali li l-offerenti kollha li jkunu nfurmati sew u li jkollhom diliġenza normali, jkunu jistgħu jinterpretawhom bl-istess mod. Minn barra dan, meta l-offerti jkunu qegħdin jiġu evalwati, il-kriterji msemmija hawn fuq għandhom jiġu applikati b'mod oġġettiv u uniformi għall-offerenti kollha. F'dan il-kuntest, l-informazzjoni li l-awtorità kuntrattwali għamlet disponibbli għall-offerenti potenzjali, fil-każ ta' l-interpretazzjoni u ta' l-applikazzjoni tal-kriterju ta' l-ammissibbiltà jew ta' l-għoti ta' l-offerta jew tar-regoli tal-liġi tal-komunità li tista' b'mod raġonevoli titqies bħala li għandha effett fuq l-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji hija partikolarment importanti. Informazzjoni bħal din tista' taffettwa l-preparazzjoni u l-formulazzjoni ta' l-offerta u hija relevanti b'mod sostanzjali għall-interess sinjifikanti tal-Komunità billi tippermetti li l-offerenti potenzjali jkollhom l-opportunità li jikkompetu b'mod ugwali. B'hekk meta l-awtorità kontrattwali teżamina l-offerti li jkunu ġew sottomessi lilha għandha tagħti importanza lill-kontenut ta' din l-informazzjoni, almenu lil dik l-informazzjoni li l-preċiżjoni u l-adegwatezza tagħha ma jkunux ġewx ikkontestati minn offerent (potenzjali) jew li ma tmurx kontra, b'mod evidenti, d-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-avviż ta' l-offerta (jew dokument simili) jew tal-liġi tal-Komunità.

Fil-każ attwali, l-Ombudsman sab li l-Kummissjoni kienet naqset li tikkonforma mar-rekwiżit imsemmi hawn fuq. L-Ombudsman sab ukoll li l-Kummissjoni kienet naqset li tagħti raġunijiet xierqa għad-deċiżjoni tagħha li ġiet ikkontestata meta qies ċerti oqsma tal-Komunikazzjoni tagħha dwar il-parteċipazzjoni ta' l-EEIGs fil-kuntratti pubbliċi u l-programmi ffinanzjati mill-fondi pubbliċi li l-ilmentatur setgħa, almenu fil-prinċipju, joqgħod fuqhom meta jkun qiegħed jipprepara l-offerti tiegħu. Wara li qies li l-kuntratti relevanti ngħataw, ġew iffirmati u bħalissa qegħdin jiġu implimentati, u li d-deċiżjoni kkontestata kienet tittratta l-fażi ta' selezzjoni tal-proċedura ta' l-offerta, l-Ombudsman ikkonkluda li ma kienx ġustifikabbli li jaċċetta t-talba ta' l-ilmentatur li d-deċiżjoni kkontestata kellha tiġi rrevokata u li l-applikazzjonijiet kellhom isiru mill-ġdid. Minħabba li r-rikorrent ma kien għamel l-ebda talba oħra, l-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka kritika.

## Dewmien evitabbli fit-trattament ta' lment dwar ksur

*Sommarju ta' deċiżjoni fuq l-ilment. 962/2006/OV kontra l-Kummissjoni Ewropea*

F'Novembru 2002 u f'Marzu 2003, diversi residenti Olandiżi tal-muniċipalità ta' Bellingwolde, ressqu lmenti dwar ksur lill-Kummissjoni Ewropea. Huma allegaw ksur tad-Direttiva 85/337/KE[20] mill-awtoritajiet Ġermaniżi li awtorizzaw il-bini ta' park ta' l-enerġija mir-riħ fil-muniċipalità Ġermaniża ta' Rhede, qrib il-fruntiera Olandiża. L-allegat ksur kien jikkonċerna l-konsegwenzi negattivi tal-proġett fuq l-ambjent u l-fatt li ma twettqietx il-valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali. Il-Kummissjoni wegħdet diversi drabi li tieħu deċiżjoni fir-rigward ta' l-ilmenti. Madankollu, sa April 2006, l-ilmentaturi kienu għadhom ma semgħu xejn mingħand il-Kummissjoni. Għalhekk, wieħed mill-ilmentaturi lmenta f'isimhom kollha ma' l-Ombudsman, billi allega dewmien evitabbli mill-Kummissjoni.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni qalet li hija kienet nediet proċedura ta' ksur kontra l-Ġermanja fi żmien sena minn meta rċeviet l-ilmenti, b'konformità mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Ombudsman Ewropew dwar ir-relazzjonijiet ma' l-ilmentaturi fir-rigward ta' ksur tad-dritt Komunitarju[21]. Il-każ imbagħad ġie ttrattat b'mod rapidu sakemm f'Ġunju

20 Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, ĠU 1985 L 175, p. 40.

21 COM (2002) 141 finali, ĠU 2002 C 244, p. 5.

2004 waslet it-tweġiba mill-awtoritajiet Ġermaniżi għall-opinjoni motivata tal-Kummissjoni. Qabel Ġunju 2006 ma kienet ittieħdet l-ebda deċiżjoni finali dwar il-każ minħabba diskussjonijiet estensivi fi ħdan il-Kummissjoni kif wkoll minħabba d-diffikultà tal-kwistjoni ġuridika kkonċernata.

L-Ombudsman ikkonkluda li, sad-data li fiha ntbagħtet l-opinjoni motivata lill-awtoritajiet Ġermaniżi fl-1 ta' April 2004, ma deher li kien hemm l-ebda dewmien bla bżonn mill-Kummissjoni. Madankollu, l-Ombudsman innota li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħlaq il-każ ġiet adottata biss fit-28 ta' Ġunju 2006, jiġifieri kważi sentejn wara li waslet ir-risposta ta' l-awtoritajiet Ġermaniżi għall-opinjoni motivata. F'dan ir-rigward, l-Ombudsman ikkunsidra li d-diskrezzjoni li għandha l-Kummissjoni fit-trattament ta' l-ilmenti dwar ksur ma tippreġudikax l-applikabilità tal-prinċipju ġenerali li skond dan id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu f'perjodu ta' żmien raġonevoli. L-Ombudsman innota li l-Kummissjoni rreferiet biss għall-konsultazzjonijiet interni tagħha. Huwa kkonkluda li, fin-nuqqas ta' spjegazzjonijiet speċifiċi li jistgħu jiġġustifikaw id-dewmien, il-Kummissjoni naqset milli tittratta l-ilmenti f'perjodu ta' żmien raġonevoli u għalhekk għalaq il-każ b'rimarka kritika.

## Nuqqas tal-Kummissjoni milli tinvestiga b'mod adegwat ilment rigward l-allegata traspożizzjoni żbaljata tad-direttiva dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni

*Sommarju ta' deċiżjoni fuq l-ilment 3543/2006/FOR kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-Ombudsman irċieva lment kontra l-Kummissjoni minn ċittadin Irlandiż fir-rigward ta' l-allegat nuqqas tal-Kummissjoni milli tinvestiga b'mod adegwat l-allegata traspożizzjoni żbaljata tad-Direttiva 2002/92/KE (id-"Direttiva dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni") fil-leġiżlazzjoni Irlandiża. Skond l-ilmentatur, il-bejjiegħa tal-poloz ta' l-assigurazzjoni fl-Irlanda kellhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni li kienet maħsuba li tirregola l-bejgħ ta' prodotti ta' investiment. Barra minn hekk, banek li aġixxew ukoll bħala intermedjarji ta' l-assigurazzjoni kienu esklużi għal raġuni ħażina mill-applikazzjoni tar-regoli dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li d-Direttiva dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni kienet adottata skond il-prinċipju ta' "armonizzazzjoni minima". B'hekk, l-Istati Membri kienu intitolati biex jirregolaw id-dettalji. Għalhekk, l-Istati Membri, u mhux il-Kummissjoni, kienu responsabbli għall-hekk imsejħa *gold-plating*. Il-Kummissjoni qalet ukoll li hija ġiet infurmata mill-awtoritajiet Irlandiżi li kienet qed titħejja reviżjoni tal-leġiżlazzjoni Irlandiża, imfassla biex tirrisolvi s-sitwazzjoni. Skond l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni mingħand il-Ministeru tal-Finanzi Irlandiż, banek li jkunu involuti f'bejgħ ta' prodotti ta' l-assigurazzjoni għandhom jiġu inklużi fl-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-regoli riveduti. Il-Kummissjoni qalet ukoll li, barra dan, il-kwistjoni ta' regolamentazzjoni żejda possibbli ta' l-intermedjarji fl-Irlanda għandha tiġi solvuta permezz ta' regoli riveduti.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman qabel xejn osserva li l-Kummissjoni naqset milli tikklassifika korrispondenza inizjali mill-ilmentatur bħala "ilment". Bħala riżultat ta' dan l-iżball proċedurali, l-Ombudsman għamel rimarka kritika.

L-Ombudsman innota wkoll li l-ilmentatur u l-Kummissjoni, u ċertament l-awtoritajiet Irlandiżi, issa huma lkoll ta' l-istess fehma li ċerti aspetti tal-leġiżlazzjoni li tittrasponi d-Direttiva dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni fil-leġiżlazzjoni Irlandiża ma jikkonformawx mad-Direttiva dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni. B'mod partikolari, issa jidher li l-ilmentatur u l-Kummissjoni qegħdin jaqblu li l-Irlanda għamlet ħażin li eskludiet il-banek mir-regoli dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni.

L-Ombudsman innota li l-awtoritajiet Irlandiżi wegħdu lill-Kummissjoni li se jirrettifikaw l-iżbalji identifikati fil-leġiżlazzjoni Irlandiża. L-Ombudsman ikkunsidra li l-Kummissjoni hija obbligata li tivverifika jekk l-Irlanda fil-fatt adottatx jew le l-leġiżlazzjoni li hija kkommettiet ruħha li tadotta, bil-għan li tirrettifika l-iżbalji li l-ilmentatur identifika fil-leġiżlazzjoni Irlandiża u li l-Kummissjoni

qablet li fil-fatt jeżistu. Nuqqas ta' twettiq ta' dan min-naħa tal-Kummissjoni se jikkostitwixxi f'amministrazzjoni ħażina. F'dan il-kuntest, l-Ombudsman iddikjara, f'rimarka ulterjuri, li l-Kummissjoni għandha tasal għal deċiżjoni li toħroġ avviż formali lill-Irlanda, jew għal deċiżjoni motivata li tagħlaq il-każ, sa mhux aktar tard mis-26 ta' Jannar 2008.

## Aċċess pubbliku għad-dokumenti: raġunijiet mhux adegwati għall-estensjoni ta' terminu ta' żmien u dewmien fir-reġistrazzjoni ta' l-applikazzjonijiet

*Sommarju ta' deċiżjonijiet dwar l-ilment 3697/2006/PB kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur kien, skond ir-Regolament 1049/2001[22], applika għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti miżmuma mill-Grupp ta' Regolaturi Ewropej. L-applikazzjoni tiegħu ġiet trattata mill-Kummissjoni.

L-ilmentatur staqsa dwar id-dewmien konsiderevoli apparenti fir-reġistrazzjoni ta' l-applikazzjoni tiegħu. Skond ir-Regolament 1049/2001, it-terminu ta' żmien sabiex tingħata tweġiba għall-applikazzjoni għall-aċċess jibda fid-data tar-reġistrazzjoni. L-Ombudsman ikkonkluda li l-ilmentatur ma kienx jidher li jixtieq ikompli din il-kwistjoni bħala allegazzjoni speċifika. Huwa għamel iżda rimarka ulterjuri li fiha iddikjara li, fl-opinjoni tiegħu, l-obbligu legali sabiex l-applikazzjonijiet jiġu trattati fil-pront, jimplika li l-Kummissjoni għandha torganizza s-servizzi amministrattivi tagħha sabiex tassigura li r-reġistrazzjoni normalment issir, l-aktar tard, fl-ewwel ġurnata ta' ħidma wara li tiġi rċevuta applikazzjoni.

Minbarra dan, l-ilmentatur kien allega amministrazzjoni ħażina fil-każ ta' l-estensjoni, mill-Kummissjoni, tat-terminu ta' żmien sabiex tingħata tweġiba għall-applikazzjoni tiegħu. Fuq din il-kwistjoni, l-Ombudsman sab amministrazzjoni ħażina u għamel rimarka kritika dwar id-dewmien, u rimarka kritika oħra dwar l-istandard tar-raġunijiet mogħtija għall-azzjonijiet tagħha.

Rigward it-tieni rimarka kritika, l-Ombdusman innota li, skond ir-Regolament 1049/2001, l-istituzzjonijiet huma mitluba jipprovdu lill-applikanti b' "raġunijiet dettaljati" għall-estensjoni tat-terminu ta' żmien għall-għoti ta' tweġiba għall-applikazzjoni ta' konferma. Dak li jikkostitwixxi raġunament suffiċjentement "dettaljat" jista' jvarja minn każ għal każ. Minkejja dan, referenza sempliċi (bħal f'dan il-każ) ifformulata f'termini ġenerali dwar il-ħtieġa li jiġu kkonsultati servizzi oħra tal-Kummissjoni ma tistax tissodisfa r-rekwiżit preċedenti peress li ma fihx elementi xierqa sabiex tippermetti r-reviżjoni dwar jekk l-estensjoni hija ġġustifikata b'mod raġonevoli. Elementi bħal dawn jistgħu jikkonsistu, b'mod partikolari, fi spjegazzjonijiet għalfejn il-konsultazzjoni ta' servizzi speċifiċi oħra tal-Kummissjoni huma neċessarji, u għalfejn il-konsultazzjoni interna ma setgħetx titlesta qabel. Fil-każ attwali, il-Kummissjoni ġġustifikat biss l-estensjoni tagħha tat-terminu ta' żmien kif ġej: "sabiex nittrattaw l-applikazzjoni tiegħek, irridu nikkonsultaw is-servizzi l-oħra tal-Kummissjoni." Din it-tip ta' dikjarazzjoni ma kinitx tammonta għal "raġunijiet dettaljati" fit-tifsira tar-Regolament 1049/2001. Il-Kummissjoni, għalhekk, naqset li tikkonforma mar-rekwiżit statutorju relevanti. In-nuqqas tagħha li tagħmel dan, kif xieraq, kien jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina.

## Nuqqas ta' applikazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar ir-Relazzjonijiet ma' l-Ilmentatur

*Sommarju ta' deċiżjoni fuq l-ilment 446/2007/WP kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Avukat Ġermaniż allega li l-Kummissjoni naqset milli tittratta b'mod korrett ittra li fiha huwa talabha biex tiftaħ proċeduri ta' ksur kontra l-Ġermanja. Fil-fehma tiegħu, il-Ġermanja kienet qiegħda tikser id-dritt Komunitarju minħabba li kien prattikament impossibbli li tressaq lill-ex

22 Ir-Regolament (KE) Nru. 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kunsill, ĠU 2001 L 145, p. 43.

membri u l-membri attwali tal-gvern Ġermaniż għal imġiba ħażina ta' natura kriminali. Il-Kummissjoni wieġbet li hija ma kellha ebda kompetenza biex tintervjeni fil-każ.

Fl-ittra tiegħu lill-Kummissjoni li tiftaħ l-investigazzjoni, l-Ombudsman ġibed l-attenzjoni li l-"Komunikazzjoni dwar ir-Relazzjonijiet ma' l-Ilmentatur dwar ir-relazzjonijiet ma' l-ilmentaturi fir-rigward ta' ksur tad-dritt Komunitarju"[23] mill-Kummissjoni tista' tkun applikabbli f'dan il-każ. Fil-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni stipulat standards għall-kuntatti tagħha ma' l-ilmentaturi li jqisu li l-miżuri jew prattiki fi Stat Membru jiksru l-dritt Komunitarju.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni sostniet li l-Komunikazzjoni ma kinitx applikabbli minħabba li l-ilment ta' l-ilmentatur ma kienx relatat ma' qasam li fih hija setgħet twettaq proċeduri ta' ksur, iżda kien jaqa' fi ħdan l-ambitu tal-kooperazzjoni fl-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (Titolu VI tat-Trattat dwar l-UE).

L-Ombudsman innota li l-ilmentatur kellu ħsieb ċar li l-ittra tiegħu tikkostitwixxi ilment dwar ksur. Huwa wera li t-tieni paragrafu tal-punt 3 tal-Komunikazzjoni fih lista eżawrjenti ta' raġunijiet li abbażi tagħhom il-korrispondenza ma għandhiex tiġi investigata bħala lment dwar ksur, per eżempju jekk "hija tistabbilixxi motiv ta' lment li jaqa' b'mod ċar barra mill-ambitu tad-dritt Komunitarju". Il-Komunikazzjoni tistabbilixxi li, f'każ li l-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tirreġistrax korrispondenza bħala lment, hija għandha "tinnotifika lill-awtur b'dan permezz ta' ittra ordinarja li tistabbilixxi waħda jew aktar mir-raġunijiet imniżżla fit-tieni paragrafu tal-punt 3".

L-Ombudsman ikkunsidra li n-nuqqas tal-Kummissjoni milli tapplika l-Komunikazzjoni meta wieġbet lill-ilmentatur kien każ ta' amministrazzjoni ħażina u għaldaqstant huwa għamel rimarka kritika. Madankollu, l-Ombudsman fisser li l-ilment ta' l-ilmentatur fil-fatt kien jidher li jikkonċerna "motiv ta' lment li jaqa' b'mod ċar barra mill-ambitu tad-dritt Komunitarju". B'mod partikolari, l-ilmentatur ma spjegax b'liema mod huwa kkunsidra li r-responsabbiltà tal-politiċi fi kwistjonijiet kriminali kienet relatata ma' obbligu tal-Ġermanja skond it-Trattat tal-KE. Għalhekk, l-Ombudsman dehrlu li l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod korrett li hija ma tistax tinvestiga t-tħassib ta' l-ilmentatur permezz ta' proċedura ta' ksur.

## Nuqqas ta' pubblikazzjoni tar-rapport annwali ta' l-2005 dwar l-aċċess għad-dokumenti

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar ilment 668/2007/MHZ kontra l-Kummissjoni Ewropea*

*Statewatch* ilmenta lill-Ombudsman li, kuntrarju għall-obbligu legali tagħha li kien jirrużulta mill-Artikolu 17(1) tar-Regolament 1049/2001[24], il-Kummissjoni kienet naqset li tippubblika, fl-2006, ir-rapport annwali tagħha ta' l-2005 dwar l-aċċess għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Skond l-ilmentatur, ir-rapport annwali huwa l-uniku mod sabiex iċ-ċittadini jkunu nfurmati bit-tweġiba tal-Kummissjoni għat-talbiet ta' aċċess għad-dokumenti. *Statewatch* iddikjara li n-nuqqas ta' pubblikazzjoni tar-rapport fil-ħin kien każ ċar ta' amministrazzjoni ħażina.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet konxja ta' l-obbligu li tippubblika rapport annwali. Kien hemm dewmien fl-abbozzar tar-rapport minħabba l-bidla kbira fil-persunal fis-servizz li jitratta kwistjonijiet ta' aċċess għad-dokumenti. Minbarra dan, ingħatat prijorità għat-twaqqif ta' konsultazzjoni pubblika dwar ir-reviżjoni tar-regolament dwar l-aċċess għad-dokumenti.

Fl-opinjoni ta' l-Ombudsman, ir-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni sabiex tispjega n-nuqqas tagħha ma kinux konvinċenti. Huwa sab li n-nuqqas tal-Kummissjoni li tippubblika r-rapport tal-2005 qabel l-aħħar ta' l-2006 kien każ ta' amministrazzjoni ħażina u għamel rimarka kritika.

23 Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Ombudsman Ewropew dwar ir-relazzjonijiet ma' l-ilmentaturi fir-rigward ta' ksur tad-dritt Komunitarju, ĠU 2002 C 244, p. 5.

24 Ir-Regolament (KE) Nru. 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.

L-Ombudsman emfasizza li ċ-ċittadini ma jistgħux jafdaw lill-istituzzjonijiet jekk ma jistgħux jirrispettaw l-iskadenzi li jistabbilixxu huma stess.

L-Ombudsman għamel ukoll rimarka ulterjuri, li fiha indika li l-pubblikazzjoni tar-rapporti hija mekkaniżu ewlieni ta' responsabbiltà lejn u komunikazzjoni maċ-ċittadini Ewropej. L-Ombudsman ħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni sabiex tagħti eżempju tajjeb lil ħafna aġenziji ġodda tal-Komunità li ġew stabbiliti riċentement, billi fil-futur tagħti prijorità għolja sabiex jiġi assigurat li l-pubblikazzjoni tar-rapporti issir fil-ħin.

Minħabba li f'Settembru 2007, il-Kummissjoni fl-aħħar ippubblikat r-rapport in kwistjoni, l-Ombudsman għalaq il-każ.

## L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal

### Sfida għar-reġistrazzjoni obbligatorja *on-line* u għas-sistema ta' l-informazzjoni dwar il-kompetizzjonijiet

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 3346/2004/ELB (kontra l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal European Personnel Selection Office -EPSO)*

L-EPSO addotta sistema li permezz tagħha l-kandidati għall-kompetizzjonijiet miftuħa għandhom jirreġistraw u jikkomunikaw ma' l-EPSO *on-line*. Ir-rikorrent sfida din is-sistema. L-argument ewlieni tiegħu kien li dan ir-rekwiżit kien diskriminatorju minħabba r-rata baxxa ta' konnessjoni ta' l-Internet f'xi Stati Membri u d-diffikultajiet ta' aċċess għall-Internet f'oqsma rurali. EPSO ċaħad l-allegazzjonijiet ta' l-ilmentatur billi rrefera b'mod partikolari għar-raġunijiet għalfejn addotta s-sistema hawn fuq imsemmija.

L-Ombudsman l-ewwel innota li l-prinċipju tat-trattament ugwali tal-kandidati jew tal-kandidati potenzjali fil-proċeduri ta' kompetizzjoni huwa prinċipju fundamentali li jorbot lill-istituzzjonijiet u lill-entitajiet tal-Komunità. L-Ombudsman sab li r-rekwiżit in kwistjoni, fil-prinċipju, la kien diskriminatorju u lanqas mhux ġust fuq il-bażi (i) ta' ċerta statistika dwar l-użu ta' l-Internet jew l-aċċessibbiltà pprovduta mill-partijiet, jew li tinsab fuq il-websajt tal-Eurostat; (ii) li ma kien hemm ebda provi li numru sinjifikanti ta' persuni li kienu interessati li japplikaw ma' l-EPSO u li jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet ta' l-EPSO ma setgħux jagħmlu dan minħabba l-aċċess ristrett tagħhom għall-Internet; (iii) huwa fatt magħruf sew, anke mill-esperjenza, li l-aċċessibbiltà għall-Internet qegħda tiżdied b'mod kostanti; (iv) tal-ġustifikazzjoni ta' l-EPSO għall-użu tas-sistema, jiġifieri trasparenza akbar u titjib fl-aċċessibbiltà għall-informazzjoni.

L-Ombudsman iżda ma eskludiex il-possibbiltà li, f'ċerti każijiet, il-kandidati u l-kandidati potenzjali jista' jkollhom diffikultà konsiderevoli u ġġustifikata b'mod oġġettiv li japplikaw ma' l-EPSO, jew li jikkomunikaw ma' l-EPSO, permezz ta' l-Internet. F'dawn il-każijiet, il-prinċipju ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni msemmi hawn fuq jobbliga lill-EPSO sabiex jipprovdi eċċezzjoni għar-rekwiżit tar-reġistrazzjoni u l-komunikazzjoni *on-line*. L-Ombudsman għalhekk sab li n-nuqqas li l-EPSO jagħmel dan, kien iwassal għal amministrazzjoni ħażina u indirizza abbozz ta' rakkomandazzjoni relevanti lill-EPSO. Huwa ssuġġerixxa wkoll, fuq il-bażi ta' analiżi pertinenti, li l-EPSO seta' jitlob li t-talbiet għall-eċċezzjoni jiġu sostanzjati bi provi tali li l-persuna kkonċernata setgħet b'mod raġonevoli tkun mistennija li tipprovdi fiċ-ċirkostanzi.

L-EPSO ma aċċettax l-abbozz tar-rakkomandazzjoni. Meta għamel dan, kien qiegħed jibbaża fuq argumenti li l-Ombudsman ma sabx konvinċenti. Huwa nnota, *inter alia*, li l-konvenjenza amministrattiva, jiġifieri li jiġu evitati d-diffikultajiet fl-evalwazzjoni ġusta u bbilanċjata ta' talbiet relevanti għall-eċċezzjoni, waqt li titqies l-analiżi relevanti tiegħu fl-abbozz tar-rakkomandazzjoni, m'hijiex biżżejjed sabiex jiġġustifika dak li altrimenti kien imur kontra l-prinċipju tat-trattament ugwali tal-kandidati jew tal-kandidati potenzjali. L-Ombudsman għalhekk żamm mad-deċiżjoni preċedenti tiegħu li kien hemm amministrazzjoni ħażina u għalaq il-każ b'rimarka kritika.

## Rekwiżiti lingwistiċi tal-kandidati f'konkorsi miftuħa

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 3114/2005/MHZ kontra l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)*

L-ilment kien jikkonċerna r-reġim lingwistiku għall-konkorsi ta' reklutaġġ, wara t-tkabbir ta' l-1 ta' Mejju 2004, meta għaxar Stati Membri ġodda ngħaqdu ma' l-Unjoni.

Ftit qabel it-tkabbir, ġie adottat Regolament li jidderoga temporanjament mid-dispożizzjonijiet normali tar-Regolamenti tal-Persunal, billi jippermetti li postijiet jimtlew bil-ħatra ta' ċittadini mill-Istati Membri l-ġodda[25]. Ir-Regolament jipprovdi wkoll biex konkorsi biex jibqgħu jsiru, sas-sena 2010, għar-reklutaġġ ta' uffiċjali li l-lingwa ewlenija tagħhom hija waħda mill-11-il lingwa ta' l-Istati Membri l-qodma.

L-EPSO mbagħad organizza żewġ settijiet ta' konkorsi.

L-ewwel sett ta' konkorsi kien ristrett għal ċittadini ta' l-Istati Membri l-ġodda. Il-kandidati riedu jkollhom waħda mill-għaxar lingwi ta' l-Istati Membri l-ġodda bħala l-lingwa ewlenija tagħhom. Huma kellhom juru wkoll għarfien sodisfaċenti ta' waħda mill-11-il lingwa ta' l-Istati Membri l-"qodma". Barra minn hekk, kienu obbligati li jieħdu parti fit-testijiet bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż.

It-tieni sett ta' konkorsi kien miftuħ għaċ-ċittadini tal-25 Stat Membru kollha. Il-kandidati riedu jkollhom waħda mill-11-il lingwa ta' l-Istati Membri l-qodma bħala l-lingwa ewlenija tagħhom u juru għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra minn dawk il-11-il lingwa. Huma ma kinux, madankollu, obbligati li juru għarfien ta' l-Ingliż, Franċiż jew Ġermaniż.

L-Assoċjazzjoni tal-Gradwati ta' l-Iskola Nazzjonali Pollakka ta' l-Amministrazzjoni Pubblika lmentat li, meta organizza l-konkorsi b'dan il-mod, l-EPSO ddiskrimina kontra ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri l-ġodda.

Fl-opinjoni tiegħu, l-EPSO qal li kull konkors kellu l-għanijiet tiegħu u, għalhekk, diskriminazzjoni jew trattament inġust ma jistgħux jiġu allegati fuq il-bażi ta' tqabbil ta' avviż ta' konkors ma' ieħor. L-EPSO indika wkoll ir-Regolament 401/2004 ("ir-Regolament") bħala l-bażi ġuridika għall-konkorsi in kwistjoni.

L-Ombudsman talab lill-EPSO sabiex jispjega għaliex il-11-il lingwa "qadima" biss kienu aċċettabbli bħala t-tieni lingwa u għaliex il-kandidati mill-Istati Membri l-ġodda biss kienu mistennija li jkollhom għarfien ta' l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż. Bi tweġiba, l-EPSO qal li l-għarfien ta' waħda mill-11-il lingwa kien "jixraq iktar għar-realtajiet ta' l-organizzazzjoni amministrattiva ta' l-istituzzjonijiet matul il-perjodu tranżitorju", u li "ma hemm l-ebda obbligu possibbli biex wieħed iqis il-varjetà immensa ta' għażliet individwali li l-kandidati jistgħu jagħmlu meta jagħżlu t-tieni lingwa."

L-analiżi tal-każ mill-Ombudsman bdiet billi fakkar l-Artikolu 12 tat-Trattat tal-KE, li ma jippermettix diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità, u l-każistika tal-Qrati Komunitarji dwar il-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni.

Huwa sostna li l-leġiżlazzjoni għandha tiġi interpretata fid-dawl ta' dawk il-prinċipji ġuridiċi u li r-rekwiżiti lingwsitiċi għal impjieg jistgħu jikkostitwixxu diskriminazzjoni indiretta fuq il-bażi tan-nazzjonalità, sakemm ma jkunux ġustifikati.

L-Ombudsman qies li r-rekwiżiti fir-rigward tal-lingwi ewlenin tal-konkorsi kienu awtorizzati mir-Regolament. Madankollu, ir-Regolament ma qal xejn dwar ir-rekwiżiti għat-tieni lingwa, lanqas ma talab għarfien ta' l-Ingliż, Franċiż jew Ġermaniż.

25 Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) 401/2004 tat-23 ta' Frar 2004 li jintroduċi, fl-okkażjoni tad-dħul ta' Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja, miżuri temporanji speċjali għar-reklutaġġ ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU 2004 L 67, p. 1.

Filwaqt li, fil-prinċipju, jista' jkun hemm raġunijiet konvinċenti għaliex għarfien ta' lingwi Komunitarji speċifiċi jkun neċessarju għall-qadi tad-dmirijiet ta' uffiċjal futur, l-EPSO ma spjegax sewwa għaliex il-11-il lingwa qadima biss kienu aċċettati bħala t-tieni lingwa.

L-Ombudsman aċċetta wkoll li jista' jkun ġustifikat li jkun meħtieġ għarfien ta' lingwi speċifiċi biex tiġi assigurata komunikazzjoni interna effiċjenti. Iżda l- EPSO ma spjegax għaliex huwa qies li kien essenzjali għall-kandidati mill-Istati Membri l-ġodda li jkunu jafu l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż, iżda ma kienx meħtieġ għall-kandidati fit-tieni sett ta' konkorsi li juru għarfien ta' waħda minn dawk il-lingwi, anke jekk iż-żewġ gruppi ta' kandidati se jkollhom funzjonijiet sostanzjalment identiċi.

L-Ombudsman għalhekk ikkonkluda li l-EPSO kiser il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni u għamel rimarka kritika.

## Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment

### Nuqqas li tiġi assigurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni ta' l-UE tax-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni tax-xmara

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1807/2006/MHZ kontra l-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI)*

Żewġ NGOs ambjentali Pollakki lmentaw ma' l-Ombudsman li, kuntrarjament għad-"Dikjarazzjoni Ambjentali" tiegħu, il-BEI naqas li jassigura li x-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni u tiswija wara l-għargħar ta' l-2001 ikunu konformi mad-Direttiva dwar il-Valutazzjonijiet ta' l-Impatt Ambjentali. L-ilmentaturi allegaw ukoll li l-BEI naqas li jeżerċita diliġenza xierqa fil-missjoni ta' monitoraġġ ta' Ottubru 2004 fil-Polonja, u sostnew li huwa għandu jassigura li l-proġetti kollha li huwa jaqbel li jiffinanzja fi Stati mhux Membri jkunu konformi mad-Direttiva. Fl-aħħarnett, l-ilmentaturi lmentaw li l-BEI rrifjuta l-aċċess għall-Kuntratt Finanzjarju tal-Proġett u dokumenti relatati.

Fl-opinjoni tiegħu, il-BEI esprima l-fehma li, fuq il-bażi ta' (i) il-valutazzjoni tiegħu tar-Rapporti rilevanti mibgħuta mill-awtoritajiet Pollakki u (ii) iż-żjajjar tiegħu ta' monitoraġġ fil-Polonja, inkluża ż-żjara ta' l-2004, il-proċeduri rilevanti applikati mill-awtoritajiet Pollakki kienu aċċettabbli. Il-BEI rrifjuta l-aċċess għall-Kuntratt Finanzjarju u implika li l-kuntratti finanzjarji kienu koperti bis-sigriet professjonali bħala kwistjoni ta' prinċipju. Madankollu, matul l-investigazzjoni, huwa qiegħed għad-dispożizzjoni d-dokumenti relatati.

L-Ombudsman sab li l-BEI naqas li jirreaġixxi għar-Rapporti rilevanti Pollakki li dehru li kienu qegħdin jissuġġerixxu li l-awtoritajiet Pollakki ma kkunsidrawx il-proċedura rilevanti tad-Direttiva bħala neċessarja għax-xogħlijiet. Dan l-approċċ deher li kien kuntrarju għall-interpretazzjoni tad-Direttiva min-naħa tal-Qorti[26]. L-Ombudsman sab li dan jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina u għamel rimarka kritika. Madankollu, fir-rigward ta' l-allegazzjoni dwar il-missjoni ta' monitoraġġ ta' l-2004 fil-Polonja, huwa qies li ma kienet iġġustifikati l-ebda investigazzjoni oħra, minħabba li l-BEI deher li kien ta segwitu raġonevoli lill-ilmenti li rċieva minn diversi NGOs matul dik il-missjoni. L-Ombudsman għamel l-istess sejba fir-rigward tat-talba ta' l-ilmentaturi minħabba li deher li l-BEI kien ħa xi inizjattivi biex itejjeb il-proċedura tiegħu u jxerred l-aqwa prattika fl-UE.

Dwar l-aċċess għall-Kuntratt Finanzjarju, l-Ombudsman, li qagħad fuq deċiżjoni preċedenti, sab li kien raġonevoli li jaċċetta li l-BEI, fir-rwol tiegħu ta' istituzzjoni bankarja, kien obbligat li jirrispetta s-sigriet professjonali. Huwa nnota wkoll li l-BEI kien qiegħed għad-dispożizzjoni d-dokumenti l-oħra matul l-investigazzjoni. Għal dawn ir-raġunijiet, ma kinux iġġustifikati investigazzjonijiet oħra rigward l-aċċess għad-dokumenti.

26 C-72/95 *Kraaijeveld* [1996] ECR I-5403, paragrafi 32 u 49.

L-Ombudsman għamel rimarka oħra u nnota li l-ilmentaturi kellhom rwol ta' valur biex iġibu għall-attenzjoni tal-BEI informazzjoni rilevanti li qabel ma kienx fil-pussess tagħha. Huwa kompla jgħid li jemmen li, fil-futur, il-Bank se jkompli jaħdem b'mod kostruttiv ma' l-NGOs fl-Istati l-Membri differenti kif ukoll barra l-UE.

## L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi

### Talba ta' aċċess għal-lista toħloq 'piż sproporzjonat'

*Sommarju ta' deċiżjoni dwar ilment 2350/2005/GG kontra l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi*

Ġurnalist Ġermaniż talab lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (*European Anti-Fraud Office* - OLAF) għal aċċess ta' lista kompleta tal-korrispondenza tiegħu mal-gvern federali Ġermaniż u l-gvernijiet tal-*Länder* Ġermaniż bejn is-sena 2000 u s-sena 2004. Huwa bbaża t-talba tiegħu fuq l-Artikolu 11 tar-Regolament 1049/2001 rigward l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[27]. L-OLAF wieġeb li lista bħal din ma kinitx teżisti u li kien ser ikun piż sproporzjonat għall-persunal tiegħu sabiex jipproduċuha. L-OLAF offra li kien lest li jgħin kemm jista' jkun jekk l-ilmentatur jillimita t-talba tiegħu, li, iżda, dan ta' l-aħħar irrifjuta li jagħmel.

Matul il-progress ta' l-inkjesta ta' l-Ombudsman, l-OLAF żamm il-pożizzjoni tiegħu. Huwa qal li t-talba ta' l-ilmentatur kienet teħtieġ li ssir reviżjoni ta' madwar 8 000 dokument. Ħafna mill-kapijiet tat-taqsima kien ser ikollhom jikkontrollaw il-korrispondenza li taqa' taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Minbarra dan, avukat Ġermaniż u l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta jkollhom jassiguraw li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-dejta. Skond l-OLAF, dan kien ser jaljena r-riżorsi umani limitati tiegħu mix-xogħol ewlieni tagħhom li jostakolaw u jindividwaw il-frodi. Bħala prova tar-rieda tajba tiegħu, iżda, l-OLAF ipprovda lill-ilmentatur b'lista li tkopri l-korrispondenza relevanti li kienet ġiet skambjata fl-aħħar tliet xhur ta' l-2004.

L-Ombudsman innota li l-OLAF ma kienx ċaħad id-dritt ta' l-ilmentatur li jirċievi informazzjoni tat-tip li kien talab, iżda kkontenda biss li l-ġbir ta' l-informazzjoni kollha jkun jeħtieġ sforz sproporzjonat. Huwa fakkar li, skond il-każistika tal-qrati tal-Komunità, talba għall-aċċess għad-dokumenti tista' biss tiġi miċħuda fuq din il-bażi ta' każijiet eċċezzjonali. Fl-opinjoni ta' l-Ombudsman, din il-każistika kienet relevanti wkoll fil-każ preżenti. L- Ombudsman ma kienx konvint li l-konformità mat-talba ta' l-ilmentatur kienet ser teħtieġ sforz sproporzjonat mill-OLAF. Kienu biss madwar wieħed minn kull ħames dokumenti fuq il-lista pprovduta mill-OLAF li kienu effetivament relevanti. Għalhekk kien jidher li n-numru ġenerali tad-dokumenti konċernati kien ferm iżgħar minn dak li l-OLAF kien indika. L-Ombudsman aċċetta li l-bqija tal-lista kienet għadha twila ħafna u li, għalhekk, sabiex jiġi assigurat li ma kinitx tinkludi dejta kunfidenzjali, kien probabbli li jkun meħtieġ ammont konsiderevoli ta' xogħol. Iżda, fir-rigward tad-dejta li kellha tiġi vverifikata f'dan ir-rigward, huwa kkonkluda, li l-OLAF ma kienx stabbilixxa li dan ix-xogħol kien sproporzjonat.

L-Ombudsman indika li, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu użu mid-drittijiet tagħhom skond ir-Regolament 1049/2001, iridu jkunu jafu x'dokumenti qegħdin fil-pussess ta' l-amministrazzjoni konċernata. Huwa ħa l-pożizzjoni li, sakemm ma hemmx reġistru li huwa faċilment aċċessibbli jew sakemm dan ir-reġistru ma huwiex komplut b'mod sodisfaċenti, l-istituzzjonijiet ta' l-UE għandhom ikunu lesti li jipprovdu liċ-ċittadini b'listi *ad-hoc*, anke jekk il-preparazzjoni tagħhom tikkostitwixxi piż konsiderevoli.

27 Ir-Regolament (KE) Nru. 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.

Minħabba li l-OLAF ċaħad il-proposta ta' l-Ombudsman għal soluzzjoni amikevoli f'dan il-każ, u sussegwentement, fl-abbozz tar-rakkomandazzjoni tiegħu, l-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarki kritiċi fir-rigward kemm ta' l-aspetti proċedurali kif ukoll dawk sostantivi tiegħu.

## 3.5 L-ABBOZZ TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET AĊĊETTATI MILL-ISTITUZZJONI

### Il-Kummissjoni Ewropea

#### Il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni mhux korretta u qarrieqa dwar id-drittijiet tal-passiġġieri ta' l-ajru

*Sommarju tad-deċiżjonijiet dwar l-ilment 1475/2005/(IP)GG u 1476/2005/(BB)GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Ir-Regolament (KE) Nru. 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar dwar kumpens u assistenza lill-passiġġieri ta' l-ajru meta jitħallew l-art jew f'każ ta' tħassir jew dewmien twil ta' titjiriet u r-revoka tar-Regolament (KEE) Nru. 295/91[28] li daħal fis-seħħ fis-17 ta' Frar 2005. Sabiex tinforma lill-passiġġieri bid-drittijiet il-ġodda tagħhom skond ir-Regolament 261/2004, il-Kummissjoni ħejjiet u ppubblikat fuljett, powster u folja tal-fatti. Il-Kummissjoni pproduċiet ukoll preżentazzjoni qasira fuq vidjo u ħarġet stqarrija għall-istampa sabiex tfakkar id-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Dawn il-materjali kollha saru wkoll disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

Żewġ assoċjazzjonijiet tal-linji ta' l-ajru – l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Linji ta' l-Ajru tar-Reġjuni (*European Regions Airlines Association* - ERA) u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (*International Air Carrier Association* - IACA) — qiesu li l-materjal ippubblikat mill-Kummissjoni fih informazzjoni mhux korretta u qarrieqa.

Wara li l-Kummissjoni ma aċċettatx il-parti l-kbira ta' l-oġġezzjonijiet tagħhom, iż-żewġ assoċjazzjonijiet irrikorrew għand l-Ombudsman.

Iż-żewġ assoċjazzjonijiet allegaw li l-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri skond ir-Regolament 261/2004, li l-Kummissjoni kienet ippubblikat fil-powster, fil-fuljett, fil-folji tal-fatti taghha, u li kienet inkludiet fil-preżentazzjoni fuq vidjo tagħha kien fiha dikjarazzjonijiet mhux preċiżi u qarrieqa. L-ilmentaturi ddikjaraw li l-Kummissjoni kellha tirtira dawn id-dikjarazzjonijiet.

L-ilment ippreżentat mill-ERA kopra ċerti kwistjonijiet oħra (allegat nuqqas ta' azzjoni ġusta u raġjonevoli u nuqqas milli tpoġġi s-servizz bħala l-għan ewlieni tagħha, nuqqas milli tkun aċċessibbli u toffri għajnuna; l-allegat nuqqas li twieġeb għall-ittri f'perjodu ta' żmien xieraq u talba għall-apoloġija).

Wara investigazzjoni bir-reqqa, l-Ombudsman wasal għall-konklużjoni li numru ta' dikjarazzjonijiet li ġew kritikati mill-ilmentaturi kienu fil-fatt mhux preċiżi jew kienu qarrieqa. L-Ombudsman, għalhekk indirizza, fiż-żewġ każijiet, abbozz ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni, li fih ħeġġeġ lil din ta' l-aħħar sabiex tikkoreġi dawn id-dikjarazzjonijiet. Fl-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet

[28] ĠU 2004 L 46, p. 1.

dwar l-ilment ippreżentat mill-ERA, il-Kummissjoni intalbet tippreżenta wkoll apoloġija lill-ilmentatur.

Fl-opinjoni dettaljata tagħha, il-Kummissjoni nfurmat lill-Ombudsman li hija ħadet nota ta' l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu u li l-fuljett, il-powster u l-folji tal-fatti u l-preżentazzjoni fuq vidjo in kwistjoni ġew irtirati mill-websajt tagħha. Il-Kummissjoni indikat ukoll li se tipproduċi informazzjoni ta' sostituzzjoni u li l-materjal il-ġdid ta' informazzjoni ntbagħat lill-partijiet interessati konċernati, inklużi lill-ilmentaturi għall-kummenti tagħhom.

### *Każ 1476/2005/(BB)GG*

Fl-osservazzjonijiet tagħha l-IACA indikat li bi pjaċir tinnota li minħabba l-abbozz ta' rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman, il-Kummissjoni irtirat id-dokumentazzjoni qrrieqa tagħha dwar id-drittijiet tal-passiġġieri minn fuq il-websajt tagħha. L-IACA saħqet li kienet sodisfatta bil-proċedura li wasslet għall-pubblikazzjoni tal-verżjoni l-ġdida tal-powster tal-Kummissjoni fl-4 ta' April 2007.

Minħabba dak li hawn imsemmi hawn fuq, l-Ombudsman ikkunsidra li l-Kummissjoni kienet implimentat b'mod sodisfaċjenti l-abbozz ta' rakkomandazzjoni li kien sar f'dan il-każ.

### *Każ 1475/2005/(IP)GG*

Fl-osservazzjonijiet tagħha, l-ERA laqgħat l-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni u żiedet li l-Kummissjoni aċċettat il-kummenti kollha li kienet għamlet dwar il-materjal il-ġdid ta' informazzjoni. Madankollu, l-ERA rrimarkat li għad iridu jiġu indirizzati tliet kwistjonijiet: (i) Minħabba li l-verżjoni l-qadima tal-powster kienet għadha għall-wiri f'ħafna mill-ajruporti ta' l-UE, l-Ombudsman ġie mitlub sabiex jagħmel rakkomandazzjoni speċifika li l-Kummissjoni għandha tagħti struzzjonijiet lill-ajruporti sabiex jirtiraw dawn il-powsters. (ii) Barra minn hekk, l-Ombudsman għandu jfittex li jikseb impenn min-naħa tal-Kummissjoni li hija tikkonsula ma' l-assoċjazzjonijiet tal-linji ta' l-ajru u li tieħu azzjoni skond l-informazzjoni li tirċievi mingħandhom qabel ma tbiddel l-powster l-ġdida jew tipproduċi kwalunkwe materjal ġdid. (iii) Il-Kummissjoni ma għamlitx apoloġija lill-ilmentatur u ma għamlet l-ebda referenza għal din il-parti ta' l-abbozz ta' rakkomandazzjoni fl-opinjoni dettaljata tagħha. L-Ombudsman ġie mitlub isegwi din il-kwistjoni.

Fil-każ ta' l-ewwel kwistjoni (li ssemmiet ukoll mill-IACA), l-Ombudsman innota li huwa jemmen li l-Kummissjoni ser tieħu l-passi meħtieġa f'din id-direzzjoni ladarba l-kwistjoni tkun iġiebet għall-attenzjoni tagħha permezz ta' din id-deċiżjoni. L-Ombudsman iżda stieden lill-Kummissjoni sabiex tagħtih informazzjoni dwar din il-kwistjoni sal-31 ta' Lulju 2007.

Fil-każ tat-tieni kwistjoni, l-Ombudsman ħa l-pożizzjoni li ma kienx xieraq li jestendi l-eżaminazzjoni tiegħu għal din it-talba addizzjonali f'dan l-istadju avvanzat ta' l-inkjesta tiegħu. L-ilmentatur huwa liberu sabiex jissottometti ilment ġdid fuq din il-kwistjoni wara li l-ewwel ikun avviċina kif xieraq lill-Kummissjoni.

Fil-każ tat-tielet kwistjoni, l-Ombudsman iddispjaċih dwar il-pożizzjoni li l-Kummissjoni addottat f'dan il-każ. L-Ombudsman reġa' saħaq l-opinjoni tiegħu li l-Kummissjoni missha ppreżentat l-apoloġiji tagħha f'dan il-każ. Madankollu, huwa ħa l-pożizzjoni li m'huwiex xieraq li f'dan il-każ jagħmel rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. L-Ombudsman għalhekk għalaq il-każ b'rimarka kritika.

## Irkupru ta' somom ta' flus imħallsa indebitament lill-werriet ta' ex-uffiċjal

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1617/2005/(BB)JF kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur kien l-uniku werriet ta' ex-impjegat tal-Kummissjoni li miet f'Novembru ta' l-1998. F'Mejju ta' l-2003, il-Kummissjoni staqsiet lill-ilmentatur biex irodd lura l-pensjoni li kien ħa missieru għax-xahar ta' Diċembru ta' l-1998, li kienet imħallsa indebitament. L-ilmentatur,

għalkemm fil-bidu aċċetta li jrodd lura s-somma flus bin-nifs, permezz ta' pjan ta' ħlasijiet li jkopri 12-il xahar, allega li ma kienx ġust li l-Kummissjoni tinforza l-ordni ta' rkupru. Huwa argumenta li hu kien aġixxa *in bona fede* u li ma kienx jaf bl-ammonti fil-kont bankarju rilevanti minħabba ċirkustanzi traġiċi, jiġifieri l-imwiet ta' diversi persuni fil-familja f'qasir żmien. L-ilmentatur ippretenda li l-Kummissjoni kellha tikkanċella l-ordni ta' irkupru msemmija hawn fuq.

Fl-opinjoni tagħha dwar l-ilment, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li l-ħlas żejjed tant kien evidenti li l-ilmentatur ma setax ma kienx jaf dwaru, kieku aġixxa b'diliġenza normali. Hi kkunsidrat ukoll li hu ma setax jinvoka l-*bona fede* tiegħu minħabba li huwa kien naqas milli jirrispetta l-pjan ta' radd lura mfassal skond it-talba tiegħu.

Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur spjega li hu kien biddel fehemtu dwar l-irkupru wara li sar jaf dwar is-setgħa ta' l-Awtorità tal-Ħatra li tirrinunzja dejn, b'mod konformi ma' l-Artikolu 85 tar-Regolament tal-Persunal. Huwa saħaq li kien qed jirċievi l-benefiċċju tal-qgħad u xtaq li l-Kummissjoni tadotta pożizzjoni aktar umana u inqas mekkanika dwar il-każ tiegħu.

Fil-proposta tiegħu għal soluzzjoni amikevoli, l-Ombudsman innota li dan il-ħlas indebitu seħħ b'riżultat ta' żball mill-Kummissjoni. L-Ombudsman irrikonoxxa li l-Kummissjoni għandha d-dmir li terġa' tiġbor is-somom tal-flus imħallsa indebitament, sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità. Madankollu, huwa indika wkoll li f'xi Stati Membri, l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għat-taxxi u l-benefiċċji, f'konsultazzjoni ma' l-ombudsman nazzjonali rilevanti, adottaw politika sabiex jassiguraw li l-ħlasijiet indebiti li jirriżultaw minn żbalji uffiċjali, ma jingħatawx lura sakemm ma jkunx ġust u raġonevoli li jsir dan. F'dan ir-rigward, l-Ombudsman enfasizza li ċirkustanzi eċċezzjonali bħal per eżempju mewt ta' xi ħadd fil-familja jistgħu jiġu aċċettati minn dawk l-awtoritajiet bħala spjegazzjoni raġonevoli għan-nuqqas tal-benefiċjarju li jivverifika l-korrettezza tal-ħlasijiet li jsiru fil-kontjiet bankarji. Għalhekk, minħabba fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali tal-każ, l-Ombudsman stieden lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra jekk ikunx ġust u raġonevoli li tikkanċella, jew tnaqqas b'mod sinifikattiv, l-ordni ta' rkupru.

Fit-tweġiba tagħha, il-Kummissjoni sostniet li hi aġixxiet b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet legali rilevanti. Għalkemm ammettiet li l-ħlas żejjed irriżulta minn żball li wettqet hi stess, il-Kummissjoni spjegat dak l-iżball bil-fatt li Diċembru kien ix-xahar li matulu sar l-adattament annwali tal-pensjoni. Għal din ir-raġuni, hi xorta kien għad fadlilha tħallas lill-patrimonju ta' missier l-ilmentatur, l-'adattament' annwali tal-pensjoni tiegħu li jikkorrispondi għall-perjodu minn Lulju sa Novembru ta' l-1998.

L-Ombudsman ħa nota tal-fatt li xi wħud mill-ħlasijiet multipli li saru lill-patrimonju tal-missier ta' l-ilmentatur f'Diċembru ta' l-1998 ġew imħallsa debitament, filwaqt li oħrajn ma ġewx imħallsa debitament. Fid-dawl ta' dan, l-Ombudsman ma setax jaċċetta l-argument li l-fatt li l-ħlas ma kienx dovut tant kien 'evidenti' li l-ilmentatur ma setax ma kienx jaf dwaru. L-Ombudsman enfasizza li f'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha x'taqsam ma' persuna li la kien "impjegat taċ-ċivil" u l-anqas "uffiċjal" u li lanqas m'għandu jitqies li għandu r-responsabbiltà speċjali meħtieġa mill-uffiċjali u mill-impjegati taċ-ċivil fir-rigward tal-ħlasijiet li saru lilhom. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Ombudsman fassal abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra, jekk, minbarra l-fatt li jkun ġust u raġonevoli, ikunx ukoll konformi mar-regoli applikabbli jekk tiġi kkanċellata l-ordni ta' rkupru.

Fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni stqarret li, meta kkunsidrat l-importanza li l-Ombudsman ta lil dan il-każ, hi ddeċidiet li taċċetta r-rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman, u b'eċċezzjoni, tikkanċella l-ordni ta' rkupru.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman laqa' r-risposta tal-Kummissjoni u enfasizza l-importanza ta' l-atteġġjament pożittiv tal-Kummissjoni fil-każ preżenti li għen biex jissaħħu l-aspettattivi taċ-ċittadini għal UE aktar umana.

# 3.6 IL-KAŻIJIET LI NGĦALQU MINĦABBA RAĠUNIJIET OĦRA

## Il-Parlament Ewropew

### Rifjut li jiġu organizzati testijiet bil-miktub ġodda għal kandidata li weldet jum qabel saru t-testijiet

*Sommarju ta' deċiżjoni dwar l-ilment 3278/2004/ELB kontra l-Parlament Ewropew*

L-ilmentatriċi applikat għal kompetizzjoni interna organizzata mill-Parlament, u fl-applikazzjoni semmiet li hija kienet tqila u niżżlet ukoll id-data ta' meta kienet mistennija li twelled, li kienet is-17 ta' Ġunju 2004. Ġiet mistiedna tagħmel it-testijiet, li saru fit-2 ta' Lulju 2004, u hija weldet fil-jum ta' qabel. Fl-istess jum li hija weldet, hija infurmat lill-Parlament li hija mhux se tkun tista' tagħmel it-testijiet u talbet li titħalla tagħmel dawn it-testijiet f'data aktar tard. Il-Parlament irrifjuta. Fl-ilment tagħha, l-ilmentatriċi allegat li dan ir-rifjut kien wieħed diskriminatorju.

Wara proposta ta' soluzzjoni amikevoli relevanti u rakkomandazzjoni abbozzata mill-Ombudsman, huwa kkonkluda li r-rifjut ikkontestat ma jidhirx li jirrifletti bilanċ ġust tal-partijiet interessati involuti. Wara li fakkar il-prinċipji fundamentali tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess u tar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, l-Ombudsman innota li, fil-kuntest tal-klassifikazzjonijiet tas-sess, jew fil-klassifikazzjonijiet li jinvolvu piżijiet fuq dritt fundamentali, id-difensur tal-klassifikazzjoni kkontestata għandu juri li l-klassifikazzjoni sservi mira leġittima ta' interess ġenerali u li l-mezzi wżati huma proporzjonati għall-ilħuq ta' dik il-mira. L-Ombudsman sab li d-deċiżjoni kkontestata kienet tinvolvi *de facto* diskriminazzjoni abbażi tas-sess u li tali rifjut jista' jagħmel l-eżerċizzju tal-libertà fundamentali tal-prokreazzjoni ferm inqas attraenti għall-kandidati nisa u, għalhekk, tista' tinvolvi piż veru u apprezzabbli fuq id-dritt tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata. Għalhekk, il-Parlament kellu jiddefendi d-deċiżjoni kkontestata tiegħu.

Fir-rigward tar-referenza tal-Parlament għall-prinċipju ta' trattament ugwali tal-kandidati u tar-rekwiżit relevanti li t-testijiet bil-miktub kellhom jitwettqu fl-istess ġurnata għall-kandidati kollha, l-Ombudsman qies li dan kien oġġettiv leġittimu ta' interess ġenerali, li s-sussegwiment tiegħu iżda mhux waħdu, jista' jiġġustifika r-rifjut tad-deċiżjoni kkontestata. Il-Parlament, li ammetta li seta' jorganizza t-test f'data aktar tard, naqas milli juri li huwa ikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità, li jeħtieġ bilanċ ġust tal-prinċipji u interessi konfliġġenti involuti. B'mod partikolari, il-Parlament ma weriex li, huwa u jistabbilixxi d-data tat-test, qies sewwa, fid-dawl tal-Każ 130/75 *Prais v Council*[29], l-informazzjoni li huwa kien irċieva mingħand l-ilmentatriċi dwar id-data mistennija tat-twelid. F'dan il-kuntest, il-Parlament deher li naqas milli jqis sewwa l-inċertezza inerenti fid-data tal-ħlas; il-kundizzjoni fiżika wara t-twelid tal-mara li weldet; u ż-żmien meħtieġ għal irkupru adegwat, għall-għanijiet tal-parteċipazzjoni tagħha fil-kompetizzjoni.

Għalhekk, l-Ombudsman ikkonkluda li r-rifjut ikkontestat ma kellux bażi soda. Madankollu, minħabba li sadanittant l-ilmentatriċi irtirat il-pretensjonijiet tagħha u fid-dawl ta' l-impenn tal-Parlament li jirrevedi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet futuri ta' nisa li jkunu għadhom kif weldu u l-politika tiegħu fuq l-istabbiliment tad-data tat-testijiet tal-kandidati nisa tqal, l-Ombudsman iddeċieda li l-kwistjoni tieqaf hawn. Laqa' wkoll l-impenn tal-Parlament li jirrevedi l-kundizzjonijiet fil-kompetizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' nisa li qegħdin ireddgħu, u talab lill-Parlament li jiżgura li r-regoli relevanti jirriflettu bilanċ ċar u ġust ta' l-interessi u l-prinċipji konfliġġenti involuti, inkluż il-prinċipju ta' trattament ugwali tal-kandidati.

---

29 Każ C-130/75 *Prais v Kunsill* [1976] ECR 1589.

# Il-Kummissjoni Ewropea

## Kopertura medika ta' nies li kienu miżżewġin (ma' uffiċjali ta' l-UE) taħt l-Iskema ta' Assigurazzjoni Konġunta kontra l-Mard

*Sommarju ta' deċiżjonijiet dwar l-ilmenti kunfidenzjali 368/2005/(MF)(BU)BM u 2776/2005/ID kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Persuna li issa hija divorzjata minn uffiċjal tal-Kummissjoni, ġiet dijanjostikata b'marda serja. Bi tweġiba għal applikazzjoni għall-ħlas lura ta' l-ispejjeż mediċi taħt l-Iskema ta' Assigurazzjoni Konġunta kontra Mard għall-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (*Joint Sickness Insurance Scheme for Officials of the European Communities* - JSIS), l-ilmentatur ġie infurmat li l-assigurazzjoni medika kienet valida biss għal perjodu ta' sena wara d-divorzju. L-ilmentatur talab lill-Kummissjoni sabiex testendi dan il-perjodu.

L-inkjesta ta' l-Ombusman wriet li l-Kummissjoni kienet qablet li tagħti lill-ilmentatur perjodu addizzjonali ta' kopertura ta' assigurazzjoni għall-ispejjeż li jirriżultaw mill-marda serja. L-Ombudsman innota wkoll li l-Kummissjoni kienet ħadet l-inizjattiva sabiex tistieden lill-ilmentatur biex jikkunttatja lis-servizzi tagħha jekk it-trattament tal-marda serja jkollu jitkompla ladarba l-kopertura għal JSIS tkun skadiet.

L-Ombudsman indika li l-approċċ meħud mill-Kummissjoni deher li kien konsistenti mad-drittijiet fundamentali ta' l-ilmentatur għall-kura tas-saħħa u għall-amministrazzjoni tajba, meqjusin flimkien[30]. L-Ombudsman għalhekk sab li ma kien hemm bżonn ta' l-ebda inkjesti oħra fir-rigward tat-talba ta' l-ilmentatur.

Fir-rigward tal-kwistjoni ġenerali, il-Kummissjoni għarfet, waqt l-inkjesta, li issa saret konxja b'lakuna fil-qasam tal-kopertura ta' l-assigurazzjoni tal-mard għall-ex-irġiel u l-ex-nisa ta' l-uffiċjali. Infurmat lill-Ombudsman li kienet introduċiet dispożizzjoni ġenerali ġdida għall-implimentazzjoni, b'effett mill-1 ta' Lulju 2007, sabiex tippermetti li l-JSIS tkompli, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, tkopri lill-ex-irġiel u lill-ex nisa ta' l-uffiċjali li jbatu minn mard serju.

L-Ombudsman sussegwentement kellu jitratta kwistjoni simili fil-kuntest tal-każ 2776/2005/ID. F'dak il-każ, l-inkjesta ta' l-Ombudsman wriet li l-Kummissjoni kienet iddeċidiet sabiex ittawwal il-kopertura medika ta' l-ilmentatur mill-JSIS għal kważi sentejn, minħabba li l-ilmentatur kien qed isofri minn marda gravi li mid-dehra kienet tirrikjedi spejjeż kbar għat-ttrattament. L-Ombudsman faħħar lill-Kummissjoni għad-deċiżjoni tagħha sabiex ittawwal il-kopertura tal-JSIS, fejn innota li din kient tirrefletti approċċ sensibbli u pragmatiku fir-rigward tal-kondizzjoni medika ta' l-ilmentatur.

## It-tneħħija ta' ismijiet ta' *lobbyists* ta' l-industrija

*Sommarju ta' deċiżjoni dwar ilment 3269/2005/TN kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilment, li kien ippreżentat f'isem NGO kien jikkonċerna t-tneħħija mill-Kummissjoni ta' ismijiet ta' *lobbyists* ta' l-industrija f'dokumenti li kien ingħata l-aċċess għalihom taħt ir-Regolament 1049/2001[31]. Min ressaq l-ilment allega li l-Kummissjoni naqset li tissodisfa l-obbligu tagħha li tipprovdi aċċess kif suppost għad-dokumenti. Min ressaq l-ilment ikkuntesta l-fatt li l-Kummissjoni naqset li tispjega kif il-kxif ta' l-ismijiet in kwistjoni ikun qed "jhedded il-protezzjoni tal-privatezza u l-integrità ta'

30 Artikoli 35 u 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

31 Ir-Regolament (KE) Nru. 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.

l-individwu" kif stabbilit fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament 1049/2001, u li hija kienet bbażat ruħha b'mod żbaljat fuq l-Artikolu 8(b) ta' Regolament 45/2001[32] meta bblankjat l-ismijiet.

Il-Kummissjoni ġabet l-argument li l-kxif ta' l-ismijiet ta' l-individwi konċernati jista' jinterferixxi mad-dritt tagħhom għall-privatezza, li hija protetta mill-leġiżlazzjoni tal-Komunità rigward il-protezzjoni ta' dejta personali. Il-Kummissjoni ikkunsidrat li d-deċiżjoni tagħha li tneħħi l-ismijiet kienet konformi mal-ftehim tas-Sorveljatur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (EDPS), kif spjegat fid-dokument ta' qafas dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti u l-protezzjoni tad-dejta.

L-Ombudsman kiteb lill-EDPS, u talbu jikkummenta fuq il-pożizzjoni meħuda mill-Kummissjoni, b'mod partikolari dwar l-applikabbilità tar-Regolament 45/2001 għall-każ preżenti. Bi tweġiba għat-talba ta' l-Ombudsman, l-EDPS qal li huwa xtaq jistenna s-sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza f'Każ T-194/04 *Bavarian Lager v Kummissjoni*, qabel jeżamina l-każ preżenti. L-EDPS spjega li huwa intervjena fil-każ in kwistjoni b'appoġġ għall-applikant minħabba li fil-fehma tiegħu, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni ma kienitx wasslet għal riżultat sodisfaċenti.

Minħabba li ma kienx ċar meta kienet se tingħata s-sentenza fil-Każ T-194/04, l-Ombudsman iddeċieda li jeżamina l-każ preżenti mingħajr ma jistenna s-sentenza tal-Qorti u l-opinjoni ta' l-EDPS.

L-Ombudsman imbagħad analizza l-każ fid-dawl tal-linji gwida ta' l-EDPS, skond liema, għandhom jiġu sodisfatti tliet kondizzjonijiet biex jiġi rifjutat aċċess taħt l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament 1049/2001. L-Ombudsman ma ikkunsidrax li l-Kummissjoni stabbiliet li xi waħda minn dawn it-tliet kundizzjonijiet ġiet sodisfatta. L-Ombudsman għalhekk sab li l-allegazzjoni ta' l-ilmentatur kienet tidher waħda ġusta.

F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Ombudsman normalment jipprova jsib soluzzjoni amikevoli, skond l-Artikolu 3(5) ta' l-Istatut ta' l-Ombudsman. Madankollu, wara li nnota li l-kwistjoni tat-tneħħija ta' l-ismijiet ta' persuni f'dokumenti li għalihom ġie permess aċċess taħt ir-Regolament 1049/2001 kienet taħt reviżjoni mill-Qorti tal-Prim Istanza fil-Każ T-194/04, l-Ombudsman kien ta' l-opinjoni li kien se jkun ta' xejn li jipproponi soluzzjoni amikevoli, minħabba li l-Kummissjoni ma kinitx se tkun lesta sabiex tieħu l-ebda azzjoni qabel ma l-Qorti ma tkun tat is-sentenza tagħha. L-Ombudsman għalhekk ikkunsidra li ma kien hemm l-ebda raġuni sabiex ikompli bl-inkjesta tiegħu u għalaq il-każ. Huwa qal li l-ilmentatur seta' jikkunsidra sabiex jressaq ilment ġdid lill-Ombudsman ladarba l-Qorti tkun tat is-sentenza tagħha fil-Każ T-194/04 u l-Kummissjoni tkun ħadet l-azzjoni tagħha fuq din ta' l-aħħar.

*Nota: Il-Qorti tal-Prim Istanza tat is-sentenza tagħha fil-Każ T-194/04 fit-8 ta' Novembru 2007. Il-Qorti ħassret id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fejn kienet tirrifjuta milli tikxef l-ismijiet tal-parteċipanti kollha f'laqgħa fil-kuntest ta' proċedimenti għan-nuqqas li jiġu sodisfatti l-obbligi.*

## L-Europol

### Allegat abbuż ta' poter dwar l-aċċess għad-*dejta*

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 183/2006/MF kontra l-Europol*

L-ilmentatriċi talbet lill-Kummissjoni Franċiża għall-Protezzjoni tad-Dejta (*French Data Protection Commission* - CNIL) sabiex tiddetermina jekk kinitx maħżuna *dejta* dwarha fil-Europol. Is-CNIL bagħtet l-ittra lill-Europol, li informa lill-ilmentatiriċi li l-ebda *dejta* personali dwarha, li għaliha kellha dritt ta' aċċess skond l-Artikolu 19(1) tal-Konvenzjoni ta' l-Europol, flimkien mal-leġislazzjoni Franċiża applikabbli, ma kienet maħżuna fl-Europol. Il-Kumitat ta' l-Appell ikkonferma d-deċiżjoni ta' l-Europol.

32 Ir-Regolament (KE) Nru. 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' *data* bħal din, ĠU 2001 L 8, p. 1.

Fl-ilment tagħha lill-Ombudsman, l-ilmentatriċi allegat li l-Europol kien, b'mod mhux ġustifikat, irrifjuta li jagħtiha informazzjoni dwar id-*dejta* li kien hemm dwarha u li jagħtiha aċċess għal din id-dejta. Fl-opinjoni tagħha, dan kien jikkostitwixxi abbuż ta' poter. L-ilmentatriċi allegat ukoll li l-Europol kien naqas li jittratta l-appell tagħha b'attenzjoni quddiem il-Kumitat ta' l-Appell minħabba li t-traduzzjoni bil-Franċiż tar-risposta tagħha kienet indirizzata lil ilmentatur ieħor.

Id-Direttur ta' l-Europol informa lill-Ombudsman li l-ittra ta' l-Ombudsman, li kienet titlob lill-Europol opinjoni dwar l-ilment, kienet intbagħtet lill-Korp Konġunt ta' Superviżjoni ta' l-Europol (*Joint Supervisory Body* - JSB).

Fl-ittra tiegħu lill-Ombudsman, il-JSB iddikjara li d-deċiżjoni tal-Kumitat ta' l-Appell kienet torbot fuq il-partijiet kollha kkonċernati. L-Artikolu 195(1) tat-Trattat tal-KE jipprovdi li l-Ombudsman imexxi l-inkjesti f'każijiet li fihom ikun hemm il-possibbiltà ta' amministrazzjoni ħażina, sakemm il-fatti allegati huma jew kienu s-suġġett ta' proċeduri legali. Minħabba li l-Kumitat ta' l-Appell kellu jitqies bħala kumitat indipendenti li jipprovdi lill-individwi rimedju legali kontra d-deċiżjonijiet ta' l-Europol, il-JSB assuma li din l-eċċezzjoni kienet tapplika fil-każ preżenti. Fil-każ ta' l-allegazzjoni li kien naqas li jittratta b'attenzjoni l-appell tar-rikorrent, il-JSB iddikjara li żewġ deċiżjonijiet f'żewġ każijiet differenti kienu ġew addottati mill-Kumitat ta' l-Appell, u li l-ewwel paġna tat-traduzzjoni bil-Franċiż tad-deċiżjoni fuq l-appell tar-rikorrent kienet bi żball ġiet sostitwita bl-ewwel paġna tat-traduzzjoni bil-Franċiż ta' deċiżjoni oħra. Il-JSB enfasizza li żbalji bħal dawn ma misshomx isiru u żied li kien ser jibgħat apoloġija lir-rikorrent għal dan l-iżball.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman indika li l-eċċezzjoni relevanti stabbilita fl-Artikolu 195(1) tapplika biss meta każ ikun ġie trattat jew ikun pendenti quddiem qorti, u li din l-interpretazzjoni ġiet ikkonfermata bl-Artikolu 1(3) ta' dan l-Istatut. L-Ombudsman innota li ma kienx konvint li l-Kumitat ta' l-Appell kellu jitqies bħala korp ġudizzjarju għall-għanijiet ta' l-Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE u li l-fatt li eżamina każ partikolari kellu għalhekk iżommu milli jwettaq inkjesta. Huwa kkunsidra, iżda, li ma kienx neċessarju għalih li jieħu pożizzjoni definittiva dwar din il-kwistjoni fil-każ preżenti. L-Ombudsman f'dan il-kuntest innota li r-rikorrent ma pprovdiet l-ebda informazzjoni konkreta li ssostni l-allegazzjoni tagħha li d-deċiżjoni ta' l-Europol kienet ħażina u abbużiva. Eżami serju tad-deċiżjoni tal-Kumitat ta' l-Appelli ma ta l-ebda informazzjoni li tqajjem dubji dwar id-deċiżjoni ta' l-Europol. Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, l-Ombudsman ikkunsidra li kien jidher li ma kien hemm l-ebda bażi sabiex ikompli l-inkjesta tiegħu fl-ewwel allegazzjoni tar-rikorrent.

Fil-każ tan-nuqqas allegat li jittratta b'attenzjoni l-appell tar-rikorrent, l-Ombudsman innota li l-JSB kien skuża ruħu ma' ir-rikorrent għall-iżbalji li kienu saru. L-Ombudsman għalhekk ħa l-pożizzjoni li ma kien hemm l-ebda bażi sabiex ikompli l-inkjesta tiegħu f'dan l-aspett tal-każ.

## L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni

### Allegat nuqqas ta' bażi legali għal deċiżjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-kapaċità tat-tajran (airworthiness) ta' inġenju ta' l-ajru

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1103/2006/BU (Kunfidenzjali) kontra l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (European Aviation Safety Agency - AESA)*

L-ilmentatur ilmenta lill-Ombudsman dwar l-implimentazzjoni, mill-AESA, ta' l-Artikolu 2(3)(a)(i) tar-Regolament 1702/2003[33] li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni ta', inter alia, iċ-ċertifikazzjoni ambjentali u tal-kapaċità tat-tajran (airworthiness) ta' l-inġenji ta' l-ajru. Id-dispożizzjoni msemmija hawn fuq tistipula, fis-sustanza, li:

33 Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 1702/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni ambjentali u tal-kapaċità tat-tajran (airworthiness) tal-linji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u apparati relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tad-disinni u produzzjoni, ĠU 2003 L 243, p. 6.

- prodott mhux iċċertifikat taħt il-proċeduri ta' l-Awtoritajiet Konġunti ta' l-Avjazzjoni (*Joint Aviation Authorities*), li għandu ċertifikat tat-tip (*type-certificate* - TC) maħruġ qabel it-28 ta' Settembru 2003 minn Stat Membru, jitqies li għandu TC maħruġ bi qbil mar-Regolament 1702/2003 (AESA-TC), sakemm
- l-AESA tistabbilixxi li l-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip ta' prodott bħal dan ma tipprovdix livell adegwat ta' sigurtà.

Skond l-ilmentatur, mid-dispożizzjoni imsemmija hawn fuq, jidher li l-prodotti (inġenji ta' l-ajru) b'TC nazzjonali maħruġ minn Stat Membru *awtomatikament* jitqiesu li għandhom AESA-TC, u li kwalunkwe eżenzjoni minn dan il-prinċipju ta' għarfien awtomatiku għandha tiġi speċifikata u mogħtija raġunijiet, inkluża dikjarazzjoni tar-raġunijiet tekniċi speċifiċi għall-inġenju ta' l-ajru kkonċernat.

F'dan il-kuntest, l-ilmentatur sfida d-Deċiżjoni Numru 2004/01/CF[34] ta' l-AESA, li permezz tagħha implimentat l-Artikolu 2(3)(a)(i) tar-Regolament 1702/2003 imsemmi hawn fuq. Fid-Deċiżjoni tagħha, l-AESA stabbiliet li l-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip tal-prodotti elenkati fl-anness ta' l-istess Deċiżjoni tista' ma tipprovdix għal livell adegwat ta' sigurtà, minħabba li:

- prodotti ddisinjati fi Stat Membru jistgħu jitqiesu biss li għandhom AESA-TC jekk il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip tipprovdi għal livell adegwat ta' sigurtà,
- il-kodiċi tal-kapaċità tat-tajran (airworthiness) użati f'xi Stati Membri m'humiex magħrufa biżżejjed mill-AESA sabiex tassigura li jipprovdu għal-livell adegwat ta' sigurtà, u
- dettalji adegwati tal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip użati fiċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti minn xi Stati Membri bħalissa m'humiex disponibbli għall-AESA.

L-ilmentatur indika li l-approċċ li l-AESA ħadet fid-Deċiżjoni 2004/01/CF timplika li prodott ma jitqiesx li għandu AESA-TC sakemm l-AESA tistabbilixxi li l-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip tiegħu ma tipprovdix għal livell adegwat ta' sigurtà, u b'hekk tikkontradixxi l-prinċipju ta' għarfien awtomatiku pprovdut fl-Artikolu 2(3)(a)(i) tar-Regolament 1702/2003. Huwa argumenta wkoll li l-fatt li l-AESA ma setgħetx tiffamiljarizza ruħha ma' ċerti kodiċi tal-kapaċità tat-tajran (airworthiness) ma kinitx raġuni valida sabiex wieħed jasal għall-konklużjoni li l-bażi nazzjonali għaċ-ċertifikazzjoni tat-tip tal-prodott mniżżla fl-anness għad-Deċiżjoni 2004/01/CF tista' ma tipprovdix għal livell adegwat ta' sigurtà.

Għalhekk, l-ilmentatur allega li l-AESA ma kinitx intitolata li tibbaża d-Deċiżjoni 2004/01/CF tagħha fuq l-Artikolu 2(3)(a)(i) tar-Regolament 1702/2003. Huwa allega wkoll li l-AESA, bi ksur ta' l-Artikolu 2(3)(a)(i) ta' l-istess Regolament, naqset li tistabbilixxi l-AESA-TCs għal ċerti tipi ta' inġenji ta' l-ajru.

Wara li analizza bir-reqqa d-dispożizzjonijiet legali relevanti u l-argumenti ta' l-ilmentatur u ta' l-AESA, l-Ombudsman ma kkonvinċiex ruħu li d-Deċiżjoni 2004/01/CF ta' l-AESA (i) kellha bażi legali suffiċjenti fir-Regolament 1702/2003, u (ii) li kien fiha dikjarazzjoni preċiża u suffiċjenti tal-bażijiet li kienet stabbilita fuqhom. Għalhekk, l-Ombudsan għamel proposta lill-AESA għal soluzzjoni amikevoli, li fiha ssuġġerixxa li l-AESA setgħet tikkunsidra li temenda d-Deċiżjoni 2004/01/CF tagħha sabiex din tkun tikkonforma mar-Regolament 1702/2003 u mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.

Fit-tweġiba tagħha għall-proposta ta' soluzzjoni amikevoli, l-AESA ddikjarat li kien irnexxielha tiddetermina d-disinn approvat għall-inġenji ta' l-ajru kollha li kienu soġġetti għad-Deċiżjoni 2004/01/CF u li kienu jaqgħu fl-iskop tar-responsabbiltajiet tagħha, inklużi dawk it-tipi ta' l-inġenji ta' l-ajru li l-ilmentatur kien għamel referenza għalihom u li għalihom inħareġ AESA-TC. L-AESA

34 Deċiżjoni Numru 2004/01/CF tad-Direttur Eżekuttiv ta' l-AESA tat-28 ta' April 2004 dwar l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 2(3)(a) tar-Regolament 1702/2003.

kkonkludiet li, bħala konsegwenza ta' dan, id-Deċiżjoni 2004/01/CF ġiet revokata b'Deċiżjoni ġdida[35].

L-Ombudsman laqa' t-tweġiba malajr u pożittiva ta' l-AESA għall-proposta tiegħu għal soluzzjoni amikevoli għall-ilment. B'mod partikolari, kemm l-Ombudsman, kif ukoll l-ilmentatur, laqgħu il-fatt li l-AESA irrevokat, fit-totalità tagħha, id-Deċiżjoni 2004/01/CF li ġiet ikkontestata. L-Ombudsman innota wkoll li l-AESA ħarġet AESA-TC għat-tipi ta' l-inġenji ta' l-ajru li l-ilmentatur irrefera għalihom. Madankollu, l-ilmentatur informa lill-Ombudsman li huwa kien biss parzjalment sodisfatt b'dak l-AESA-TC, u li kien qiegħed jikkunsidra jagħmel approċċi amministrattivi ġodda lill-AESA dwar dan. Fuq il-bażi ta' dawn ir-riżultati għall-mistoqsijiet tiegħu, l-Ombudsman ikkunsidra li l-ebda stħarriġ ieħor fil-każ ma kien iġġustifikat, u għalhekk, għalaq il-każ.

## 3.7 IL-KAŻIJIET LI NGĦALQU WARA RAPPORT SPEĊJALI

### Il-Kummissjoni Ewropea

**Nuqqas ta' teħid ta' azzjoni fuq ilment rigward id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol.**

*Sommarju ta' deċiżjoni fuq l-ilment 3453/2005/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Fl-2001, tabib Ġermaniż ilmenta lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-allegat nuqqas mill-Ġermanja li tikkonforma mal-leġislazzjoni ta' l-UE dwar il-ħin tax-xogħol, b'mod partikolari rigward il-ħin li t-tobba jkunu on-call fl-isptarijiet. Ir-regoli relevanti ġew stabbiliti fid-Direttiva 93/104/KE, u baqgħu fis-seħħ sakemm din ta' l-aħħar ġiet sostitwita bid-Direttiva 2003/88. F'żewġ sentenzi li ngħataw fl-2000 u fl-2003, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ddikjarat li l-ħin li wieħed jgħaddi on-call għandu jiġi kkunsidrat bħala ħin tax-xogħol fit-tifsira ta' dawn ir-regoli.

F'ilment li ġie ppreżentat lill-Ombudsman, f'Diċembru 2003 (ilment 2333/2003/GG), l-ilmentatur allega li l-Kummissjoni kienet naqset li titratta, f'perjodu ta' żmien xieraq, l-ilment dwar il-ksur tad-drittijiet tiegħu kontra l-Ġermanja. Wara li eżamina l-każ, l-Ombudsman ikkunsidra li l-allegazzjoni ta' l-ilmentatur kellha bażi tajba. Huwa nnota, iżda, li l-Ġermanja riċentement kienet introduċiet leġislazzjoni ġdida f'dan il-qasam, li l-Kummissjoni kienet għadha trid teżamina, u li l-Kummissjoni dehret li aċċettat li d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja kienu ċċaraw il-kwistjonijiet legali relevanti. Fuq il-preżunzjoni li l-Kummissjoni ma kinitx ser iddum aktar sabiex titratta l-ilment dwar il-ksur tad-drittijiet ta' l-ilmentatur, l-Ombudsman, għalhekk, għalaq l-inkjesta tiegħu.

F'Novembru 2005, l-ilmentatur reġa' mar għand l-Ombudsman. Fl-ilment il-ġdid tiegħu, (3453/2005/GG), l-ilmentatur essenzjalment irrepeta l-allegazzjoni li kien diġà ssottometta fl-ilment preċedenti tiegħu, skond liema il-Kummissjoni kienet naqset li titratta, f'perjodu ta' żmien xieraq, l-ilment dwar il-ksur tad-drittijiet tiegħu. L-Ombudsman iddeċida li jiftaħ inkjesta ġdida.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni nnutat li f'Settembru 2004, kienet issottomettiet lil-leġislatur tal-Komunità, proposta għall-emenda tad-Direttiva 2003/88. Il-Kummissjoni ndikat li kienet ser teżamina l-ilment dwar ksur ta' l-ilmentatur fid-dawl ta' din il-proposta u tad-diskussjonijiet kontinwi ma' l-istituzzjonijiet l-oħra tal-Komunità.

35 Deċiżjoni Numru 2007/002/K tad-Direttur Eżekuttiv ta' l-EASA tat-23 ta' Marzu 2007 li tħassar id-Deċiżjoni 2004/01/CF tad-Direttur Eżekuttiv ta' l-EASA tat-28 ta' April 2004 dwar l-implimentazzoni ta' l-Artikolu 2(3)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 1702/2003.

L-Ombudsman ħa l-pożizzjoni li s-sottomissjoni ta' proposta għall-emenda ta' direttiva ma kinitx tippermetti li l-Kummissjoni tittraskura l-obbligi tagħha li tassigura li d-direttiva eżistenti tiġi rispettata mill-Istati Membri. Huwa kkunsidra wkoll li d-diskrezzjoni mingħajr dubju tal-Kummissjoni, fi kwistjonijiet relatati mal-ksur allegat minn Stati Membri tal-liġi tal-Komunità, ma kinitx tintitolaha li tipposponi b'mod indefinittiv li tilħaq konklużjoni dwar ilment fuq il-bażi li l-liġi applikabbli tista' tiġi emendata f'xi żmien fil-futur.

Fit-12 ta' Settembru 2006, l-Ombudsman, għalhekk, indirizza abbozz ta' rakkomandazzjoni li kien iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex titratta l-ilment tal- ksur tad-drittijiet ta' l-ilmentatur b'mod diliġenti u malajr kemm jista' jkun.

Fl-opinjoni dettaljata tagħha, il-Kummissjoni żammet il-pożizzjoni tagħha.

Fl-10 ta' Settembru 2007, l-Ombudsman, għalhekk, issottometta rapport speċjali lill-Parlament dwar dan il-każ.

## 3.8 INVESTIGAZZJONIJIET FUQ INIZJATTIVA PERSONALI TA' L-OMBUDSMAN

### L-Integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità mill-Kummissjoni Ewropea

*Sommarju ta' deċiżjoni meħuda wara inkjesta magħmula fuq l-inizjattiva tiegħu stess OI/3/2003/JMA*

Il-persuni b'diżabilità jħabbtu wiċċhom ma' firxa wiesgħa ta' ostakli li jżommuhom milli jiksbu opportunitajiet ugwali, indipendenza, integrazzjoni ekonomika u soċjali sħiħa. Minkejja li l-Unjoni kienet wieġbet għal din l-isfida billi adottat numru ta' inizjattivi legali u politiċi sabiex tneħħi dawk l-ostakli, l-Ombudsman ikkunsidra li s-serjetà tas-sitwazzjoni li jiltaqgħu magħha l-persuni b'diżabilità kienet titlob li l-impenni ddikjarati jitqiegħdu fil-prattika permezz ta' azzjonijiet effettivi. Minħabba r-rwol ċentrali tal-Kummissjoni fil-qafas istituzzjonali ta' l-Unjoni u l-impenni speċifiċi tagħha lejn il-persuni b'diżabilità, l-Ombudsman ikkunsidra li kien utli li jirrevedi l-azzjonijiet meħuda minn din l-istituzzjoni f'dan il-qasam u li jevalwa jekk kinux konsistenti ma' l-obbligi legali tagħha u l-impenni dikjarati. L-Ombudsman, għalhekk, iddeċieda li jibda inkjesta fuq inizjattiva tiegħu stess fuq is-suġġett ta' l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità mill-Kummissjoni sabiex jassigura li ma kinitx qegħda ssir diskriminazzjoni kontra dawn iċ-ċittadini fir-relazzjonijiet tagħhom ma' l-istituzzjoni. Huwa talab li l-Kummissjoni tirrapporta dwar (i) l-azzjonijiet li kienet ħadet jew li kien beħsieba tieħu sabiex tassigura li ma kinitx qegħda ssir diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità fir-relazzjonijiet tagħhom ma' l-istituzzjoni, kif ukoll (ii) l-iskeda għad-dħul fis-seħħ tagħhom.

L-inkjesta ta' l-Ombudsman saret permezz ta' djalogu miftuħ u trasparenti li fih ġew mistiedna jikkontribwixxu individwi b'diżabilità, gruppi rappresentattivi, ombudsmen oħra fuq livelli nazzjonali u reġjonali u ċittadini.

Fuq il-bażi tar-reviżjoni tiegħu, l-Ombudsman jikkunsidra li l-Kummissjoni għamlet sforz ġenwin sabiex tintegra l-persuni b'diżabilità, anke jekk ċerti aspetti tal-politika tagħha ma jidhrux li laħqu l-aspettattivi tal-pubbliku. L-Ombudsman jagħraf li nkiseb progress f'numru ta' oqsma, inkluż dawk li ġejjin:

- jiġi assigurat li r-reklutaġġ ta' persuni b'diżabilità mill-istituzzjonijiet kollha ta' l-UE jirrispetta l-prinċipji fundamentali stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda, bħan-nuqqas ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi tad-diżabilità (Artikolu 1d(1), jew il-ħtieġa li l-uffiċjali b'diżabilità

jiġu pprovduti b'akkomodazzjoni raġjonevoli, sabiex ikunu jistgħu jwettqu x-xogħlijiet li jiġu assenjati lilhom (Artikolu 1d(4));

- il-kandidati b'diżabilità fil-kompetizzjonijiet ta' l-UE issa jistgħu jibbenefikaw minn numru ta' miżuri li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tagħhom, minn barra dan, il-Kummissjoni obbligat ruħha li tesplora l-metodi varji li permezz tagħhom ir-reklutaġġ ta' persuni b'diżabilità jista' jiġi mħeġġeġ fl-istituzzjoni;
- l-adozzjoni ta' rekwiżiti ġodda dwar l-aċċessibbiltà tal-bini tal-Kummissjoni, f'konformità sħiħa mal-livelli stabbiliti mil-liġi ta' l-UE u l-liġi Belġjana u li jindirizzaw b'mod speċifiku l-bżonnijiet ta' persuni b'diżabilità;
- l-informazzjoni ssir iżjed aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari fil-każ tad-dejta mpoġġija fuq il-websajt tal-Kummissjoni; l-istituzzjoni għamlet sforzi ta' min ifaħħarhom f'din id-direzzjoni;
- il-Kummissjoni għamlet sforzi sabiex is-servizzi tagħha jkunu iżjed sensittivi għad-diffikultajiet li l-persuni b'diżabilità jiltaqgħu magħhom sabiex ikunu jistgħu jwieġbu b'mod adegwat jekk dan ikun neċessarju. F'dan il-kuntest, il-Kodiċi ta' Prattika Tajba tal-Kummissjoni għandha tkun għodda utli ħafna sabiex il-persunal tagħha jsir iżjed sensittiv, avolja għandhom isiru sforzi sabiex jiġi assigurat li l-livelli ta' imġiba jiġu mħarsa b'mod sħiħ u li jiġu aġġornati b'mod perjodiku.

L-Ombudsman huwa konxju tal-fatt li, kif enfasizza l-pubbliku waqt il-proċess ta' konsultazzjoni, għad hemm il-bżonn ta' azzjoni f'oqsma oħra, inkluż dawn li ġejjin:

- l-appoġġ finanzjarju mogħti mill-Kummissjoni lill-uffiċjali b'diżabilità jew li għandhom membri tal-familja b'diżabilità għandu jitqies li m'huwiex biżżejjed; il-pubbliku jikkunsidra wkoll li l-allokazzjoni tal-baġit għall-ispejjez relatati mad-diżabilità għandha tiżdied;
- il-miżuri adottati sabiex jiġi mħeġġeġ ir-reklutaġġ ta' persuni b'diżabilità jidher li m'humiex trasparenti biżżejjed; u ġiet mitluba evalwazzjoni tas-sitwazzjoni li wieħed ikun jista' joqgħod aktar fuqha;
- jidher li hemm ukoll nuqqas ta' sodisfazzjon bl-aċċessibbiltà inadegwata ta' ċerti persuni b'diżabilità għall-informazzjoni tal-Kummissjoni;
- is-sitwazzjoni ta' l-istudenti b'diżabilità fl-Iskejjel Ewropej tidher li m'hijiex adegwata u l-politika ta' l-Iskejjel għall-integrazzjoni ta' din il-kategorija ta' tfal ma tidhirx li kkontribwiet b'mod effettiv għall-integrazzjoni tagħhom;
- l-applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika Tajba tal-Kummissjoni wriet li hemm numru ta' inadegwatezzi b'mod partikolari fil-każ tan-numru mhux adegwat ta' azzjonijiet meħuda sabiex il-persunal ta' l-istituzzjoni jsir sensittiv permezz ta' korsijiet ta' taħriġ jew seminars.

L-Ombudsman huwa konxju tal-fatt li l-Kummissjoni għamlet numru ta' impenni sabiex tittratta t-tħassib pubbliku msemmi hawn fuq. L-Ombudsman jinnota li l-Kummissjoni ħadet l-impenn sabiex:

- tagħti ħlas sħiħ lura ta' l-ispejjeż relatati mad-diżabilità, bil-kundizzjoni li jsiru disponibbli biżżejjed fondi mill-awtorità tal-baġit u li jintlaħaq ftehim inter-istituzzjonali;
- tikkunsidra li tippubblika iżjed rapporti ġenerali dwar ir-reklutaġġ ta' persuni b'diżabilità u f'dawn għandha tinkludi statistiċi eżistenti u futuri;
- tadotta standards ġodda dwar l-aċċessibbiltà tal-bini tagħha għall-persuni b'diżabilità u żżid in-numru ta' postijiet għall-parkeġġ għal persuni b'diżabilità jew ġewwa jew ħdejn il-bini kollha tagħha;

- fil-futur torganizza azzjonijiet speċifiċi sabiex il-persunal isir aktar sensittiv pemezz ta' sezzjonijiet ta' taħriġ u konferenzi jew seminars.

Minħabba l-impenji meħuda mill-Kummissjoni, l-Ombudsman jikkunsidra li, bħalissa, ma jidher li hija neċessarja l-ebda azzjoni ulterjuri dwar l-aspetti msemmija hawn fuq.

L-Ombudsman isib iżda li f'dak li jikkonċerna s-sitwazzjoni ta' l-istudenti b'diżabilità fl-Iskejjel Ewropej, l-istat attwali ta' l-affarijiet jidher li għadu m'huwiex adegwat. Sabiex josserva aktar bir-reqqa kif din is-sitwazzjoni tevolvi fil-futur qarib, l-Ombudsman, għalhekk, jikkunsidra li huwa neċessarju li l-Kummissjoni tirrapporta sa l-aħħar ta' l-2007 dwar il-progress miksub mill-Iskejjel Ewropej dwar l-integrazzjoni tat-tfal b'diżabilità. Dan ir-rapport ser jippermetti lill-Ombudsman sabiex jiddeċiedi jekk hijiex neċessarja min-naħa tiegħu kwalunkwe azzjoni ulterjuri dwar din il-kwistjoni.

L-Ombudsman jittama li r-riżultati ta' l-inizjattiva tiegħu ser jgħinu lill-Kummissjoni sabiex terġa' teżamina wħud mill-azzjonijiet tagħha f'dan il-qasam bl-għan li tikkoreġihom, jekk ikun neċessarju, u b'hekk, isservi liċ-ċittadin Ewropej kollha aħjar.

## 3.9 IL-MISTOQSIJIET INDIRIZZATI MILL-OMBUDSMAN

### Allegazzjoni ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità

*Sommarju tal-mistoqsija Q1/2007/ELB sottomessa mill-Ombudsman tal-Lussemburgu*

L-Ombudsman tal-Lussemburgu għamel mistoqsija lill-Ombudsman Ewropew wara li ġie kkuntatjat minn ċittadin tal-Lussemburgu (aktar 'il quddiem l-ilmentatur) dwar ilment mal-Ministeru tad-Difiża Franċiż.

L-ilmentatur twieled fi Franza u mbagħad mar joqgħod fil-Lussemburgu. Meta kellu 20 sena, l-ilmentatur serva fl-armata Franċiża u għamel dan għal 29 xahar. Wara, kiseb iċ-ċittadinanza tal-Lussemburgu. Minħabba li ngħatalu t-titlu ta' veteran tal-gwerra, l-ilmentatur talab pensjoni bħala veteran tal-gwerra. Il-Ministeru tad-Difiża Franċiż ċaħad it-talba ta' l-ilmentatur minħabba li kien irrinunzja għaċ-ċittadinanza Franċiża tiegħu wara s-servizz tiegħu fl-armata Franċiża. L-Ombudsman tal-Lussemburgu għadda l-każ lill-Ombudsman Franċiż. Skond l-Ombudsman Franċiż, dak li l-ilmentatur kien intitolat għalih kien ġie vvalutat konformi mar-regoli applikabbli.

Fil-każ in kwistjoni, l-Ombudsman Ewropew fehem, wara li kkunsidra l-informazzjoni fl-ittra u l-fajl ta' l-ilment, li huwa ġie mistieden jieħu pożizzjoni dwar il-kwistjoni li ġejja: f'ċirkostanzi bħalma hemm involut f'dan il-każ, teżisti vjolazzjoni tal-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità?

L-Ombudsman innota li, skond l-Artikolu 12 tat-Trattat tal-KE, "“*[fl]-iskop ta' l-applikazzjoni ta' dan it-Trattat*, u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni speċjali li hemm fih, kwalunkwe diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità hija projbita". Din il-projbizzjoni hija espressjoni tal-prinċipju ġenerali ta' l-ugwaljanza, prinċipju fundamentali tal-liġi tal-Komunità. Minkejja dan, dan il-prinċipju jsir relevanti meta sitwazzjoni taqa' fl-ambitu li fih tapplika l-liġi tal-Komunità; ma jistax fih innifsu jkollu l-effett li jestendi l-iskop tal-liġi tal-Komunità. Għalhekk, il-leġislazzjoni nazzjonali li tipprovdi għat-trattament differenzjat taċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea fuq il-bażi tan-nazzjonalità tagħhom ma tistax titqies bħala li hija inkompatibbli mal-prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Komunità msemmi hawn fuq (u ma tiġix eżaminata fir-rigward tal-konformità tagħha mal-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni) jekk din il-leġislazzjoni għandha x'taqsam ma' sitwazzjoni li ma taqax fl-ambitu ta' l-applikazzjoni tal-liġi tal-Komunità.

Fil-każ attwali, is-sitwazzjoni ta' l-ilmentatur ma kinitx tidher li kellha konnessjoni biżżejjed ma', u li kienet taqa' fl-ambitu ta' l-applikazzjoni tal-liġi tal-Komunità. F'dan ir-rigward ma deherx li kien hemm leġislazzjoni sekondarja tal-Komunità fuq il-kwistjoni. F'ċirkostanzi bħal dawk imsemmija hawn ma jidher li kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Komunità li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità.

# IR-RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA



4

© silense/www.stockxpert.com

# 4 IR-RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

L-Ombudsman Ewropew jiddedika ħin konsiderevoli sabiex jiltaqa' mal-membri u l-uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE bil-ħsieb li jippromwovi kultura ta' servizz fl-amministrazzjoni ta' l-UE. Matul is-sena saru 'l fuq minn 60 laqgħa u dawn ippermettew lill-Ombudsman biex jispjega l-idea wara l-ħidma tiegħu u joħloq kuxjenza fost il-membri u l-uffiċjali għal tweġibiet kostruttivi għall-ilmenti. Dan il-kapitolu fih deskrizzjoni ġenerika ta' dawn il-laqgħat.

L-Ombudsman iltaqa' ma' l-impjegati taċ-ċivil mil-livelli kollha fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea fi tliet okkażjonijiet. Minħabba li l-Kummissjoni hija l-istituzzjoni bl-ogħla proporzjon ta' investigazzjonijiet magħmula mill-Ombudsman, huwa partikolarment importanti li din tieħu rwol prinċipali fl-iżviluppar ta' kultura ta' servizzi liċ-ċittadini u li tirrispetta d-drittijiet tagħhom. Il-*feedback* li rċieva l-Ombudsman matul dawn il-laqgħat kienet inkoraġġanti ħafna. Il-Viċi President Margot WALLSTRÖM, responsabbli, fost l-oħrajn, mir-relazzjonijiet ma' l-Ombudsman, u s-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Catherine DAY kienu strumentali sabiex dawn il-laqgħat kellhom il-frott mixtieq.

Il-laqgħat mal-Membri u l-uffiċjali tal-Parlament Ewropew huma wkoll ta' importanza partikolari, fid-dawl tar-relazzjoni privileġġjata li l-Ombudsman igawdi mal-Parlament. Il-Parlament Ewropew jeleġġi lill-Ombudsman u huwa responsabbli għalih. F'dan ir-rigward, l-aktar jiem importanti fil-kalendarju ta' l-Ombudsman għal dak li jirrigwarda r-relazzjoni mal-Parlament huma l-jiem meta jiġi organizzat id-dibattitu dwar ir-Rapport Annwali tiegħu fil-plenarja. Dan sar fil-25 ta' Ottubru u s-sessjoni hija deskritta f'aktar dettall fit-taqsima 6.1 ta' dan ir-Rapport.

L-Ombudsman għandu relazzjoni professjonali eċċellenti mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament, li huwa responabbli mir-relazzjonijiet ma' l-Ombudsman u li jabbozza r-rapport dwar ir-Rapport Annwali tiegħu. Fl-2007, is-Sur DIAMANDOUROS ħa sehem fi tliet laqgħat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li matulhom ippreżenta r-Rapport Annwali tiegħu u żewġ Rapporti Speċjali. Dawn ta' l-aħħar kienu jkopru l-użu tal-lingwi fuq is-siti elettroniċi tal-Presidenza tal-Kunsill u l-problemi ma' l-implimentazzjoni tad-Direttiva Ewropea dwar il-Ħin tax-Xogħol. Fuq talba tal-Kumitat, l-Ombudsman kien irrappreżentat minn membru tal-persunal tiegħu f'kull laqgħa li kellu fl-2007. L-Ombudsman ħa sehem fil-laqgħat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u tal-Kumitat ta' l-Affarjiet Kostituzzjonali sabiex jispjega l-bidliet proposti fl-Istatut tiegħu (ara l-Kapitolu 2). Fl-aħħarnett, l-Ombudsman kien mistieden mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni sabiex jitkellem dwar l-esperjenza tiegħu fuq ir-rifjut ta' l-ilmenti dwar l-aċċess għad-dokumenti fid-dawl tal-proposta ta' riforma li għaddejja tar-Regolament 1049/2001.

L-Ombudsman kompla jiltaqa' ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħrajn fl-2007. Fi Frar, huwa ltaqa' mas-Sur Dimitris DIMITRIADIS, President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. F'Lulju huwa vvjaġġa lejn Frankfurt għal-laqgħat mas-Sur Jean-Claude TRICHET, President tal-Bank Ċentrali Ewropew, is-Sur Lucas D. PAPADEMOS, Viċi President u ma' Ms. Gertrude TUMPEL-GUGERELL, Membru tal-Bord Eżekuttiv. Dawn ġew segwiti minn preżentazzjoni lil persunal anzjan tal-bank. Fis-sena 2007 saret ukoll laqgħa mal-President tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, is-Sur Vassilios SKOURIS.

Sabiex iżomm il-persunal tiegħu infurmat fuq l-iżviluppi fl-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra ta' l-UE, l-Ombudsman ilaqqa' l-persunal b'mod regolari fi Strasburgu u għal dawn il-laqgħat jistieden kelliema esterni. F'Marzu 2007, il-President tat-Tribunal tas-Servizz Ċivili ta' l-UE, is-Sur Paul J. MAHONEY, indirizza lill-persunal ta' l-Ombudsman, u tkellem dwar l-esperjenza tiegħu fuq it-

Tribunal maħtur riċentement, u kopra wkoll il-punti tar-rilevanza diretta ma' l-Ombudsman. F'Diċembru, is-Sorveljatur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, is-Sur Peter HUSTINX, ġie Strasburgu sabiex jitkellem dwar l-aħħar żviluppi fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta u biex jirrispondi għal mistoqsijiet li jsiru mill-persunal ta' l-Ombudsman, kemm fir-rigward ta' l-indirizzar ta' l-ilmenti u kif ukoll għal kwistjonijiet amministrattivi fi ħdan l-istituzzjoni. Is-sessjonijiet imqanqlin ta' mistoqsijiet u tweġibiet li saru wara ż-żewġ preżentazzjonijiet jixhdu l-importanza tagħhom għall-persunal ta' l-Ombudsman.

Il-laqgħat u l-avvenimenti msemmija qabel, u l-attivitajiet l-oħrajn kollha ta' l-Ombudsman f'dan il-qasam, huma elenkati fit-taqsimiet ta' dan il-kapitolu[1].

## 4.1 IL-PARLAMENT EWROPEW

16 ta' Jannar: Laqgħa mas-Sur Christian PENNERA, konsulent legali.

17 ta' Jannar: Laqgħa mas-Sur Andrew DUFF MPE.

12 ta' Frar: Laqgħa mas-Sur Herbert BÖSCH MPE.

12 ta' Frar: Laqgħa mas-Sur Julian PRIESTLEY, Segretarju Ġenerali.

12 ta' Frar: Laqgħa mas-Sur Nicolas-Pierre RIEFFEL, Direttur Ġenerali għall-Infrastruttura.

13 ta' Frar: Parteċipazzjoni fil-preżentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-President tal-Parlament, is-Sur Hans-Gert PÖTTERING MPE.

13 ta' Frar: Laqgħat ma' Ms. Anneli JÄÄTTEENMÄKI MPE u mas-Sur Paolo CASACA MPE.

13 ta' Marzu: Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2006 ta' l-Ombudsman lis-Sur Hans-Gert PÖTTERING MPE.

14 ta' Marzu: Laqgħa ma' Ms. Diana WALLIS MPE.

27 ta' Marzu: Preżentazzjoni tar-Rapport Speċjali ta' l-Ombudsman dwar l-użu tal-lingwi fuq is-siti elettroniċi tal-Presidenzi tal-Kunsill waqt laqgħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet.

24 ta' April: Laqgħa ma' Ms. Sylvia-Yvonne KAUFMANN MPE.

24 ta' April: Laqgħa mas-Sur David HARLEY, Deputat Segretarju Ġenerali.

25 ta' April: Laqgħa mas-Sur Íñigo MÉNDEZ DE VIGO MPE.

26 ta' April: Laqgħa mas-Sur Richard CORBETT MPE.

26 ta' April: Laqgħa mas-Sur Harald RØMER, Segretarju Ġenerali.

26 ta' April: Laqgħa mas-Sur Christian PENNERA.

2 ta' Mejju: Preżentazzjoni mis-Sur DIAMANDOUROS tal-bidliet proposti lill-Istatut ta' l-Ombudsman fil-Kumitat ta' l-Affarijiet Kostituzzjonali.

2 ta' Mejju: Laqgħa mal-President tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, is-Sur Marcin LIBICKI MPE u mar-Rapporteur dwar ir-Rapport Annwali 2006 ta' l-Ombudsman, Ms. Luciana SBARBATI MPE. Preżenti waqt il-laqgħa kien hemm ukoll il-Kap tas-Segretarjat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, is-Sur David LOWE.

1 Sakemm mhux imsemmi mod ieħor, il-laqgħat u l-avvenimenti saru fi Brussell, fil-Lussemburgu jew fi Strasburgu.

2 ta' Mejju: Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2006 ta' l-Ombudsman lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet. Is-Sur DIAMANDOUROS ippreżenta wkoll il-bidliet proposti lill-Istatut ta' l-Ombudsman.

9 ta' Mejju: Parteċipazzjoni mill-Ombudsman fiċ-Ċerimonja ta' Jum l-Ewropa organizzata mill-Uffiċċju ta' l-Informazzjoni tal-Parlament Ewropew fi Strasburgu.

22 ta' Mejju: Laqgħat ma' Ms. Charlotte CEDERSCHIÖLD MPE u mas-Sur Jacky HÉNIN MPE.

20 ta' Ġunju: Laqgħat ma' Ms. Luciana SBARBATI MPE u mas-Sur Ville ITÄLÄ MPE.

21 ta' Ġunju: Laqgħa mas-Sur Metin KAZAK MPE.

4 ta' Ottubru: Laqgħat ma' Ms. Diana WALLIS MPE u mas-Sur Costas BOTOPOULOS MPE.

4 ta' Ottubru: Preżentazzjoni tar-Rapport Speċjali ta' l-Ombudsman dwar il-problemi ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva Ewropea dwar il-Ħin tax-Xogħol waqt laqgħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet.

24 ta' Ottubru: Laqgħat mas-Sur Robert ATKINS MPE u mas-Sur Andrew DUFF MPE.

25 ta' Ottubru: Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2006 ta' l-Ombudsman lill-plenarja tal-Parlament Ewropew (ara t-taqsima 6.1).

15 ta' Novembru: Laqgħat mas-Sur Martin SCHULZ MPE u mas-Sur Paul VAN BUITENEN MPE.

22 ta' Novembru: Laqgħat ma' Ms. Diana WALLIS MPE u mas-Sur Ioannis VARVITSIOTIS MPE.

29 ta' Novembru: Preżentazzjoni mill-Ombudsman fuq l-esperjenza tiegħu dwar l-ilmenti fuq ir-rifjut għall-aċċess għad-dokumenti waqt laqgħa tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fuq il-proċess ta' riforma li għaddej tar-Regolament 1049/2001[2].

10 ta' Diċembru: Laqgħa ma' Ms. Maria Eleni KOPPA MPE.

11 ta' Diċembru: Laqgħat ma' Ms. Anneli JÄÄTTEENMÄKI MPE, Ms. Maria DA ASSUNÇÃO ESTEVES MPE u s-Sur Costas BOTOPOULOS MPE, mas-Sur Ingo FRIEDRICH MPE, mas-Sur Michael CASHMAN MPE, mas-Sur Marco CAPPATO MPE, u mas-Sur Emilio DE CAPITANI.

12 ta' Diċembru: Laqgħat ma' Ms. Charlotte CEDERSCHIÖLD MPE, ma' Ms. Diana WALLIS MPE, mas-Sur Brian CROWLEY MPE, mas-Sur Jens-Peter BONDE MPE, mas-Sur Robert ATKINS MPE, ma' Ms. Margrete AUKEN MPE u s-Sur David HAMMERSTEIN MPE, u mas-Sur Christian PENNERA.

12 ta' Diċembru: Parteċipazzjoni fiċ-ċerimonja tal-proklamazzjoni formali tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

13 ta' Diċembru: Laqgħat ma' Ms. Rodi KRATSA-TSAGAROPOULOU MPE u mas-Sur Joseph DAUL MPE.

## 4.2 IL-KUMMISSJONI EWROPEA

12 ta' Jannar: Laqgħa mas-Sur Themis THEMISTOCLEOUS, Kap tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Nikosija, Ċipru.

---

2 Regolament (KE) Nru. 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.

15 ta' Marzu: Laqgħa mas-Sur Fernando FRUTUOSO DE MELO, Direttur responsabbli minn, fost l-oħrajn, ir-relazzjonijiet ma' l-Ombudsman Ewropew fis-Segretarjat Ġenerali.

24 ta' April: Laqgħa mas-Sur Siim KALLAS, Viċi President responsabbli mill-Affarijiet Amministrattivi, il-Kontabilità u Kontra l-Frodi.

22 ta' Mejju: Laqgħa mas-Sur Michel PETITE, Kap tas-Servizzi Legali.

28 ta' Ġunju: Laqgħa ma' Ms. Catherine DAY, Segretarju Ġenerali.

12 ta' Settembru: Preżentazzjoni waqt laqgħa tal-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet Esterni tal-Kummissjoni.

6 ta' Novembru: Laqgħa mas-Sur Jean-Claude EECKHOUT, Direttur Ġenerali Onorarju u Konsulent Speċjali.

7 ta' Novembru: Laqgħa ma' Ms. Catherine DAY, segwita bi preżentazzjoni lill-persunal tal-Kummissjoni responsabbli mill-koordinazzjoni ta' l-indirizzar ta' l-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman. Ms. Margot WALLSTRÖM, Viċi President responsabbli mir-Relazzjonijiet Istituzzjonali u mill-Komunikazzjoni, u s-Ms. DAY ħadu sehem fil-laqgħa.

29 ta' Novembru: Laqgħa mad-Diretturi Ġenerali.

## 4.3 ISTITUZZJONIJIET U KORPI OĦRAJN

12 ta' Frar: Laqgħa mas-Sur Dimitris DIMITRIADIS, President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.



Is-Sur DIAMANDOUROS u s-Sur Dimitris DIMITRIADIS, President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Strasburgu, 12 ta' Frar 2007.

15 ta' Marzu: Laqgħa mas-Sur Rémy JACOB, Direttur Ġenerali ta' l-Istrateġija u ċ-Ċentru Korporattiv, is-Sur Felismino ALCARPE, Deputat Kap tad-Diviżjoni tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment.

30 ta' Marzu: Preżentazzjoni mis-Sur Paul J. MAHONEY, President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-UE lill-persunal ta' l-Ombudsman Ewropew.

2 ta' Lulju: Laqgħat mas-Sur Jean-Claude TRICHET, President tal-Bank Ċentrali Ewropew, mas-Sur Lucas D. PAPADEMOS, Viċi President, u s-Ms. Gertrude TUMPEL-GUGERELL, Membru tal-Bord Eżekuttiv. Dawn il-laqgħat kienu segwiti minn preżetazzjoni lill-persunal ta' l-amministrazzjoni anzjana fi Frankfurt, il-Ġermanja.

16 ta' Lulju: Laqgħa mal-President tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, is-Sur Vassilios SKOURIS.

6 ta' Novembru: Laqgħa ma' l-Ambaxxatur Vassilis KASKARELIS, Rappreżentant Permanenti tal-Greċja għall-Unjoni Ewropea.

7 ta' Diċembru: Preżentazzjoni mis-Sur Peter HUSTINX, is-Sorveljatur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta lill-persunal ta' l-Ombudsman Ewropew.

# IR-RELAZZJONIJIET MA' L-OMBUDSMEN U KORPI SIMILI



5

© silense/www.stockxpert.com

# 5 IR-RELAZZJONIJIET MA' L-OMBUDSMEN U KORPI SIMILI

L-Ombudsmen madwar l-UE kollha, fuq il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, jilagħbu rwol importanti sabiex jassiguraw li d-drittijiet taċ-ċittadini skond il-liġi ta' l-UE jiġu rrispettati b'mod sħiħ. L-Ombudsman Ewropew jikkoopera mill-qrib mal-kontropartijiet tiegħu sabiex jassigura li l-ilmenti kollha taċ-ċittadini dwar il-liġi ta' l-UE ikunu investigati minnufih. Din il-kooperazzjoni ħafna drabi ssir permezz tan-netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen. Dan il-kapitolu jsemmi l-attivitajiet tan-netwerk fl-2007, bl-ogħla punt ikun is-sitt seminar ta' l-Ombudsmen nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE u tal-Pajjiżi Kandidati. Rendikont dettaljat ta' dak l-avveniment huwa mogħti hawnhekk. Matul is-seminar, l-Ombudsmen adottaw stqarrija, li l-għan tagħha huwa li tgħarraf liċ-ċittadini u utenti oħrajn tas-servizzi ta' l-Ombudsman bil-benefiċċji li jistgħu jistennew li jiksbu meta jduru fuq membru tan-Netwerk fir-rigward ta' kwistjoni li taqa' fi ħdan l-iskop tal-liġi ta' l-UE. Dan l-iżvilupp huwa pass importanti fil-bini ta' identità pubblika iżjed ċara għan-Netwerk. L-Istqarrija hija riprodotta b'mod sħiħ f'dan il-kapitolu.

Attivitajiet oħrajn koperti f'dan il-Kapitolu jinkludu s-seminars u l-konferenzi li l-Ombudsman Ewropew u l-persunal tiegħu ħadu sehem fihom matul l-2007, kif ukoll kuntatti bilaterali li s-Sur DIAMANDOUROS kellu mal-kollegi ta' l-Ombudsman mill-Istati Membri.

## 5.1 IN-NETWERK EWROPEW TA' L-OMBUDSMEN

In-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen jikkonsisti minn kważi 90 uffiċċju f'31 pajjiż Ewropew differenti. Fi ħdan l-Unjoni, ikopri l-Ombudsmen u korpi simili fuq il-livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali, filwaqt li fuq il-livell nazzjonali jinkludi wkoll in-Norveġja, l-Iżlanda u l-pajjiżi kandidati għas-sħubija fl-UE. Kull wieħed mill-Ombudsmen nazzjonali u korpi simili fl-Istati Membri, kif ukoll fin-Norveġja u fl-Iżlanda, ħatru uffiċjal inkarigat biex jaġixxi bħala punt ta' kuntatt għal membri oħrajn tan-Netwerk.

In-netwerk twaqqaf fl-1996 u żviluppa gradwalment f'għodda kollaborattiva b'saħħitha għall-Ombudsmen u l-persunal tagħhom, u qed ikun mekkaniżmu importanti fil-kooperazzjoni tal-każijiet. Huwa ta' importanza partikolari għall-Ombudsman Ewropew sabiex jgħinu jwieġeb minnufih ilmenti li ma jaqgħux taħt il-mandat tiegħu. Permezz tas-seminars u l-laqgħat, fuljett regolari, u forum elettroniku għad-diskussjoni qed jinqasmu l-esperjenzi. Iż-żjarat mill-Ombudsman Ewropew organizzati mill-Ombudsmen fl-Istati Membri u l-pajjiżi ta' adeżjoni kienu wkoll effettivi għall-iżvilupp tan-netwerk. Għaldaqstant, it-taqsima 5.1 tagħlaq bi spjegazzjoni qasira taż-żjarat ta' informazzjoni li għamel l-Ombudsman fl-2007. Dawn iż-żjarat jissemmew f'iżjed dettall fit-taqsima 6.2.

L-attivitajiet kollha msemmija hawn taħt huma fundamentali biex jagħtu ċ-ċans lill-Ombudsmen jagħtu sehemhom billi jassiguraw li l-liġi ta' l-UE tiġi applikata b'mod korrett f'kull parti ta' l-Unjoni. Dan huwa vitali, jekk iċ-ċittadini jridu jgawdu d-drittijiet tagħhom. L-Ombudsman Ewropew jara dan bħala prijorità partikolari u jiddedika riżorsi konsiderevoli sabiex jiżviluppa n-Netwerk.

### Seminars ta' l-ombudsmen nazzjonali

Is-seminars ta' l-ombudsmen nazzjonali jiġu organizzati kull sentejn, b'mod konġunt mill-Ombudsman Ewropew u kontroparti nazzjonali. Is-Sitt Seminar ta' l-Ombudsmen Nazzjonali ta'

l-Istati Membri ta' l-UE u tal-Pajjiżi Kandidati ġie organizzat mill-Ombudsman Nazzjonali Franċiż, is-Sur Jean-Paul DELEVOYE, u mill-Ombudsman Ewropew. Dan sar fi Strasburgu mill-14 sas-16 ta' Ottubru 2007. Dan kien it-tieni seminar ta' l-ombudsmen nazzjonali li sar fi Strasburgu, proprju ħdax-il sena wara l-ewwel seminar ta' dan it-tip, li kien ġie organizzat f'Settembru 1996.

Is-27 Stat Membru kollha ta' l-UE kienu rrappreżentati fil-laqgħa, bħalma kienu tnejn mit-tliet pajjiżi kandidati, flimkien man-Norveġja u l-Iżlanda. Kif ġie miftiehem waqt il-Ħames Seminar, rappreżentanti ta' l-ombudsman reġjonali minn pajjiżi ta' l-UE fejn dawn jeżistu, jiġifieri, il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, l-Italja, l-Awstrija u r-Renju Unit[1], kienu wkoll mistiedna biex jipparteċipaw għall-ewwel darba.

It-tema tas-Seminar ta' l-2007 kienet "Ideat ġodda għal amministrazzjoni tajba fl-Unjoni Ewropea" ("*Rethinking good administration in the European Union*"). Din it-tema ntgħażlet b'kunsiderazzjoni tal-fatt li numru ta' ombudsmen, kemm jekk fil-livelli reġjonali, nazzjonali jew Ewropej, li jirrappreżentaw kulturi u tradizzjonijiet amministrattivi differenti, qegħdin jirriflettu fuq modi biex jirfinaw, jerġgħu jikkunsidraw u jidħlu aktar fil-fond fil-fehim tagħhom ta' amministrazzjoni tajba, bil-għan li tittejjeb il-kwalità tas-servizz offrut liċ-ċittadini u, b'mod aktar ġenerali, lil dawk li jagħmlu użu mill-amministrazzjonijiet pubbliċi li jipprevjenu. It-tema magħżula wriet ruħha li kienet għażla li sabet kunsens wiesa'.

### *Diskussjonijiet waqt is-seminar*

Is-seminar infetaħ miż-żewġ organizzaturi, is-Sur DELEVOYE u s-Sur DIAMANDOUROS u kien jinkludi diskors ta' merħba mis-Sindku ta' Strasburgu, is-Senatriċi Fabienne KELLER, u messaġġ ta' merħba mibgħut mill-Prim Ministru Franċiż, is-Sur François FILLON. Dan ta' l-aħħar għamel enfasi fuq ir-rwol ta' l-Ewropa fit-tifrix tal-valuri tat-tolleranza, tad-djalogu u tad-demokrazija fid-dinja kollha. Huwa qal li l-Ombudsmen fl-Ewropa jirrappreżentaw waħda mill-manifestazzjonijiet l-aktar evidenti ta' dawn il-valuri. Meta l-ombudsmen jissorveljaw l-applikazzjoni ta' *corpus* tad-dritt Komunitarju li qed ikompli jsir dejjem aktar importanti, huma qegħdin fuq quddiemnett ta' dawk li qegħdin jibnu l-Ewropa, b'mod konkret, ġurnata wara l-oħra.



Is-Sindku ta' Strasburgu, is-Senatur Fabienne KELLER, is-Sur DIAMANDOUROS, u l-Ombudsman Nazzjonali Franċiż, is-Sur Jean-Paul DELEVOYE, jiftħu s-Sitt Seminar ta' l-Ombudsmen nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE u l-Pajjiżi Kandidati. Strasburgu, 15 ta' Ottubru 2007.

### *Diskors ewlieni*

L-Imħallef Allan ROSAS, President tat-Tielet Kamra fil-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ECJ), fetaħ id-diskussjonijiet tas-Seminar b'diskors ewlieni bl-isem "Nassiguraw l-applikazzjoni uniformi tad-dritt Komunitarju f'Unjoni ta' 27 Stat Membru: ir-rwol ta' l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali". Skond l-Imħallef ROSAS, waħda mill-karatteristiċi l-aktar essenzjali tad-dritt Komunitarju hija li din għandha tiġi applikata direttament minn kull min huwa kkonċernat, inklużi l-awtoritajiet

1 Dawn il-pajjiżi huma elenkati skond l-ordni protokollari ta' l-UE.

amministrattivi nazzjonali. Huwa enfasizza li l-ombudsmen nazzjonali għandhom rwol partikolarment importanti fil-monitoraġġ tad-deċiżjonijiet u l-prassi amministrattivi fir-rigward ta' l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni mhux biss tad-dritt purament nazzjonali iżda wkoll dak Komunitarju. Huwa qal li jkun żball jekk wieħed jibbaża esklussivament fuq is-sistema ġudizzjarja biex jassigura l-applikazzjoni korretta tad-dritt Komunitarju. Fil-fehma tiegħu, iċ-ċittadin jippreferi ferm aktar li jkollu l-prinċipji tal-legalità u ta' amministrazzjoni tajba, rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, rispettati b'mod sħiħ, mingħajr ma jkollu għaliex jirrikorri għal proċeduri fil-qorti li jistgħu jieħdu fit-tul u jiġu jiswew ħafna flus. F'dan ir-rigward, huwa importanti li wieħed ifakkar li wieħed mill-pilastri ta' l-kostruzzjoni ġuridika ta' l-UE huwa r-rilevanza diretta tagħha għaċ-ċittadin privat, li jista' jinvokaha direttament quddiem il-qrati u l-awtoritajiet amministrattivi. Huwa kkonferma li l-ħidma ta' l-ombudsmen tikkontribwixxi għal tisħiħ tar-rwol taċ-ċittadin. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni kkontribwiet ukoll għal din l-enfasi fuq "Ewropa taċ-ċittadini".



L-Imħallef Allan ROSAS, President tat-Tielet Awla tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, jagħmel l-intervent tiegħu fis-sitt seminar ta' l-Ombudsmen nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE u l-Pajjiżi Kandidati. Strasburgu, 15 ta' Ottubru 2007

Fir-rigward tal-kwistjoni ta' l-*uniformità* ta' applikazzjoni li saret referenza għaliha fit-titolu tad-diskors tiegħu, l-Imħallef għaraf li l-applikazzjoni deċentralizzata toħloq sfida. Il-problema ma ġietx imnaqqsa mit-tkabbir ta' l-UE biex bħalissa tikkomprendi 27 Stat Membru. Fil-fehma tiegħu, id-deċentralizzazzjoni għandha tiġi akkumpanjata minn interventi ta' koordinament u kooperazzjoni, minn responsabilità, affidabilità u trasparenza. L-istituzzjonijiet nazzjonali responsabbli mill-monitoraġġ u mill-kontroll huma ta' importanza kruċjali, hekk kif huwa kruċjali l-koordinament bejn dawn l-istituzzjonijiet u dawk fuq livell Komunitarju. F'dan ir-rigward, l-Imħallef ROSAS laqa' l-organizzazzjoni ta' seminars regolari ta' l-ombudsmen nazzjonali.



Is-Sur Jens NYMAND-CHRISTENSEN, id-Direttur responsabbli għal regolamentazzjoni aħjar u l-kwistjonijiet istituzzjonali fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, jindirizza s-sitt seminar ta' l-Ombudsmen nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE u l-Pajjiżi Kandidati. Strasburgu, 15 ta' Ottubru 2007.

### *L-ewwel sessjoni tematika: legalità u amministrazzjoni tajba: hemm xi differenza bejniethom?*

Is-Sur DIAMANDOUROS kien l-ewwel kelliem fl-ewwel sessjoni tematika, li kienet ippreseduta mill-Ombudsman Nazzjonali ta' l-Irlanda, is-Sra Emily O'REILLY. Il-preżentazzjoni tiegħu iffukat, b'mod partikolari, fuq il-kunċett ta' l-"ħajja lil hinn mil-legalità". Fil-fehma tiegħu, l-eżistenza kontinwata ta' l-ispazju kunċettwali għall-ħajja lil hinn mil-legalità hija pożittiva għaċ-ċittadini Ewropej. Qabel xejn, id-dritt u l-legalità jkomplu jkunu assoċjati mill-qrib mal-ħtija u s-sanzjonijiet. Madankollu, huwa qal li kultura ta' servizz, li l-ombudsmen għandhom ikunu ħerqana li jippromwovu, m'hijiex kultura ta' ħtija. Barra minn hekk, kwalunkwe tentattiv biex tiġi promossa kultura ta' servizz permezz tal-liġi jista' jirrinforza biss approċċ limitat u legalistiku. Fl-istess ħin, dan jista' jinkoraġġixxi wkoll it-tendenza ta' xi lmentaturi li jqisu l-ilment tagħhom bħala denunzja, aktar milli bħala strument għat-tiftix ta' rimedju prattika, jew bħala soluzzjoni kostruttiva għal problema.

Kunsiderazzjoni rilevanti oħra tikkonċerna r-relazzjoni bejn il-ħidma ta' l-ombudsmen u l-ħidma tal-qrati. Il-loġika tal-proċeduri ġudizzjarji twassal għal sentenza, li fiha l-qorti tiddetermina b'awtorità d-drittijiet legali tal-partijiet. Min-naħa l-oħra, il-loġika tal-proċeduri ta' l-Ombudsman hija differenti u tinvolvi l-flessibilità bejn żewġ metodi operattivi. Fuq naħa waħda, hemm metodu ta' riżoluzzjoni tat-tilwima, li jiffoka fuq it-tiftix ta' soluzzjoni għal problema, it-tnaqqis tal-kunflitti, possibilitajiet għal kompromess u riżultati li fihom kulħadd iħossu rebbieħ. Min-naħa l-oħra, hemm metodu aġġudikattiv, li fih l-Ombudsman isib li hemm każ ta' amministrazzjoni ħażina jew li ma hemm ebda amministrazzjoni ħażina. Dak il-metodu huwa rregolat minn loġika analoga għal dik tal-Qorti, li fih parti waħda normalment tara lilha nnifisha bħala r-rebbieħa, waqt li l-oħra tara lilha nnifisha bħala t-telliefa. Il-bilanċ adatt bejn iż-żewġ metodi jiddependi fuq il-każ u xi każijiet jistgħu jinvolvu l-bdil bejniethom aktar minn darba. Fil-fehma tas-Sur DIAMANDOUROS, l-Istituzzjonijiet Ewropej huma inkoraġġuti jikkooperaw miegħu fil-metodu ta' riżoluzzjoni tat-tilwima bil-konoxxenza li l-investigazzjoni tiegħu m'hijiex iffukata esklussivament fuq il-mistoqsija "x'inhuma d-drittijiet legali tal-partijiet?"

Is-Sur Alex BRENNINKMEIJER, l-Ombudsman Nazzjonali ta' l-Olanda, u s-Sur Joseph SAID PULLICINO, l-Ombudsman Nazzjonali Malti, kienu l-parteċipanti li jmiss fid-diskussjoni matul din is-sessjoni. Skond is-Sur BRENNINKMEIJER, iċ-ċittadini jitolbu ferm aktar mil-legalità. Huma jeħtieġu amministrazzjoni tajba u kondotta xierqa, li jgħinu biex jinħolqu l-aċċettazzjoni, il-leġittimità u fl-aħħar mill-aħħar fiduċja pubblika fil-gvern. Kondotta xierqa u trattament ġust taċ-ċittadini huma żieda essenzjali għal legalità pura u sempliċi. Is-Sur SAID PULLICINO qabel dwar il-fatt li l-verifika ta' amministrazzjoni tajba tkopri firxa ta' attività ferm usa' mil-legalità waħedha. Meta amministrazzjoni ħażina ma tinvolvix illegalità, din xorta waħda tista' titkejjel kontra t-test aktar iebes tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba li qegħdin jiksbu rikonoxximent bħala sors informali tad-dritt. Amministrazzjoni tajba, bħal-legalità, dejjem timplika rispett ta' l-Istat tad-dritt u qatt ma hija liċenzja biex wieħed jaġixxi fi kwalunkwe manjiera barra jew kuntrarju għal-liġi. Amministrazzjoni tajba, bħal-legalità, għandha wkoll topera b'tali mod li ċ-ċittadin, il-klijent ta' l-amministrazzjoni, jirċievi l-livell ta' servizz li huwa intitolat għalih.

### *Ewropa tar-Riżultati - Prevenzjoni, Sħubija u Trasparenza*

Il-kelliem li jmiss kien is-Sur Jens NYMAND-CHRISTENSEN, id-Direttur responsabbli għat-Titjib tar-Regolamentazzjoni u Kwistjonijiet Istituzzjonali fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea. L-intervent tiegħu kien intitolat "Ewropa tar-Riżultati – Prevenzjoni, Sħubija u Trasparenza". Is-Sur NYMAND-CHRISTENSEN iffoka fuq il-Komunikazzjoni adottata mill-Kummissjoni f'Settembru 2007, li hi stess iġġib it-titolu *Ewropa li tikseb ir-riżultati – l-Applikazzjoni tal-liġi Komunitarja*[2]. Il-Komunikazzjoni tippreżenta sensiela ta' proposti biex itejbu l-applikazzjoni tad-dritt Komunitarju mill-Istati Membri. Dawn il-proposti għandhom l-għan li jassiguraw li d-dritt Komunitarju jiġi implimentat b'mod aktar effikaċi u li l-ilmenti magħmula miċ-ċittadini u mill-impriżi jiġu solvuti aktar malajr. Il-Komunikazzjoni tiddeskrivi l-azzjonijiet li ser tieħu l-Kummissjoni f'dan ir-rigward, kif ukoll il-kontributi mfittxija minn,

2 COM(2007) 502. Disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/community_law/eulaw/pdf/com_2007_502_mt.pdf

fost l-oħrajn, l-Istati Membri. Hija tindika erba' oqsma ta' azzjoni ewlenin: miżuri preventivi aktar immirati; titjib fl-għoti ta' informazzjoni u fis-soluzzjoni ta' problemi; ġestjoni aktar effiċjenti ta' każijiet ta' ksur sabiex jiġi assigurat l-akbar benefiċċju għall-akbar numru; u żieda fit-trasparenza.

Wieħed mill-aktar suġġerimenti importanti fil-Komunikazzjoni jikkonċerna eżerċizzju li fih l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri, f'ċerti każijiet, ser jintalbu jsibu soluzzjonijiet għal problemi fir-rigward tad-dritt Komunitarju fi ħdan perjodu qasir ta' żmien (8 ġimgħat) u, jirrispondu direttament lil persuni li jkunu qajmu kwistjoni mal-Kummissjoni. L-għan huwa li jinstabu soluzzjonijiet aktar malajr għal mistoqsijiet u lmenti miċ-ċittadini u l-kumpaniji. Fid-diskors ewlieni tiegħu, is-Sur NYMAND-CHRISTENSEN ta aktar dettalji ta' din il-proposta, li hija ta' rilevanza partikolari għall-ombudsmen fl-Istati Membri. Huwa għarrafhom li l-Istati Membri wrew interess qawwi li jipparteċipaw f'dan il-proġett pilota, li għandu jdum għaddej sena. Il-Kummissjoni mbagħad għandha tippubblika rapport li fih tiddeskrivi fil-qosor l-esperjenza tagħha.

### *It-tieni sessjoni tematika: Ir-relazzjoni bejn l-ombudsmen u l-qrati*

Is-Sur Mats MELIN, Kap Ombudsman Parlamentari Żvediż, ta bidu għad-diskussjonijiet f'din is-sessjoni. Huwa beda billi analizza l-kompetenza ta' l-ombudsmen biex jissorveljaw il-qrati, aspett li jvarja bil-kbir minn pajjiż għall-ieħor. Waqt li irrikonoxxa li jeħtieġ li r-rwol tal-qrati jiġi rikonoxxut bħala li importanza speċjali fi stat iggvernat mid-dritt, huwa sostna li hemm bżonn ta' xi element ta' superviżjoni fir-rigward tagħhom. Huwa eżamina kif il-membri ta' l-ordni ġudizzjarju għandhom it-tendenza li jaraw l-ombudsman f'sistema bħal dik Żvediża, fejn l-ombudsmen *jissorveljaw* il-qrati. Huwa eżamina r-rwoli differenti tal-qrati u ta' l-ombudsmen u tkellem dwar il-possibbiltà ta' kunflitti bejniethom dwar aspetti speċifiċi tad-dritt. Huwa temm id-diskors tiegħu billi staqsa kif l-ombudsmen jittrattaw sitwazzjonijiet fejn l-interpretazzjoni tagħhom tad-dritt tkun differenti minn dik ta' qorti, speċjalment qorti ta' l-aħħar istanza.

Is-Sur Marc FISCHBACH, l-Ombudsman Nazzjonali tal-Lussemburgu, u s-Sur Janusz KOCHANOWSKI, Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Ċivili tal-Polonja, kienu l-parteċipanti fid-diskussjoni ta' din is-sessjoni, li kienet ippreseduta mis-Sur Allar JÕKS, il-Kanċillier tal-Ġustizzja ta' l-Estonja. Is-Sur FISCHBACH beda billi għarraf lill-kollegi tiegħu li ċ-ċittadini spiss jirreferu l-problemi li jkollhom mal-qrati lill-Ombudsman tal-Lussemburgu. Huwa qal li l-kwistjoni kollha hija li wieħed jifhem il-limiti ta' kwalunkwe intervent min-naħa ta' l-ombudsman, billi waqt li l-ombudsmen għandhom isostnu l-prinċipju leġittimu ta' indipendenza tal-poter ġudizzjarju, huma għandhom ukoll jiggarantixxu d-drittijiet tal-partijiet għal proċess jew smigħ fil-qorti. Fil-fehma tiegħu, l-ombudsmen huma mitluba jiddistingwu bejn ġustizzja fuq naħa waħda — f'termini oħra l-eżerċizzju sovran tad-dmir li tiġi amministrata l-ġustizzja — u amministrazzjoni ġudizzjarja fuq in-naħa l-oħra, b'amministrazzjoni ġudizzjarja tfisser kwalunkwe mekkaniżmu amministrattiv li jopera qabel jew wara deċiżjoni ġudizzjarja. Għalkemm l-ombudsman ma jistax jindaħal fl-eżerċizzju tal-funzjoni sovrana tal-maġistrat, huwa għandu s-setgħa li jittratta kwalunkwe nuqqas amministrattiv ta' l-amministrazzjoni ġudizzjarja. Is-Sur FISCHBACH ikkonkluda billi qal li jista' jkun aktar preċiż li wieħed jitkellem dwar ir-relazzjoni bejn l-ombudsman u l-amministrazzjoni ġudizzjarja, aktar milli dwar kwalunkwe relazzjoni li tista' teżisti bejn l-ombudsman u l-qrati. Min-naħa tiegħu, is-Sur KOCHANOWSKI identifika approċċ doppju. Fuq naħa waħda, il-Kummissarju Pollakk involva ruħu f'każijiet ta' ċittadini individwali, fejn fl-opinjoni tiegħu is-sentenzi mogħtija qegħdin jiksru d-drittijiet ta' l-individwu. Min-naħa l-oħra, huwa jieħu ħsieb każijiet ta' natura aktar ġenerali, ħafna drabi f'tentattiv li jtejjeb il-funzjonament ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, per eżempju billi jagħti bidu għal bidliet fil-liġi jew billi jimmira li jiċċara kwistjonijiet kontroversjali f'deċiżjonijiet ġudizzjarji. Huwa għalhekk li l-Kummissarju, billi jirrispetta b'mod sħiħ l-indipendenza tal-qrati u n-natura kontraddittorja tal-proċedimenti ċivili, jieħu vantaġġ mill-intitolament tiegħu li jieħu l-każijiet quddiem il-qrati b'kawtela kbira. Huwa jappoġġa waħda mill-partijiet biss f'każ li jara li l-persuna li tapplika għall-għajnuna m'hijiex kapaċi tiddefendi d-drittijiet tagħha hi stess jew meta l-każ jista' jwassal għal xi progress li jgħin biex jirrisolvi każijiet oħrajn simili fejn id-drittijiet ta' l-individwi jkunu mhedda.

### *It-tielet sessjoni tematika: Rimedji, riparazzjoni u soluzzjonijiet: x'għandhom x'joffru l-ombudsmen?*

Din is-sessjoni kienet ippreseduta mis-Sur Peter KOSTELKA membru tal-Bord ta' l-Ombudsman Awstrijak.

Is-Sra Ann ABRAHAM, l-Ombudsman Parlamentari u tas-Servizzi tas-Saħħa tar-Renju Unit, kienet il-kelliema ewlenija f'din is-sessjoni. Hija indirizzat il-kwistjoni tar-rimedju billi kkunsidrat l-ombudsman l-ewwel bħala sistema ta' ġustizzja — is-sors ta' benefiċċju dirett liċ-ċittadini inġurjati. Hija mbagħad għaddiet biex tikkunsidra l-mod li bih ir-rimedju, mifhum bħala xi ħaġa aktar minn sempliċi kumpens finanzjarju jew soluzzjoni tat-tilwima, jimmira lejn ir-rwol akbar ta' l-ombudsman bħala sors ta' benefiċċju pubbliku usa' — benefiċċju pubbliku li jiġi mill-promozzjoni ta' amministrazzjoni tajba u mill-ġestjoni korretta ta' l-ilmenti kif ukoll mit-titjib fit-twassil tas-servizz pubbliku, iżda li jħares ukoll l-ambizzjoni ta' l-għoti ta' tagħrif dwar politika pubblika. Bħala eżempju, is-Sra ABRAHAM irreferiet għall-investigazzjonijiet imwettqa mill-uffiċċju tagħha fir-rigward ta' l-amministrazzjoni tas-sistema tal-kreditu tat-taxxa fir-Renju Unit. Hija kkonkludiet billi għamlet referenza għall-qafas ta' prinċipji li hija bdiet tiżviluppa bil-pubblikazzjoni ta' sensiela ta' Prinċipji ta' Amministrazzjoni Tajba u ta' Prinċipji għal Rimedju (*Principles of Good Administration* e *Principles for Remedy*).

Is-Sra Zdenka ČEBAŠEK-TRAVNIK, l-Ombudsman tas-Slovenja għad-Drittijiet tal-Bniedem, u s-Sra Arne FLIFLET, l-Ombudsman Parlamentari tan-Norveġja, segwew huma biex jgħinu jinbdew id-diskussjonijiet f'din is-sessjoni. Is-Sra ČEBAŠEK-TRAVNIK tat deskrizzjoni qasira tal-ħafna influwenzi differenti fuq il-mod ta' azzjoni ta' l-ombudsman, billi indirizzathom fuq il-linji li ġejjin: is-soċjetà u l-kultura; is-sistema politika; konnessjonijiet internazzjonali; problemi konkreti fil-pajjiż; u karatteristiċi personali ta' l-ombudsman. Hija spjegat it-teżi tagħha b'eżempju konkret ta' problema sensittiva ttrattata mill-uffiċċju tagħha fir-rigward ta' familja Roma fis-Slovenja. Is-Sur FLIFLET wera l-fatt li l-ombudsmen — bejniethom — għandhom sfondi, personalitajiet u ġurisdizzjonijiet differenti ħafna u li din id-diversità ovvjament tolqot il-ħidma tagħhom. Huwa għamel enfasi fuq ir-rwol supplimentari ta' l-ombudsman fil-konfront tal-qrati, billi joffri varjetà ferm aktar wiesgħa ta' rimedji, riparazzjonijiet u soluzzjonijiet.

### *Ir-raba' sessjoni tematika: Il-moviment liberu tal-persuni: x'inhuma l-problemi u kif qegħdin jittrattawhom l-ombudsmen?*

L-iskop ta' din is-sessjoni finali, li kienet ippreseduta mill-Ombudsman Nazzjonali Spanjol, is-Sur Enrique MÚGICA HERZOG, kien li jintwera b'mod konkret il-kontribut li l-ombudsmen jistgħu jagħtu biex isolvu l-ilmenti taċ-ċittadini fir-rigward tad-dritt Komunitarju. Is-Sur Jean-Paul DELEVOYE għamel id-diskors tal-ftuħ għal din is-sessjoni. Huwa beda billi traċċa l-evoluzzjoni tad-dritt tal-libertà tal-moviment mis-snin Ħamsin sal-ġurnata tal-lum. Huwa mbagħad għadda biex jagħti deskrizzjoni fil-qosor ta' wħud mill-ostakli għall-mobilità, fatt ikkonfermat, huwa qal, mill-proporzjon baxx ħafna ta' lmenti dwar is-suġġett li jiġu ppreżentati fl-uffiċċju tiegħu. Huwa wera li l-ilmenti ta' din in-natura x'aktarx ikomplu jiżdiedu fis-snin li ġejjin, u għamel enfasi fuq ir-rwol importanti li jistgħu jkollhom l-ombudsmen. Huwa kkonkluda billi għamel enfasi fuq il-ħtieġa li l-ombudsmen jaħdmu flimkien biex jirrisolvu l-ilmenti fil-qasam tal-libertà tal-moviment b'mod effikaċi.

Is-Sra Eliana NICOLAOU, Kummissarju għall-Amministrazzjoni ta' Ċipru, kienet l-ewwel kelliema. Fil-fehma tagħha, l-implimentazzjoni sħiħa u r-realizzazzjoni tad-dritt għall-moviment ħieles hija waħda mill-akbar sfidi għall-ombudsmen, fejn huma jagħmlu ħilithom kollha biex joħolqu kultura ta' mobilità reali fl-UE b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem. Hija tat eżempji ta' oqsma problematiċi f'Ċipru, b'mod speċifiku fil-qasam tar-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi. Is-Sur Yorgos KAMINIS, l-Ombudsman Nazzjonali tal-Greċja, kompla b'numru ta' eżempji minn pajjiżu stess. Huwa sostna li l-pressjoni applikata f'ambitu ta' ċerti professjonijiet, u l-pressjoni politika — l-aktar fil-livell muniċipali — għamluha diffiċli għaċ-ċittadini Komunitarji biex jeżerċitaw il-professjonijiet tagħhom fil-Greċja. Imiss lill-Ombudsman ikollu rwol importanti biex jgħin lil dawn iċ-ċittadini jgawdu d-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-libertà tal-moviment skond id-dritt Komunitarju.

## *In-Netwerk Ewropew tad-Dikjarazzjoni ta' l-Ombudsmen*

Minbarra l-erba' sessjonijiet tematiċi, is-seminar kien jinkludi diskussjoni fil-fond dwar kwistjoni ta' importanza fundamentali għan-Netwerk, jiġifieri n-Netwerk Ewropew tad-Dikjarazzjoni ta' l-Ombudsmen. Fil-Ħames Seminar ta' l-Ombudsmen Nazzjonali li sar fl-Aja f'Settembru 2005, l-Ombudsman ippropona li jabbozza Dikjarazzjoni biex jgħarraf liċ-ċittadini u utenti oħrajn tas-servizzi ta' l-ombudsman dwar il-benefiċċji li huma jistgħu jistennew li jiksbu meta jirrikorru għand membru tan-Netwerk u jistaqsuh dwar kwistjoni li taqa' fi ħdan l-ambitu tad-dritt Komunitarju. L-abbozz tad-Dikjarazzjoni ntbagħat lill-membri tan-Netwerk qabel is-Seminar.

Id-diskussjoni dwar id-Dikjarazzjoni kienet ibbażata fuq diskors ewlieni mogħti mill-aktar ombudsman nazzjonali li dam jaqdi dmirijietu, l-Ombudsman Parlamentari tad-Danimarka, is-Sur Hans GAMMELTOFT-HANSEN. Huwa enfasizza li l-iskop tad-diskussjonijiet kien li tiġi adottata dikjarazzjoni immirata għaċ-ċittadini, li fl-aktar forma qasira u sempliċi possibbli, tkopri b'mod adegwat dawk il-karatteristiċi fundamentali li jgħaqqdu flimkien lill-ombudsmen fl-Ewropa u li huma komuni għalihom kollha. Is-Sur GAMMELTOFT-HANSEN inkoraġġixxa lill-kollegi tiegħu biex jadottaw l-abbozz tad-Dikjarazzjoni.



Is-Sur DIAMANDOUROS jagħmel preżentazzjoni lill-ombudsman Daniż, is-Sur Hans GAMMELTOFT-HANSEN, sabiex jikkommemora l-għoxrin sena ta' ħidmietu. Strasburgu, 15 ta' Ottubru 2007.

Wara diskussjoni mqanqla, id-Dikjarazzjoni ġiet adottata b'kunsens. L-Ombudsman Ewropew ħabbar l-impenn tiegħu li jissensibilizza l-opinjoni pubblika dwar id-Dikjarazzjoni u stieden lill-kollegi tiegħu biex jagħmlu l-istess. Id-Dikjarazzjoni, li hija riprodotta b'mod sħiħ hawn taħt, se tibda tiġi riveduta fuq bażi regolari.

## *Seminar eċċellenti*

Minbarra s-sessjonijiet formali li jservu ta' stimolu, is-Seminar ippermetta għal aktar kuntatti u diskussjonijiet informali. Iż-żjara bi gwida mal-belt ta' Strasburgu għamlet l-avveniment saħansitra akar pjaċevoli, l-istess bħalma għamlet iċ-ċena formali li saret fil-bini impressjonanti ta' *Palais Rohan* li fiha ġew iċċelebrati l-għoxrin sena servizz ta' l-ombudsman Daniż, tribut xieraq għall-impenn muri. L-ombudsmen esprimew il-gratitudni tagħhom lis-Sindku ta' Strasburgu talli laqgħathom fil-belt u għall-ospitabilità li wriethom.

Fl-aħħar tas-Seminar, tħabbar li s-Seba' Seminar ta' l-Ombudsmen Nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE u tal-Pajjiżi Kandidati ser isir f'Ċipru fl-2009.



Il-parteċipanti tas-sitt seminar ta' l-Ombudsmen nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE u l-Pajjiżi Kandidati.
Strasburgu, 15 ta' Ottubru 2007

## In-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen

### Stqarrija

*Stqarrija adottata fis-Sitt Seminar ta' l-Ombudsmen Nazzjonali ta' Stati Membri ta' l-UE u Pajjiżi Kandidati, Strasburgu 14-16 ta' Ottubru 2007*

In-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen ħejja din l-istqarrija biex jagħmel id-dimensjoni ta' l-Unjoni Ewropea (UE) tal-ħidma ta' l-ombudsmen iktar magħrufa u biex jikkjarifika s-servizz li jipprovdu lill-ilmentaturi dwar kwistjonijiet fl-ambitu tal-liġi ta' l-UE.

Ombudsmen Nazzjonali u Reġjonali jagħtu kontribuzzjoni vitali biex jassiguraw li ċittadini u residenti ta' l-UE jkunu jafu u jgawdu d-drittijiet tagħhom. Flimkien ma' l-Ombudsman Ewropew, huma jifformaw in-*Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen.*

*In-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen iġib flimkien, fuq bażi volontarja, l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali u korpi simili ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, l-ombudsmen nazzjonali tal-pajjiżi kandidati u ta' l-Islanda u n-Norveġja, kif ukoll l-Ombudsman Ewropew u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Fil-Ġermanja, kumitati għall-petizzjonijiet fuq livell nazzjonali u reġjonali jaqdu rwol simili għal dak ta' l-ombudsmen. Huma parti min-Netwerk.*

Il-liġi u l-politika ta' l-UE għandhom impatt li qiegħed dejjem jiżdied fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u tar-residenti ta' l-Unjoni Ewropea. Fil-maġġoranza, huma implimentati mill-awtoritajiet pubbliċi ta' l-Istati Membri. Ombudsmen nazzjonali u reġjonali jaħdmu fuq ilmenti kontra awtoritajiet pubbliċi ta' l-Istati Membri, inkluż ilmenti li għandhom x'jaqsmu ma' attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-liġi ta' l-UE. L-Ombudsman Ewropew jissorvelja l-istituzzjonijiet ta' l-UE, bħall-Kummissjoni Ewropea.

*L-ombudsman nazzjonali jew reġjonali skond iċ-ċirkostanzi huwa responsabbli biex jaħdem fuq ilmenti kontra awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru, inkluż ilmenti dwar xi kwistjoni li taqa' fl-ambitu tal-liġi ta' l-UE. L-Ombudsman Ewropew jinvestiga ilmenti kontra l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni Ewropea.*

Għalkemm il-poteri u r-responsabbilitajiet ta' ombudsmen differenti fin-Netwerk ivarjaw ħafna, huma lkoll impenjati sabiex jipprovdu servizz imparzjali, effettiv u ġust lill-pubbliku. Fil-limiti tal-mandati tagħhom, huma jappoġġjaw il-prinċipji li fuqhom hija mwaqqfa l-Unjoni Ewropea.

*"L-Unjoni hija mwaqqfa fuq il-prinċipji tal-libertà, demokrazija, rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u d-dritt tal-liġi, prinċipji li huma komuni għall-Istati Membri"* (Artikolu 6(1) tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea).

Waħda mill-iktar attivitajiet importanti tan-Netwerk hija l-qsim ta' nformazzjoni dwar il-liġi ta' l-UE u l-aqwa prattika, biex jingħata l-aqwa servizz lill-pubbliku. Ombudsmen nazzjonali u reġjonali fin-Netwerk jistgħu jitolbu lill-Ombudsman Ewropew għal tweġibiet bil-miktub għal mistoqsijiet dwar il-liġi ta' l-UE u l-interpretazzjoni tagħha, inkluż mistoqsijiet li jirriżultaw fil-ħidma tagħhom fuq każijiet speċifiċi.

#### Ir-rwol u l-għan ta' l-ombudsmen

L-ombudsmen fin-Netwerk huma persuni indipendenti u imparzjali, stabbiliti bil-kostituzzjoni jew bil-liġi, li jaħdmu fuq ilmenti kontra awtoritajiet pubbliċi.

Huma jippruvaw jiksbu riżultati xierqa għal kull ilment. Wara li jinvestiga lment u jqis li jkun wieħed ġustifikat, ombudsman jista' jikkritika x'ġara u jiddikjara kif, fl-opinjoni tiegħu jew tagħha, il-każ kellu jiġi indirizzat b'mod ġust. F'ħafna pajjiżi, l-ombudsman jista' wkoll jissuġġerixxi rimedji, li jistgħu jinkludu, per eżempju, reviżjoni ta' deċiżjoni, għoti ta' apoloġija, jew għoti ta' kumpens finanzjarju. Xi ombudsmen jistgħu jippruvaw jiksbu soluzzjoni amikevoli għal ilment.

F'xi każijiet, l-ilmentatur jista' jkollu għażla bejn li jmur għand l-ombudsman jew quddiem il-qorti. Normalment, madankollu, ombudsman ma jistax jaħdem fuq ilment jekk dan l-ilment ikun quddiem il-qorti jew jekk qorti tkun diġà ħadet deċiżjoni fuq il-kwistjoni. B'differenza mill-qorti, ombudsman ma jiħux deċiżjonijiet b'rabta legali, iżda l-awtoritajiet pubbliċi ġeneralment isegwu r-rakkomandazzjonijiet ta' l-ombudsman. Jekk ma jagħmlux hekk, l-ombudsman jista', per eżempju billi jinnotifika lill-Parlament, jiġbed attenzjoni politika u pubblika għall-każ.

Barra milli jirrispondu għall-ilmenti, l-ombudsmen jaħdmu wkoll b'mod proattiv biex jgħollu l-kwalità ta' l-amministrazzjoni pubblika u s-servizzi pubbliċi. Huma jħeġġu amministrazzjoni tajba u rispett għad-drittijiet, jissuġġerixxu s-soluzzjonijiet meħtieġa għall-problemi sistematiċi, iġibu 'l quddiem prattika tajba u jippromwovu kultura ta' dispożizzjoni favur servizz tajjeb f'kull ħin.

L-Ombudsmen jinkoraġġixxu lill-awtoritajiet pubbliċi biex iqisu l-ilmenti bħala opportunità biex jikkomunikaw b'mod effettiv ma` l-ilmentatur u biex isewwu kwalunkwe nuqqasijiet fis-servizz tagħhom. Għaldaqstant, ħafna mill-ombudsmen ma jinvestigawx ilment qabel ma l-korp li kontrih tressaq l-ilment l-ewwel jingħata opportunità raġjonevoli biex jaħdem fuq il-kwistjoni huwa innifsu.

L- oqsma preċiżi li fuqhom jista' jaġixxi ombudsman ivarjaw fi ħdan in-Netwerk, iżda normalment jinkludu ksur tad-drittijiet, inkluż dawk tal-bniedem u fundamentali; imġiba oħra kontra l-liġi, inkluż nuqqas ta' rispett tal-prinċipji ġenerali tal-liġi; u nuqqas ta' aġir skond il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba. Eżempji ta' amministrazzjoni ħażina li ombudsman jista' jirranġa jinkludu dewmien mhux ġustifikat, nuqqas li tiġi segwita politika jew li jiġu segwiti proċeduri stabbiliti, nuqqas ta' imparzjalità, inġustizzja, l-għoti ta' informazzjoni jew parir żbaljat, inkonsistenza, u nuqqas ta' kortesija.

## Servizz lill-pubbliku

L-ombudsmen fin-Netwerk huma impenjati li jittrattaw lill-membri kollha tal-pubbliku b'kortesija u rispett. Huma għandhom l-għan li jkunu aċċessibli u disposti li joffru servizz tajjeb, ġust, imparzjali, konsistenti u effettivi.

Fil-limiti definiti mil-liġi u mill-bżonn li jirrispettaw il-privatezza u raġunijiet leġittimi għall-kunfidenzjalità, l-ombudsmen fin-Netwerk jimmiraw għat-trasparenza fl-azzjonijiet u d-deċiżjonijiet tagħhom. Huma jippubblikaw il-kriterji li huma japplikaw meta jindirizzaw ilmenti, jagħtu raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħhom u jirrapportaw pubblikament l-attivitajiet tagħhom.

L-ombudsmen fin-Netwerk jippruvaw iżommu bilanċ tajjeb bejn ir-reqqa u l-ħeffa ta' l-istħarriġ tagħhom, iqisu l-interessi ta' min ikun ressaq l-ilment u tal-bżonn li jagħmlu użu effettiv tar-riżorsi.

*Aċċessibilità*

L-ombudsmen fin-Netwerk jippruvaw jiffaċilitaw aċċess ħieles u ugwali għal kull min huwa intitolat li jagħmel użu mis-servizzi tagħhom.

B'mod ġenerali, l-ilmenti jistgħu jiġu indirizzati lill-ombudsman direttament.

Is-servizzi ta' ombudsman huma normalment bla ħlas għall-ilmentatur.

Fejn eċċezzjonijiet għall-prinċipji msemmija hawn fuq huma imposti bil-liġi, l- ombudsman jipprova jimminimizza, kemm jista' jkun possibli, l-impatt ħażin tagħhom fuq l-ilmentaturi.

*Ħidma fuq ilmenti*

L-ombudsmen fin-Netwerk għandhom l-għan li jaħdmu mill-ewwel u b'mod effettiv fuq l-ilmenti. Huma jqisu d-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi ta' l-UE, inkluż il-prinċipji ġenerali tal-liġi, bħar-rispett għad-drittijiet fundamentali. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea tista' tipprovdi punt ta' referenza bżonjuż f'dan ir-rigward.

Kull ilment li jasal huwa analizzat b'reqqa bil-għan li jiġi assigurat riżultat xieraq.

Jekk ilment ikun inammissibbli, l-ombudsman jinforma lill-ilmentatur malajr, u jispjega ċar ir-raġuni jew ir-raġunijiet. Jekk ikun possibbli, l-ombudsman jagħti parir lill-ilmentatur dwar korp ieħor li jista' jkunlu ta' għajnuna.

Xi ombudsmen jużaw proċedura simplifikata, jekk analiżi preliminarja tindika li l-problema ta' l-ilmentatur tista' tissolva malajr, per eżempju permezz ta' telefonata.

Jekk ikun hemm investigazzjoni sħiħa ta' l-ilment, l-ombudsman jipprovdi informazzjoni lill-ilmentatur dwar l-investigazzjoni, jew jassigura li l-ilmentatur ikun jista' jikseb faċilment din l-informazzjoni. Informazzjoni relevanti tista', per eżempju, tikkonċerna:

- il-proċedura wżata;
- l-għan ta' l-investigazzjoni, inkluż liema kwistjoni jew kwistjonijiet ikunu qed jiġu investigati; u
- il-progress ta' l-investigazzjoni.

Bħala konklużjoni ta' l-investigazzjoni, l-ombudsman joħroġ rapport jew deċiżjoni bil-miktub li normalment tistabbilixxi:

- is-sejbiet ta' l-ombudsman;
- jekk l-ombudsman jikkonsidrax l-ilment bħala wieħed ġustifikat għal kollox jew parzjalment u r-raġunijiet għal din l-opinjoni; u
- ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-ombudsman, jekk hemm, lill-awtorità pubblika ikkonċernata.

*Pubblikazzjoni ta' l-informazzjoni*

L-ombudsmen fin-Netwerk jippubblikaw informazzjoni li tinftiehem faċilment, f'forom aċċessibbli b'mod wiesgħa. Informazzjoni bħal din tista' tinkludi, per eżempju:

- min huwa intitolat li jilmenta;
- kontra liema awtoritajiet pubbliċi jista' jitressaq ilment;
- it-tipi ta' attivitajiet li jistgħu jkunu s-suġġett ta' ilment, inkluż attivitajiet fl-ambitu tal-liġi ta' l-UE;
- il-kundizzjonijiet ta' ammissibilità ta' l-ilmenti;
- kif tilmenta;
- x'lingwa jew lingwi jistgħu jintużaw biex tilmenta;
- *(jekk meħtieġ)* il-kundizzjonijiet li fihom l-ombudsman juża proċedura simplifikata;
- kif tikseb parir individwali dwar il-possibbilità li tilmenta (eż hotline tat-telefon); u
- ir-riżultati u r-rimedji possibbli jekk l-ilment jinstab li huwa ġustifikat.

L-Ombudsman Ewropew ħa r-responsabbilità li jiffaċilita aċċess wiesgħa għall-informazzjoni ippubblikata mill-membri nazzjonali u reġjonali tan-Netwerk.

*Is-sit elettroniku ta' l-Ombudsman Ewropew http://www.ombudsman.europa.eu jinkludi informazzjoni dwar in-Netwerk u jikkollega direttament mal-homepages tal-membri tiegħu. L-informazzjoni hija disponibbli għal min jitlobha mill-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew (tel. +33 3 88 17 23 13).*

*Servizz dejjem jitjieb għall-pubbliku*

L-ombudsmen fin-Netwerk huma impenjati li jtejbu kontinwament is-servizz li jipprovdu lil-pubbliku. Għal dan l-għan, din l-Istqarrija se tkun riveduta regolarment, mill-inqas kull sentejn, bil-għan li jiġi assigurat li tirrifletti prattika tajba li qed tevolvi.

### Il-kooperazzjoni fl-indirizzar tal-każijiet

L-Ombudsmen nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri huma kompetenti biżżejjed sabiex jindirizzaw ħafna mill-ilmenti li ma jaqgħux taħt il-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew minħabba li m'humiex kontra korp jew istituzzjoni tal-Komunità. Matul l-2007, l-Ombudsman ta 816-il parir lill-ilmentaturi sabiex jirrikorru għall-Ombudsman nazzjonali jew reġjonali tagħhom u ttrasferixxa 51 ilment direttament lill-Ombudsman ikkonċernat. Eżempji ta' dawn l-ilmenti qed jingħataw fit-taqsima 2.5 ta' dan ir-rapport.

Minbarra l-iskambji informali regolari ta' l-informazzjoni permezz tan-netwerk, teżisti proċedura speċjali li permezz tagħha l-Ombudsmen nazzjonali jew reġjonali jistgħu jitolbu għal tweġibiet bil-miktub fuq diffikultajiet fir-rigward tal-liġi ta' l-UE u l-interpretazzjoni tagħhom, inklużi diffikultajiet li jitfaċċaw fl-indirizzar ta' każijiet speċifiċi. L-Ombudsman Ewropew għandu jew jipprovdi t-tweġiba direttament jew, jekk ikun xieraq, jgħaddi l-każ quddiem istituzzjoni jew korp ieħor ta' l-UE. Din il-prattika issa hija mniżżla fl-Istatut tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen. Fl-2007, ġew irċevuti tliet każijiet bħal dawn (każ kull wieħed mill-Ombudsman reġjonali, nazzjonali u lokali) u tlieta ġew magħluqa (inkluża wieħed li kien inbeda fl-2005 u ieħor fl-2006). Eżempju ta' diffikultà qed jingħata fl-aħħar tal-kapitolu 3.

### L-Ombudsmen Ewropew — il-ġurnal

L-*Ombudsmen Ewropew — il-ġurnal* ikopri x-xogħol tal-membri tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen u l-membri ta' l-Istitut ta' l-Ombudsman Internazzjonali għar-Reġjun Ewropew (IOI). Dan il-ġurnal, li jiġi ppubblikat darbtejn fis-sena (f'April u f'Ottubru) huwa ppubblikat bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bit-Taljan u bl-Ispanjol, jindirizza 'l fuq minn 400 uffiċċju Ewropew fuq livelli lokali, nazzjonali u reġjonali.

Il-ġurnal sar għodda importanti għall-iskambju ta' l-informazzjoni fir-rigward tal-liġi ta' l-UE u l-aħjar prattiċi. Fl-2007, iż-żewġ ħarġiet koprew varjetà ta' temi, fosthom artikli dwar is-supremazija tal-liġi ta' l-UE fuq dik nazzjonali, id-diskriminazzjoni u l-ostakoli għall-moviment ħieles, il-problemi fil-qasam tal-leġiżlazzjoni ambjentali, il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal u l-anzjani, il-problemi fil-qasam tas-saħħa u l-punti dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta.

### Għodod għall-komunikazzjonijiet elettroniċi

F'Novembru 2000, l-Ombudsman beda diskussjoni dwar l-iskambju tad-dokumenti għall-Ombudsmen u l-persunal tagħhom fin-netwerk. 'Il fuq minn 230 individwu għandhom aċċess għall-forum li joffri l-possibiltajiet għall-kooperazzjoni bejn u fost l-uffiċini.

L-iżjed parti popolari tal-forum hija l-*Ombudsman Daily News,* li tiġi ppubblikata kuljum u tinkludi l-aħbarijiet li joħorġu mill-uffiċini ta' l-Ombudsman, kif ukoll mill-Unjoni Ewropea. Kważi l-Ombudsmen nazzjonali u reġjonali kollha jikkontribwixxu jew jikkonsultaw id-*Daily News* fuq bażi regolari.

Fl-2007, il-forum tad-diskussjoni kompla jipprovdi l-lok għal skambju effiċjenti ta' informazzjoni permezz tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet. Numru kbir ta' diskussjonijiet bdew hawnhekk, u kienu diversi t-temi fosthom id-diskriminazzjoni fl-età, il-qafas legali għat-teħid fl-isptarijiet psikjatriċi kontra l-volontà ta' l-individwi, il-kwalità tas-servizz pubbliku, l-istatus legali ta' l-esperti fl-uffiċini ta' l-Ombudsman, u l-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea sabiex tittejjeb l-effiċjenza fl-indirizzar ta' l-ilmenti dwar ksur tal-liġi.

Il-kontenut tad-diskussjonijiet jinkludi lista awtoritattiva ta' l-ombudsmen nazzjonali u reġjonal fl-Istati Membri ta' l-UE, fin-Norveġja, fl-Iżlanda u fil-pajjiżi applikanti għas-sħubija fl-UE. Il-lista tiġi aġġornata kull meta jinbidlu d-dettalji tal-kuntatt għal uffiċċju ta' tali ombudsman u għalhekk hija riżors indispensabbli għall-ombudsmen f'kull parti ta' l-Ewropa.

### Żjarat ta' informazzjoni

Fl-2007, l-Ombudsman Ewropew żar il-kollegi tiegħu fil-Ġermanja (Marzu), fl-Iżvezja (Mejju) u fil-Belġju (Novembru). Dawn iż-żjarat offrew opportunità eċċellenti sabiex jiġu intensifikati

r-relazzjonijiet tal-ħidma man-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen u sabiex titqajjem kuxjenza fuq ir-rimedji mhux ġudizzjarji li jipprovdu l-Ombudsmen u l-kumitati tal-petizzjonijiet. Dawn iż-żjarat jissemmew fit-taqsima 6.2.

## 5.2 SEMINARS U KONFERENZI OĦRA TA' L-OMBUDSMAN

L-isforzi ta' l-Ombudsman Ewropew sabiex jikkollabora ma' l-Ombudsman l-oħra jmorru lil hinn mill-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen. L-Ombudsman huwa membru attiv ta' diversi organizzazzjonijiet ta' l-Ombudsman u jipparteċipa b'mod regolari f'konferenzi u seminars li jorganizzaw dawn l-organizzazzjonijiet.

Fost l-avvenimenti li ppartecipa fihom is-Sur DIAMANDOUROS matul l-2007 kien hemm il-laqgħa ta' diskussjoni ta' l-Ombudsmen tal-Kunsill ta' l-Ewropa li ġiet organizzata f'April f'Ateni, il-Greċja, u s-seminar Eunomia organizzat mill-Ombudsman Grieg u mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa li kien milqugħ mill-Ombudsman Bulgaru f'Sofia f'Settembru.

L-Ombudsman Ewropew kien ukoll mistieden jippartecipa f'avvenimenti li ġew organizzati biex jikkommemoraw diversi anniversarji ta' istituzzjonijiet ta' l-Ombudsman. Fis-27 ta' Marzu, huwa ltaqa' mas-Sinjura Ann ABRAHAM, Ombudsman Parlamenti għas-Servizzi tas-Saħħa tar-Renju Unit, f'Londra, fl-okkażjoni ta' l-40 anniversarju ta' dak l-uffiċċju. Bħala l-fundatur l-Ombudsman Grieg, is-Sur DIAMANDOUROS kien mistieden mis-Sur Yorgos KAMINIS sabiex jieħu sehem fl-anniversarju ta' l-għaxar snin ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Grieg f'Ateni f'April. Fit-22 ta' Ġunju, huwa mar Madrid sabiex jikkommemora l-25 sena tad-*Defensor del Pueblo* fi Spanja mas-Sur Enrique MÚGICA HERZOG. Is-Sur DIAMANDOUROS ingħaqad mal-Kummissarju għall-amministrazzjoni f'Ċipru, is-Sinjura Eliana NICOLAOU, fil-bidu tas-sena sabiex jinawgura l-uffiċini l-ġodda f'Nikosija.

© Defensor del Pueblo



Is-Sur DIAMANDOUROS u l-Ombudsman Nazzjonali Spanjol, is-Sur Enrique MÚGICA HERZOG, jiltaqgħu ma' l-Eċċellenza tiegħu l-Prinċep ta' Asturias. Madrid, 22 ta' Ġunju 2007.

Il-membri tal-persunal ta' l-Ombudsman Ewropew ukoll irrappreżentaw l-istituzzjoni f'avvenimenti matul is-sena. F'Settembru, is-Sur Nicholas CATEPHORES, assistent ta' l-Ombudsman, ħa sehem fit-28 konferenza annwali ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Ombudsman ta' l-Istati Uniti f'Anchorage, l-Istati Uniti, filwaqt li s-Sinjura Ida PALUMBO, uffiċjal legali, attendiet konferenza organizzata mill-Ombudsman reġjonali ta' Veneto, fl-Italja, f'Ottubru. Fl-aħħarnett, is-Sur Olivier VERHEECKE, il-Konsulent Legali Prinċipali, attenda l-ewwel laqgħa ta' l-Ombudsmen tal-Mediterran, li saret fir-Rabat, il-Marokk, f'Novembru u kienet organizzata b'mod konġunt ma' l-Ispanjoli tad-*Defensor del Pueblo*, il-Franċiżi tal-*Médiateur de la République* u l-Marokkini tad-*Diwan Al Madhalim* (Ombudsman).

## 5.3 AVVENIMENTI OĦRAJN MA' L-OMBUDSMEN U L-PERSUNAL TAGĦHOM

Is-sena 2007 rat diversi kuntatti bilaterali bejn l-Ombudsman Ewropew u ombudsmen mill-Ewropa kollha u iżjed lil hinn. Dawn il-laqgħat kienu organizzati bil-ħsieb li jippromwovu l-kunċett ta' l-Ombudsman, jiddiskutu r-relazzjonijiet interistituzzjonali, u jiskambjaw l-aħjar prattiċi.

Matul l-ewwel sena, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-kollega Ċiprijotta tiegħu, is-Sinjura Eliana NICOLAOU, Kummissarju għall-Amministrazzjoni, mas-Sur Ulrich GALLE, Ombudsman għal Rhineland-Palatinate, il-Ġermanja, mas-Sur Kjartan BJÖRGVINSSON, Deputat Ombudsman ta' l-Iżlanda, mas-Sur Henrique NASCIMENTO RODRIGUES, Ombudsman tal-Portugall, u mas-Sur Jean-Paul DELEVOYE, Ombudsman Nazzjonali ta' Franza.

Is-Sur DIAMANDOUROS ltaqa' wkoll ma' ombudsmen minn barra l-UE, fosthom l-Ombudsman ta' Timor Leste, is-Sur Sebastião DIAS XIMENES, l-Ombudsman tal-Marokk, is-Sur Moulay Mhamed IRAKI, u l-Ombudsman ta' Ontarjo, il-Kanada, is-Sur André MARIN.

# KOMUNIKAZZJONIJIET



# 6

© silense/www.stockxpert.com

# 6 KOMUNIKAZZJONIJIET

L-Ombudsman Ewropew huwa konxju mill-importanza li għandu jkun hemm ċertezza li dawk li jkollhom problema ma' l-amministrazzjoni ta' l-UE jkunu jafu dwar id-dritt tagħhom li jilmentaw. Kull sena, isiru sforzi kbar sabiex jilħqu liċ-ċittadini, lill-kumpaniji, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil entitajiet oħrajn rilevanti sabiex jgħarrfuhom dwar is-servizzi ta' l-Ombudsman. Fl-2007, saru 'l fuq minn 130 preżentazzjoni mill-Ombudsman f'konferenzi, seminars, u laqgħat. L-attivitajiet tal-midja komplew bl-istess pass, bl-Ombudsman jindirizza sitt konferenzi u 'l fuq minn 40 intervista lill-ġurnalisti. Iż-żjarat ta' nformazzjoni ta' l-Ombudsman fil-Ġermanja, fl-Iżvezja u fil-Bejġju tawh iżjed opportunità sabiex iqajjem kuxjenza f'dawn il-pajjiżi.

Dan il-kapitolu jitkellem fid-dettall dwar l-attivitajiet ta' l-Ombudsman Ewropew fil-qasam tal-komunikazzjonijiet fl-2007. Il-kapitolu jibda b'ħarsa lejn l-iżjed avvenimenti importanti tas-sena, segwiti miż-żjarat ta' nformazzjoni ta' l-Ombudsman, il-parteċipazzjoni fil-konferenzi, ir-relazzjonijiet mal-midja, il-pubblikazzjonijiet, u l-komunikazzjonijiet elettroniċi.

## 6.1 L-IŻJED AVVENIMENTI IMPORTANTI TAS-SENA

### IL-50 ANNIVERSARJU MIT-TRATTAT TA' RUMA

Fl-2007 l-Unjoni Ewropea ċċelebrat il-50 anniversarju mit-Trattat ta' Ruma. Kienu ħafna l-avvenimenti li ġew organizzati fl-Unjoni sabiex jikkommemoraw din l-okkażjoni importanti. L-Ombudsman Ewropew kellu sehem attiv f'dawn l-attivitajiet. Il-Jiem Miftuħa għall-Pubbliku li ġew organizzati f'Berlin, Budapest, u l-Varsavja kienu ta' mportanza partikolari, ma' mijiet ta' eluf ta' nies li kienu għaddejjin sabiex ikunu jafu iżjed dwar l-attivitajiet ta' l-Unjoni.



Ċittadini jżuru l-i*stand* ta' l-Ombudsman fil-Jum Miftuħ għall-Pubbliku f'Berlin fil-25 ta' Marzu 2007.

L-uffiċċju ta' l-Ombudsman ħa sehem ukoll, bħalma jagħmel kull sena, fil-Jiem Miftuħa għall-Pubbliku li ġew organizzati mill-Parlament Ewropew fi Strasburgu u fi Brussell. Tqassam materjal fuq ix-xogħol li jagħmel l-Ombudsman fis-26 lingwa differenti, flimkien ma' affarijiet promozzjonali oħrajn.



Eluf ta' viżitaturi żaru l-*istand* ta' l-Ombudsman fil-Jiem Miftuħa għall-Pubbliku fi Strasburgu u Brussell fl-1 u fil-5 ta' Mejju 2007, b'ħafna minnhom tkellmu mal-persunal ta' l-Ombudsman.



Kwiżż Ewropew għat-tfal kien il-fus ta' l-*istand* ta' l-Ombudsman fil-Jiem Miftuħa għall-Pubbliku fi Strasburgu u Brussell fl-1 u fil-5 ta' Mejju 2007.

F'Mejju l-Ombudsman mar Varsavja sabiex jieħu sehem fil-laqgħa ta' diskussjoni għall-imsieħba soċjali organizzat mill-rappreżentanza tal-Polonja għall-Kummissjoni Ewropea. Huwa kien mistieden jitkellem sabiex jikkommemora Jum l-Ewropa fil-Parlament Ewropew fi Strasburgu, li laqqgħet flimkien madwar 500 student.

Dawn l-attivitajiet kollha taw lill-Ombudsman u lill-persunal tiegħu l-opportunità li jiltaqgħu maċ-ċittadini u jgħarrfuhom fuq kif jistgħu jużaw is-servizzi tagħhom. Il-*feedback* li rċivew f'dawn l-attivitajiet kienet pożittiva ħafna.

## IR-RAPPORT ANNWALI 2006

Ir-rapport annwali huwa l-iżjed pubblikazzjoni mportanti għall-Ombudsman. Dan ir-rapport jagħti spjegazzjoni ħafifa tax-xogħol li jsir fuq l-ilmenti fis-sena, toffri rendikont ta' l-isforzi tiegħu sabiex titqajjem kuxjenza dwar ħidmietu, u tispjega kif u fejn marru r-riżorsi għad-dispożizzjoni tiegħu. Ir-rapport ħafna drabi jkun jinteressa lil gruppi varji u individwi — Ombudsmen oħrajn, politiċi, uffiċjali pubbliċi, professjonisti, akkademiċi, organizzazzjonijiet mhux governattivi, ġurnalisti u ċittadini fuq il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.

Is-Sur DIAMANDOUROS ippreżenta r-rapport lis-Sur Hans-Gert PÖTTERING MPE, President tal-Parlament Ewropew, nhar it-13 ta' Marzu 2007 u lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament nhar it-2 ta' Mejju. Din il-laqgħa tat l-opportunità lill-Ombudsman sabiex jispjega r-riżultati miksuba matul is-sena msemmija u biex jiskambja l-opinjonijiet mal-Membri tal-Kumitat dwar ideat u inizjattivi għall-ġejjieni.

Is-Sinjura Luciana SBARBATI MPE abbozzat ir-rapport tal-kumitat ta' l-attivitajiet ta' l-Ombudsman għall-2006. Fil-25 ta' Ottubru, il-plenarja tal-Parlament iddibattiet ir-rapport tas-Sinjura SBARBATI, flimkien mas-Sur DIAMANDOUROS u l-Kummissarju Ewropew Margot WALLSTRÖM. Sussegwentement, il-Parlament adotta riżoluzzjoni bbażata fuq ir-rapport, u ddikjara s-sodisfazzjon tiegħu għall-attivitajiet ta' l-Ombudsman, bil-kooperazzjoni bejn l-Ombudsman u l-istituzzjonijiet, u mal-profil pubbliku ta' l-Ombudsman.

L-Ombudsman ippreżenta r-rapport lill-midja waqt konferenza stampa li saret nhar it-3 ta' Mejju. Il-ġurnalisti li attendew tawh l-opportunità jitkellem dwar l-iżjed kisbiet importanti fl-investigazzjonijiet li għamel fl-2006.

## AMMINISTRAZZJONI TAJBA U L-OMBUDSMAN EWROPEW: WORKSHOP

Fit-8 u fid-9 ta' Novembru, l-Ombudsman laqqa' *workshop* fi Brussell bil-ħsieb li jiġġenera ideat u strateġiji fuq kif l-Ombudsman Ewropew jista' jippromwovi l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba

fl-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE. Il-mistiedna kienu ex-ombudsmen, uffiċjali rtirati mill-istituzzjonijiet ewlenin ta' l-UE, u l-membri tal-komunità akkademika.

Wara li bdew billi ffokaw fuq il-kunċett ta' amministrazzjoni tajba fil-kuntest ta' l-UE, il-parteċipanti eżaminaw l-irwol ta' l-Ombudsman Ewropew fil-promozzjoni tal-kultura ta' servizzi liċ-ċittadini. Fost il-mistoqsijiet indirizzati kien hemm dik dwar kif l-aħjar li jiġu identifikati l-elementi għal kultura ta' servizzi aħjar fil-kuntest ta' l-UE, kif jiġu eliminati l-fruntieri għal amministrazzjoni tajba, u kif l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE jiġu nkoraġġiti jadottaw tekniċi għat-tnaqqis, tal-konflitti u l-promozzjoni tad-djalogu kostruttiv maċ-ċittadini. Il-parteċipanti mbagħad studjaw ir-relazzjoni bejn il-ħidma ta' l-Ombudsman u dik tal-qrati, billi ħarsu lejn il-metodi differenti li permezz tagħhom l-Ombudsman għandu jistabbilixxi identità pożittiva li hija differenti mill-irwol tal-qrati, u ddeliberaw fuq sa fejn l-Ombudsman għandu jkun proattiv, per eżempju, fid-drittijiet u r-responsabbiltajiet marbuta maċ-ċittadinanza Ewropea.

Fil-*workshop* kien hemm diversi skambji ta' opinjonijiet fuq kif l-Ombudsman Ewropew jista' jgħin sabiex jibdel f'realtà l-kunċett ta' amministrazzjoni tajba u semma bosta ideat stimulanti u innovattivi għas-snin li ġejjin.

## 6.2 ŻJARAT TA' INFORMAZZJONI

Bil-ħsieb li titqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini fuq id-dritt tagħhom li jippreżentaw l-ilmenti tagħhom lill-Ombudsman Ewropew u sabiex jintensifika iżjed ir-relazzjonijiet professjonali tiegħu mal-kollegi tiegħu nazzjonali u reġjonali, fl-2003 l-Ombudsman beda programm intensiv ta' żjarat ta' informazzjoni fl-Istati Membri u l-pajjiżi ta' adeżjoni. Dawn iż-żjarat komplew, bir-riżultat li issa l-Ombudsman żar l-Istati Membri kollha ta' l-UE, ħafna minnhom iżjed minn darba. F'kull żjara li jagħmel l-Ombudsman, l-Ombudsman fl-Istati Membri u l-pajjiżi ta' adeżjoni jippreparaw programmi mimlija ta' attivitajiet u laqgħat, u ħafna drabi jakkumpanjawh matul il-vjaġġ. Il-preżenza ta-żewġ Ombudsmen f'dawn l-attivitajiet hija ta' benefiċċju għaċ-ċittadini, minħabba li tgħinhom iktar jifhmu u japprezzaw l-irwoli rispettivi u l-kompetenzi ta' l-Ombudsman nazzjonali u Ewropew, u jitgħallmu iżjed fuq id-drittijiet tagħhom ta' ċittadini mhux biss ta' pajjiżhom iżda wkoll ta' l-UE.

Fl-2007, l-Ombudsman żar il-Ġermanja, l-Iżvezja u l-Belġju, laqgħa parlamentari, imħallfin, il-komunità akkademika, ilmentaturi potenzjali u ċittadini oħra. It-taqsima li jmiss tagħti stampa ħafifa tan-numru varjat tal-laqgħat li saru matul dawn iż-żjarat, telenka l-interlokuturi importanti, titkellem dwar il-preżentazzjonijiet numerużi li saru.

### IL-ĠERMANJA

L-Ombudsman Ewropew żar Berlin bejn id-19 u l-21 ta' Marzu. Iż-żjara kienet organizzata mill-Uffiċċju ta' l-Affarjiet Barranin u l-uffiċini tal-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew f'Berlin.

Iż-żjara ppermetiet lis-Sur DIAMANDOUROS sabiex jilħaq udjenzi importanti u jiddiskuti xogħlu matul laqgħat ma' uffiċjali governattivi għolja, mal-midja kif ukoll maċ-ċittadini. Is-Sur DIAMANDOUROS laqa' l-kanċillier federali, is-Sinjura Angela MERKEL, il-president tal-Ġermanja, is-Sur Horst KÖHLER u l-president tal-*Bundestag*, is-Sur Norbert LAMMERT sabiex jiskambja l-ideat fuq kif jistgħu jqajmu iżjed kuxjenza fost il-pubbliku Ġermaniż fuq is-servizzi ta' l-Ombudsman Ewropew. Is-Sur DIAMANDOUROS ltaqa' wkoll mal-Ministru tal-Ġustizzja, is-Sinjura Brigitte ZYPRIES, il-Ministru ta' l-Istat għall-Affarjiet Ewropej, is-Sur Günter GLOSER, is-segretarju parlamentari ta' l-istat fil-Ministeru ta' l-Intern, is-Sur Peter ALTMAIER, is-segretarju parlamentari fil-Ministery ta' l-Ekonomija u t-Teknoloġija, is-Sur Peter HINTZE u l-kap ta' l-uffiċċju federali ta' kontra d-diskriminazzjoni, is-Sinjura Martina KÖPPEN.


© Bundeskanzleramt

Is-Sur DIAMANDOUROS u l-Kanċillier Federali, Ms. Angela MERKEL. Berlin, 20 ta' Marzu 2007.


© Bundestag

Is-Sur DIAMANDOUROS u l-President tal-*Bundestag*, is-Sur Norbert LAMMERT. Berlin, 20 ta' Marzu 2007.

Il-laqgħa dwar l-iżviluppi kurrenti tar-relazzjonijet mal-kumitat tal-petizzjonijiet fil-*Bundestag* u l-president tiegħu, is-Sinjura Kersten NAUMANN, kienu parti importanti miż-żjara. Is-Sur DIAMANDOUROS kellu l-opportunità jippreżenta xogħlu waqt laqgħa mal-kumitat tal-petizzjonijiet. Barraminhekk, kien hemm skambji waqt ikla organizzata mis-Sinjura Kersten NAUMANN li inkludew rappreżentanti mill-kumitati ta' petizzjonijiet tal-*Landtage* ta' Berlin u Brandenburg.

Is-Sur DIAMANDOUROS tkellem dwar xogħlu waqt lekċer fil-*Humboldt-Universität Berlin* kif ukoll waqt attività għall-ilmentaturi potenzjali, iċ-ċittadini u persuni oħra interessati, li kienet organizzata b'mod konġunt mal-Parlament Ewropew u l-uffiċini tal-Kummissjoni u l-*Institut für Europäische Politik* ta' Berlin. Din ġiet segwita minn konferenza stampa u diversi intervisti individwali mal-ġurnalisti tal-gazzetti u tar-radju.

Sabiex itejje dejjem iktar ir-relazzjonijiet fil-Ġermanja, is-Sur DIAMANDOUROS żar Mainz fit-22 ta' Marzu u ħa sehem f'konferenza fuq il-kooperazzjoni transkonfinali ta' l-Ombudsmen fir-reġjun il-kbir, organizzata mis-Sur Ullrich GALLE, Ombudsman ta' Rhineland-Palatinate. Is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' wkoll mal-president tal-*Landtag* ta' Rhineland-Palatinate, is-Sur Joachim MERTES, ħalli jiffirma l-Golden Book ta' *Landtag*.

© Bundestag



Is-Sur DIAMANDOUROS mal-Membri u l-persunal tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-*Bundestag*.
Berlin, 21 ta' Marzu 2007.

Fil-25 ta' April, is-Sur DIAMANDOUROS żar il-qrati għolja Ġermaniżi f'Karlsruhe. Huwa skambja l-fehmiet tiegħu mal-president tal-qorti federali kostitzzjonali, is-Sur Hans-Jürgen PAPIER u mal-president tal-qorti federali għolja, is-Sur Günter HIRSCH.

Fl-aħħarnett, fis-27 ta' Ġunju, l-Ombudsman Ewropew żar il-kamra tal-kummerċ fi Frankfurt sabiex jiddiskuti ħidmietu mas-Sur Hans-Joachim OTTO, viċi direttur maniġerjali u kelliem tal-kamra tal-kummerċ. Huwa mbagħad tkellem waqt lekċer fil-*Johann Wolfgang Goethe-Universität Frankfurt*, li kien immexxi mill-professor Hans-Jürgen PUHLE.

## L-IŻVEZJA

Mill-14 sas-16 ta' Mejju, l-Ombudsman Ewropew żar l-Iżvezja. Iż-żjara kienet organizzata mill-uffiċċju għall-Ombudsmen parlamentari, li tella' programm estensiv ta' laqgħat, lekċers u intervisti sabiex jippermetti lill-Ombudsman Ewropew joħloq kuxejnza dwar xogħlu.

L-Ombudsmen parlamentari Żvediż huwa l-eqdem istituzzjoni ta' l-Ombudsman fid-dinja, u fl-2009 ser ikun qed jiċċelebra l-200 anniversarju. Is-Sur DIAMANDOUROS apprezza l-opportunità li ngħata sabiex jiskambja l-esperjenzi tiegħu u jiddiskuti metodi ta' xogħol mal-kap ta' l-ombudsman parlamentari, is-Sur Mats MELIN, mat-tliet Ombudsmen parlamentari l-oħra, is-Sinjura Kerstin ANDRÉ, is-Sur Nils-Olof BERGGREN, u s-Sinjura Cecilia NORDENFELT, u ma' l-Ombudsman deputat parlamentari, is-Sur Hans RAGNEMALM. Ħa wkoll l-opportunità sabiex jagħti preżentazzjoni lill-persunal ta' l-ombudsmen parlamentari, u matulha ssemmew diversi punti interessanti.

Matul iż-żjara tiegħu, is-Sur DIAMANDOUROS iddiskuta xogħlu mal-Ministru għall-Affarjiet ta' l-UE, is-Sinjura Cecilia MALMSTRÖM, is-segretarju ta' l-istat, is-Sur Håkan JONSSON, il-president tal-qorti suprema, is-Sur Johan MUNCK, u l-president tal-qorti amministrativa, is-Sur Rune LAVIN. Huwa ltaqa' wkoll mal-president tal-kumitat permanenti tal-kostituzzjoni, is-Sinjura Berit ANDNOR, il-viċi president tal-kumitat fuq l-affarjiet ta' l-Unjoni Ewropea, is-Sinjura Susanne EBERSTEIN, u membru tal-kumitat konġunt tat-Trattat kostituzzjonali ta' l-Unjoni Ewropea, is-Sur Björn HAMILTON.

Iż-żjara tat opportunitajiet eċċellenti lill-Ombudsman sabiex jagħmel xogħlu iżjed magħruf lil diversi udjenzi. L-assoċjazzjoni ta' l-avukati Żvediżi organizzat seminar għall-avukati li jispeċjalizzaw fl-affarjiet ta' l-UE li matulu s-Sur DIAMANDOUROS ta preżentazzjoni bl-isem "L-Ombudsman Ewropew huwa dejjem dispost għan-negozju". L-attività tmexxiet mis-segretarju ġenerali ta' l-assoċjazzjoni ta' l-avukati, is-Sinjura Anne RAMBERG, u ġie ppubblikat artiklu fuq l-Ombudsman fil-ġurnal ġurnal ta' l-assoċjazzjoni. Is-Sur DIAMANDOUROS ta intervisti wkoll lil *Riksdag & Departement*, u lill-iżjed gazzetta influwneti fl-Iżvezja, l-*Aftonbladet*, li ġabet artiklu sħiħ

fuq xoħol l-Ombudsman. Matul il-laqgħat mal-kap tar-rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea, is-Sur Anders HENRIKSSON, u d-direttur ta' l-uffiċċju ta' l-informazzjoni tal-Parlament Ewropew, is-Sur Björn KJELLSTRÖM, ġew diskussi ideat fuq kif l-aħjar għandha tiżdied il-kuxjenza ta' l-Ombudsman Ewropew fl-Iżvezja.



Is-Sur DIAMANDOUROS ma' (mix-xellug għal-lemin) is-Segretarju ta' l-Istat, is-Sur Håkan JONSSON, il-Ministru ta' l-Affarijiet ta' l-UE, Is-Sinjura Cecilia MALMSTRÖM, u l-Kap Parlamentari ta' l-Ombudsman, is-Sur Mats MELIN. Stokkolma, 16 ta' Mejju 2007.

Is-Sur DIAMANDOUROS ippreżenta xogħlu lill-membri tal-fakultà tad-dipartimenti tal-liġi u x-xjenza politika fl-università ta' Uppsala, f'diskors bl-isem "Trasparenza, kontabilità u demokrazija fl-UE". Id-diskors kien immexxi mill-professur tal-liġi pubblika, is-Sur Thomas BULL. Huwa kellu wkoll laqgħa importanti mal-ħaddiema taċ-ċivil mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Uffiċċju tal-Priministru, li matulha ġiet diskussa t-tema tat-"Tisħiħ ta' l-amministrazzjoni tajba fl-UE — l-isfidi quddiemna".



Is-Sur DIAMANDOUROS jitkellem ma' l-assoċjazzjoni ta' l-avukati Żvediżi, 15 ta' Mejju 2007.

## IL-BELĠJU

Mis-26 sat-28 ta' Novembru, l-Ombudsman Ewropew żar il-Belġju. L-uffiċċj ta' l-Ombudsman federali organizza ż-żjara u pprepara ħafna laqgħat li ppermettew lill-Ombudsman Ewropew iqajjem kuxjenza fuq l-irwol tiegħu fost l-uffiċjali għolja governattivi u statali, l-ilmentaturi potenzjali u ċ-ċittadini interessati.

Iż-żjara tat opportunità eċċellenti sabiex jiġu żviluppati aħjar ir-relazzjonijiet ma' l-ombudsmen federali Belġjan, is-Sinjura Catherine DE BRUECKER u s-Sur Guido SCHUERMANS. Minbarra l-laqgħat uffiċjali, li matulhom tkellmu dwar il-funzjonijiet rispettivi tagħhom, l-Ombudsmen

kellhom diversi okkażjonijiet fejn setgħu jiskambjaw il-fehmiet tagħhom b'mod informali, inkluża l-ikla li kellhom ma' l-Ombudsman reġjonal ta' Flanders, is-Sur Bernard HUBEAU, u l-Ombudsman tal-komunità li jitkellmu bil-Franċiż, is-Sinjura Marianne DE BOECK. Is-Sur DIAMANDOUROS kellu wkoll l-opportunità jiddiskuti ma' Ombudsmen oħra fis-settur privat fil-Belġju fl-Assemblea Ġenerali tal-*Concertation Permanente des Médiateurs et Ombudsmans*, fejn għamel preżentazzjoni fuq it-trasparenza. Din il-laqgħa tmexxiet mill-Ombudsman reġjonali ta' Wallonia, is-Sur Frédéric BOVESSE, u l-Ombudsman għall-pensjonijiet, is-Sur Jean Marie HANNESSE. Din ġiet segwita minn festin offrut mill-gvernatur tal-provinċja ta' Namur, is-Sur Denis MATHEN.

© L-Ombudsman Federali Belġjan



Is-Sur DIAMANDOUROS ma' l-Ombudsmen federali, reġjonali, finanzjarji u privati Belġjani fl-Assemblea Ġenerali tal-Concertation *Permanente des Médiateurs et Ombudsmans*, Namur, il-Belġju, 27 ta' Novembru 2007.

Matul iż-żjara tiegħu, is-Sur DIAMANDOUROS iddiskuta ħidmietu mal-Ministru ta' l-Affarjiet Barranin, is-Sur Karel DE GUCHT, il-Ministru tal-Ġustizzja, is-Sinjura Laurette ONKELINX, u l-Ministru għall-Amministrazzjoni Pubblika, is-Sur Christian DUPONT. Wara li ltaqa' mal-president tal-kamra tar-rappreżentanti, is-Sur Herman VAN ROMPUY, u l-viċi president, is-Sur Herman DECROO, l-Ombudsman ippreżenta xogħlu lill-kumitat ta' konsulenza ta' l-affrajiet Ewropej u lill-kumitat tal-petizzjonijiet. Huwa kellu l-opportunità wkoll jiltaqa' mal-membri tal-ġudikatura Belġjana, fosthom l-ewwel president tal-qorti ta' kassazzjoni, is-Sur Ghislain LONDERS, u l-presidenti, is-Sur Ivan VEROUGSTRAETE u s-Sur Christian STORCK, il-presidenti tal-qorti kostituzzjonali, is-Sur Marc BOSSUYT u s-Sur Michel MELCHIOR, u l-president tal-Kunsill ta' l-Istat, is-Sinjura Marie-Rose BRACKE.

© L-Ombudsman Federali Belġjan



Is-Sinjura Catherine DE BRUECKER, l-Ombudsman Federali Belġjan, is-Sur Herman VAN ROMPUY, President tal-Kamra tar-Rappreżentanti, is-Sur DIAMANDOUROS, is-Sur Herman DECROO, Viċi President tal-Kamra u s-Sur Guido SCHUERMANS, l-Ombudsman Federali Belġjan, matul iż-żjara ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew fil-Belġju, 26-28 ta' Novembru 2007.

Iż-żjara ta' informazzjoni inkludiet żewġ preżentazzjonijiet f'żewġ universitajiet — l-*Université Libre de Bruxelles* u l-università kattolika ta' Leuven — fejn 'il fuq minn 250 student urew interess f'xogħol l-Ombudsman. Iż-żjara ntemmet bi preżentazzjoni mal-persunal ta' l-Ombudsmanfederali Belġjan fejn tqajmu diversi punti interessanti.

## 6.3 IL-KONFERENZI U L-LAQGĦAT

Il-konferenzi, is-seminars, u l-laqgħat offrew opportunità eċċellenti lill-Ombudsman sabiex joħloq kuxjenza fuq xogħlu fost organizzazzjonijet mhux governattivi u istituzzjonijiet akkademiċi. Dawn kollha jgħinu sabiex ixandru indirettament ix-xogħol ta' l-Ombudsman. Il-konferenzi u l-laqgħat ippermettew ukoll lill-persunal ta' l-Ombudsman sabiex iżommu ruħhom aġġornati bl-iżviluppi fix-xenarju Ewropew li huma ta' relevanza partikolari għall-istituzzjoni.

Din it-taqsima tkopri l-attivitajiet kollha mmirati għall-promozzjoni tal-kunċett ta' l-Ombudsman u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew. Meta l-Ombudsman ma jkunx jista' jieħu sehem personalment f'attivutàm huwa jafda r-rappreżentazzjoni ta' l-istituzzjoni tiegħu fuq membru tal-persunal. Ħafna nies tgħallmu dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman waqt il-vjaġġi ta' studju li jsiru fi Strasburgu. Din it-taqsima għaldaqstant tinkldi ħarsa ġenerali fuq il-preżentazzjonijiet li saru matul l-2007.

### L-INVOLVIMENT TA' L-OMBUDSMAN

Is-Sur DIAMANDOUROS fl-2007 ddedika ħafna ħin jippreżenta xogħlu lill-ilmentaturi potenzjali. Id-diskorsi tiegħu fl-avvenimenti organizzati mill-kamra tal-kummerċ Brittanika fil-Belġju, mill-kamra tal-kummerċ u l-industrija f'Tessalonika, il-Greċja, u mill-bord tal-federazzjoni Griega ta' l-imprendituri u l-industrijalisti kienu importanti għall-għarfien dwaru mill-komunità tan-negozju. Il-preżentazzjoni tiegħu fuq it-trasparenza taċ-ċentru tal-politika Ewropea fi Brussell għenet sabiex tgħarraf bl-ideat ta' l-Ombudsman. L-Ombudsman kellu wkoll l-opportunità jiddiskuti xogħlu ma' l-assoċjazzjoni Ewropea ta' l-avukati (CCBE) waqt seminar fi Bruges. Avvenimenti oħra importanti kienu d-diskors li għamel lill-forum Ewropew tad-diżabilità, is-soċjetà Ellenika għall-protezzjoni ta' l-ambjent u l-wirt kulturali, il-membri ta' l-Euroculture, u s-*Cercle Européen* fi Strasburgu.

L-ambjent universitarju offra opportunità eċċellenti lill-Ombudsman sabiex jitqarreb ma' l-istudenti tal-liġi, ta' l-amministrazjoni pubblika u x-xjenza politika. Fl-2007, is-Sur DIAMANDOUROS ippreżenta xogħlu lill-istudenti ta' l-*Ecole Nationale d'Administration* (ENA) fi Strasburgu, l-Oxford University (Greek Society), il-London School of Economics, il-Kulleġġ ta' l-Ewropa fi Bruges, u s-soċjetà Ellenika għax-xjenzi politiċi f'Ateni.

